Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Frar 2024**
**(OR. en)**

**6073/24**

**SOC 74**
**EMPL 44**
**EDUC 32**
**ECOFIN 114**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 15438/23 + ADD 1 - COM(2023) 904 final |
| Suġġett: | Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi<br>- Adozzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024, kif iffinalizzat mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-laqgħa konġunta tagħhom tal-24-25 ta' Jannar 2024.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024 lill-Kunsill (EPSCO) għall-adozzjoni.

# Werrej

MESSAĠĠI EWLENIN ....4

KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PROGRESS FIL-MIRI GĦALL-2030 U SEJBIET ORIZZONTALI EWLENIN DWAR IL-KONVERĠENZA SOĊJALI ....42

1.1 Xejriet ewlenin tas-suq tax-xogħol .... 42

1.2 Xejriet soċjali ewlenin .... 46

1.3 Progress fil-miri nazzjonali u tal-UE ewlenin għall-2030 .... 50

1.4 Aġġornament dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali .... 57

1.5 Sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali ....60

KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI ....67

2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema .... 67

2.1.1 Indikaturi ewlenin ....67

2.1.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ....87

2.2. Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi .... 93

2.2.1 Indikaturi ewlenin ....94

2.2.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ....133

2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali ....152

2.3.1 Indikaturi ewlenin ....153

2.3.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ....179

2.4: Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar .... 192

2.4.1 Indikaturi ewlenin ....193

2.4.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ....228

KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-PAJJIŻ ....242

Il-Belġju....244

Id-Danimarka .... 250

Il-Ġermanja .... 252

L-Estonja.... 254

L-Irlanda.... 256

Il-Greċja... .... 258

Spanja....260

Franza....262

Il-Kroazja ........................................................ 264
L-Italja........................................................ 266
Ċipru........................................................ 268
Il-Latvja........................................................ 270
Il-Litwanja........................................................ 272
Il-Lussemburgu ........................................................ 274
L-Ungerija........................................................ 276
Malta ........................................................278
In-Netherlands........................................................ 280
L-Awstrija ........................................................ 282
Il-Polonja........................................................ 284
Il-Portugall ........................................................ 286
Ir-Rumanija ........................................................ 288
Is-Slovenja ........................................................ 290
Is-Slovakkja ........................................................ 292
Il-Finlandja........................................................ 294
L-Iżvezja ........................................................ 296

## MESSAĠĠI EWLENIN

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE**. Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u dawk soċjali fl-Unjoni u lejn il-miżuri ta' politika reċenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri[1]. Jidentifika wkoll l-oqsma prijoritarji ewlenin marbuta magħhom sabiex tittieħed azzjoni politika. Il-Kapitolu 1 tar-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet ewlenin tal-impjiegi u dawk soċjali u lejn il-progress li sar fuq il-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030, kif ukoll is-sejbiet orizzontali bbażati fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SCF sottostanti[2]. Il-Kapitolu 2 janalizza l-isfidi u r-reazzjonijiet ta' politika fl-Istati Membri għal kull waħda mill-erba' linji gwida dwar l-impjiegi. Il-Kapitolu 3 jipprovdi analiżi speċifika għall-pajjiż għall-Istati Membri kollha f'konformità mal-prinċipji tal-SCF. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, u wara skambji fil-kumitati konsultattivi rilevanti tal-Kunsill, it-test finali ser jiġi adottat mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO). L-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rapport ser jikkontribwixxi biex tinkiseb konverġenza soċjali 'l fuq, jissaħħaħ l-isforz tal-Unjoni lejn tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti u ser jikkontribwixxi biex jiġi ffaċċjat it-t-tibdil demografiku, kif ukoll biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jiġu implimentati l-Istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza[3].

---

1 L-aħħar aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Ottubru 2023 (ĠU L 2023/2528, 14.11.2023).

2 Ara r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (dok. 9481/23/ADD-1) kif ukoll il-Messaġġi Ewlenin approvati mill-EMCO-SPC ibbażati fuq ir-rapport (dok. 9481/23).

3 L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030.

**Il-JER tal-2024 iżomm enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,** appoġġata mill-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto; huma rrikonoxxew li l-Pjan ta' Azzjoni, ippreżentat mill-Kummissjoni, jipprovdi gwida utli dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru. Dan isir b'mod partikolari permezz ta' kaxxi tematiċi li jkopru sfidi ewlenin fl-oqsma tal-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, fid-dawl tal-prospettiva soċjoekonomika u l-aktar inizjattivi ta' politika reċenti. Ir-rapport jissorvelja l-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, li ntlaqa' tajjeb mill-mexxejja tal-UE f'Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. Għall-ewwel darba, din l-edizzjoni tirrapporta dwar il-progress lejn il-miri nazzjonali għall-2030 imressqa mill-Istati Membri, kif ippreżentati u diskussi fil-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022.

**Il-miri tal-impjiegi, tal-ħiliet u tat-tnaqqis tal-faqar sal-2030 qed jixprunaw l-azzjonijiet ta' politika fl-oqsma ta' politika rilevanti fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri.** It-tkabbir sod fl-impjiegi, 1,7 % kull sena bħala medja matul l-aħħar sentejn, poġġa lill-UE fit-triq it-tajba lejn il-mira ewlenija tagħha tal-impjiegi sal-2030 (mil-livell ta' 74,6 % fl-2022, ir-rata tal-impjiegi jeħtieġ li tiżdied bi 3,4 pps oħrajn fl-UE sal-2030 biex tintlaħaq il-mira ta' 78 %), għalkemm l-aktar data trimestrali reċenti tindika progress aktar bil-mod.

- Fl-isfond tal-irkupru ta' wara l-COVID u l-iżviluppi tajbin fis-suq tax-xogħol, sal-2022 l-Istati Membri kollha kienu għamlu progress lejn il-miri tal-impjiegi tagħhom. Għall-maġġoranza l-kbira tagħhom, huma meħtieġa aktar sforzi f'termini ta' politiki dwar l-impjiegi u l-ħiliet sal-2030 biex jintlaħqu l-miri tagħhom. F'għadd sinifikanti ta' Stati Membri, ir-rati tal-impjieg tal-persuni bi kwalifiki aktar baxxi għandhom l-akbar lok għal titjib, segwiti mir-rati ta' impjieg tan-nisa akbar fl-età (55-64 sena) u taż-żgħażagħ (20-29 sena) f'għadd ġmielu ta' pajjiżi.

- Fl-istess ħin, huwa meħtieġ progress sinifikanti biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE ta' 60 % tal-adulti fl-apprendiment kull sena fl-UE sal-2030, minn livell baxx ta' 37,4 % fl-2016, f'konformità mal-ambizzjoni għall-Ewropa li tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva, anki fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- Fl-aħħar nett, fl-isfond tal-kuntest soċjoekonomiku ta' sfida matul l-aħħar 3 snin, u bis-saħħa tal-azzjoni politika deċiżiva fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli fl-UE (tnaqqis b'279 000 fl-2022). Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri rreġistraw xi progress fir-rigward tal-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar mill-2019, diversi oħrajn esperjenzaw bidliet fid-direzzjoni opposta. Għalhekk ser ikunu meħtieġa sforzi ulterjuri sinifikanti u monitoraġġ kontinwu biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-ambizzjonijiet nazzjonali stabbiliti sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE ta' mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali sal-2030, meta mqabbla mal-2019.

**Flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tal-Istati Membri tappoġġa tkabbir ġust, inkluživ u sostenibbli**. Flimkien mal-appoġġ ipprovdut għall-interventi ta' politika fl-oqsma ta' politika rispettivi mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżi, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, u trawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja permezz ta' riformi u investiment rilevanti. B'dan il-mod, il-Faċilità tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[4]. Total ta' madwar EUR 139,6 biljun allokati lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-infiq soċjali, li jirrappreżenta madwar 28 % tan-nefqa totali stmata[5]. Sal-lum, il-Kummissjoni żborżat madwar EUR 175 biljun fil-qafas tal-RRF kemm f'għotjiet u self kif ukoll fi prefinanzjament. Mis-6266 objettiv intermedju u mira inklużi fis-27 RRP, 2045 mistennija li jikkontribwixxu għall-politiki soċjali u mit-808 objettiv intermedju u mira li ntlaħqu mit-13 ta' Novembru, 243 irawmu politiki soċjali, li jikkorrispondu għal madwar 30 % tal-għadd totali ta' objettivi intermedji u miri milħuqa, u kważi 12 % tal-objettivi intermedji u l-miri kienu marbuta mal-politiki soċjali inklużi fis-27 RRP. Bħala parti mill-analiżi tar-rispons ta' politika, il-JER jinkludi wkoll għażla ta' miżuri appoġġati mill-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-RRF, il-FSE+, il-FEŻR, il-JTF u t-TSI. Dawn kollha ser jappoġġaw il-prospetti tat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ekonomika u r-reżiljenza fl-Unjoni.

4 Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
5 Il-kategoriji tal-infiq soċjali huma definiti u applikati skont il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105.

**Il-JER tal-2024 għandu fokus speċifiku għall-pajjiż aktar b'saħħtu bbażat fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF)**, kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt EMCO-SPC sottostanti, u wara diskussjonijiet fil-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2023[6]. Dan għandu jitqies bħala proġett pilota li ser jiġi vvalutat. Abbażi tal-għodod eżistenti (it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija tad-dawl tat-traffiku maqbula tal-JER), jiġu analizzati s-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-isfidi soċjali tal-Istati Membri sabiex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi aktar profonda fit-tieni stadju. F'dan is-sens, l-analiżi speċifika għall-pajjiż issaħħaħ il-monitoraġġ tal-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politika soċjali fis-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 148 tat-TFUE. Il-JER fih analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż, ibbażata l-aktar fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. B'mod ġenerali, l-analiżi tal-ewwel stadju tal-SCF tindika:

i. l-Istati Membri li bdew b'eżiti ġenerali relattivament agħar tal-impjiegi u tal-qgħad fl-2021 li tjiebu b'mod aktar sostanzjali fl-2022, li jindika konverġenza fuq dawn id-dimensjonijiet;

ii. ir-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward tal-ħiliet, minkejja l-iżviluppi pożittivi reċenti, li jistgħu joħolqu sfidi għall-impjegabbiltà u jżidu l-inugwaljanzi, sakemm l-azzjoni politika ma tiġix intensifikata b'mod sinifikanti;

iii. l-eżiti soċjali li huma ġeneralment stabbli b'mod ġenerali fl-2022 minkejja l-kriżijiet multipli, iżda li għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib fid-dawl tal-għoli tal-ħajja.

Analiżi aktar dettaljata tat-tieni stadju (bl-użu ta' sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva, inkluż dwar il-progress lejn il-miri nazzjonali tal-2030) ser titwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni b'rabta mal-pajjiżi li għalihom jiġu identifikati riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq fl-ewwel stadju (il-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija u Spanja, abbażi tal-analiżi ppreżentata f'dan ir-rapport).

[6] Ara r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (dok. 9481/23/ADD-1) kif ukoll il-Messaġġi Ewlenin approvati mill-EMCO-SPC ibbażati fuq ir-rapport(dok. 9481/23).

**L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fl-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**




*Nota*: 1) Għad ma hemmx data disponibbli għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment. 2) Hemm data nieqsa għal xi indikaturi għal xi pajjiżi – ara t-Tabella 1.4.1 fit-taqsima 1.4. Id-didaskaliji għall-indikaturi kollha huma ppreżentati fl-Anness.

**B'mod ġenerali, l-eżiti tas-suq tax-xogħol kienu b'saħħithom bħala medja fl-2022 u fl-2023, minkejja x-xokkijiet eċċezzjonali ffaċċjati, u qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija f'ħafna każijiet.** Għalkemm l-ekonomija tal-UE dan l-aħħar tilfet il-momentum, is-suq tax-xogħol kompla juri reżiljenza wara x-xokkijiet relatati mas-saħħa, il-ktajjen tal-provvista, il-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, id-diżastri naturali u l-instabbiltà ġeopolitika. Il-miżuri eċċezzjonali stabbiliti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali fil-kuntest soċjoekonomiku diffiċli tal-aħħar 3 snin ikkontribwew għal din il-prestazzjoni[7]. B'mod ġenerali, ir-rata tal-impjieg laħqet 74,6 % fl-UE fl-2022, u kompliet tiżdied għal 75,4 % fit-tieni trimestru tal-2023, li hija 2,5 pps ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija (tar-raba' trimestru tal-2019). Fl-istess ħin, ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul laħqu l-aktar livelli baxxi tagħhom ta' 6,2 % u 2,4 %, rispettivament, fl-2022 fl-UE (li tbaxxew aktar għal 6 % u 2,1 % fit-tieni trimestru tal-2023). Madankollu, ġew irrapportati differenzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, kif ukoll bejn is-setturi. Il-kriżi tal-enerġija naqqset it-tkabbir tal-impjiegi f'setturi intensivi ħafna fl-enerġija, filwaqt li s-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ra l-ogħla tkabbir tal-impjiegi, b'hekk żiedet aktar minn miljun impjieg bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2023.

---

[7] SURE, fost l-oħrajn: minn EUR 122 biljun tan-nefqa pubblika totali fuq il-miżuri eliġibbli matul id-durata kollha ta' SURE, 49 % intefqu fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, 31 % fuq "miżuri simili" għal dawk li jaħdmu għal rashom u 9 % fuq skemi ta' sussidju tal-pagi. Ara SURE wara l-estinzjoni tiegħu – l-aħħar rapport biannwali; COM(2023) 291 final.

## Suq tax-xogħol b'saħħtu minkejja x-xokkijiet eċċezzjonali ffaċċati

**75,4 %**
**rata ta' impjieg**
(20-64) fi Q2-2023 (+0.7 pps sena wara sena)

**75%**
**rata tal-attività**
(15-64) fi Q2-2023 (+0.5 pps sena wara sena)

**6%**
**rata tal-qgħad**
(15-74) fi Q2-2023 (-0.1 sena wara sena)

**14,3%**
**rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ**
(15-24) fi Q2-2023 (-0.1 sena wara sena)

Indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol fl-UE-27 (%, trimestrali)




*Sors* : l-Eurostat [lfsi_emp_q], [une_rt_q], [une_ltu_q] u [lfsi_neet_q]. Data aġġustata staġjonalment, mhux kalendarjament.

**In-nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet joħolqu ostakli għat-tkabbir ekonomiku u jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat.** In-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma mifruxa fost l-impjiegi u l-livelli ta' ħiliet. Minkejja xi tnaqqis f'dawn l-aħħar trimestri, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienet ta' 2,7 % fit-tieni trimestru tal-2023 fl-UE, li hija ferm ogħla mill-medja ta' 1,7 % għall-perjodu 2013-19[8]. Fl-2022 ġew irrapportati nuqqasijiet konsiderevoli f'setturi bħall-kura tas-saħħa, l-iSTEM (b'mod partikolari l-ICT), il-kostruzzjoni u ċerti impjiegi ta' servizzi. In-nuqqasijiet ta' ħaddiema f'setturi li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika rdoppjaw mill-2015, filwaqt li l-għoti ta' taħriġ f'dawn is-setturi għadu taħt il-medja. Fl-2021, aktar minn 60 % tal-intrapriżi tal-UE li rreklutaw jew ippruvaw jirreklutaw speċjalisti tal-ICT kellhom diffikultajiet biex jimlew dawn il-postijiet tax-xogħol vakanti. In-nuqqasijiet mifruxa ta' ħaddiema huma xprunati minn domanda qawwija għall-ħaddiema minkejja t-tnaqqis reċenti tal-ekonomija, iżda fatturi li jillimitaw il-provvista ta' ħaddiema (bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni u xejra ta' tnaqqis fis-sigħat maħduma għal kull impjegat) setgħu kellhom rwol ukoll. Fl-istess ħin, in-nuqqasijiet ta' ħaddiema jiġu kkawżati wkoll mill-impjiegi ġodda maħluqa mit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u min-nuqqas ta' ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol fil-forza tax-xogħol. Immappjar reċenti tas-sostenibbiltà kompetittiva reġjonali juri bidliet fl-impjiegi lejn setturi aktar ekoloġiċi u produttivi matul is-snin 2008–2018 u differenzi notevoli bejn ir-reġjuni (l-aktar żviluppati minnhom imorru aħjar fit-tranżizzjoni minn dawk inqas żviluppati jew dawk ta' tranżizzjoni)[9]. Fl-aħħar nett, f'ċerti każijiet u setturi, in-nuqqasijiet huma relatati wkoll ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, speċjalment f'setturi bħall-kura tas-saħħa, il-kura residenzjali u t-trasport. It-titjib tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tat-trawwim tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati (b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ, il-ħaddiema akbar fl-età, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni b'diżabbiltà) jista' jgħin biex jikkontrobilanċja l-impatt tat-tibdil demografiku fuq il-provvista ta' ħaddiema.

---

8 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2023*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

9 Ara Anabela Santos, Javier Barbero, Simone Salotti, Olga Diukanova u Dimitrios Pontikakis, *On the road to regional 'Competitive Environmental Sustainability':the role of the European structural funds*, Industry and Innovation, 2023 30:7, 801-823, DOI: 10.1080/13662716.2023.2236048

Huwa essenzjali li jkun hemm provvediment adegwat ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, f'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa. L-indirizzar tad-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari fil-kisba tal-edukazzjoni terzjarja u fl-għażla tal-oqsma ta' studju, jista' jgħin biex tiżdied il-provvista ta' ħaddiema b'ħiliet għoljin. Diversi Stati Membri bdew jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar il-ħiliet, inkluż fil-qafas tal-Patt għall-Ħiliet, u ddefinixxew il-prijoritajiet u l-miżuri nazzjonali sabiex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) jiġu mmodernizzati u jibqgħu validi fil-futur. It-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jgħin ukoll biex jiġu attirati u jinżammu l-ħaddiema f'ċerti setturi u f'impjiegi b'nuqqasijiet ta' ħaddiema. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-mobbiltà intra-UE, kif ukoll l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu żgurati r-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-indirizzar tal-migrazzjoni legali lejn impjiegi li jesperjenzaw nuqqasijiet bl-appoġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, b'komplementarjetà sħiħa għall-użu tat-talenti minn ġewwa l-Unjoni[10].

## Nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema fl-Unjoni

**Rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti ta' 4 % jew ogħla fl-attivitajiet professjonali, xjentifiċi, u tekniċi, tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u tal-kostruzzjoni** fl-2022

**Nuqqas ta' ħaddiema 30 % ogħla** fl-2022 meta mqabbel mal-2019

Ir-rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti fl-UE skont l-attività ekonomika (%, data annwali)




*Nota:* L-attivitajiet tal-NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi (ħlief l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali), C (manifattura), F (kostruzzjoni), G-I (kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, akkomodazzjoni, u servizzi tal-ikel), J (informazzjoni u komunikazzjoni), M-N (attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi).
*Sors:* l-Eurostat [jvs_a_rate_r2]

10 Ir-Riżerva tat-Talent tal-UE tnediet bħala parti mill-pakkett ta' Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talent adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2023.

**Minkejja ż-żidiet nominali fil-pagi, il-pagi reali naqsu fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2022, għal diversi gradi, u dan jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmi bilanċjati sewwa għall-iffissar tal-pagi.** Il-kundizzjonijiet stretti tas-suq tax-xogħol u l-inflazzjoni għolja poġġew pressjoni 'l fuq, fuq il-pagi nominali. Madankollu, b'4,8 % fl-2022 fl-UE, it-tkabbir nominali fil-pagi baqa' taħt l-inflazzjoni, u dan wassal għal tnaqqis fil-pagi reali fi kważi l-Istati Membri kollha, u b'medja ta' 3,7 % fl-UE[11]. Madankollu, minħabba tkabbir aktar b'saħħtu fil-pagi u inflazzjoni moderata, it-tnaqqis fil-pagi reali naqas fl-ewwel nofs tal-2023. L-irkupru gradwali tal-kapaċità tal-akkwist u l-mitigazzjoni ta' aktar telf huma essenzjali biex jitrażżnu l-effetti soċjali tal-għoli tal-ħajja, speċjalment fuq il-ħaddiema b'paga baxxa. L-iżviluppi fil-marġnijiet tal-profitt jissuġġerixxu lok potenzjali għal aktar żidiet fil-pagi f'xi setturi, filwaqt li jibqgħu viġilanti dwar l-effetti indiretti fuq l-inflazzjoni. F'dan il-kuntest, djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv effettiv, f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali, huma kruċjali biex jinkiseb tkabbir ġenerali fil-pagi li jappoġġa l-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari tal-ħaddiema b'paga baxxa u medja, filwaqt li jiġi appoġġat il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità u tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività.

11 Għall-iżviluppi reċenti fil-pagi, ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2023*, 2023 (pubblikazzjoni pendenti).

**Pagi minimi adegwati jistgħu jgħinu fil-protezzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga baxxa u jnaqqsu l-faqar fost dawk li jaħdmu, filwaqt li jsaħħu l-inċentivi għax-xogħol.** Minn Jannar 2022 sa Lulju 2023, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'mod sinifikanti f'termini nominali fl-Istati Membri kollha fejn huma fis-seħħ, u dan jikkumpensa għall-impatt ta' inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga minima f'nofs dawk l-Istati Membri. Dawn iż-żidiet irriflettew l-aġġustamenti awtomatiċi ta' indiċjar fejn dawn il-mekkaniżmi huma fis-seħħ, u aġġornamenti diskrezzjonali. Fl-istess ħin, f'diversi Stati Membri mingħajr paga minima statutorja, il-pagi miftiehma b'mod kollettiv għall-impjiegi l-inqas imħallsin irreġistraw tkabbir baxx, li wassal għal telf sostanzjali f'termini reali[12]. Il-mitigazzjoni tal-effetti tal-inflazzjoni għolja hija partikolarment importanti fir-rigward tal-ħaddiema b'paga baxxa, li huma milqutin b'mod sproporzjonat mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel li għadhom għoljin. It-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati[13] ser tkun kruċjali biex tgħin fil-protezzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga baxxa u tipprevjeni żidiet fil-faqar fost dawk li jaħdmu, filwaqt li ssaħħaħ l-inċentivi għax-xogħol, bis-sħab soċjali jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tagħha. Id-Direttiva fiha wkoll dispożizzjonijiet għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u għat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' infurzar u ta' monitoraġġ fl-Istati Membri kollha.

---

[12] Ara l-Eurofound, *Minimum wages in 2023: Annual review*, Minimum wages in the EU series, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. 2023.

[13] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

**Il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied b'4,8 %** fl-2022, u **b'6 %** fit-tieni trimestru tal-2023 meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-2022

Madankollu, **il-pagi reali naqsu bi 3,7 %** fl-2022, u **b'0,8 %** fit-tieni trimestru tal-2023 meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-2022

**Il-pagi reali naqsu fl-2022 u qed ikomplu jonqsu għalkemm b'pass aktar bil-mod**

Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat
(bidla annwali f'%; 2021, 2022 u Q2-2023)




*Sors:* il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data ta' AMECO, Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat [hwwdw]; deflatur: Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur [zcpih]. Għat-tieni trimestru tal-2023: kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat, Pagi u salarji [namq_10_gdp], Total ta' impjiegi (kunċett domestiku) [namq_10_a10_e] u l-Indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur [prc_hicp_midx].

**Filwaqt li arranġamenti kuntrattwali differenti jaħsbu wkoll għal preferenzi u ħtiġijiet individwali li jvarjaw, filwaqt li joffru flessibbiltà akbar kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' wieħed mill-ixprunaturi multipli tal-inugwaljanza.** Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta l-kuntratti temporanji ma jservux bħala passi importanti 'l quddiem għal impjiegi permanenti. Tali kuntratti (u speċjalment dawk b'durata qasira ħafna) spiss ikunu assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli, inqas inċentivi għall-aċċess jew għall-investiment fl-edukazzjoni kontinwa u fit-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u lakuni fil-protezzjoni soċjali meta mqabbla mal-impjieg permanenti[14]. Fl-2022, is-sehem ta' persuni impjegati b'kuntratti temporanji fost l-impjegati kollha kien ġeneralment stabbli fl-UE (għal 12,9 %, b'aktar minn nofshom kienu involontarjament fuq tali kuntratti), iżda l-varjazzjoni bejn l-Istati Membri kienet sostanzjali. Is-sehem kien ogħla b'mod sinifikanti fost iż-żgħażagħ u l-migranti, filwaqt li n-nisa kienu wkoll relattivament aktar spiss f'impjieg temporanju mill-irġiel. Il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati huma ġeneralment soġġetti wkoll għal riskji ogħla ta' prekarjetà. L-impjieg indipendenti jista' f'ċerti każijiet jaħbi relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti (impjieg indipendenti "fittizju"), minbarra li jkun marbut ma' lakuni persistenti fil-kopertura tal-protezzjoni soċjali[15]. B'mod aktar ġenerali, l-użu mifrux ta' forom ta' impjieg mhux standard jista' wkoll jagħmel is-setturi u l-impjiegi inqas attraenti għall-ħaddiema u, b'hekk, jikkontribwixxi biex jixpruna n-nuqqas ta' ħaddiema. Jeħtieġ li għażla wiesgħa ta' arranġamenti kuntrattwali timxi id f'id ma' aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u għal opportunitajiet ta' apprendiment u żvilupp, sabiex il-ħaddiema jitħejjew ukoll għat-trasformazzjonijiet li ġejjin.

---

14 Eurofound, *Labour market segmentation, Observatory,* 2019.

15 Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali, COM(2023) 43 final.

## Differenzi kbar fl-użu ta' kuntratti temporanji madwar l-Istati Membri, b'inċidenza ferm akbar fost iż-żgħażagħ

**12,9 %** tal-ħaddiema (20-64) fuq **kuntratti temporanji** fl-2022

**50 %** taż-**żgħażagħ (15-24) fuq kuntratti temporanji**

**7,3 %** tal-impjegati (20-64) fuq **kuntratti temporanji involontarji**

Impjegati temporanji bħala perċentwal tal-għadd totali ta' impjegati skont l-età (15-24) (f'%, 2022)




*Sors :* l-Eurostat [lfsa_etpgan] u [lfsa_etgar], l-LFS tal-UE.

Ir-rikorrenza wara l-pandemija tas-swieq tax-xogħol tal-UE saħħet ir-rwol tal-ekonomija tal-pjattaformi, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tista' wkoll toħloq sfidi għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-protezzjoni soċjali. Abbażi tad-data tal-istħarriġ, 2,4 % ta' dawk li wieġbu pprovdew xogħol permezz ta' pjattaformi diġitali online fl-UE fl-2022, u 1,9 % għamlu dan permezz ta' pjattaformi diġitali fuq il-post, għalkemm il-varjazzjoni bejn l-Istati Membri hija kbira. Il-ġestjoni algoritmika (AM) tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza u għat-titjib tal-kwalità ġenerali tas-servizz fl-ekonomija tal-pjattaformi. L-algoritmi jużaw id-data dwar il-post, id-disponibbiltà, il-ħiliet u l-prestazzjoni fil-passat tal-ħaddiema sabiex il-kompiti jitqabblu mal-aktar ħaddiema addattati f'ħin reali. Il-ġestjoni algoritmika tippermetti wkoll li tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' klassifikazzjonijiet tal-konsumatur u metriċi oħrajn, filwaqt li toffri feedback f'ħin reali għall-infurzar tal-istandards tal-pjattaformi. Madankollu, l-użu tal-ġestjoni algoritmika mill-kumpaniji jista' fl-istess ħin iwassal għal sorveljanza akbar u esponiment għall-valutazzjoni tal-ħaddiema, li jistgħu jnaqqsu l-awtonomija u l-kontroll tagħhom fuq il-kompiti tax-xogħol. L-użu tal-ġestjoni algoritmika jqajjem kwistjonijiet ta' trasparenza, responsabbiltà u ġustizzja fil-konfront tal-ħaddiema. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali mal-ġestjoni algoritmika toħloq riskji li jissaħħu l-preġudizzji eżistenti u l-prattiki diskriminatorji. Flimkien mal-isfidi relatati mal-opaċità tas-sistemi tal-ġestjoni algoritmika u l-influwenza tagħhom fuq l-allokazzjoni tal-kompiti, u b'hekk il-qligħ, għall-ħaddiema tal-pjattaformi, hemm riskji ta' klassifikazzjoni ħażina tal-istatus tal-impjieg ta' dawn il-ħaddiema (li jistgħu jsibu ruħhom ittikkettati b'mod falz bħala persuni li jaħdmu għal rashom u, b'hekk, ma humiex intitolati għad-drittijiet u l-protezzjonijiet tal-impjegati). Id-Direttiva proposta dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol tal-pjattaformi ser isservi biex ittaffi l-perikli potenzjali assoċjati mal-algoritmi għal individwi involuti fi pjattaformi tax-xogħol diġitali. Hija tipproponi wkoll li tistabbilixxi drittijiet kollettivi ta' informazzjoni għar-rappreżentanti tal-ħaddiema.

**L-istudji dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) jindikaw impatt potenzjalment qawwi tal-apprendiment awtomatiku fuq is-swieq tax-xogħol, b'impjiegi kreattivi u mhux manwali li mistennija jkunu aktar affettwati, meta mqabbla ma' żviluppi teknoloġiċi tal-passat.** Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma kruċjali f'kuntest bħal dan biex jiġi żgurat approċċ parteċipattiv għall-ġestjoni tal-bidla minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi, jiġi indirizzat it-tħassib potenzjali, filwaqt li jitrawwem l-adattament tal-ħaddiema (inkluż permezz tal-provvista ta' ħiliet). Politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, inklużi sistemi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid u servizzi tal-impjiegi, huma essenzjali biex jakkumpanjaw tali bidliet u jipprovdu appoġġ effettiv għat-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor. Fir-rigward tal-IA ġenerattiva, skont l-Eurofound, l-użu tal-apprendiment awtomatiku jitqies bħala pożittiv b'mod ġenerali mill-ħaddiema mistħarrġa, minħabba li jista' jgħin biex jinħoloq ħin liberu mill-kompiti ta' rutina u jippermetti li ssir aktar enfasi fuq kompiti b'valur miżjud ogħla[16]. L-IA tista' tappoġġa wkoll lill-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol billi toħloq ambjenti aktar inklużivi u akkomodanti. B'mod ġenerali, filwaqt li l-mudelli tal-IA u tal-apprendiment awtomatiku, speċjalment dawk ibbażati fuq transformers ġenerattivi mħarrġa minn qabel (bħal ChatGPT), iġibu opportunitajiet kbar, jista' jkollhom impatt qawwi fuq il-ħaddiema mhux manwali fil-futur,[17] u saħansitra jaffettwaw l-impjiegi kreattivi[18]. L-avvanzi rapidi f'dawn it-teknoloġiji jeħtieġu sorveljanza viġilanti biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tagħhom, filwaqt li jiġu antiċipati l-impatti negattivi potenzjali u jitfasslu reazzjonijiet ta' politika adegwati u f'waqthom, inkluż fir-rigward tas-swieq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni adegwata tal-ħaddiema fil-kisbiet tal-produttività ġġenerati mill-IA. F'dan il-kuntest, l-IA tippreżenta sfidi f'termini ta' trasparenza, responsabbiltà u l-impatt possibbli tagħha fuq id-drittijiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-dħul tal-ħaddiema. Pereżempju, jekk l-Att dwar l-IA propost jiġi adottat fil-forma attwali tiegħu, ser jiddeżinja sistemi tal-IA użati fir-reklutaġġ u fil-ġestjoni tal-ħaddiema bħala ta' riskju għoli, filwaqt li jimponi rekwiżiti għat-trasparenza, is-sikurezza, il-preċiżjoni u s-sorveljanza mill-bniedem.

[16] Il-Eurofound, *Ethical digitalisation at work: from theory to practice*, 2023; Il-Eurofound, *Ethics in the digital workplace*, 2022; u l-Eurofound, *Digitisation in the workplace*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

[17] Gmyrek, P., Berg, J., Bescond, D. 2023. *Generative AI and Jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality*, Dokument ta' Ħidma tal-ILO 96 (Ġinevra, ILO), https://doi.org/10.54394/FHEM8239.

[18] Ara, pereżempju, il-ftehim bejn ir-Writers Guild tal-Amerka u l-Alliance of Motion Picture and Television Producers biex jiġi indirizzat it-tħassib eżistenti dwar l-influwenza tal-IA fuq l-industrija tal-films. Il-kuntratt il-ġdid jinkludi regolamenti dwar l-użu tal-IA fi proġetti tal-films u tat-TV, milħuqa fi tmiem wieħed mill-itwal strajks ta' Hollywood.

**Minkejja t-titjib, iż-żgħażagħ għadhom qed jiffaċċjaw sfidi biex jintegraw fis-swieq tax-xogħol f'ħafna Stati Membri, li jiġġustifikaw attenzjoni partikolari u azzjoni ta' politika mfassla apposta.** Il-qgħad fost iż-żgħażagħ naqas bi 3,1 pps mill-2020 iżda, għal 14,5 % fl-2022, għadu kważi tliet darbiet ogħla milli għall-popolazzjoni ġenerali fl-età tax-xogħol fl-UE. Id-differenzi reġjonali jippersistu b'livelli għoljin irreġistrati, pereżempju, fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. Bl-istess mod, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) naqas b'mod sinifikanti għal-livelli ta' qabel il-pandemija, u prinċipalment minħabba n-nuqqas fl-għadd ta' żgħażagħ NEETs qiegħda, iżda għadu ta' 11,1 % fit-tieni trimestru tal-2023 fl-UE u partikolarment għoli f'xi Stati Membri, b'differenzi sinifikanti wkoll fi ħdan il-pajjiżi. In-nisa u ż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE jidhru b'mod aktar prominenti fost in-NEETs. L-integrazzjoni adegwata u f'waqtha taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, jew fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, hija kruċjali għas-suċċess fil-karriera fil-futur. Il-perjodi ta' qgħad kmieni fil-ħajja tax-xogħol jistgħu jagħmlu ħsara lill-prospetti futuri tal-karriera u lill-kapaċità ta' qligħ permezz ta' "effetti negattivi", anki b'riskji potenzjalment akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, jew ta' problemi ta' saħħa fiżika u mentali f'każijiet aktar estremi. It-trasformazzjonijiet kbar li ġejjin relatati mal-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna jżidu l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ ikunu integrati sew fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u jkunu jistgħu jħaddnu l-bidla u jmexxu t-trasformazzjonijiet 'il quddiem. F'dan l-isfond, huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jingħelbu l-isfidi strutturali li jżommu liż-żgħażagħ lura fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntest ta' nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ħiliet. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tista' tgħin biex in-NEETs ikunu fil-mira, filwaqt li toffri impjiegi ta' kwalità, edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri, apprendistati, jew traineeships fi żmien 4 xhur minn meta persuna ssir qiegħda jew titlaq mill-edukazzjoni formali[19]. Sabiex tikkomplementa dan, l-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA) tgħin lin-NEETs żvantaġġati jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż.

[19] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

## Iż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ huma aktar ta' spiss inattivi minn dawk qiegħda

Fl-2022, **7,4 % taż-żgħażagħ** fl-UE **kienu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u inattivi**

**4,3 % taż-żgħażagħ** ma kinux **f'impjieg** bl-**irġiel ikunu qiegħda aktar ta' spiss min-nisa**

Żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) skont l-istatus tax-xogħol (15-29, %) 2022




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje għal CZ u SK.
*Sors :* l-Eurostat [edat_lfse_20], l-LFS tal-UE.

**Il-ħaddiema akbar fl-età huma aktar attivi fis-suq tax-xogħol minn qatt qabel, iżda għad hemm lok għal titjib, b'mod partikolari għan-nisa.** Il-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ malajr, bl-età medjana mistennija tiżdied minn 44,4 sena fl-2022 b'aktar minn 4 snin sa tmiem is-seklu, filwaqt li l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ser tiċkien b'mod konsiderevoli. Xi Stati Membri u reġjuni huma affettwati b'mod aktar akut mill-isfidi demografiċi minn oħrajn, bir-riskju li jitwessgħu d-disparitajiet eżistenti madwar l-UE. Ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema akbar fl-età (55-64) żdiedet b'mod notevoli fl-UE minn 44,7 % fl-2010 għal 62,3 % fl-2022, wara żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni tagħhom. Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għal dan il-grupp ta' età, ta' 12,5 pps, kienet akbar milli għall-forza tax-xogħol totali, għalkemm naqset mill-2010.

It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt fuq il-provvista ta' ħaddiema, li jnaqqas il-forza tax-xogħol, filwaqt li potenzjalment jaggrava n-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema fl-Unjoni. F'dan il-kuntest, ħajjiet tax-xogħol itwal u aktar f'saħħithom għandhom rwol importanti biex jappoġġaw il-provvista ta' ħaddiema u biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, filwaqt li jiggarantixxu l-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà u t-trasferimenti tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet. Is-sett ta' għodod dwar id-demografija, ippreżentat reċentement mill-Kummissjoni, jistabbilixxi approċċ komprensiv għat-tibdil demografiku. L-Istati Membri huma mitluba jappoġġaw it-tixjiħ b'saħħtu u attiv, biex b'hekk jippermettu lin-nies jibqgħu fil-kontroll ta' ħajjithom u xorta jikkontribwixxu għall-ekonomija u għas-soċjetà[20].

[20] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni*, COM(2023) 577 final.

**L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol għadhom mifruxa u huma riflessi kemm fid-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi kif ukoll fil-pagi.** Filwaqt li naqset bi ftit meta mqabbla mal-2021, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi baqgħet wiesgħa, ta' 10,7 pps fl-2022 fl-UE, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Barra minn hekk, id-differenza kienet ogħla b'mod sinifikanti meta jitqies is-sehem akbar ta' xogħol part-time fost in-nisa (li żdied għal 16-il pps fl-2022 "f'ekwivalenti għall-full-time"). Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet ferm ogħla għal persuni bit-tfal milli għal dawk mingħajrhom. Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri kienu wkoll vasti fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi (12,7 % fl-2021 fl-UE), minkejja l-progress li sar matul l-aħħar deċennju. Dan tal-aħħar jista' jkun parzjalment marbut ma' i) ir-rappreżentanza żejda tan-nisa f'impjiegi b'pagi relattivament baxxi u f'xogħol part-time; ii) is-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' impjieg aktar għoljin; iii) diffikultajiet akbar għan-nisa fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-kura, u iv) żbilanċ fil-qsim tar-responsabbiltajiet ta' kura min-nisa u l-irġiel. Madankollu, l-akbar parti tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE ma hijiex marbuta ma' karatteristiċi oġġettivi u li jistgħu jitkejlu tal-individwi, li tissuġġerixxi li fatturi oħrajn, inklużi d-diskriminazzjoni u l-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti, x'aktarx jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għaliha[21]. Dawn id-differenzi fil-pagi jfixklu l-indipendenza ekonomika tan-nisa matul il-ħajja tax-xogħol, jaffettwaw b'mod negattiv il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxu wkoll għad-differenzi bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (26 % fl-UE fl-2022) b'riskji akbar ta' faqar għan-nisa fix-xjuħija. L-indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi fil-pagi bbażati fuq il-ġeneru u t-titjib tal-funzjonament tas-sistemi tat-taxxa jistgħu jipprovdu inċentivi akbar sabiex aktar nisa jsiru ekonomikament attivi, li huwa wkoll importanti fid-dawl tan-nuqqas konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

[21] l-Eurostat, Dokumenti ta' Ħidma tal-Istatistika, *Gender pay gaps in the European Union – A statistical analysis*, 2021.

It-titjib tad-disponibbiltà ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli u ta' servizzi ta' kura fit-tul huwa kruċjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija, inkluż il-miri l-ġodda ta' Barċellona, u dwar l-aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli[22] u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal[23]. Fl-aħħar nett, il-miżuri ta' trasparenza fil-pagi, f'konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi[24], huma essenzjali biex jiżvelaw il-preġudizzji tal-ġeneru fl-istrutturi u l-ambjenti tal-pagi u jippermettu lill-ħaddiema jasserixxu b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.

## Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri għadhom kbar minkejja t-titjib li sar

**Differenza fil-pagi bejn il-ġeneri** ta' **12,7 %** fl-2021, fl-UE, li tvarja ħafna fost l-Istati Membri

**Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi** ta' **10,7 pps** fl-2022 fl-UE

**Differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet** ta' **26 %** fl-2022 fl-UE




*Nota:* Imqassma skont il-valuri tal-2021. Id-data hija nieqsa għal EL għas-snin kollha, għal HR fl-2011 u għal IE fl-2021.

*Sors:* l-Eurostat [earn_gr_gpgr2].

---

22 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 2022/C 484/01; *Ħidma għal Unjoni ta' Ugwaljanza*, L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2050 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01.

23 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14–23).
Ara d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

**Minkejja t-titjib reċenti, il-persuni b'diżabbiltà għadhom qed jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol.** Fl-2022, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bejn persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà kienet ta' 21,4 pps fl-UE. Barra minn hekk, fl-2020 ir-rata tal-qgħad tal-persuni b'diżabbiltà kienet kważi d-doppju ta' dik tal-persuni mingħajr diżabbiltà. Barra minn hekk, ħafna persuni b'diżabbiltà ma jipparteċipawx fis-suq tax-xogħol, kif rifless f'rata ta' attività ta' 60,7 % (imqabbla ma' 83,4 % għal dawk mingħajr diżabbiltà). F'konformità mal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030, huma meħtieġa aktar sforzi ta' politika u miżuri mmirati, kif deskritt fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà,[25] biex tittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà. Għalhekk, huwa essenzjali li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjiegi u tal-integrazzjoni, li jiġi promoss ir-reklutaġġ u li jiġu miġġielda l-isterjotipi, filwaqt li tiġi żgurata akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, skont il-ħtiġijiet tagħhom.

25 Ara l- Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà biex jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà.

**Il-kompetenza fil-qari ddeterjorat madwar l-UE, u l-istatus soċjoekonomiku għadu fattur ta' tbassir qawwi tagħha, filwaqt li n-nuqqasijiet konsiderevoli ta' għalliema, relatati wkoll mal-attraenza baxxa tal-professjoni, ipoġġu l-provvista ta' edukazzjoni ta' kwalità f'riskju.** Abbażi tal-Istudju dwar il-Progress fil-Litteriżmu Internazzjonali fil-Qari 2021 (PIRLS), kważi kwart tal-istudenti kollha tar-raba' grad ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-qari, b'xejra 'l isfel osservata prattikament fl-Istati Membri parteċipanti kollha matul il-perjodu 2016-2021. Bħala medja, id-differenza fil-prestazzjoni bejn it-tfal bi status soċjoekonomiku ogħla meta mqabbla ma' dawk bi status soċjoekonomiku baxx kienet sostanzjali, li tikkorrespondi bejn wieħed u ieħor għal sentejn ta' edukazzjoni skolastika. Dan jindika l-isfidi li qed tiffaċċa s-sistema edukattiva biex l-istudenti kollha jiġu mgħammra bil-ħiliet bażiċi meħtieġa biex jirnexxu fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol u biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Minkejja li s-sehem taż-żgħażagħ b'massimu ta' grad sekondarju ta' livell baxx li telqu mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ qabel iż-żmien naqas (bi ftit) aktar fl-UE fl-2022, għad hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri, kif ukoll skont il-ġeneru, il-pajjiż tat-twelid u l-post tar-residenza. Dan joħloq sfidi f'termini ta' impjegabbiltà, apprendiment u kapaċità ta' adattament aktar tard fil-ħajja. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet biex jimlew il-pożizzjonijiet tat-tagħlim fis-setturi kollha tal-edukazzjoni obbligatorja u, b'mod partikolari, fis-suġġetti STEM, biex jattiraw biżżejjed studenti għalliema u jżommu l-għalliema ġodda fil-professjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, li ssir għalliem ma għadhiex għażla ta' karriera attraenti għaż-żgħażagħ. L-attraenza tal-professjoni tal-għalliema tiddependi fuq firxa ta' fatturi, inklużi l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-2018, wieħed biss minn kull ħames għalliema ħassew li xogħolhom kien stmat mis-soċjetà, filwaqt li ħafna għalliema rrapportaw stress relatat max-xogħol u ammont kbir ta' xogħol[26]. Iż-żieda fl-attraenza tal-professjoni tal-għalliema hija essenzjali biex l-UE tibqa' fit-triq it-tajba lejn il-miri tal-edukazzjoni tagħha, stabbiliti bħala parti miż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni,[27] u biex tissodisfa d-domanda dejjem tikber għall-ħiliet, inkluż fl-isfond tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

---

[26] OECD, *TALIS 2018 Results: Teachers and School Leaders as Lifelong Learners*, OECD Publishing, Pariġi, 2019.

[27] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar "il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni".

## Il-litteriżmu fil-qari ddeterjora madwar l-UE

**Kważi kwart** tal-istudenti kollha tar-raba' grad **ma jagħmlux progress suffiċjenti fil-qari**

L-**isfond soċjoekonomiku** tagħhom għadu fattur ta' tbassir qawwi tal-prestazzjoni

Il-proporzjon ta' studenti tar-raba' grad li jilħqu l-aktar il-parametru referenzjarju internazzjonali baxx fl-Istudju dwar il-Progress fil-Litteriżmu Internazzjonali fil-Qari (%).




*Nota*: BE-Fr tirreferi għall-komunità Franċiża tal-Belġju, filwaqt li BE-Fl tirreferi għall-komunità Fjamminga. Jintwerew biss sistemi edukattivi b'ġabriet ta' data fi tmiem ir-raba' grad, b'hekk huma esklużi EE, EL, HR, HU, IE, LT, LU, LV u RO. Ma hemmx data disponibbli għal BE-Fl, Ċipru, Malta u l-Polonja fl-2011; għal Ċipru u Malta fl-2016.
*Sors*: Kalkoli tad-DĠ EAC ibbażati fuq PIRLS 2021.

**B'maġġoranza tal-ħaddiema fl-UE li diġà qed tuża għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol, huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti biex jittejbu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni bi kwalifiki baxxi, għall-persuni akbar fl-età u għan-nazzjonali mhux tal-UE**. Fl-2021, bejn 60 u 70 % tal-ħaddiema fl-UE użaw għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol li kienu jeħtieġu livelli bażiċi jew moderati ta' ħiliet diġitali[28]. Madankollu, 53,9 % biss tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-UE. Il-livell ta' ħiliet diġitali jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri, iżda wkoll bejn il-gruppi tal-popolazzjoni. Fl-2021, iċ-ċans li ż-żgħażagħ (16-29) ikollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi meta mqabbla mal-persuni akbar fl-età (55-74) kien aktar mid-doppju; ir-rati kienu partikolarment baxxi fost il-persuni bi kwalifiki baxxi, dawk qiegħda u dawk inattivi. Barra minn hekk, sehem ferm iżgħar ta' nazzjonali mhux tal-UE kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi meta mqabbla man-nazzjonali tal-UE. Stħarriġ mill-2023 li sar fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet wera li, għal kważi nofs l-SMEs kollha li rrapportaw nuqqas ta' ħiliet bħala li jillimitaw l-attivitajiet kummerċjali ġenerali tagħhom, l-isfida kienet tikkonċerna b'mod partikolari l-użu tat-teknoloġiji diġitali. Livelli baxxi ta' ħiliet diġitali f'segmenti wiesgħa tal-popolazzjoni, u differenzi kbar fl-opportunitajiet biex jiġu żviluppati tali ħiliet, iġorru r-riskju li jipproduċu distakki importanti fil-kuntest ta' ekonomiji u soċjetajiet dejjem aktar diġitalizzati (inkluż b'rabta mal-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-servizzi diġitali b'mod aktar ġenerali). Sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali, huma meħtieġa programmi ta' ħiliet diġitali għall-popolazzjoni b'mod ġenerali, ikkomplementati minn taħriġ immirat, imfassal apposta għall-profili tal-ħiliet u għas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol ta' gruppi speċifiċi, u ma' kumpaniji li għandhom rwol ukoll fil-forniment tat-taħriġ. Ġiet stabbilita mira ta' mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi sal-2030 għall-UE fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Kumpass Diġitali għad-Deċennju Diġitali[29]. L-għan huwa wkoll li l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT jiżdied għal 20 miljun sal-2030, filwaqt li jiġi promoss l-aċċess tan-nisa għal dan il-qasam (18,9 % tal-ispeċjalisti fl-2022) u li jiżdied l-għadd ta' gradwati tal-ICT, li huwa kruċjali għaż-żamma tal-kompetittività tal-Ewropa[30].

---

28 Is-Cedefop, *Setting Europe on course for a human digital transition: new evidence from Cedefop's second European skills and jobs survey*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Serje ta' referenza tas-Cedefop; Nru 123, 2022.

29 Ara d-DEĊIŻJONI (UE) 2022/2481 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali: miri diġitali għall-2030.

30 Madankollu, jekk ix-xejriet attwali jkomplu, huwa mistenni li sal-2023, 60 % biss tal-popolazzjoni tal-UE jkollha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT jiżdied biss għal madwar 12-il miljun. Ara r-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali, SWD(2023) 571 final.

## Iż-żgħażagħ għandhom darbtejn aktar ċans li jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi mill-persuni akbar fl-età

**71 % taż-żgħażagħ** (16-29), **u 34,6 %** **biss tal-persuni akbar fl-età** (55-74) għandhom **mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi**

**Il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni qiegħda u dawk inattivi** inqas ta' spiss ikollhom mill-inqas **ħiliet diġitali bażiċi**

Is-sehem ta' persuni b'mill-inqas ħiliet diġitali ġenerali bażiċi (2021, %)




*Sors*: l-Eurostat [edat_lfse_02].

**Hija meħtieġa azzjoni sostnuta biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet tal-forza tax-xogħol, sabiex tiġi appoġġata l-kompetittività, jiġu promossi impjiegi ta' kwalità u jiġi ppreservat il-mudell soċjali tal-UE, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** F'dan il-kuntest u fid-dawl tan-nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ta' ħiliet, sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ effettivi u li jiffunzjonaw tajjeb huma essenzjali biex jipprovdu liż-żgħażagħ ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, filwaqt li parteċipazzjoni għolja fl-apprendiment għall-adulti hija importanti ħafna biex jiġi żgurat li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol jiġu aġġornati b'mod kostanti. Il-mira ewlenija dwar l-apprendiment għall-adulti tirrikjedi li sal-2030, mill-inqas 60 % tal-adulti jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena fl-UE (meta mqabbla mal-aħħar data disponibbli għall-2016 li tindika rata medja ta' parteċipazzjoni ferm aktar baxxa ta' 37,4 %)[31]. Bħal fl-Istati Membri kollha, l-adulti bi kwalifiki baxxi għandhom it-tendenza li jipparteċipaw fit-taħriġ ferm inqas minn dawk bi kwalifiki medji u għoljin, u jeħtieġ li tingħata attenzjoni politika partikolari biex jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Evalwazzjoni tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet[32]. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija wkoll aktar frekwenti fiż-żoni urbani milli fiż-żoni rurali. F'dan l-isfond, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment tiddeskrivi kif l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw l-appoġġ finanzjarju (inkluż il-finanzjament tal-FSE+) u dak mhux finanzjarju b'mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti kollha biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom[33]. Barra minn hekk, il-mikrokredenzjali għandhom potenzjal qawwi li joffru titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid malajr u mmirati għall-ħaddiema u għal dawk li qed ifittxu impjieg, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill relatata[34]. Fl-aħħar nett, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li tibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020, għandha l-għan li tippromwovi bidla fil-mentalità lejn titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid matul il-ħajja, tgħin lin-nies jiksbu l-ħiliet it-tajbin għal impjiegi ta' kwalità u biex jieħdu vantaġġ mill-ħafna opportunitajiet offruti mit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali[35].

31 Is-sors tad-data għall-monitoraġġ tal-mira ewlenija tal-2030 dwar it-tagħlim għall-adulti huwa ppjanat li jinbidel mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE (LFS). Qed issir analiżi bir-reqqa tad-data miż-żewġ stħarriġiet biex jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tajba tagħhom. Il-pubblikazzjoni tad-data dwar it-tagħlim għall-adulti mil-LFS (perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar) hija mistennija fir-rebbiegħa tal-2024.

32 Il-Pakkett ta' Evalwazzjoni tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet ġie adottat f'Lulju 2023 u evalwa l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet.

33 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03.

34 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02.

35 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020)274 final; Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' ġeneralment stabbli fl-UE fl-2022, bis-saħħa ta' azzjonijiet ta' politika deċiżivi meħuda matul il-kriżijiet tal-COVID u tal-enerġija.** Madankollu, madwar waħda minn kull ħames persuni fl-UE baqgħu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2022, wara li l-għadd ġenerali ta' persuni AROPE naqas b'279 000 biss, u baqa' qrib il-valur tiegħu tal-2019. Għalhekk, u fid-dawl ta' ambjent ekonomiku dgħajjef, huma meħtieġa sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-2030 ta' mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali meta mqabbla mal-2019. Il-varjazzjonijiet kienu kbar ukoll bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, kif ukoll fost il-gruppi tal-popolazzjoni (b'inċidenza ogħla ta' riskji ta' faqar għat-tfal, għal dawk ta' 65 sena u aktar, għall-persuni b'diżabbiltà, għal dawk mhux imwielda fl-UE, għar-Rom). Id-differenzi għadhom sinifikanti madwar il-pajjiżi tal-UE wkoll f'termini tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar. Fl-istess ħin, **l-inugwaljanzi fl-introjtu naqsu bi ftit bħala medja fl-2022**. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, dawn baqgħu wkoll stabbli jew naqsu fl-2022 bħala s-sena tal-introjtu, u dan jirrifletti r-rispons ta' politika rapidu fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jikkontrobattu l-impatt negattiv tal-inflazzjoni, b'mod partikolari fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. It-tnaqqis medju rreġistrat kien xprunat mill-iżviluppi fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Il-valutazzjonijiet tal-impatt distribuzzjonali sistematiċi tal-miżuri ta' politika huma partikolarment importanti biex jiġi kkunsidrat l-impatt tagħhom fuq l-inugwaljanza fl-introjtu u jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika.

**Ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali huwa ogħla għat-tfal milli għall-popolazzjoni ġenerali fi kważi l-Istati Membri kollha, u jaffettwa medja ta' madwar wieħed jew waħda minn kull erbat itfal.** Is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bi ftit fl-2022 fl-UE, u l-istess żdied l-għadd globali ta' tfal f'sitwazzjoni bħal din, b'madwar 900 elf mill-2019 (meta mqabbel mal-għan komplementari li jitnaqqas l-għadd tagħhom b'mill-inqas 5 miljuni sal-2030), u dan talab sforzi sinifikanti biex tiġi indirizzata l-isfida. Il-ħruġ tat-tfal mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali huwa strumentali biex jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u biex titkisser it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal[36] fl-Istati Membri kollha hija essenzjali biex tiġi indirizzata din l-isfida.

[36] Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14–23).

## Il-faqar u l-esklużjoni soċjali jvarjaw b'mod sinifikanti fost il-gruppi tal-età, bit-tfal u l-persuni akbar fl-età spiss ikunu l-aktar f'riskju

**Waħda minn kull ħames persuni** u **wieħed jew waħda minn kull erbat itfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali** fl-UE fl-2022

**Persuni akbar fl-età** b'**rati ogħla ta' AROPE** f'ħafna Stati Membri

Ir-rati ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali – total u skont il-gruppi ta' età 0-17, 18-64, 65 u aktar (%, 2022)




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje għal FI, FR u LU.
*Sors* : l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tal-UE għandha aċċess għal servizzi essenzjali, il-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali u dawk l-aktar vulnerabbli jiffaċċjaw ostakli sinifikanti.** F'dan ir-rigward, 9,3 % tal-popolazzjoni tal-UE ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat (b'żieda ta' 2,4 pps meta mqabbla mas-sena ta' qabel, u b'hekk tintlaħaq aktar mid-doppju ta' din iċ-ċifra għall-popolazzjoni AROPE), 2,4 % ma jistgħux jaffordjaw konnessjoni tal-internet għall-użu personali fid-dar, 2,4 % ma jistgħux jaffordjaw l-użu regolari tat-trasport pubbliku, u 1,5 % jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr banju, doċċa jew tojlit li jifflaxxja, b'varjazzjoni konsiderevoli bejn il-pajjiżi[37]. L-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jonfqu sehem ferm ogħla mill-baġit tagħhom fuq servizzi essenzjali u, għalhekk, huma aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet. Minbarra l-affordabbiltà, sfidi ulterjuri jinkludu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà, u dawn joħolqu wkoll sfidi, xi drabi marbuta ma' dimensjonijiet oħrajn, bħan-nuqqas ta' ħiliet jew fatturi ġeografiċi (qasma urbana/rurali, reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti u insulari oħrajn). Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara d-dritt li kulħadd jaċċessa servizzi essenzjali ta' kwalità tajba u jitlob appoġġ f'dan is-sens lil dawk fil-bżonn, li huwa importanti biex jitrawwem il-progress fil-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar sal-2030.

[37] *Commission Report on access to essential services in the EU*, SWD(2023) 213 final/2.

## L-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandhom aċċess ferm aktar limitat aċċess għal servizzi essenzjali fl-UE

Fl-2022, **is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu d-dar sħuna żdied għal 9,3 % minn 6,9 % fl-2019** fl-UE

**Il-persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali** jiffaċċjaw **ostakli sinifikanti** fl-aċċess għas-servizzi essenzjali

Is-sehem tal-popolazzjoni tal-UE li ma tistax taffordja servizzi essenzjali (%)




*Sors :* l-Eurostat, [ilc_mdes01], [ILC_mddu07A], [ilc_mdho05], [ilc_mdes13a], l-UE-SILC.

**L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija sfida dejjem akbar fl-Unjoni.** Fl-2022, kważi waħda minn kull għaxar persuni fl-UE għexu f'unità domestika fejn il-kostijiet totali tal-abitazzjoni kienu jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali, b'żieda sinifikanti rreġistrata mill-2020. Id-diffikultajiet fl-akkomodazzjoni għandhom it-tendenza li jkunu aktar severi għall-familji bit-tfal u għall-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed. Għall-persuni f'riskju ta' faqar, is-sehem kien aktar minn tliet darbiet ogħla milli għall-popolazzjoni totali. Barra minn hekk, matul l-aħħar deċennju, ftit li xejn sar progress biex jitnaqqas l-għadd ta' persuni mingħajr dar fl-Istati Membri tal-UE. Il-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-affordabbiltà, id-disponibbiltà u l-adegwatezza tal-akkomodazzjoni, speċjalment għal dawk fil-bżonn. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-akkomodazzjoni hija tal-Istati Membri, il-finanzjament u l-politiki tal-UE jistgħu jappoġġaw l-isforzi tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u subnazzjonali fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi, pereżempju, fl-oqsma tal-koeżjoni u l-iżvilupp urban, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali, il-politiki industrijali u tal-enerġija. Barra minn hekk, l-inizjattivi tal-UE bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Inizjattiva dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-inklużività tal-akkomodazzjoni. L-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali jista' jtejjeb l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għal gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli, inklużi dawk mingħajr dar. Il-fondi tal-UE bħall-FEŻR, il-FSE+, l-RRF u l-InvestEU jippermettu aktar investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli u soċjali u fl-implimentazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati biex jingħabru flimkien ir-riżorsi u jiġu żviluppati skemi ta' intervent sostenibbli.

**Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni huwa l-akbar fil-kwintil l-inqas sinjur tal-popolazzjoni fl-Istati Membri kollha**

Fl-2022, **is-sehem ta' persuni li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kost tal-akkomodazzjoni kien darbtejn aktar fl-ewwel 20 % milli fit-tieni 20 %tal-popolazzjoni, meta kklassifikati skont l-introjtu** fl-UE

Il-kostijiet tal-abitazzjoni f'introjtu disponibbli fl-ewwel 60 % tal-popolazzjoni meta kklassifikata skont l-introjtu, 2022 (f'%)




*Sors*: l-Eurostat [ilc_lvho07b]. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU fl-2022.

**Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom rwol ewlieni fl-Istati Membri f'termini tal-iżgurar tal-koeżjoni soċjali u s-sigurtà tal-introjtu kontra r-riskji, u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika, u bħala tali jeħtieġ li jsiru adatti għall-isfidi tal-futur.** B'mod ġenerali, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali wrew l-effettività tagħhom fl-appoġġ għar-reżiljenza soċjoekonomika matul il-pandemija tal-COVID u l-kriżi tal-enerġija aktar reċenti. Madankollu, il-kapaċità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jibqgħu adegwati u sostenibbli b'mod fiskali tinsab taħt pressjoni dejjem akbar minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni, id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn l-iżviluppi ser ikollhom implikazzjonijiet għat-tfassil u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-finanzjament tagħhom. F'termini prattiċi, dan jimplika l-ħtieġa għal rati ogħla ta' parteċipazzjoni f'impjiegi ta' kwalità fost il-gruppi tal-popolazzjoni, ħajja tax-xogħol itwal, reazzjonijiet adegwati għall-faqar fost dawk li jaħdmu, kopertura tal-protezzjoni soċjali għal forom mhux standard ta' impjieg, servizzi ta' protezzjoni soċjali organizzati aħjar, disponibbli u effiċjenti, inkluża l-kura, u l-adattament tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għar-realtajiet il-ġodda mressqa mill-adattament għat-tibdil fil-klima u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali. Sabiex is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jibqgħu validi fil-futur, huwa partikolarment importanti li l-politiki tal-benesseri jiġu ttrattati f'perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja. Politiki soċjali mfassla tajjeb fi stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' persuna jistgħu jwasslu għal "dividendi doppji", li jnaqqsu l-infiq pubbliku futur fuq is-sostituzzjoni tal-introjtu bis-saħħa tal-impjiegi, il-benesseri u l-benefiċċji għas-saħħa, u li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku inklużiv filwaqt li jkabbru l-bażi għat-taxxa. Ir-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma huma appoġġati minn diversi inizjattivi tal-UE mmirati biex jagħmlu l-protezzjoni soċjali valida fil-futur, bħar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali[38] għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, dwar il-kura fit-tul, dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, u dwar l-introjtu minimu adegwat li jiżguraw inklużjoni attiva, kif ukoll id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati.

[38] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom 2019/C 387/01 (*ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1–8).*

**Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika baqgħu ġeneralment stabbli bħala medja fl-UE, iżda b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri, filwaqt li għad hemm sfidi sinifikanti fir-rigward tal-aċċess, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul.** Persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huma aktar probabbli li jirrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakk mal-popolazzjoni ġenerali tvarja bejn l-Istati Membri. L-iżviluppi demografiċi, b'mod partikolari l-istennija tal-għomor futura ogħla pproġettata, qed iżidu l-ħtieġa potenzjali li l-kura fit-tul (LTC) timxi 'l quddiem. L-aħħar data (għall-2019) turi li 46,5 % tal-persuni li għandhom 65 sena jew aktar b'diffikultajiet severi fil-kura personali jew fl-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom ħtieġa mhux issodisfata għal għajnuna f'attivitajiet bħal dawn. Dan kien ferm aktar evidenti għall-persuni fl-aktar kwintil baxx tal-introjtu (51,2 %) meta mqabbla ma' dawk fl-ogħla (39,9 %). L-ostaklu ewlieni għall-aċċessibbiltà tal-LTC huwa l-affordabbiltà tagħha. Anki wara li jiġu riċevuti l-benefiċċji tal-LTC, l-ispejjeż mill-but għall-kura jistgħu jkunu għoljin ħafna f'xi Stati Membri, speċjalment għall-persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet severi ta' LTC li jingħataw kura fid-dar. L-isfidi tal-aċċess huma aggravati minn nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema u ħiliet fis-settur tal-kura, xprunat ukoll minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli.

**Is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u politiki fil-livell nazzjonali li jappoġġaw l-impjiegi, il-kwalità tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-protezzjoni soċjali.** Djalogu soċjali effettiv jikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew, filwaqt li jiżgura eżiti ta' politika aħjar u aktar sostenibbli, filwaqt li jappoġġa wkoll tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. B'mod ġenerali, fl-Istati Membri bi tradizzjonijiet ta' djalogu soċjali stabbiliti sewwa, il-kwalità u l-intensità tal-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika rilevanti kklassifikaw aħjar, inkluż b'rabta mal-konsultazzjonijiet fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-konklużjonijiet mis-sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi enfasizzaw li jibqa' tal-akbar importanza li jiġi evitat sempliċi involviment formalistiku u li tiġi żgurata konsultazzjoni f'waqtha u sinifikanti tas-sħab soċjali matul il-proċess kollu tat-tfassil tal-politika fl-Istati Membri kollha[39]. Aktar minn sentejn wara l-adozzjoni tal-RRF, il-proċessi ta' djalogu soċjali madwar l-implimentazzjoni tal-RRPs qed jagħmlu progress fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[40]. Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw ambjent abilitanti għal djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv, fis-setturi pubbliċi u privati, fil-livelli kollha[41]. Filwaqt li jibnu fuq it-tradizzjonijiet, ir-regoli u l-prattiki nazzjonali eżistenti, l-isforzi biex jissaħħaħ l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika rilevanti huma kruċjali biex jipprovdu għarfien siewi dwar l-isfidi eżistenti u emerġenti, kif ukoll dwar l-effettività tal-interventi ta' politika fil-prattika.

---

39 L-opinjoni 9955/23 tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

40 Il-Kummissjoni Ewropea, *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*, COM(2022) 383 final, 2022.

41 COM(2023) 40 final u dokument tal-Kunsill 10542-2023.

**L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.** L-analiżi ppreżentata fir-rapport tenfasizza għadd ta' oqsma prijoritarji għall-azzjonijiet ta' politika. F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, l-Istati Membri huma mistednin:

- Isaħħu l-aġġornament tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet, jadattaw għas-sitwazzjoni u l-prospetti tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu, u jrawmu tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali – inkluż billi jintegraw l-użu ta' għodod ta' intelliġenza tal-ħiliet; isaħħu l-għoti ta' intitolamenti ta' taħriġ individwali, bħal kontijiet ta' apprendiment individwali; u jrawmu l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali – f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar kontijiet ta' apprendiment individwali u dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.

- Isaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità u l-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi – inkluż billi jinvestu fl-infrastruttura u s-servizzi diġitali, fi gwida mtejba għall-karriera, fis-servizzi ta' konsulenza, fl-intelliġenza tal-ħiliet u fit-taħriġ tal-persunal – bil-għan li jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tranżizzjonijiet.

- Jissorveljaw u jtaffu l-impatt negattiv tal-inflazzjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli permezz ta' miżuri ta' appoġġ immirati, filwaqt li jżommu inċentivi maħsuba biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija, fejn rilevanti, u jtejbu l-effiċjenza enerġetika.

- F'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali u b'rispett sħiħ tar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, jippromwovu l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, filwaqt li jippromwovu l-konverġenza soċjali 'l fuq, jirriflettu l-iżviluppi tal-produttività, jippreservaw l-impjiegi, jissalvagwardjaw il-kompetittività, u jibqgħu viġilanti dwar l-effetti indiretti fuq l-inflazzjoni.

- Jiżguraw id-disponibbiltà ta' skemi ta' appoġġ imfassla b'mod li jippreservaw u jiżviluppaw aktar il-kapital uman permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid assoċjati, sabiex jappoġġaw proċessi ta' ristrutturar ġusti fejn meħtieġ, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u jgħinu fil-modernizzazzjoni tal-ekonomija.

- Jipprovdu appoġġ lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi l-aktar affettwati mill-impatti ekonomiċi u soċjali mill-adattament għat-tibdil fil-klima u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali ġodda, b'mod partikolari lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli – inkluż permezz ta' servizzi tal-impjiegi u miżuri ta' taħriġ effettivi; programmi ta' impjieg imfassla tajjeb, immirati u marbuta maż-żmien, inċentivi għar-reklutaġġ u t-tranżizzjoni; sigurtà tal-introjtu adegwata b'approċċ ta' inklużjoni attiva; u l-promozzjoni tal-intraprenditorija, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

- Jippromwovu l-mobbiltà intra-UE u jikkunsidraw li jattiraw ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi, filwaqt li jiżguraw ir-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u soċjali u jmexxu l-migrazzjoni legali lejn impjiegi li qed jesperjenzaw nuqqasijiet, b'komplementarjetà sħiħa għall-użu tat-talenti minn ġewwa l-Unjoni.

- Jadattaw ir-regolamenti tas-suq tax-xogħol u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji biex inaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-differenza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u jrawmu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, inkluż tnaqqis possibbli tal-porzjon tat-taxxa, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'pagi baxxi mingħajr ma jfixklu t-tranżizzjoni lejn impjiegi b'pagi ogħla u bidla 'l bogħod minn tassazzjoni tax-xogħol għal taxxi ambjentali.

- Jiżguraw ambjenti tax-xogħol ħielsa mill-periklu, sikuri u adattati sewwa.

- Jippromwovu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, flimkien mal-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' politika rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, inkluż b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza tal-Istati Membri u fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- Itejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ – inkluż permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inklużivi u ta' kwalità u edukazzjoni terzjarja; appoġġ immirat għas-servizzi tal-impjiegi (li jinkludi mentoraġġ, gwida u konsulenza); u apprendistati u traineeships ta' kwalità, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

- Jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, itejbu l-integrazzjoni tal-ġeneri u jsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa u ta' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, billi jrawmu opportunitajiet indaqs u progressjoni tal-karriera, jiżguraw it-trasparenza fl-istrutturi tal-pagi, u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, tal-familja u tal-ħajja privata – inkluż permezz tal-aċċess għal kura ta' kwalità affordabbli (edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, u kura fit-tul), u liv relatat mal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għal persuni oħrajn li jindukraw b'mod informali, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura.
- Irawmu opportunitajiet indaqs għat-tfal biex jindirizzaw il-livelli għoljin ta' faqar fost it-tfal u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi nazzjonali u tal-UE. Iħaffu l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, inkluż billi jipprovdu edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba u jtejbu l-eżiti tal-apprendiment billi jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola u n-nuqqas ta' għalliema. Jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal minn gruppi żvantaġġati u żoni remoti u jippromwovu t-taħriġ fil-livelli kollha ta' kwalifiki.
- Jagħtu spinta lill-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-adulti ta' kull età u jkabbru l-ammont ta' talent diġitali fis-suq tax-xogħol billi jiżviluppaw ekosistemi diġitali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ appoġġati minn fatturi abilitanti ewlenin bħall-konnettività b'veloċità għolja għall-iskejjel, u tagħmir u taħriġ tal-għalliema; u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-diġitalizzazzjoni b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali.
- Jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli għal kulħadd, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali; itejbu l-protezzjoni ta' dawk li ma humiex koperti biżżejjed, bħall-ħaddiema f'forom ta' impjieg mhux standard, inkluż ix-xogħol fuq il-pjattaformi, u dawk li jaħdmu għal rashom; itejbu l-adegwatezza tal-benefiċċji, it-trasferibbiltà tad-drittijiet u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; u jappoġġaw b'mod effettiv l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.
- Jiżviluppaw u jsaħħu skemi ta' introjtu minimu li jipprovdu appoġġ adegwat u jsegwu approċċ ta' inklużjoni attiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva; u jrawmu l-aċċess għal servizzi essenzjali, inkluża l-enerġija, speċjalment għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli.

- Jivvalutaw l-impatti distribuzzjonali tar-riformi u tal-investimenti fuq l-introjtu ta' diversi gruppi fil-popolazzjoni kollha, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri.

- Jipprovdu lit-tfal kollha f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali aċċess liberu u effettiv għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola; kif ukoll aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata; f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali relatati.

- Jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala l-aktar forma estrema ta' faqar; jippromwovu r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni residenzjali u soċjali u s-servizzi soċjali integrati; jappoġġaw l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u affordabbli, akkomodazzjoni soċjali jew assistenza għall-akkomodazzjoni, fejn xieraq.

- Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u s-servizzi tal-kura primarja, kif ukoll il-kapaċità tas-saħħa pubblika, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u s-saħħa elettronika; inaqqsu l-pagamenti mill-but, fejn rilevanti; itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa; u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa.

- Isaħħu l-provvista ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità, affordabbli u sostenibbli, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura.

- Jiżguraw sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u sostenibbli li jippermettu introjtu adegwat fix-xjuħija u ġustizzja interġenerazzjonali.

Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-FSE+, il-FEŻR, il-JTF, it-TSI u l-RRF għal investimenti u riformi eliġibbli, jappoġġa lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni politika f'dawn l-oqsma.

# KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PROGRESS FIL-MIRI GĦALL-2030 U SEJBIET ORIZZONTALI EWLENIN DWAR IL-KONVERĠENZA SOĊJALI

## 1.1 Xejriet ewlenin tas-suq tax-xogħol

**Fl-isfond tar-rikorrenza ta' wara l-COVID, it-tkabbir fl-impjiegi fl-UE baqa' sod fl-2023, għalkemm b'differenzi sinifikanti bejn is-setturi.** Fit-tieni trimestru tal-2023, l-għadd totali ta' persuni f'impjieg laħaq 216,1-il miljun, li huwa 6,2 miljuni ogħla mill-ogħla livell tar-raba' trimestru tal-2019[42]. Fl-istess trimestru, ir-rata ta' impjieg (20-64) kienet ta' 75,4 %, jiġifieri 2,5 pps ogħla mill-ogħla livelli ta' qabel il-pandemija (tar-raba' trimestru tal-2019). Fuq bażi annwali, ir-rata ta' impjieg kienet ta' 74,6 % fl-2022 (1,9 pps ogħla mill-valur tal-2019). Dawn l-iżviluppi pożittivi fuq l-impjiegi kienu akkumpanjati minn rata ta' attività miżjuda (15-64) li laħqet 74,5 % fl-2022, u rata ta' qgħad (15-74) li naqset għal 6,2 % fl-istess sena. Madankollu, ġew osservati differenzi bejn is-setturi f'termini ta' tkabbir fl-impjiegi. Il-kriżi tal-enerġija naqqset it-tkabbir fl-impjiegi f'setturi intensivi ħafna fl-enerġija[43]. Għall-kuntrarju, is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ra l-ogħla tkabbir fl-impjiegi, b'żieda ta' 16,9 % bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2023, fejn żdiedu aktar minn miljun impjieg. L-impjiegi fis-settur tal-kostruzzjoni żdiedu b'6,6 %, filwaqt li fis-settur tal-manifattura intensiv fl-enerġija għadhom ma rkuprawx għal-livelli ta' qabel il-kriżi. L-impjiegi fl-agrikoltura naqsu b'4,3 %, f'konformità max-xejra fit-tul tagħha. B'mod ġenerali, it-tkabbir fl-impjiegi huwa mbassar għal 1 % fl-2023 u 0,4 % kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025, rispettivament[44].

42 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [namq_10_a10_e], [lfsi_emp_q], [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a].

43 Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

44 Il-Kummissjoni Ewropea, European Economic Forecast, Autumn 2023, Dokument Istituzzjonali 258, 2023.

**Is-sigħat totali maħduma u l-assenzi mix-xogħol qed jerġgħu lura għax-xejriet fit-tul tagħhom.** L-għadd ta' sigħat maħduma fl-UE rkupra b'mod kostanti mill-aktar valur baxx tiegħu ta' 72,6 biljun fit-tieni trimestru tal-2020 għal 86,7 biljun fit-tieni trimestru tal-2023[45]. Fl-isfond ta' impjieg ogħla, l-għadd ta' sigħat maħduma għal kull ħaddiem qed jerġa' lura għax-xejra tiegħu ta' tnaqqis fit-tul (ara t-taqsima 2.1.1). L-assenzi trimestrali reġgħu wkoll lura għal-livelli medji fit-tul tagħhom, b'9,5 % tal-impjegati assenti mix-xogħol fit-tieni trimestru tal-2023. Il-ħeffa ta' dawn l-aġġustamenti mill-ġdid tenfasizza r-rwol importanti li kellhom il-miżuri tas-suq tax-xogħol nazzjonali u fl-UE kollha fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, li jippermettu lid-ditti jżommu l-kapital uman u jgħinu lil dawk li jaħdmu għal rashom jerġgħu jibdew gradwalment l-attivitajiet tagħhom wara t-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment (ara t-Taqsima 2.1). L-aħħar rapport biannwali dwar l-implimentazzjoni ta' SURE jindika li tali strumenti tal-UE appoġġaw madwar 31,5 miljun persuna u 2,5 miljun ditta fl-ogħla livell tiegħu fl-2020[46].

**It-tkabbir fil-pagi nominali fl-UE kien sod fl-2022, filwaqt li l-pagi naqsu bħala medja f'termini reali.** Il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied fl-Istati Membri kollha, b'rata medja ta' tkabbir tal-UE ta' 4,8 %, meta mqabbla ma' madwar 1,9 % fil-perjodu ta' qabel il-pandemija 2013-19. Madankollu, dawn iż-żidiet nominali fil-biċċa l-kbira ġew megħluba mill-inflazzjoni, li rriżultaw fi tnaqqis sinifikanti fil-pagi reali ta' 3,7 % fl-2022, b'impatt fuq il-kapaċità tal-akkwist, speċjalment tal-ħaddiema b'paga baxxa, li għandhom it-tendenza li jonfqu proporzjon ogħla tal-introjtu tagħhom fuq oġġetti li huma soġġetti għal inflazzjoni għolja bħall-ikel (ara t-taqsima 2.1)[47]. Il-pagi nominali huma mistennija li jaċċelleraw fl-2023[48].

---

45 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [namq_10_a10_e], [lfsi_abt_q].

46 Il-Kummissjoni Ewropea, *Rapport dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 SURE wara l-estinzjoni tiegħu: l-aħħar rapport biannwali* (COM(2023) 291 final).

47 Eurofound, *Minimum wages in 2023: Annual review, Minimum wages in the EU series*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023 u l-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2023*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

48 Kummissjoni Ewropea, *Tbassir Ekonomiku Ewropew, Ħarifa 2023*, Dokument Istituzzjonali 258, Novembru 2023.

**In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet għadu għoli fis-setturi u fil-livelli ta' ħiliet.** Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti fl-industrija, fil-kostruzzjoni u fis-servizzi bdiet tonqos bil-mod ħafna mill-ogħla livell ta' ħin tagħha ta' 3 % fl-UE fit-tieni trimestru tal-2022, għal 2,7 % fit-tieni trimestru tal-2023, parzjalment minħabba t-tnaqqis fl-attività ekonomika. Madankollu, għadha ferm ogħla mill-medja ta' qabel il-pandemija ta' 1,7 % għall-perjodu 2013-19. In-nuqqasijiet huma partikolarment sinifikanti f'setturi bħall-kura tas-saħħa, il-kostruzzjoni, kif ukoll fl-iSTEM (u b'mod partikolari l-ICT) u f'impjiegi oħrajn ta' servizzi (ara t-Taqsimiet 2.1 u 2.2)[49]. 'Il quddiem, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet jista' jkun mistenni li jiġi affettwat minn bidliet fil-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, relatati wkoll mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u t-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol[50].

**Filwaqt li r-rati tal-impjieg żdiedu kemm għan-nisa kif ukoll għaż-żgħażagħ u għall-persuni akbar fl-età, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha konsiderevoli, l-istess bħas-sehem ta' żgħażagħ la fl-impjieg, u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ (NEETs).** Ir-rata ta' attività (15-64) tan-nisa kompliet ix-xejra 'l fuq fit-tul kostanti tagħha (+10 pps matul l-aħħar żewġ deċennji), filwaqt li laħqet 70,3 % fit-tieni trimestru tal-2023 u naqqset gradwalment id-differenza fir-rati ta' attività bejn l-irġiel u n-nisa għal 9,5 pps[51]. Fl-istess ħin, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (20-64) żdiedet għal 69,3 % fl-2022, aktar minn 2 pps ogħla mill-valur tagħha fl-2019 (ara l-Illustrazzjoni 1.1.1). Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha sinifikanti fl-UE, għal 10,3 pps fit-tieni trimestru tal-2023 (ara t-Taqsima 2.2). Fir-rigward taż-żgħażagħ, ir-rata ta' impjieg tagħhom (15-24) laħqet 34,7 % fl-2022, fejn qabżet ukoll il-livell tagħha ta' qabel il-pandemija (ta' 33,5 % fl-2019) (ara l-Illustrazzjoni 1.1.1). Madankollu, minkejja titjib sinifikanti kontinwu, mit-tieni trimestru tal-2023, 11,1 % taż-żgħażagħ (15-29) kienu NEET, li jikkorrespondu għal madwar 8 miljuni. Min-naħa l-oħra, l-impjieg tal-persuni akbar fl-età (55-64) żdied bi 3,7 % fl-2022, fejn laħaq 62,3 % (ara l-Illustrazzjoni 1.1.1). Ġie rreġistrat tkabbir qawwi fir-rata ta' attività tal-persuni akbar fl-età, li qabżet dik tal-gruppi ta' etajiet l-oħrajn kollha matul l-aħħar żewġ deċennji (ara t-Taqsima 2.2)[52].

---

49 L-Eurostat [ei_lmjv_q_r2]

50 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

51 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [lfsq_argan], [lfsi_emp_q], [lfsi_neet_q], [lfsi_emp_a].

52 *Drivers of rising labour force participation – the role of pension reforms*, il-Bulletin Ekonomiku tal-BĊE, 5/2020.

**Filwaqt li l-impjiegi żdiedu għal-livelli kollha ta' ħiliet fl-2022, id-distakk bejn dawk b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet għadu wiesa' fl-UE.** Ir-rata ta' impjieg tal-persuni li għandhom bejn 25 u 64 sena qabżet l-ogħla livelli ta' qabel il-pandemija fl-2022, għal-livelli edukattivi kollha[53]. Madankollu, bi tkabbir annwali fl-impjiegi ta' 2,8 %, il-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet raw l-aktar żieda qawwija fl-2022, u laħqu rata ta' 87,4 % (minn 86,2 % fl-2019; ara l-Illustrazzjoni 1.1.1). It-tkabbir fl-impjiegi kien ferm aktar baxx għal dawk b'livell baxx u medju ta' ħiliet, ta' 1,6 % u 1 %, u laħaq rati ta' impjieg ta' 57,6 % u 77,4 % rispettivament fl-2022. B'mod ġenerali, id-differenza bejn ir-rati ta' impjieg ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet baqgħet għolja għal 29,8 pps fl-2022 (ara t-taqsima 2.2).

**Illustrazzjoni 1.1.1: L-impjiegi komplew jikbru, b'dinamika aktar b'saħħitha fost iż-żgħażagħ, in-nisa u dawk b'livell għoli ta' ħiliet, iżda d-differenzi bejn il-gruppi għadhom konsiderevoli**

Ir-rati ta' impjieg fl-EU-27 skont il-ġeneru, il-grupp ta' età, il-livell edukattiv u l-post tat-twelid (%)




- 

*Nota*: Data aġġustata staġjonalment, mhux aġġustata kalendarjament.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [lfsa_ergaed], [lfsa_egaed].

[53] Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [lfsa_ergaed], [lfsq_ergaed].

**Minkejja t-titjib, in-nies li twieldu barra mill-UE għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol meta mqabbla ma' dawk li twieldu fl-UE.** Ir-rata ta' impjieg (20-64) ta' persuni li twieldu barra mill-UE reġgħet żdiedet għal 65,9 % fl-2022 (minħabba żieda ta' 10,3 % fl-impjiegi fl-2022), għalkemm għadha 9,8 pps taħt dik ta' dawk li twieldu fl-UE[54]. Ir-rata ta' qgħad tagħhom (15-74) naqset b'mod sinifikanti matul l-aħħar deċennju, fejn laħqet 11,4 % fl-2022. L-ostakli li jiffaċċjaw fir-rigward tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' kwalifiki formali u ostakli lingwistiċi[55]. Dan tal-aħħar kien l-akbar ostaklu wkoll fil-każ speċifiku ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna[56]. Minn madwar 4,2 miljuni li bħalissa huma rreġistrati fl-UE skont id-Direttiva dwar il-protezzjoni temporanja sa Awwissu 2023, madwar 60 % kienu fl-età tax-xogħol (18-64) u madwar 33 % minnhom huma stmati li sabu impjieg sa issa[57].

## 1.2 Xejriet soċjali ewlenin

**Wara tnaqqis fl-2022, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) żdied fil-livell tal-UE fl-ewwel trimestru u fit-tieni trimestru tal-2023.** Filwaqt li l-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi żdied l-aktar fl-UE bejn l-2020 u l-2021, it-tkabbir tagħhom tnaqqas bejn it-tieni trimestru tal-2021 u t-tieni trimestru tal-2022 bit-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-COVID-19. Il-GDHI naqas fit-tielet trimestru u fir-raba' trimestru tal-2022, l-aktar minħabba l-impatt negattiv tal-inflazzjoni fuq il-pagi reali. L-istabbilizzazzjoni gradwali tal-pagi u t-trasferimenti soċjali ssarrfet f'żieda żgħira fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi fl-ewwel trimestru u fit-tieni trimestru tal-2023, li rat ukoll kontribuzzjoni pożittiva mit-taxxi. Dawn iż-żidiet medji fl-introjtu reali jaħbu differenzi konsiderevoli fil-livelli ta' introjtu, b'impatt ogħla mill-medja ta' inflazzjoni (ewlenija) li għadha għolja fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u xi unitajiet domestiċi b'introjtu medju li jiddedikaw ishma ogħla mill-basktijiet tal-infiq tagħhom għall-ikel.

---

54 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [lfsa_ergacob], [lfsa_argacob], [lfsa_urgacob].
55 L-Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, Modulu 2021.
56 Eurofound, *Barriers to employment of displaced Ukrainians*, 2023.
57 Il-Kummissjoni Ewropea, European Economic Economic Forecast, Autumn 2023, Dokument Istituzzjonali 258, Novembru 2023.

**Illustrazzjoni 1.2.1: Tkabbir fl-introjtu reali aggregat tal-unitajiet domestiċi**

Tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) u l-komponenti ewlenin tiegħu u t-tkabbir tal-PDG reali, (rati ta' tkabbir trimestrali sena wara sena tal-UE-27)




*Noti*: Kalkoli tad-DĠ EMPL. Il-GDHI nominali ġie ddeflatat bl-użu tal-indiċi tal-prezz tan-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. It-tkabbir reali tal-GDHI għall-UE huwa stmat bħala medja ponderata tal-valuri tal-Istati Membri għal dawk b'data trimestrali disponibbli bbażata fuq l-ESA2010 (b'mod ġenerali 95 % tal-GDHI tal-UE).
*Sors*: l-Eurostat, Kontijiet Nazzjonali [nasq_10_nf_tr] u [namq_10_gdp]. Mhux aġġustat skont l-istaġun.

**L-inugwaljanza fl-introjtu naqset fl-UE minkejja l-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll l-għoli tal-ħajja.** Fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), il-proporzjon tas-sehem kwintil tal-introjtu (S80/S20) naqas għal 4.74, minn 4.99 fl-2021 (abbażi tal-introjtu tal-2020), u huwa mistenni li jibqa' stabbli s-sena d-dieħla (abbażi tal-introjtu tal-2022)[58]. Dan huwa riżultat tar-reazzjonijiet ta' politika deċiżivi meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati u evitati l-konsegwenzi soċjali negattivi tal-pandemija, kif ukoll aktar tard sabiex l-introjtu jiġi protett miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u minn pressjonijiet inflazzjonarji usa' li segwew. Bl-inflazzjoni jkollha impatt tipikament rigressiv fuq l-introjtu, minħabba li l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx jonfqu relattivament aktar fuq affarijiet essenzjali bħall-enerġija u l-ikel, il-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu u l-aġġustamenti fil-benefiċċji soċjali u t-taxxi fl-Istati Membri, meta mmirati lejn dawk vulnerabbli, ikkontribwew biex jipprevjenu l-inugwaljanzi fl-introjtu (kif ukoll ir-riskji tal-faqar) milli jiżdiedu.

58 L-Eurostat [tessi180] u Flash estimates experimental results li jirreferu għas-sena tal-introjtu 2022.

**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE baqa' ġeneralment stabbli.** Fl-2022, ir-rata tal-persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) kienet ta' 21,6 % fl-Unjoni (meta mqabbla ma' 21,7 % fl-2021 u 21,6 % fl-2020). Din l-istabbiltà wiesgħa fl-aħħar 3 snin ikkaratterizzata mill-pandemija, mill-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll mill-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-għoli tal-ħajja, tiġi wara tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali matul l-aħħar deċennju. Din l-istabbiltà reċenti hija notevoli meta mqabbla maż-żieda qawwija wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008-09[59]. Filwaqt li tirrifletti din l-istabbiltà ġenerali fl-AROPE, it-tliet subkomponenti tagħha wrew ukoll stabbiltà wiesgħa fil-livell aggregat għall-2022[60]. Ir-rata tal-persuni fir-riskju ta' faqar (AROP) naqset b'0,3 pps, u kienet ta' 16,5 % (abbażi tal-introjtu tal-2021). Barra minn hekk, l-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjtu tal-2022 fl-UE jkomplu jindikaw l-istabbiltà ġenerali fir-rata tal-AROP. Għall-kuntrarju, is-sehem ta' persuni li jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali estrema żdied b'0,4 pps fl-2022, fejn kien ta' 6,7 %. Fl-aħħar nett, bħala konsegwenza tal-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqas b'0,7 pps għal 8,3 % fl-2022 (abbażi tal-attività tal-2021) (ara t-Taqsima 2.4).

**Is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bi ftit fl-UE fl-2022 u kien ogħla milli fil-popolazzjoni totali.** Fl-2022, is-sehem żdied b'0,3 pps għal 24,7 % (vs 21,6 % għall-popolazzjoni totali)[61]. Filwaqt li għadu taħt il-livell tiegħu tal-2015 (ta' 27,4 %), is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali rreġistra żidiet marġinali iżda kostanti fl-UE mill-2020. Ir-rata ta' riskju ta' faqar baqgħet ġeneralment stabbli (-0,2 pps) fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021) għal 19,3 %, filwaqt li s-sehem tat-tfal fi privazzjoni materjali u soċjali estrema żdied b'0,9 pps u laħaq 8,4 %. Fl-aħħar nett, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi-) mingħajr impjieg naqas b'0,7 pps, għal 7,6 % fl-2022 (abbażi tal-attività tal-2021).

---

59 L-Eurostat [ilc_pecs01]. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-evoluzzjonijiet fl-UE fuq medda ta' żmien itwal, inkluż għall-monitoraġġ tal-mira tal-UE għall-2030 dwar it-tnaqqis tal-faqar, l-Eurostat elabora serje mingħajr interruzzjoni biex jikkunsidra l-interruzzjoni maġġuri fid-data ta' DE fl-2020. Is-serje mingħajr interruzzjoni tinkludi l-valuri stmati għall-2019 għal DE u għall-EU-27 u tiġi ppubblikata separatament (ara l-link ta' hawn fuq).

60 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [tessi010], [tepsr_lm420], [tepsr_lm430].

61 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [tepsr_lm412], [tepsr_spi110], [tepsr_spi120], [tepsr_spi130].

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu reġa' beda x-xejra 'l isfel tiegħu wara żieda żgħira fl-2021, iżda għadu sfida.** Is-sehem ta' persuni f'impjieg waqt li jinsabu f'riskju ta' faqar fl-UE naqas b'0,4 pps għal 8,5 % fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), ftit inqas minn 10 snin ilu (8,9 % fl-2012)[62]. Gruppi speċifiċi ta' ħaddiema jibqgħu f'riskju aktar minn oħrajn. Dawn jinkludu speċjalment dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni (18,4 %), il-ħaddiema part-timers (13,5 %), il-persuni b'kuntratti temporanji (12,2 %), il-persuni li twieldu barra mill-UE (20 %) u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (24,3 %).

**Is-sehem ta' persuni akbar fl-età (65+) f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kompla x-xejra 'l fuq tiegħu mill-2015.** Dan is-sehem, li żdied b'0,7 pps mill-2021, kien ta' 20,2 % fl-UE fl-2022[63]. Filwaqt li hija stabbli għall-popolazzjoni totali, ir-rata ta' riskju ta' faqar (AROP) fost il-popolazzjoni akbar fl-età (b'referenza għall-introjtu tal-2021) żdiedet bi ftit, għal 17,3 % fl-2022. Minflok, is-sehem ta' persuni akbar fl-età fi privazzjoni materjali u soċjali estrema baqa' ġeneralment stabbli, ta' 5,5 % fl-2022.

**Il-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni għandhom it-tendenza li jkollhom riskji ferm ogħla ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni ġenerali.** Minkejja tnaqqis żgħir fl-2022, ir-rata tal-AROPE baqgħet għolja ħafna għall-persuni b'diżabbiltà (28,8 %) u għall-persuni li twieldu barra mill-UE (39,8 %), meta mqabbla mal-popolazzjoni totali (21,6 %)[64]. Ir-Rom għandhom ukoll it-tendenza li jesperjenzaw riskji ta' faqar ħafna ogħla[65] (ara t-taqsima 2.4).

---

62 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [tesov110], [ilc_iw04], [ilc_iw07], [ilc_iw05], [ilc_iw16], [ilc_iw15].

63 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [tepsr_lm411], [ilc_li02], [ilc_mdsd11].

64 Data tal-Eurostat użata f'dan il-paragrafu: [hlth_dpe010], [ilc_peps06n], [ilc_peps01n].

65 FRA Istħarriġ tal-2021 dwar ir-Rom.

## 1.3 Progress fil-miri nazzjonali u tal-UE ewlenin għall-2030

**Il-miri tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar qed jixprunaw l-azzjonijiet ta' politika fl-oqsma ta' politika rilevanti fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri.** It-tliet miri ewlenin tal-UE għall-2030 huma kif ġej: i) rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol; ii) rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti ta' mill-inqas 60 % kull sena; u iii) tnaqqis ta' mill-inqas 15-il miljun fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) meta mqabbel mal-2019, li minnhom mill-inqas 5 miljuni għandhom ikunu tfal[66]. Dawn il-miri ewlenin tal-UE tressqu mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2021, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru. L-Istati Membri laqgħuhom fis-Summit Soċjali ta' Porto f'Mejju 2021, kif għamel il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021[67]. Wara diskussjonijiet bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni u diskussjonijiet multilaterali fil-Kumitati għall-Impjiegi u l-Protezzjoni Soċjali, l-Istati Membri kollha ressqu l-miri nazzjonali tagħhom fit-tliet oqsma. Dawn ġew diskussi mill-Kunsill EPSCO f'Ġunju 2022 (ara l-Anness 1). Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru pprovda wkoll miri komplementari fil-livell tal-UE dwar it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, iż-żieda fil-forniment ta' edukazzjoni u kura formali bikrija tat-tfal, it-tnaqqis ta' żgħażagħ NEETs, iż-żieda fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew aktar miri nazzjonali komplementari f'dawn l-oqsma u/jew f'oħrajn addizzjonali, kif meqjus meħtieġ biex jiġi żgurat progress fit-tliet miri ewlenin minħabba l-kuntesti speċifiċi għall-pajjiż. Din it-taqsima timmonitorja l-progress li sar sa issa lejn it-tliet miri ewlenin u nazzjonali tal-UE sal-2030.

**It-tkabbir sod fl-impjiegi bħala medja matul l-aħħar sentejn poġġa lill-UE fit-triq it-tajba lejn il-mira ewlenija tagħha tar-rata tal-impjiegi sal-2030.** Wara li żdiedet għal 74,6 % fl-2022, ir-rata tal-impjieg tal-UE jkollha tiżdied bi 3,4 pps oħrajn sal-2030 sabiex tintlaħaq il-mira ta' 78 %. Dan jikkorrispondi għal tkabbir annwali medju fl-impjiegi ta' 0,5 %, li jqis ukoll il-projezzjonijiet demografiċi mill-Eurostat (ara l-Illustrazzjoni 1.3.1), u jitqabbel ma' rata ta' tkabbir annwali medja ta' 1,1 % irreġistrata matul il-perjodu ta' qabel il-COVID 2013-19. Anki wara li jitqies li rati ta' tkabbir aktar bil-mod jistgħu jibdew f'livelli ogħla tal-bidu, dan jissuġġerixxi li l-Unjoni tinsab fit-triq it-tajba lejn il-mira tagħha tar-rata ta' impjieg għall-2030.

---

66 Ara: Kummissjoni Ewropea, *Pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

67 Ara d-Dikjarazzjoni ta' Porto u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24-25 ta' Ġunju 2021, online.

**Sal-2022, l-Istati Membri kollha għamlu progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom dwar l-impjiegi, fl-isfond tal-irkupru ta' wara l-COVID u l-iżviluppi tajbin fis-suq tax-xogħol.** L-Illustrazzjoni 1.3.2 turi li għall-pajjiżi kollha tal-UE, ir-rata ta' impjieg tal-2022 kienet ogħla mil-livell tal-2020, li timplika progress lejn il-miri nazzjonali stabbiliti tagħhom[68]. Għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri huma meħtieġa aktar sforzi sal-2030 biex jitnaqqsu d-diskrepanzi li fadal għall-miri nazzjonali, kif muri fl-Illustrazzjoni 1.3.2. Għall-kuntrarju, għal ħames pajjiżi, ir-rata ta' impjieg milħuqa fl-2022 diġà hija ogħla mill-mira nazzjonali rispettiva għall-2030. Dawn huma l-Estonja (+0,6 pps meta mqabbla mal-mira nazzjonali tagħha), in-Netherlands (+0,4 pps), is-Slovakkja u l-Iżvezja (it-tnejn +0,2 pps) u d-Danimarka (+0,1 pps), filwaqt li l-Irlanda tinsab preċiżament fil-mira tagħha għall-2030. Dawn il-pajjiżi kollha ħlief is-Slovakkja diġà għandhom rati ta' impjieg ogħla, u f'xi każijiet (in-Netherlands, l-Iżvezja u l-Estonja) ferm ogħla (madwar 4 pps jew aktar) mill-mira fil-livell tal-UE ta' 78 % fl-2030. Fost il-pajjiżi l-oħrajn kollha li għalihom għad hemm diskrepanza fl-2022 lejn il-miri nazzjonali tagħhom għall-2030, l-Italja (bi 8,2 pps għall-mira tagħha għall-2030) timmira għall-akbar żieda, segwita mill-Belġju (8,1 pps), minn Spanja (6,5 pps) u mir-Rumanija (6,2 pps). B'mod ġenerali, fl-2022, il-maġġoranza tal-Istati Membri kisbu tkabbir fl-impjiegi li kien ogħla mir-rata medja rispettiva ta' qabel il-pandemija (matul il-perjodu 2013-19)[69]. Madankollu, għal disgħa minnhom (is-Slovakkja, il-Portugall, iċ-Ċekja, l-Ungerija, Malta, il-Kroazja, il-Polonja, is-Slovenja u l-Lussemburgu), it-tkabbir fl-impjiegi fl-2022 xorta għadu lura mit-tkabbir medju korrispondenti ta' qabel il-kriżi (ara l-Illustrazzjoni 1.3.3).

---

[68] F'Ottubru 2022, il-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi qabel fuq approċċ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri nazzjonali dwar l-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Din it-taqsima tħejjiet abbażi tal-metodoloġija miftiehma. Ara r-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023.

[69] Minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni, jinstab li l-maġġoranza tal-Istati Membri jeħtieġu tkabbir minimu annwali fl-impjiegi aktar baxx milli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Ara r-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi.

Barra minn hekk, għall-Italja, il-Belġju u Franza, it-tkabbir annwali minimu stmat fl-impjiegi meħtieġ biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tagħhom għall-2030 huwa ogħla mit-tkabbir korrispondenti ta' qabel il-kriżi[70]. F'għadd sinifikanti ta' Stati Membri, ir-rati ta' impjieg ta' dawk b'ħiliet baxxi għandhom l-akbar ambitu għal titjib, inkluż b'mod importanti permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, kif ukoll permezz ta' miżuri ta' edukazzjoni u taħriġ li jilqgħu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol[71]. Hemm ukoll biżżejjed lok għal titjib b'rabta mar-rata ta' impjieg tan-nisa anzjani (55-64) u taż-żgħażagħ (20-29) f'għadd ġmielu ta' Stati Membri.

**Illustrazzjoni 1.3.1: Ir-rata tal-impjiegi tal-UE żdiedet b'mod sinifikanti wara l-kriżi tal-COVID-19**

Ir-rata ta' impjieg fl-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE għall-2030 (persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, % tal-popolazzjoni)




•

*Nota:* Il-valuri għall-2023, l-2024 u l-2025 huma bbażati fuq il-previżjonijiet tat-tkabbir fl-impjiegi tal-Kummissjoni mill-Ħarifa tal-2023, kif ukoll fuq it-tkabbir ipproġettat tal-popolazzjoni u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol mill-projezzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat tal-2023.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a]; tbassir tat-tkabbir fl-impjiegi, Tbassir tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2023; Eurostat population projections, Europop 2023.

---

70 Għal xi Stati Membri, tali tkabbir minimu meħtieġ fl-impjiegi huwa negattiv, u dan jirrifletti tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u/jew il-fatt li l-miri nazzjonali tagħhom diġà ntlaħqu.

71 F'Diċembru 2022, il-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi qabel fuq approċċ metodoloġiku biex juri l-potenzjal ta' gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-progress lejn il-mira tal-impjiegi għall-2030. Din il-parti tar-rapport tirrifletti l-metodoloġija miftiehma. Ara r-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023.

**Illustrazzjoni 1.3.2: Ir-rati ta' impjieg żdiedu fl-Istati Membri fl-2022, u b'hekk immarkaw progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom**

Ir-rata ta' impjieg (fl-2020 u fl-2022, persuni ta' bejn 20 u 64 sena, % tal-popolazzjoni) u l-miri nazzjonali relatati għall-2030




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a] u tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 bħal fl-Anness 1.

**Illustrazzjoni 1.3.3: Fi kważi l-Istati Membri kollha, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2022 kien ogħla mill-bidla annwali minima meħtieġa biex tintlaħaq il-mira nazzjonali għall-2030**

It-tkabbir fl-impjiegi fl-2022 meta mqabbel mat-tkabbir annwali medju fl-impjiegi matul il-perjodu 2013-19 u t-tkabbir annwali minimu fl-impjiegi meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tar-rata nazzjonali tal-impjiegi għall-2030




*Sors:* Ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023.

**Il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar l-apprendiment għall-adulti tixpruna l-azzjoni politika lejn l-għoti tas-setgħa lill-ħaddiema u l-adattament tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu, anki fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja u n-nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-Unjoni**. Il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 titkejjel bħala r-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar 12-il xahar. Id-data dwar dan l-indikatur hija mistennija ssir disponibbli mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) kull sentejn mill-2023 'il quddiem[72]. Id-Data preċedenti bbażata fuq l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) uriet xejra dejjem tiżdied fir-rati ta' parteċipazzjoni fl-UE mill-2007 sal-2016 (l-aħħar punt ta' data disponibbli; ara l-Illustrazzjoni 1.3.4). Ser ikun meħtieġ li jinkiseb aktar progress sinifikanti fil-livell tal-UE biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet għall-2030, f'konformità mal-ambizzjoni meħtieġa sabiex l-Ewropa tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva, filwaqt li tirnexxi fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet kbar li ġejjin. L-Istati Membri jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom għall-2030 dwar l-apprendiment għall-adulti f'diversi livelli ta' ambizzjoni, f'konformità mal-ħtieġa li jikkontribwixxu għall-mira ewlenija tal-UE, filwaqt li jqisu pożizzjonijiet ta' bidu differenti (ara l-Illustrazzjoni 1.3.5). Id-diskussjonijiet dwar l-approċċ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-mira fuq it-tagħlim għall-adulti ser jibdew fil-Kumitat tal-Impjiegi malli ssir disponibbli d-data l-ġdida tal-LFS.

**Illustrazzjoni 1.3.4: Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet qed tiżdied fl-UE fil-passat u huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE għall-2030**

Ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar fl-UE-27 u l-mira ewlenija tal-UE sal-2030 (persuni ta' 25-64 sena, %)




*Sors*: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti.

[72] Il-valuri tal-indikaturi għall-2007, l-2011 u l-2016 inġabru permezz tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES). Mill-2023 'il quddiem (bil-valuri tal-indikaturi għall-2022), id-data hija mistennija li ssir disponibbli permezz tal-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS). Dan is-sors ġdid ta' data ser jippermetti li jiġi pprovdut livell għoli ta' konsistenza mal-indikaturi tas-suq tax-xogħol, kif ukoll data ta' frekwenza ogħla. Qed titwettaq analiżi bir-reqqa tad-data miż-żewġ sorsi ta' stħarriġ mill-Kummissjoni, inkluż mill-Eurostat sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet potenzjali u jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data.

**Grafika 1.3.5: Huma meħtieġa sforzi sostanzjali b'mod ġenerali fil-livell tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri nazzjonali stabbiliti għall-apprendiment għall-adulti**

Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar (2011 u 2016, 25-64 sena, %) u l-miri nazzjonali sal-2030 għall-Istati Membri




- *Nota:* Interruzzjoni fis-serje għal IE, LU u SE fl-2016.
- *Sors*: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti u t-tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

**Minkejja l-kuntest soċjoekonomiku ta' sfida matul l-aħħar 3 snin, l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli fl-UE, wara tnaqqis sinifikanti matul l-aħħar deċennju.** Fl-2022, l-għadd ġenerali ta' persuni AROPE naqas b'279 000 biss, u baqa' qrib il-valur bażi tiegħu tal-2019 (ara l-Illustrazzjoni 1.3.6). Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri rreġistraw xi progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom (u b'mod partikolari l-Greċja, il-Polonja u l-Kroazja, li kollha naqsu bi 11 %), diversi oħrajn (Franza, il-Ġermanja, Spanja, l-Awstrija, il-Finlandja, in-Netherlands, is-Slovakkja, l-Iżvezja, l-Irlanda, l-Estonja, id-Danimarka u l-Lussemburgu) imxew fid-direzzjoni opposta (ara l-Illustrazzjoni 1.3.7). Ċipru biss laħaq il-mira nazzjonali tiegħu fl-2022[73]. Fl-istess ħin, l-għadd ta' tfal AROPE żdied bi 899 000 fl-UE fl-2022, meta mqabbel mal-2019, bi żviluppi favorevoli fi 11 biss mill-21 Stat Membru li stabbilew tali mira komplementari relatata (jiġifieri fil-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u l-Iżvezja)[74]. Ser ikunu meħtieġa aktar sforzi sinifikanti u monitoraġġ kontinwu biex jiġi żgurat li l-miri stabbiliti fil-livell nazzjonali jintlaħqu sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE sal-2030.

---

[73] Rapport Annwali 2023 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

[74] Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja stabbilew mira għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal.

### Illustrazzjoni 1.3.6: Ir-rata tal-AROPE baqgħet ġeneralment stabbli matul l-aħħar ftit snin u talbet sforzi sabiex din tonqos biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030

Bidla fil-livell tal-AROPE tal-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE għall-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




*Nota:* Kalkoli bbażati fuq serje mingħajr interruzzjoni, b'valur stmat għall-2019 (ara n-nota 29 f'qiegħ il-paġna fit-taqsima 1.2).
*Sors*: l-Eurostat [ilc_pecs01].

### Grafika 1.3.7: Il-maġġoranza tal-Istati Membri wrew xi progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom, iżda huma meħtieġa aktar sforzi

Bidliet fil-livelli tal-AROPE matul is-snin 2019-2022 u l-miri nazzjonali għall-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje fl-2020 għal FR, IE, DK, LU, fl-2021 għal LU, fl-2022 għal FR u LU. DK u DE jesprimu l-miri nazzjonali tagħhom bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) bi 30 000 u 1,2 miljun, rispettivament. MT tesprimi l-mira nazzjonali tagħha bħala tnaqqis tar-rata tal-AROPE bi 3,1 pps. HU tesprimi l-mira nazzjonali tagħha bħala tnaqqis fir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali tal-familji bit-tfal għal 13 % u, b'hekk, tnaqqis fl-għadd ta' persuni AROPE b'292 000. DE tesprimi l-mira nazzjonali tagħha meta mqabbla mal-2020 bħala s-sena ta' referenza.
*Sors*: l-Eurostat [ilc_pecs01] u tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

## 1.4 Aġġornament dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

**It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tappoġġa l-monitoraġġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali ewlenin fl-Istati Membri u fl-Unjoni.** Il-verżjoni kurrenti tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ġiet proposta mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru ta' Marzu 2021, u sussegwentement ġiet diskussa mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). L-indikaturi ewlenin tagħha ġew approvati mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021. Hija l-għodda kwantitattiva ewlenija biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew (ara l-Anness 2 għad-dettalji tekniċi dwar l-indikaturi ewlenin tagħha)[75]. Bħala tali, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali hija wkoll il-bażi għall-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC sottostanti[76].

75 Data disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat fil-livell tal-Istati Membri u f'dak reġjonali. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, din l-informazzjoni reġjonali hija disponibbli għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u għall-indikaturi magħżula. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħalissa tkopri 18 mill-20 prinċipju tal-Pilastru, erbgħa aktar milli kienu koperti fil-verżjoni preċedenti, għalkemm bħalissa ma hemm l-ebda data reċenti għall-indikatur tal-apprendiment għall-adulti. Iż-żewġ prinċipji li għadhom ma humiex koperti huma 7 u 8, jiġifieri "Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji" u "Id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema", rispettivament. Hemm rekwiżiti stretti ta' kwalità għall-indikaturi ewlenin, li jeħtieġ ukoll li jkollhom interpretazzjoni normattiva ċara (għalkemm ma hemm l-ebda relazzjoni waħda għal waħda stretta bejn l-indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni u l-prinċipji tal-pilastru). Sa issa ma kienx possibbli li jinstabu tali indikaturi għal dawn iż-żewġ prinċipji, iżda l-Kummissjoni ser twettaq aktar ħidma.

76 Ara l-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC, ibbażati fuq ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

**L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jindikaw sfidi ewlenin fl-Istati Membri tal-UE fit-tliet oqsma ta' "opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol", "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" u "protezzjoni u inklużjoni soċjali".** L-indikaturi ewlenin bl-akbar għadd ta' Stati Membri li bħalissa jinsabu f'sitwazzjonijiet "kritiċi" jew dawk li "għandhom jiġu osservati" huma s-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar[77], u s-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (12-il Stat Membru għall-ewwel waħda, 11 għat-tieni tnejn, u 9 għall-aħħar waħda, rispettivament; ara t-Tabella 1.4.1). Filwaqt li l-għadd totali ta' "sitwazzjonijiet kritiċi" fl-indikaturi ewlenin huwa simili għas-sena li għaddiet, l-għadd totali ta' sitwazzjonijiet li "għandhom jiġu osservati" żdied b'mod sinifikanti fl-2022 (60 vs 49 fl-2021). Il-Kapitolu 3 jipprovdi l-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż, li għaliha t-taqsima li jmiss tipprovdi spjegazzjonijiet u sommarju tas-sejbiet orizzontali ewlenin.

[77] Filwaqt li fl-2022 hemm interruzzjoni fis-serje għal dan l-indikatur għal kważi l-Istati Membri kollha minħabba bidla metodoloġika (din ġiet implimentata qabel għal EE, FI u SE), il-valuri tal-indikaturi (mhux ippubblikati) ikkalkolati mill-Eurostat abbażi tal-metodoloġija l-antika b'mod ġenerali jrendu l-istess valutazzjoni ġenerali bħall-valuri ppubblikati.

## Tabella 1.4.1: Tabella ta' valutazzjoni soċjali: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi fl-Istati Membri skont l-indikatur ewlieni

| | | | Bl-aħjar prestazzjoni | Aħjar mill-medja | Tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati | Mal-medja | Dgħajfin iżda qed jitjiebu | Għandhom jiġu osservati | Sitwazzjonijiet kritiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Opportunitajiet indaqs** | **Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena)** | 2022 | HR, IE, LT, PL | BE, CY, CZ, LU, NL, PT | EL, SI | AT, FI, FR, LV, SE, SK | BG, IT | DK, EE, MT | DE, ES, HU, RO |
| | **Sehem ta' individwi b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena)** | 2021 | DK, FI, IE, NL | AT, ES, HR, LU, SE | | BE, CZ, EE, EL, FR, LV, MT, PT, SK | | CY, DE, HU, IT, LT, SI | BG, PL, RO |
| | **Żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-29 sena)** | 2022 | MT, SE | AT, DE, DK, IE, LU, PL, PT | NL, SI | BE, EE, FR, HU, LT, LV, SK | BG, IT | CZ, ES, FI, HR | CY, EL, RO |
| | **Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali)** | 2022 | EE, FI, LT, LV | DK, FR, LU, PT | SE | AT, BE, BG, DE, ES, HR, HU, NL, SI, SK | MT, RO | CY, IE, PL | CZ, EL, IT |
| | **Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20)** | 2022 | BE, CZ, SI, SK | DE, DK, FI, HU, IE, NL, PL, PT | | AT, CY, FR, HR, LU, MT | EL, ES, RO | EE, IT, SE | BG, LT, LV |
| **Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti** | **Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena)** | 2022 | CZ, EE, NL, SE | BG, DE, DK, HU, IE, LT, MT | | AT, CY, FI, FR, LU, LV, PL, PT, SI, SK | EL | BE | ES, HR, IT, RO |
| | **Rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)** | 2022 | CZ, DE, MT, PL | AT, BG, DK, HU, IE, NL, SI | | BE, CY, EE, FI, HR, LT, LU, LV, PT, RO, SK | EL, ES, IT | FR, SE | |
| | **Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)** | 2022 | DK | AT, CZ, DE, EE, HU, IE, LU, NL, PL | MT | BE, BG, CY, FI, FR, HR, LT, LV, PT, SE, SI | EL, ES, IT | RO | SK |
| | **Tkabbir fil-GDHI per capita (2008=100)** | 2022 | HU, MT, PL | HR | EE, LT | DE, DK, FI, FR, LU, LV, NL, PT, SE, SI, SK | AT | BE, CY, CZ | EL, ES, IT |
| **Protezzjoni u inklużjoni soċjali** | **Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali)** | 2022 | CZ, SI | AT, CY, DK, LU, NL, PL, PT, SK | FI | BE, DE, HR, HU, IE, MT | EL, ES | EE, FR, IT, LT, SE | BG, LV, RO |
| | **Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 0-17-il sena)** | 2022 | CZ, DK, FI, NL, SI | CY, EE, HR, HU, LU, PL | | AT, BE, DE, IE, LT, LV, MT, PT, SE | EL | FR, IT, SK | BG, ES, RO |
| | **Impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)** | 2022 | BE, DK, IE | AT, CZ, DE, FR, PL, SE | FI | CY, LT, LU, NL | LV, PT | BG, EE, ES, HU, IT, MT, SI, SK | EL, HR, RO |
| | **Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali)** | 2022 | DK, ES, IT, LU, PT | DE, FI, SI | | AT, CY, CZ, EL, FR, LV, NL, SK | | BG, EE, MT, PL, RO, SE | BE, HR, HU, IE, LT |
| | **Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)** | 2022 | CY, SK | EE, HR, IE, LT, MT, PT, SI | | AT, BE, CZ, ES, FI, IT, LV, NL, PL, RO, SE | EL | DE, HU | BG, DK, LU |
| | **Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-3 snin)** | 2022 | DK, FR, NL, SE | BE, EE, MT, PT, SI | ES, LU | EL, FI, IT, LV | | AT, BG, CY, DE, HR, IE, LT, PL | CZ, HU, RO, SK |
| | **Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+)** | 2022 | CY | AT, BE, BG, CZ, DE, ES, HR, LU, MT, NL, SI | | DK, FR, HU, IE, IT, LT, PL, PT, SE, SK | | RO | EE, EL, FI, LV |

*Nota*: aġġornament ta' Ottubru 2023. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tal-indikatur dwar is-sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew ogħla fl-2021, valur komparabbli għall-2019 ma huwiex disponibbli, għalhekk, l-analiżi ta' dan l-indikatur tiddependi biss, b'mod eċċezzjonali, fuq il-livelli tal-2021 (meta nassumu "l-ebda bidla" għall-Istati Membri kollha, kif ukoll il-medja tal-UE). Id-data tat-tkabbir tal-GDHI per capita ma hijiex disponibbli għall-Irlanda, il-Bulgarija u r-Rumanija. L-interruzzjonijiet fis-serje u marki oħrajn huma rrapportati fl-Annessi 3 u 4.

## 1.5 Sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż tqis is-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-iżviluppi soċjali f'kull Stat Membru biex jiġu identifikati riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq** li jeħtieġu aktar analiżi fit-tieni stadju. Wara diskussjonijiet fil-Kunsill EPSCO f'Ġunju 2023 dwar Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) u messaġġi ewlenin mill-EMCO u mill-SPC[78] abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma EMCO-SPC konġunt iddedikat minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023, din l-edizzjoni tal-2024 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) tinkorpora fokus aktar b'saħħtu fuq il-pajjiżi. L-analiżi speċifika għall-pajjiż issaħħaħ il-monitoraġġ tal-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali fis-Semestru Ewropew, f'konformità mal-Art. 148 tat-TFUE. Hija twettaq l-impenji li saru fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru u fis-Summit Soċjali ta' Porto f'termini ta' implimentazzjoni aktar b'saħħitha tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-karatteristiċi tal-SCF kif deskritti fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport sottostanti tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC[78] jipprevedu analiżi f'żewġ stadji sabiex jiġu vvalutati l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri. L-ewwel stadju huwa bbażat b'mod predominanti fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u jidentifika *riskji potenzjali* għall-konverġenza soċjali 'l fuq. Sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' *sfidi attwali* għall-konverġenza soċjali 'l fuq u l-fatturi ewlenin li jixprunaw l-isfidi, analiżi ulterjuri fit-tieni stadju ser tkun tiddependi fuq sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva, inkluż b'rabta mal-progress lejn il-miri nazzjonali għall-2030 (ara l-kaxxa metodoloġika fl-aħħar ta' din it-taqsima għal spjegazzjoni aktar dettaljata tal-metodoloġija). L-analiżi ulterjuri ser tiddeskrivi wkoll il-miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Din it-taqsima tippreżenta sommarju tas-sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż tal-SCF, li tindika liema pajjiżi għandhom jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju. Is-sejbiet ewlenin huma bbażati fuq l-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż ppreżentata fil-Kapitolu 3 tar-rapport.

---

78 Ara l-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC, ibbażati fuq ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

**B'mod ġenerali, il-qari tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż jindika prestazzjoni b'saħħitha fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, għalkemm ikkaratterizzata minn sfidi persistenti għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, kif ukoll għadd ta' riskji fl-oqsma tal-ħiliet u tal-politika soċjali li jistħoqqilhom aktar skrutinju.** L-applikazzjoni tal-metodoloġija tad-dawl tat-traffiku tal-JER għall-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tippermetti l-identifikazzjoni ta' sfidi ta' rilevanza partikolari għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ara t-Taqsima 1.4). L-aggregazzjoni tas-sinjali mill-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż, skont il-metodoloġija diskussa (ara l-kaxxa fl-aħħar ta' din it-taqsima), tippermetti evalwazzjoni ġenerali tar-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li qed jiffaċċjaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Sommarju orizzontali tas-sejbiet orizzontali ewlenin huwa ppreżentat hawn taħt (ara wkoll it-Tabella 1.4.1 u l-Illustrazzjoni 1.5.1):

- **L-Istati Membri li bdew b'sitwazzjoni ġenerali agħar tas-suq tax-xogħol f'termini ta' impjieg u qgħad, kif ukoll il-komponent fit-tul tiegħu, tjiebu b'mod aktar sostanzjali minn oħrajn fl-2022, li jissuġġerixxi proċess ta' konverġenza fuq dawn id-dimensjonijiet** (ara t-Taqsima 2.1.1, l-Illustrazzjonijiet 2.1.1 u 2.1.5). Madankollu, mhux il-gruppi kollha tal-popolazzjoni jmorru tajjeb bl-istess mod. Għadd kbir ta' sitwazzjonijiet "kritiċi" (ħomor) u li "għandhom jiġu osservati" (oranġjo) huma identifikati fl-Istati Membri (abbażi tal-metodoloġija tal-JER maqbula) b'rabta mad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (għal ħdax-il Stat Membru) u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (għal sitt Stati Membri), mingħajr l-ebda xejra evidenti ta' konverġenza 'l fuq (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.2.1, l-Illustrazzjonijiet 2.2.15 u 2.2.11, rispettivament), minkejja xejra pożittiva fil-livell tal-UE (ara l-Illustrazzjoni 1.5.1). Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' żgħażagħ NEETs turi titjib ġenerali u xejra ta' konverġenza fost il-pajjiżi tal-UE (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.2.1, l-Illustrazzjoni 2.2.9), għalkemm ir-rata li għadha għolja għadha kwistjoni ta' tħassib (seba' sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" huma rrapportati fl-Istati Membri għal dan l-indikatur). Fl-istess ħin, iż-żieda fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita waqfet fl-2022 għall-ewwel darba mill-2013, li tirrifletti l-effett ta' inflazzjoni għolja, li qabżet it-tkabbir fil-pagi f'ħafna pajjiżi, u dan irriżulta f'sitt Stati Membri f'sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" għal dan l-indikatur.

- **Minkejja l-iżviluppi pożittivi reċenti, għad hemm riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward tal-ħiliet, li jistgħu jaggravaw l-isfidi u l-inugwaljanzi tal-impjegabbiltà, sakemm l-azzjoni politika ma tiġix intensifikata b'mod sinifikanti.** Dan huwa saħansitra aktar urġenti fid-dawl tan-nuqqas konsiderevoli ta' ħiliet u ta' ħaddiema fl-Unjoni, li joħolqu ostakli għall-innovazzjoni u t-tkabbir, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qed jonqos fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, iżda għad hemm aktar lok għal titjib billi seba' Stati Membri għadhom f'sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" u l-konverġenza 'l fuq ma hijiex evidenti (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.2.1, l-Illustrazzjoni 2.2.2). It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ jibqa' essenzjali għall-bini ta' forza tax-xogħol li għandha l-ħiliet kollha meħtieġa biex tibqa' adattabbli u miftuħa għal aktar apprendiment tul iċ-ċiklu tal-ħajja, fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja u r-rilevanza għall-kompetittività u t-tkabbir, kif ukoll il-bidla demografika. Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa baxx, b'total ta' disa' Stati Membri li qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati". Bħalissa, ftit aktar minn nofs il-popolazzjoni adulta tal-UE għandha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, meta mqabbla ma' sehem ta' kważi 90 % tal-impjiegi li diġà jeħtiġuhom. Dan juri l-firxa sinifikanti tal-isfida li għandha tingħeleb mill-edukazzjoni bikrija sal-apprendiment tul il-ħajja sabiex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tal-UE tkun tista' tadatta għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Sadanittant, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri raw ukoll tnaqqis fis-sehem tat-tfal taħt it-3 snin li jipparteċipaw fl-indukrar formali tat-tfal, u d-differenzi bejn il-pajjiżi għadhom sinifikanti. Tnax-il Stat Membru għadhom qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" skont din id-dimensjoni, mingħajr l-ebda sinjal evidenti ta' konverġenza 'l fuq (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.2.1, l-Illustrazzjoni 2.2.12).

- **L-eżiti soċjali huma ġeneralment stabbli b'mod ġenerali, minkejja l-kriżijiet multipli ffaċċjati. Madankollu, is-sitwazzjoni soċjali għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib fid-dawl tal-għoli tal-ħajja u r-riskji relatati mal-konverġenza soċjali 'l fuq, inkluż f'termini ta' effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali.** Il-miżuri nazzjonali u tal-UE għall-protezzjoni tal-impjiegi u tal-introjtu kienu ġeneralment effettivi biex iżommu s-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) relattivament stabbli matul il-kriżi tal-COVID-19. Bl-istess mod, ġiet osservata stabbiltà ġenerali fost iż-żidiet reċenti fl-għoli tal-ħajja, bi tmien Stati Membri li għandhom rata ta' AROPE f'sitwazzjoni "kritika" jew li "għandha tiġi osservata" fl-2022, minkejja xi sinjali ta' konverġenza 'l fuq (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.4.1, Illustrazzjoni 2.4.2). Għall-kuntrarju, ma ġie osservat l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq għas-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, dimensjoni li skontha, sitt pajjiżi kienu f'sitwazzjoni "kritika" jew li "għandha tiġi osservata" fl-2022 (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.4.1, l-Illustrazzjoni 2.4.4), li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-prestazzjoni soċjoekonomika aktar fit-tul tal-Unjoni. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fit-tnaqqis tal-faqar naqas fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li wassal għal għadd għoli ħafna (ħdax) ta' sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", parzjalment minħabba t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali stabbiliti biex jiġu ffaċċjati l-konsegwenzi soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, il-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika żdiedu reċentement, b'ħames Stati Membri qed jiffaċċjaw sitwazzjoni "kritika" jew li "għandha tiġi osservata" fl-2022 għaż-żewġ indikaturi, u sinjali qawwija ta' diverġenza madwar il-pajjiżi tal-UE (ara l-evidenza mit-Taqsima 2.4.1, l-Illustrazzjonijiet 2.4.11 u 2.4.13, rispettivament).

**Seba' Stati Membri ġew identifikati fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport bħala li jeħtieġu analiżi aktar profonda tat-tieni stadju fid-dawl tal-isfidi indikati mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li jindikaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq skont il-metodoloġija tal-SCF kif deskritta fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC u r-rapport[78] sottostanti tal-Grupp ta' Ħidma** (ara l-Kaxxa fl-aħħar ta' din it-taqsima). Dawn huma l-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija u Spanja. Għal dawn il-pajjiżi kollha, ġew identifikati riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq b'rabta mas-sitwazzjonijiet ta' sfida indikati fuq għadd relattivament kbir ta' oqsma ta' politika, filwaqt li, għal-Litwanja, id-deterjoramenti maż-żmien kellhom ukoll rwol ewlieni għal għadd iżgħar ta' oqsma ta' politika (u ġew ikkunsidrati wkoll f'din l-analiżi). Il-biċċa l-kbira tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq għall-pajjiżi msemmija hawn fuq jirriżultaw minn indikaturi bħas-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, u r-rata tal-AROPE, segwita mis-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, u r-rata tal-AROPE għat-tfal.

Għal dawn is-seba' Stati Membri ser titwettaq analiżi aktar profonda tat-tieni stadju mis-servizzi tal-Kummissjoni.

**Illustrazzjoni 1.5.1: Ħarsa ġenerali lejn l-impjiegi, il-ħiliet u x-xejriet u l-isfidi soċjali mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**

Il-medja tal-UE, ix-xejriet u d-distribuzzjoni tal-Istati Membri b'kategorizzazzjoni speċifika tal-JER fost kollox għal kull indikatur ewlieni, aggregati wkoll għat-tliet kapitoli tal-Pilastru

| Indikatur ewlieni | Sena | Medja tal-UE valur | xejra |
|---|---|---|---|
| **OPPORTUNITAJIET INDAQS** | | | |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | 2022 | 9.6 | |
| Sehem ta' individwi b' ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi | 2021 | 53.92 | |
| Rata taż-żgħażagħ NEET | 2022 | 11.7 | |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | 2022 | 10.7 | |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | 2022 | 4.7 | |
| **KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL ĠUSTI** | | | |
| Rata tal-impjieg | 2022 | 74.6 | |
| Rata tal-qgħad | 2022 | 6.2 | |
| Rata tal-qgħad fit-tul | 2022 | 2.4 | |
| Tkabbir tal-GDHI per capita | 2022 | 109.6 | |
| **PROTEZZJONI U INKLUŻJONI SOĊJALI** | | | |
| Rata tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | 2022 | 21.6 | |
| Rata tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal | 2022 | 24.7 | |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar | 2022 | 35.3 | |
| Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | 2022 | 21.4 | |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjonin | 2022 | 9.1 | |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | 2022 | 35.7 | |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika | 2022 | 2.2 | |

Noti: 1) Id-data għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha mhix disponibbli; 2) M'hemmx data għal ċerti pajjiżi f'ċerti indikaturi – ara n-Nota għat-Tabella 1.4.1. Id-didaskaliji għall-indikaturi kollha huma ppreżentati fl-Annessi.

- Sitwazzjonijiet kritiċi
- Għandhom jiġu mmonitorjati
- Dgħajfin iżda qed jitjiebu
- Mal-medja
- Tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati
- Aħjar mill-medja
- Bl-aħjar prestazzjoni

**Approċċ metodoloġiku għall-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali**

**L-analiżi tiddependi mill-għodod eżistenti li ġew żviluppati mal-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin, ibbażati b'mod partikolari fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-hekk imsejħa metodoloġija (tad-dawl tat-traffiku) tal-JER. Flimkien, dan iservi biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri[79].** L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż hija bbażata fuq is-sett sħiħ ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Kull wieħed mill-indikaturi jiġi skrutinizzat abbażi tal-metodoloġija tal-JER, li tiddetermina l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri. Din il-pożizzjoni relattiva hija espressa f'termini ta' devjazzjonijiet standard mill-medja kemm tal-livell assolut tal-valur indikatur, kif ukoll tal-bidla tiegħu meta mqabbla mas-sena ta' qabel (ara l-Anness 4 għal aktar dettalji tekniċi). Ir-riżultati jinġabru fil-qosor f'waħda mis-seba' kategoriji possibbli għal kull indikatur għall-pajjiż inkwistjoni ("bl-aħjar prestazzjoni", "aħjar mill-medja", "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", "mal-medja", "dgħajjef iżda qed jitjieb", "għandu jiġi osservat", "sitwazzjoni kritika"). Dan jikkorrispondi għall-iskala ta' kuluri, minn aħdar għal aħmar.

**Kull wieħed mill-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali huwa vvalutat bil-metodoloġija spjegata hawn fuq, sabiex jiġi identifikat jekk iwassalx għal riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq, u għalhekk jekk hijiex meħtieġa analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.** [79] Il-kwalifika "sitwazzjoni kritika" tirreferi għall-Istati Membri li għandhom punteġġ ferm agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u li fihom is-sitwazzjoni qed tiddeterjora jew mhux qed titjieb biżżejjed meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Sitwazzjoni hija mmarkata bħala li "għandha tiġi osservata" f'żewġ każijiet: a) meta l-Istat Membru jikseb punteġġ agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun qed tiddeterjora jew ma tkunx qed titjieb biżżejjed malajr u b) meta l-punteġġ f'termini ta' livelli jkun konformi mal-medja tal-UE, iżda s-sitwazzjoni tkun qed tiddeterjora ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE.

**Analiżi ulterjuri fit-tieni stadju titqies ġustifikata għall-Istati Membri li għalihom sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali qegħdin jidhru bħala ħomor ("sitwazzjoni kritika") jew oranġjo ("għandhom jiġu osservati").** Raġuni addizzjonali biex jitqies li s-sitwazzjoni teħtieġ aktar analiżi sseħħ meta indikatur li jidher bħala aħmar jew oranġjo jippreżenta żewġ deterjoramenti *konsekuttivi* fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu. Eżempju ta' dan huwa bidla minn "mal-medja" għal "dgħajjef iżda li qed jitjieb" fl-edizzjoni tal-JER tal-2023, segwita minn aktar deterjorament għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-2024. Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-livell limitu minimu ta' sitt marki b'mod ġenerali. Pereżempju, jekk f'sena partikolari *n* pajjiż ikollu ħames indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li jidhru bħala ħomor jew oranġjo, u wieħed minnhom jippreżenta sentejn konsekuttivi ta' deterjoramenti fis-snin *n* u *n-1*, il-pajjiż jitqies bħala li għandu sitt marki b'mod ġenerali f'dik is-sena *n* (ħames sinjali ħomor/oranġjo mill-indikaturi fis-sena partikolari +1 minnhom b'żewġ deterjoramenti konsekuttivi). B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri fit-tieni stadju. Kwalunkwe interruzzjoni fis-serje u kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-interpretazzjoni tad-data huma kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-għadd totali ta' marki lejn il-livell limitu.

**L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-evalwazzjoni tagħhom jiddependu fuq l-aktar data reċenti li hija disponibbli.** Meta d-data rilevanti għall-valutazzjoni tal-kategorizzazzjoni tal-JER tkun nieqsa għal pajjiż partikolari, il-kategorizzazzjoni korrispondenti tal-JER mill-edizzjoni preċedenti tal-JER (jekk disponibbli) tintuża biex timtela l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-indikatur ikollu valuri neqsin għall-aħħar edizzjoni tal-JER *u* għal dik preċedenti, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER ma jingħaddux lejn il-livell limitu indikattiv ta' sitt marki għall-analiżi tat-tieni stadju.

---

[79] Ara l-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC, ibbażati fuq ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

# KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

## 2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jipprevedu l-kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tax-xogħol, f'konformità mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) u 6 (pagi) tal-Pilastru. It-Taqsima 2.1.1 tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin fis-suq tax-xogħol, li jirriflettu wkoll l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-Taqsima 2.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq dawk immirati lejn il-preservazzjoni tal-impjiegi u l-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi.

### 2.1.1 Indikaturi ewlenin

**Is-suq tax-xogħol tal-UE baqa' reżiljenti fl-2022 minkejja l-inċertezza maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt tal-inflazzjoni għolja.** Fuq bażi annwali, ir-rata ta' impjieg għall-UE (il-grupp ta' dawk fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) tjiebet b'1,5 pps għal 74,6 % fl-2022 u, b'hekk, il-mira ewlenija tal-UE ta' mill-inqas 78 % tal-persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena fl-impjieg sal-2030 tkun tista' tintlaħaq bis-sħiħ. Ir-rata tal-impjieg żdiedet fl-Istati Membri kollha, u partikolarment b'mod qawwi fil-Greċja, fl-Irlanda, fl-Estonja, fil-Bulgarija, fis-Slovakkja u fl-Italja – ara l-Illustrazzjoni 2.1.1. Ġie rreġistrat titjib modest fil-Lussemburgu u fi Franza. Skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, l-Italja, ir-Rumanija, Spanja u l-Kroazja għadhom f'"sitwazzjonijiet kritiċi", fejn għadhom f'livelli relattivament baxxi taħt is-70 %, minkejja ż-żidiet fl-impjiegi madwar iż-żieda medja tal-UE jew xi ftit akbar minn dik (fi Spanja u fl-Italja). Is-sitwazzjoni fil-Belġju "għandha tiġi osservata", wara titjib taħt il-medja minn livell relattivament baxx. Min-naħa l-oħra, in-Netherlands, l-Iżvezja, l-Estonja u ċ-Ċekja huma "bl-aħjar prestazzjoni" (b'rati ogħla minn 80 % fl-2022). B'mod ġenerali, tista' tiġi osservata konverġenza tar-rati ta' impjieg fl-Istati Membri. Fuq bażi trimestrali, ir-rata tal-impjieg kompliet tiżdied fl-ewwel nofs tal-2023 u żdiedet b'0,6 pps minkejja t-tnaqqis fl-attività ekonomika fit-tieni nofs tas-sena preċedenti. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, jistgħu jiġu osservati differenzi reġjonali sinifikanti fir-rata tal-impjieg (ara l-Illustrazzjoni 5 fl-Anness 5).

**It-tkabbir fl-impjiegi kien ikkonċentrat fis-servizzi u fis-setturi tal-ekonomija li huma inqas intensivi fl-użu tal-enerġija.** Il-ħolqien tal-impjiegi kien partikolarment b'saħħtu f'dawk l-attivitajiet li kienu ġew affettwati b'mod negattiv mill-pandemija. It-tneħħija tar-restrizzjonijiet ikkawżat żieda fid-domanda u kkontribwiet għal tkabbir sod fl-impjiegi f'servizzi b'kuntatt intensiv, fejn l-impjieg tal-għadd ta' ħaddiema (abbażi tal-kontijiet nazzjonali) żdied b'1,9 % fl-2022 u qabeż il-livelli ta' qabel il-pandemija għall-ewwel darba[80]. Ġew irreġistrati wkoll żidiet qawwija fl-impjiegi fis-servizzi professjonali u tal-ICT. B'kuntrast ma' dan, il-ħolqien tal-impjiegi staġna fil-manifattura minħabba tfixkil fil-ktajjen tal-provvista globali matul l-irkupru u żidiet sussegwenti fil-kostijiet tal-enerġija wara l-invażjoni militari tar-Russja fl-Ukrajna. Ix-xokk tal-prezz tal-enerġija kkontribwixxa sabiex id-domanda għall-ħaddiema fl-industriji intensivi fl-enerġija tinżamm imrażżna, bl-impjiegi għadhom 3,5 % taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. Is-setturi b'intensità baxxa tal-enerġija pprovdew kontribut komparattivament akbar għat-tkabbir totali fl-impjiegi, bl-impjiegi f'tali setturi 7 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija[81].

80 Is-servizzi intensivi fil-kuntatt jirreferu għall-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, għat-trasport, għall-akkomodazzjoni u għas-servizzi tal-ikel kif ukoll għall-arti u għad-divertiment.

81 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2023*, 2023.

**Illustrazzjoni 2.1.1: Ir-rata tal-impjieg żdiedet fl-Istati Membri kollha fl-2022**

Ir-rata ta' impjieg (20-64 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE.

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tkabbir tal-impjiegi qabeż it-tkabbir tas-sigħat totali maħduma, li wassal għal tnaqqis fl-għadd medju ta' sigħat maħduma għal kull impjegat meta mqabbel mal-2019.** L-impjiegi rkupraw malajr wara l-pandemija u fit-tieni trimestru tal-2023 kienu ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija fl-Istati Membri kollha ħlief fil-Latvja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fil-Bulgarija, b'6,4 miljun ħaddiem addizzjonali fl-UE kollha kemm hi – ara l-Illustrazzjoni 2.1.2. Wara t-tnaqqis kbir matul il-pandemija minħabba l-użu mifrux tal-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi, l-għadd totali ta' sigħat maħduma wkoll kellu effett ta' rikorrenza, għalkemm b'mod inqas qawwi mill-impjiegi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fit-tieni trimestru tal-2023, kien għadu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija fil-Ġermanja, il-Portugall, l-Awstrija, il-Latvja, is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Bulgarija, l-Ungerija u r-Rumanija. It-tkabbir imrażżan fis-sigħat totali maħduma meta mqabbel mal-impjiegi jimplika li l-għadd medju ta' sigħat maħduma għal kull ħaddiem naqas bħala medja meta mqabbel mal-2019, u reġa' lura għal xejra 'l isfel li ilha għaddejja. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment mit-tkabbir aktar b'saħħtu fl-impjiegi fis-servizzi u fis-setturi kkaratterizzati minn għadd aktar baxx ta' sigħat maħduma għal kull ħaddiem mill-medja. Dan jista' jirrifletti wkoll l-effett tal-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni wara l-pandemija. Barra minn hekk, l-hekk imsejjaħ "żamma preventiva tal-ħaddiema" seta' kellu rwol: meta jiffaċċjaw skarsezza kontinwa fis-suq tax-xogħol u nuqqas ta' ħiliet, il-kumpaniji ġeneralment ikollhom inċentivi aktar b'saħħithom biex iżommu l-persunal eżistenti, filwaqt li jnaqqsu temporanjament is-sigħat tax-xogħol[82].

**Illustrazzjoni 2.1.2 Is-sigħat maħduma għal kull ħaddiem kienu qed jonqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Bidla fl-impjiegi totali u fl-għadd ta' sigħat maħduma bejn ir-raba' trimestru tal-2019 u t-tieni trimestru tal-2023 (%)




*Nota*: Data aġġustata staġjonalment u kalendarjament. Id-data dwar l-impjiegi totali aġġustata staġjonalment biss għal CZ, EL, FR, MT, PL, PT. Id-data dwar is-sigħat maħduma aġġustata staġjonalment biss għal MT u ma hijiex disponibbli għal BE.
*Sors*: l-Eurostat [namq_10_a10_e], kontijiet nazzjonali.

82 See Arce et al., *More jobs but fewer working hours*, Blogg tal-BĊE, Ġunju 2023

**L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar qed jitqiesu dejjem aktar bħala għodda ta' politika effettiva biex jiġu ttrattati d-disturbi esterni fl-ekonomija ta' natura temporanja.** Ix-xogħol b'ħinijiet iqsar imfassal tajjeb u skemi simili għaż-żamma tal-impjiegi wrew li huma effettivi fil-preservazzjoni tal-impjiegi u tal-introjtu matul il-kriżi tal-COVID-19. L-assistenza finanzjarja pprovduta fil-qafas tal-istrument Ewropew għal Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji tal-Qgħad f'Emerġenza (SURE) ipprovdiet ukoll inċentivi għall-Istati Membri biex isegwu politiki effettivi għaż-żamma tal-impjiegi billi jistabbilixxu skemi ġodda jew jestendu dawk eżistenti. Matul il-fażijiet bikrija tal-pandemija, l-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar laħaq livelli mingħajr preċedent[83]. Dan kien segwit minn tnaqqis qawwi fil-kuntest tal-irkupru fl-2021 meta tnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ekonomiċi. Għadd ta' Stati Membri, inklużi l-Belġju u l-Italja, reġgħu straħu fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex itaffu l-impatt ekonomiku tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u x-xokk li rriżulta fil-prezz tal-enerġija. Madankollu, l-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar baqa' pjuttost limitat, u ma wassalx għal żieda sostanzjali fil-livell aggregat – ara l-Illustrazzjoni 2.1.3.

**Illustrazzjoni 2.1.3: F'xi Stati Membri ġew introdotti mill-ġdid jew estiżi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex itaffu l-effetti taż-żidiet f'daqqa u qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija**

L-użu ta' skemi tax-xogħol b'ħinijiet iqsar relattiv għall-pandemija tal-COVID-19 (2020/04 = 100)




*Nota*: Kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq *data* amministrattiva ta' kull xahar (l-għadd ta' ħaddiema b'ħinijiet iqsar; għadd ta' sigħat għal IT) disponibbli għal ħames Stati Membri bi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li kienu jeżistu minn qabel. Data disponibbli għal FR biss għall-ewwel trimestru tal-2023.
*Sors*: Office national de l'emploi (ONEM), Statistik der Bundesagentur für Arbeit, Seguridad Social: Estadísticas, Ministère du Travail - Direction de l'Animation de la Recherche, des Études et des Statistiques (Dares), Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (INPS).

[83] Minn EUR 122 biljun tan-nefqa pubblika totali fuq il-miżuri eliġibbli matul id-durata kollha ta' SURE, 49 % intefqu fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, 31 % fuq "miżuri simili" għal dawk li jaħdmu għal rashom u 9 % fuq skemi ta' sussidju tal-pagi. Il-maġġoranza l-kbira tal-fondi ntefqu matul l-aktar fażi akuta tal-pandemija. Sors: SURE wara l-estinzjoni tiegħu – l-aħħar rapport biannwali; COM(2023) 291 final.

**L-impjieg indipendenti jkompli jsegwi xejra 'l isfel, b'xi differenzi bejn il-pajjiżi u s-setturi.** Is-sehem tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom fl-impjieg totali naqas minn 14,8 % fl-2010 għal 13,1 % fl-2022[84]. Matul dan il-perjodu, l-akbar tnaqqis fl-impjieg indipendenti ġie osservat fl-agrikoltura u fil-kummerċ, filwaqt li l-aktar żidiet sinifikanti ġew osservati fis-setturi pubbliċi u kważi pubbliċi (l-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u s-saħħa) u fl-ICT. L-istruttura tal-ħiliet ta' dawk li jaħdmu għal rashom inbidlet ukoll, bi 38 % minnhom għandhom edukazzjoni terzjarja fl-2022 meta mqabbla ma' 27 % biss fl-2010. Matul il-pandemija, is-sigħat medji tax-xogħol ta' dawk li jaħdmu għal rashom naqsu b'mod aktar qawwi minn dawk tal-impjegati (b'7 % meta mqabbla ma' 1,9 %), parzjalment minħabba r-rappreżentanza żejda tagħhom fis-setturi l-aktar milquta[85]. Il-persuni li jaħdmu għal rashom raw ukoll ir-rati ta' riskju ta' faqar tagħhom jiżdiedu aktar mill-impjegati bejn l-2019 u l-2021. Tali differenzi jistgħu wkoll jiġu attribwiti parzjalment għad-differenzi fil-kopertura tal-protezzjoni soċjali u l-livell aktar baxx ta' appoġġ għall-introjtu pprovdut lill-persuni li jaħdmu għal rashom[86]. Fl-2022, is-sehem ta' persuni li jaħdmu għal rashom fost il-ħaddiema kollha varja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri, fejn laħaq qrib jew ogħla minn 20 % fl-Italja u fil-Greċja u madwar 8 % fil-Ġermanja u fid-Danimarka. Il-ħaddiema awtonomi rrappreżentaw l-akbar sehem ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-UE (madwar 70 %) u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2022.

84 Dan il-paragrafu jiddependi fuq l-Eurostat [lfsa_egaps], [lfsa_esgan2], [lfsa_esgaed], l-LFS tal-UE.
85 Għax-xejriet reċenti fil-ħin tax-xogħol u l-fatturi determinanti tagħhom, ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2023*, 2023.
86 Eurofound, *Social protection for self-employed: Lessons from the pandemic*, 2024 (pubblikazzjoni pendenti).

**Id-domanda għall-ħaddiema baqgħet reżiljenti għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fi tmiem l-2022, u dan ikkontribwixxa għal issikkar persistenti tas-suq tax-xogħol.** Fl-aħħar tas-sena u minkejja tnaqqis ħafif, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti laħqet 2,8 %, li hija ferm ogħla mill-medja ta' qabel il-pandemija ta' 1,7 % għall-perjodu 2013-2019[87]. Fit-tieni trimestru tal-2023, madwar 34 % tad-ditti fis-servizzi, 31 % fil-kostruzzjoni u 26 % fil-manifattura raw in-nuqqas ta' ħaddiema bħala fattur li jillimita l-produzzjoni – ara l-Illustrazzjoni 2.1.4[88]. Fl-istess trimestru, ġew irrapportati nuqqasijiet fl-industrija qrib jew ogħla minn 50 % għall-Polonja, Malta, il-Kroazja u s-Slovenja. Fis-servizzi, in-nuqqasijiet irrapportati kienu l-ogħla f'Malta, fil-Polonja u fin-Netherlands. Filwaqt li hemm xi sinjali tentattivi ta' tnaqqis fl-issikkar tas-suq tax-xogħol, it-tranżizzjoni kontinwa lejn ekonomija diġitali u newtrali għall-karbonju hija mistennija li tkun akkumpanjata minn spariġġi fil-ħiliet u nuqqasijiet tagħhom fin-nuqqas ta' appoġġ politiku adegwat. In-nuqqasijiet ta' ħaddiema f'setturi li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika rdoppjaw mill-2015, filwaqt li l-għoti ta' taħriġ f'dawn is-setturi għadu taħt il-medja[89]. Politiki effettivi biex jgħinu lill-ħaddiema jiżviluppaw u jsaħħu l-ħiliet tagħhom rilevanti għas-suq tax-xogħol jibqgħu partikolarment importanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet u biex jappoġġaw tranżizzjoni doppja ġusta.

**Illustrazzjoni 2.1.4: In-nuqqas ta' ħaddiema rrapportat għadu sinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjegaturi li jirrapportaw li d-disponibbiltà ta' ħaddiema hija fattur li tillimita l-produzzjoni, imqassam skont il-valuri għas-servizzi (%, it-tieni trimestru tal-2023)




*Sors*: L-Istħarriġ Ewropew fost l-Impriżi u l-Konsumatur (BCS tal-UE, l-Eurostat).

[87] L-Eurostat [jvs_q_nace2]. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti hija l-għadd totali ta' postijiet tax-xogħol vakanti (jiġifieri, karigi mħallsin li għadhom kif inħolqu, li ma humiex okkupati, jew li waslu biex isiru vakanti) bħala perċentwal tal-postijiet tax-xogħol okkupati u vakanti.

[88] Għar-raba' trimestru tal-2022, dawn kienu 30,8 %, 32,7 % u 26 %, rispettivament, li jirreferu għas-sehem ta' negozji fl-UE li jindika li n-nuqqas ta' ħaddiema huwa fattur li jillimita l-produzzjoni tagħhom, kif imkejla mill-Istħarriġ Ewropew dwar in-Negozju u l-Konsumatur (EU-BCS).

[89] Dawn huma l-kostruzzjoni, l-enerġija, l-immaniġġjar tal-iskart, it-trasport u l-manifattura, kif ikklassifikati fil-qafas tan-NACE.

**Ir-rata tal-qgħad laħqet livelli baxxi rekord f'ħafna Stati Membri fl-2022.** Ir-rata medja tal-qgħad fl-UE (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) naqset għal 6,2 % (minn 7,1 % fl-2021), u laħqet l-aktar rata baxxa għas-snin li għalihom l-aggregat tal-UE huwa disponibbli. It-tnaqqis fil-qgħad kien akbar f'pajjiżi b'livelli ta' qgħad relattivament għoljin, u b'hekk irriżulta f'konverġenza fil-livelli tal-qgħad bejn l-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.1.5. Fl-2022, il-Greċja u Spanja rreġistraw l-akbar tnaqqis bi 2,2 pps u 1,9 pps rispettivament, filwaqt li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess fir-Rumanija u tjiebet sa ċertu punt fl-Ungerija, fil-Polonja u f'Malta (b'0,5 pps). Skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, is-sitwazzjoni fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja issa hija "dgħajfa iżda qed titjieb" bħala riżultat tal-prestazzjoni ogħla mill-medja tagħhom. Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" fi Franza u fl-Iżvezja minkejja titjib madwar jew ogħla mill-medja tal-UE minħabba l-livelli ta' qgħad relattivament għoljin tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, jistgħu jiġu osservati differenzi reġjonali sinifikanti fir-rata tal-qgħad (ara l-Illustrazzjoni 6 fl-Anness 5).

**Illustrazzjoni 2.1.5: Ir-rata tal-qgħad laħqet livelli baxxi rekord f'ħafna Stati Membri fl-2022**

Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
*Sors*: l-Eurostat [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**It-tranżizzjoni ekoloġika għandha potenzjal qawwi għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u ser twassal għal riallokazzjoni sinifikanti tal-ħaddiema minħabba impatt differenzjat bejn is-setturi u r-reġjuni.** Bl-appoġġ tal-politiki t-tajbin dwar l-impjiegi u t-taħriġ, il-politiki żero netti jistgħu joħolqu sa miljun impjieg addizzjonali fl-UE sal-2030, u jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi fis-setturi li x'aktarx ikunu qed juru żieda fid-domanda marbuta mal-ekoloġizzazzjoni, kif ukoll f'setturi oħrajn affettwati indirettament[90]. Fl-2020, l-impjiegi fis-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali laħqu 2,5 % tat-total fl-UE (meta mqabbla ma' 2,2 % fl-2015), għalkemm b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Inizjattivi ta' politika reċenti biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet emerġenti fl-industriji ekoloġiċi, bħall-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, jistgħu joħolqu domanda għal bejn 450 000 u 550 000 impjieg addizzjonali biex jiġu żviluppati, manifatturati u skjerati teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti[91]. Is-setturi li huma pproġettati li ser jesperjenzaw tkabbir fl-impjiegi jinkludu l-kostruzzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-elettriku, il-manifattura ta' oġġetti elettriċi, l-immaniġġjar tal-iskart u l-agrikoltura. Madankollu, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u investiment insuffiċjenti meta mqabbla mal-punt meħtieġ jistgħu jxekklu ż-żidiet fl-impjiegi. Politiki effettivi għall-promozzjoni tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, inċentivi għar-reklutaġġ, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u tranżizzjonijiet tax-xogħol huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' xogħol offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika (ara l-Kaxxa 2 tal-Pilastru dwar it-trawwim tal-ħiliet u l-kompetenzi għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika).

---

90 Ara l-Kummissjoni Ewropea,*Stepping up Europe's 2030 climate ambition Investing in a climate-neutral future for the benefit of our people*, SWD(2020) 176 final. Projezzjonijiet ibbażati fuq EQUEST bl-użu ta' xenarju ta' "tassazzjoni aktar baxxa ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet".

91 Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**It-tkabbir fil-pagi nominali beda jaċċellera fl-2022 fost inflazzjoni għolja u kundizzjonijiet stretti tas-suq tax-xogħol.** It-tkabbir fil-kumpens nominali għal kull impjegat laħaq l-4,8 % fl-UE fl-2022, li hu ferm ogħla mill-medja ta' madwar 1,9 % mill-2013 sal-2019. Dan żdied għal 5,5 % sena wara sena fl-ewwel trimestru tal-2023 – ara l-Illustrazzjoni 2.1.6. Dawn l-iżviluppi jirriflettu inflazzjoni għolja (li laħqet l-ogħla livell ta' 11,5 % sena wara sena f'Ottubru 2022) u kundizzjonijiet stretti kontinwi tas-suq tax-xogħol. Fit-tieni nofs tal-2022 u fil-bidu tal-2023, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw l-ogħla tkabbir nominali fil-pagi mis-sena 2000. Fit-tieni trimestru tal-2023, il-pagi nominali żdiedu b'aktar minn 10 % fuq bażi annwali fir-Rumanija, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Kroazja, iżda b'inqas minn 2 % f'Malta. It-tkabbir fil-pagi nominali huwa mistenni jkompli jaċċellera fl-2023, qabel ma jimmodera gradwalment fl-2024 u fl-2025[92], minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, billi l-inflazzjoni u n-nuqqas ta' ħaddiema għadhom għoljin, u l-pagi għandhom it-tendenza li jkollhom reazzjoni mdewma minħabba n-natura mifruxa tan-negozjati dwar il-pagi[93].

**Illustrazzjoni 2.1.6: Il-pagi nominali komplew jiżdiedu fl-2022 fost inflazzjoni għolja u ssikkar tas-suq tax-xogħol**

Kumpens nominali għal kull impjegat (bidla annwali f'%, 2021, 2022, it-tieni trimestru tal-2023)




*Nota*: (1) Il-pagi jitkejlu bl-indikatur "Kumpens nominali għal kull impjegat", li jiġi kkalkolat bħala kumpens totali lill-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens totali huwa ddefinit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus kontanti jew in natura, pagabbli minn impjegatur lil impjegat bħala kumpens għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perjodu bażi tal-kontijiet u għandu żewġ komponenti: i) Il-pagi u s-salarji pagabbli fi flus kontanti jew in natura; u ii) Kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli mill-impjegaturi. (2) Id-data kollha użata hija data tal-kontijiet nazzjonali. L-indikaturi huma bbażati fuq il-valuri tal-munita nazzjonali. (3) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni axxendenti tat-tkabbir fil-pagi nominali fl-2022.
*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data tal-AMECO, Kumpens nominali għal kull impjegat [hwcdw]. Għall-ewwel trimestru u t-tieni trimestru tal-2023: Kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat, Kumpens tal-impjegati [namq_10_gdp] u Impjieg totali (kunċett domestiku)namq_10_a10_e], Kontijiet Nazzjonali.

---

[92] Ara l-Kummissjoni Ewropea, *European Economic Forecast Autumn 2023*, Dokument Istituzzjonali 258, Novembru 2023.

[93] Il-ftehimiet dwar il-pagi huma mifruxa, fis-sens li n-negozjati mill-ġdid isiru fi żminijiet differenti, filwaqt li d-deċiżjonijiet relatati dwar il-pagi huma validi għal ċertu perjodu. Fl-UE, għall-maġġoranza tad-ditti, in-negozjati mill-ġdid tal-pagi jsiru biss darba fis-sena jew inqas ta' spiss. Ara Fabiani, S., Kwapil, C., Rõõm, T., Galuscak, K. u Lamo, A., *Wage rigidities and labor market adjustment in Europe*, Il-Ġurnal tal-Assoċjazzjoni Ekonomika Ewropea, Vol. 8, Nru. 2-3, pp. 497–505., 2010.

**It-tkabbir fil-pagi nnegozjati fiż-żona tal-euro aċċellera fl-2022 u kompla b'pass għoli rekord fl-ewwel nofs tal-2023.** Għall-kuntrarju tal-iżviluppi fil-kumpens għal kull impjegat, l-indikatur dwar il-pagi nnegozjati jaqbad l-eżitu tal-proċessi ta' negozjar kollettiv fiż-żona tal-euro u ma huwiex sensittiv għall-għadd ta' sigħat maħduma. F'xi setturi, dan jirrappreżenta paga minima. Il-pagi nnegozjati żdiedu b'4,3 % (fuq bażi annwali) fl-ewwel u fit-tieni trimestru tal-2023, ferm ogħla mir-rati ta' tkabbir osservati fit-trimestri preċedenti (bejn 2,6 % u 3,1 % matul l-2022)[94]. Dawn ir-rati kienu l-ogħla mill-2009, f'kuntest fejn saru sejħiet biex jiġi kkumpensat it-telf tal-kapaċità tal-akkwist fin-negozjati dwar il-pagi. F'ħafna ftehimiet reċenti dwar il-pagi, iż-żidiet permanenti fil-pagi kienu kkombinati ma' benefiċċji ta' somma f'daqqa u pagamenti ta' darba, li fil-biċċa l-kbira minnhom kienu ta' benefiċċju għall-ħaddiema b'paga baxxa.

**Minkejja ż-żidiet nominali, il-pagi reali naqsu kważi fl-Istati Membri kollha fl-2022 u b'medja ta' 3,7 % fl-UE, bit-tnaqqis ikompli fl-ewwel nofs tal-2023, għalkemm b'pass aktar bil-mod** (ara l-Illustrazzjoni 2.1.7). It-tkabbir nominali fil-pagi baqa' lura meta mqabbel mal-inflazzjoni, u wassal biex il-pagi reali jonqsu fl-Istati Membri kollha minbarra l-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja fl-2022. It-telf akbar (7 % jew aktar) kien osservat fl-Estonja, fil-Greċja, fin-Netherlands u fil-Latvja. Madankollu, minħabba tkabbir aktar b'saħħtu fil-pagi u inflazzjoni li qed timmodera, it-tnaqqis fil-pagi reali kien qed jonqos. Fit-tieni trimestru tal-2023, il-pagi reali kienu għadhom qed jonqsu bħala medja fl-UE (b'0,8 % sena wara sena), iżda żdiedu fi kważi nofs l-Istati Membri. L-irkupru gradwali tal-kapaċità tal-akkwist u l-mitigazzjoni ta' aktar telf huma essenzjali biex jitrażżnu l-effetti soċjali tal-għoli tal-ħajja, speċjalment fuq il-ħaddiema b'paga baxxa. L-iżviluppi fil-marġnijiet tal-profitt jissuġġerixxu lok potenzjali għal aktar żidiet fil-pagi f'xi setturi, filwaqt li jibqgħu viġilanti dwar l-effetti indiretti fuq l-inflazzjoni[95]. F'dan il-kuntest, negozjar kollettiv effettiv, f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, huwa kruċjali sabiex jinkiseb tkabbir ġenerali fil-pagi li jappoġġa l-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari tal-ħaddiema b'paga baxxa u medja, filwaqt li jitrawwem il-ħolqien tal-impjiegi u tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività.

---

94 L-indikatur tal-BĊE tal-pagi nnegozjati għaż-żona tal-euro huwa medja ponderata tar-rati ta' tkabbir nazzjonali sena wara sena tal-pagi miftiehma b'mod kollettiv għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. Sors: ECB Statistical Warehouse.

95 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2023*,, 2023.

**Illustrazzjoni 2.1.7: Il-pagi reali naqsu fl-2022 u komplew jonqsu, għalkemm b'rata ta' deċellerazzjoni**

Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat (bidla annwali f'%; 2021, 2022 u Q2-2023)




*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data ta' AMECO, Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat [hwwdw]; deflatur: Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur [zcpih]. Għat-tieni trimestru tal-2023: kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat, Pagi u salarji [namq_10_gdp], Total ta' impjiegi (kunċett domestiku) [namq_10_a10_e] u l-Indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur [prc_hicp_midx].

**Minn Jannar 2022 sa Lulju 2023, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'mod sinifikanti f'termini nominali, li kkumpensaw għall-impatt ta' inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga minima f'nofs l-Istati Membri li għandhom pagi minimi statutorji.** Bejn Jannar 2022 u Jannar 2023, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'aktar minn 5 % f'termini nominali fl-Istati Membri kollha fejn hemm fis-seħħ tali pagi u b'aktar minn 10 % fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-pajjiżi - ara l-Illustrazzjoni 2.1.8. Dan l-iżvilupp kien ir-riżultat kemm ta' żidiet sostanzjali matul l-2022 kif ukoll tal-aġġornamenti ta' Jannar 2023, f'kuntest fejn il-ħaddiema b'paga baxxa ġew affettwati b'mod partikolari mill-għoli tal-ħajja. Iż-żieda fl-2022 irriflettiet kemm l-aġġustamenti li jseħħu fuq bażi regolari (eż. in-Netherlands), inkluż ukoll l-indiċjar awtomatiku fejn tali mekkaniżmi huma fis-seħħ (eż. il-Belġju, Franza u l-Lussemburgu), kif ukoll aġġornamenti diskrezzjonali oħra (eż. il-Ġermanja u l-Greċja)[96]. Bejn Jannar 2022 u Lulju 2023, il-ħaddiema b'paga minima setgħu jibbenefikaw minn żidiet sostanzjali f'termini reali (bi 2 % jew aktar) biss fil-Ġermanja, il-Belġju, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Bulgarija. Fil-Polonja, ir-Rumanija, il-Latvja, Spanja u Franza, il-pagi minimi statutorji baqgħu ġeneralment kostanti f'termini reali, u għadhom jissalvagwardjaw il-kapaċità tal-akkwist. Madankollu, dawn naqsu b'aktar minn 3 % (f'termini reali) f'għaxar Stati Membri, inkluż b'aktar minn 10 % fiċ-Ċekja u l-Ungerija, u b'madwar 10 % fl-Estonja, Malta u s-Slovenja[97]. Barra minn hekk, f'diversi Stati Membri mingħajr paga minima statutorja, il-pagi minimi miftiehma b'mod kollettiv irreġistraw tkabbir baxx, li wassal għal telf konsiderevoli f'termini reali[98].

---

96 Għal aktar dettalji, ara l-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, *Labour Market and Wage Developments in Europe – Annual review 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

97 Billi r-rati nominali tipikament jiġu stabbiliti kull Jannar u ma jiġux riveduti matul is-sena fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-aġġornamenti seħħew biss fi ftit Stati Membri wara Jannar 2023.

98 Għal aktar dettalji, ara Eurofound, *Minimum wages in 2023: Annual review, Minimum wages in the EU series*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. 2023.

**Illustrazzjoni 2.1.8: L-aġġornamenti tal-pagi minimi statutorji kkumpensaw għall-impatt ta' inflazzjoni għolja f'nofs l-Istati Membri**

Bidla fil-pagi minimi statutorji f'termini reali u nominali (rata ta' tkabbir, %)




*Nota*: L-Istati Membri huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti tal-kobor taż-żieda fil-pagi minimi statutorji f'termini reali fl-2023.
*Sors*: Network ta' Korrispondenti tal-Eurofound u kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat, [earn_mw_cur] u [prc_hicp_midx].

**Li jkollok impjieg xorta ma jiggarantix mod kif toħroġ mill-faqar.** Is-sehem ta' persuni fl-età ta' 18-il sena jew aktar li huma impjegati u f'riskju ta' faqar fl-UE kien ta' 8,5 % fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021) u kien aktar baxx meta mqabbel ma' deċennju ilu, iżda naqas f'inqas minn nofs l-Istati Membri matul dan il-perjodu[99]. Ir-Rumanija u l-Greċja esperjenzaw l-aktar tnaqqis qawwi bejn l-2012 u l-2022 (4,5 pps kull waħda) iżda xorta kellhom rati ogħla mill-medja tal-UE fl-2022 (14,5 % u 10,6 % rispettivament). Il-Lussemburgu, Spanja, l-Italja, l-Estonja, il-Portugall, il-Bulgarija u l-Polonja huma wkoll ogħla mill-medja tal-UE, u (ħlief għall-Polonja) juru żieda matul l-aħħar 10 snin. Minkejja l-pressjoni li l-kriżi tal-COVID-19 poġġiet fuq ħafna ħaddiema, il-faqar fost dawk li jaħdmu baqa' ġeneralment stabbli mill-2019 (b'referenza għall-introjtu tal-2018) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Bejn l-2019 u l-2022, is-Slovakkja, Ċipru u l-Irlanda biss urew żidiet kbar (bi 2,7 pps, 1,2 pps u 1 pp, rispettivament), filwaqt li l-Ungerija, il-Belġju, ir-Rumanija u Spanja rreġistraw tnaqqis ta' 1 pp jew aktar. Skont l-istimi bikrija tal-Eurostat li jirreferu għas-sena tal-introjtu 2022, il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa mistenni li jonqos bħala medja fl-UE, u b'mod partikolari fil-Kroazja, l-Awstrija, l-Estonja u l-Italja, f'konformità ma' żidiet ogħla stmati fl-introjtu mill-impjiegi għall-ħaddiema bi qligħ aktar baxx[100]. Bħal fis-snin preċedenti, il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-UE huwa ogħla fost il-ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni (18,4 %), il-ħaddiema part-time (13,5 %), dawk li għandhom kuntratti temporanji (12,2 %) u speċjalment il-persuni mwielda barra mill-UE (19,9 %) u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (24,3 %).

---

[99] L-Eurostat [ilc_iw01], l-UE-SILC.

[100] Ara Early estimates of income inequalities.

**L-inċentivi għax-xogħol u għar-reklutaġġ jistgħu jiġu influwenzati mit-tassazzjoni tax-xogħol.** Il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa fuq paga medja naqas bi 2,2 pps fl-UE mill-2012, u laħaq 39,7 % fl-2022[101]. Matul l-istess perjodu, erbatax-il Stat Membru rreġistraw tnaqqis notevoli (b'aktar minn 1 pp) fil-porzjonijiet tat-taxxi tagħhom f'dan il-livell ta' pagi, bl-akbar tnaqqis fl-Ungerija (8,7 pps), fir-Rumanija (6,2 pps), fil-Greċja (5,7 pps), fil-Latvja (3,7 pps), fin-Netherlands u fi Franza (3,1 pps). Min-naħa l-oħra, matul l-istess perjodu, seħħew żidiet sinifikanti f'sitt pajjiżi, inklużi l-Portugall (4,3 pps), il-Lussemburgu (3,3 pps) u Malta (2,4 pps). Huwa importanti li l-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa b'paga baxxa (50 % tal-paga medja) naqas fl-UE bi 3,3 pps mill-2016 u b'0,4 pps mill-2021. Madankollu, dan varja ħafna fl-Istati Membri fl-2022 – minn 18 % f'Ċipru għal 41 % fl-Ungerija u l-Ġermanja – ara l-Illustrazzjoni 2.1.9. L-impatt tat-tassazzjoni tax-xogħol jiddependi mhux biss fuq il-porzjon tat-taxxa medja, iżda wkoll fuq it-tfassil tas-sistema li tiddetermina d-distribuzzjoni tal-piż tat-taxxa bejn l-impjegaturi u l-impjegati.

**Illustrazzjoni 2.1.9: Il-porzjon tat-taxxa huwa aktar baxx għall-ħaddiema b'paga baxxa**

Il-piż tat-taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ b'paga baxxa (50 % u 67 % tal-paga medja) meta mqabbel mal-paga medja fl-2022




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2023).
*Noti:* L-Istati Membri huma kklassifikati f'ordni axxendenti skont il-livell tal-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa b'paga baxxa (50 % tal-paga medja).

[101] Il-porzjon tat-taxxa jkejjel id-differenza bejn il-kostijiet lavorattivi tal-impjegaturi u l-paga netta tal-impjegati.

**Is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali għandhom it-tendenza li jkunu progressivi, b'porzjonijiet ta' taxxa aktar baxxi għal dawk li jaqilgħu inqas.** Fi Franza, il-Belġju u l-Lussemburgu, dan huwa evidenti ħafna, kuntrarju għall-Bulgarija u l-Ungerija fejn hemm sistema ta' tassazzjoni fissa – ara l-Illustrazzjoni 2.1.9. Il-piżijiet tat-taxxa aktar baxxi fuq il-ħaddiema b'pagi baxxi għandhom impatt inqas distorsiv fuq id-domanda għall-ħaddiema u l-provvista tagħhom u jnaqqsu l-ostakli għar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet li ġeneralment ikunu kkaratterizzati minn eżiti agħar tas-suq tax-xogħol, filwaqt li l-miżuri għandhom jitfasslu b'mod li ma jfixklux it-tranżizzjoni lejn impjiegi b'pagi ogħla. L-inflazzjoni tista' wkoll tikkawża distorsjonijiet fis-sistemi tat-taxxa, inkluż f'termini ta' progressività u ġustizzja fiskali. Id-distorsjonijiet fis-sistemi tat-taxxa jistgħu jirriżultaw minn livelli limiti definiti b'mod nominali bħal-livelli tat-taxxa, il-krediti tat-taxxa, it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet. Ġeneralment, l-inflazzjoni tikkawża ċaqliq fis-sistemi tat-taxxa progressiva meta l-livelli limiti jkunu ffissati f'termini nominali[102]. B'konsegwenza ta' dan, sehem akbar ta' kontribwenti jistgħu jispiċċaw f'livelli tat-taxxa ogħla. Piż tat-taxxa ogħla flimkien ma' erożjoni tal-krediti u l-benefiċċji tat-taxxa għandu l-potenzjal li jżid ir-riskji ta' faqar fin-nuqqas ta' aġġustamenti (awtomatiċi) għall-inflazzjoni jew interventi ta' politika oħrajn.

102 Ċaqliq jiddeskrivi sitwazzjoni fejn il-piż tat-taxxa tal-unitajiet domestiċi jiżdied minħabba li l-pagi nominali (jew l-introjtu nominali b'mod ġenerali) jiżdiedu minħabba l-inflazzjoni (pereżempju minħabba l-indiċjar tal-pagi jew ta' introjtu ieħor). Introjtu nominali ogħla jista' jimbotta lill-kontribwenti f'livelli ogħla ta' taxxa fuq l-introjtu li jirriżultaw f'rati tat-taxxa marġinali u medji ogħla, għalkemm il-pagi (l-introjtu) f'termini reali jibqgħu kostanti.

**L-ispostament tal-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għal bażijiet tat-taxxa ambjentali jista' jwassal għal inċentivi mtejba tas-suq tax-xogħol u aktar ġustizzja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi,** billi jinternalizza l-kost ambjentali tal-produzzjoni[103]. Il-Pjan REPowerEU jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw miżuri ta' tassazzjoni li jinċentivaw l-iffrankar tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili[104]. Dan jista' jinkludi miżuri tat-taxxa bħat-tnaqqis u l-eżenzjonijiet mit-tassazzjoni tal-vetturi kemm għax-xiri kif ukoll għall-użu ta' vetturi elettriċi u tal-idroġenu, tnaqqis tat-taxxa marbut mal-iffrankar tal-enerġija u l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, l-emendi proposti għad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija jikkontribwixxu għal dan il-għan billi jistabbilixxu sinjali tal-prezzijiet li jnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili u jrawmu l-iffrankar tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika tippromwovi wkoll spostament tal-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol, b'mod partikolari t-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa għal gruppi b'introjtu baxx u medju lejn sorsi ta' dħul li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali[105]. Tali spostamenti tal-piż tat-taxxa jistgħu jiġu implimentati b'mod li jiġu evitati l-impatti regressivi u tiġi ssalvagwardjata s-sostenibbiltà fiskali, inkluż il-finanzjament ta' protezzjoni soċjali adegwata[106]. Il-miżuri ta' appoġġ li jiżguraw enerġija affordabbli mmirata lejn gruppi vulnerabbli, speċjalment fil-kuntest tal-prezzijiet tal-enerġija eċċezzjonalment għoljin li dehru fl-2022, huma konsistenti ma' dawn l-objettivi.

---

103 Ara l-Kapitolu 4 ta' *Annual Report on Taxation 2023*, il-Kummissjoni Ewropea.

104 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *REPowerEU Plan*, COM(2022) 230 final.

105 Ara *ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika 2022/C 243/04* 2022/C 243/04.

106 *Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika* SWD(2021) 452 final.

**Kaxxa 1 tal-Pilastru: Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri u r-reazzjonijiet ta' politika rilevanti**

**It-tnaqqis tad-differenzi mhux ġustifikati fil-pagi bejn il-ġeneri huwa kruċjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex jiġi appoġġat it-tkabbir inkluživ u sostenibbli.** L-inugwaljanzi fil-pagi jikkontribwixxu għall-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà matul iċ-ċiklu tal-ħajja. L-ewwel nett, qligħ aktar baxx għan-nisa li ma huwiex ġustifikat abbażi ta' karatteristiċi personali jew ta' impjieg differenti jxekkel l-indipendenza ekonomika tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol. Dan jaffettwa wkoll b'mod negattiv il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, li jimplika telf ekonomiku u soċjali minħabba użu inqas minn sħiħ tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol. It-tieni, id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri jissarrfu f'differenzi bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (26 % bħala medja fl-UE fl-2022) b'riskji akbar ta' faqar li jiffaċċjaw in-nisa fix-xjuħija. L-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi fil-pagi bbażati fuq il-ġeneru u t-titjib tal-funzjonament tas-sistemi tat-taxxa[107] jistgħu jipprovdu inċentivi akbar sabiex ikun hemm aktar nisa li jsiru ekonomikament attivi. Dan huwa kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-Unjoni, kif ukoll biex jiġu żgurati l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. It-tnaqqis tad-differenzi mhux ġustifikati fil-pagi bejn il-ġeneri ser jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 2 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), u b'mod partikolari d-dritt għal paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali f'konformità mal-Artikolu 157 tat-TFUE.

**Id-differenzi persistenti fil-pagi bejn il-ġeneri jirriflettu fatturi strutturali u huma influwenzati mid-diskriminazzjoni fil-pagi u l-preġudizzji sistemiċi fl-istrutturi tal-pagi.** Minkejja l-progress li sar matul dawn l-aħħar snin, in-nisa għadhom qed jaqilgħu inqas mill-irġiel bħala medja minkejja l-kisbiet edukattivi medji ogħla tagħhom. Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri[108] kienet ta' 12,7 % fl-UE fl-2021, b'varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi, li jvarjaw minn -0,2 % fil-Lussemburgu għal 20,5 % fl-Estonja. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-differenza naqset fl-aħħar deċennju iżda b'pass relattivament bil-mod fid-dawl tat-tnaqqis tad-differenzi li ilhom jeżistu bejn il-ġeneri fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-livelli tal-edukazzjoni għolja fost in-nisa. Il-kawżi ta' dawn id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri huma kumplessi u interrelatati. Dawn jistgħu jkunu parzjalment marbuta ma' i) ir-rappreżentanza żejda tan-nisa f'impjiegi u setturi b'pagi relattivament baxxi, kif ukoll f'xogħol part-time; ii) is-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' impjiegi aktar għoljin; u iii) diffikultajiet akbar għan-nisa fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' kura (li jirriżultaw ukoll f'interruzzjonijiet fil-karriera). Madankollu, l-akbar parti tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE ma hijiex marbuta ma' karatteristiċi oġġettivi u li jistgħu jitkejlu tal-individwi[109]. Dan jissuġġerixxi li fatturi oħrajn, inklużi d-diskriminazzjoni u l-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti, x'aktarx li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-differenzi eżistenti fil-pagi bejn il-ġeneri.

---

107 Ara t-taqsima 2.2.1.

108 Id-definizzjoni tal-Eurostat (ara l-graff). Din ma tqisx fatturi oħrajn li jiddeterminaw il-paga, bħal-livell tal-impjieg, l-anzjanità, l-edukazzjoni, l-esperjenza u l-prestazzjoni.

109 L-Eurostat, Dokumenti ta' Ħidma tal-Istatistika, *Gender pay gaps in the European Union – A statistical analysis*, 2021.

**Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri f'forma mhux aġġustata għadhom kbar minkejja t-titjib li sar**

Id-differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa ta' rġiel u nisa impjegati bħala perċentwal tal-qligħ gross medju fis-siegħa ta' rġiel impjegati (%, 2021, 2016 u 2011)




*Nota:* Imqassma skont il-valuri tal-2021. Id-data hija nieqsa għal EL għas-snin ta' referenza (EL fl-2018: 10,4 %), għal HR fl-2011 u għal IE fl-2021.
*Sors:* l-Eurostat [earn_gr_gpgr2]

**Il-miżuri ta' trasparenza fil-pagi huma essenzjali biex jiżvelaw il-preġudizzju bejn il-ġeneri fl-istrutturi u l-ambjenti tal-pagi u jippermettu lill-ħaddiema jasserixxu b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal paga ugwali għal impjiegi ta' valur ugwali.** Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi (adottata fl-10 ta' Mejju 2023) għandha l-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni fil-pagi u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE billi tagħmel is-sistemi tal-pagi aktar trasparenti u żżid l-għarfien dwar id-differenzi bejn il-ġeneri fil-livelli tal-pagi għal individwi li jwettqu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali. L-Istati Membri għandhom 3 snin biex jittrasponuha fil-liġi nazzjonali. Ir-rapportar dwar il-pagi bħala strument ta' pressjoni bejn il-pari, imsaħħaħ mill-valutazzjoni tal-pagi f'kumpaniji b'aktar minn 100 impjegat fejn ikun ġie identifikat dubju raġonevoli dwar ir-rispett tad-dritt għal paga ugwali, huwa mistenni li jindirizza s-sottovalutazzjoni sistemika tax-xogħol tan-nisa fil-livell ta' min iħaddem. Id-Direttiva tistabbilixxi qafas u kriterji ċari għall-implimentazzjoni tal-kunċett ta' "xogħol ta' valur ugwali". Hija ttejjeb b'mod sinifikanti l-aċċess għall-ġustizzja u tnaqqas l-ostakli proċedurali għall-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-pagi. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE hija wkoll mistennija li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri minħabba r-rappreżentanza żejda tan-nisa f'impjiegi b'pagi baxxi.

**F'dawn l-aħħar snin, diversi Stati Membri introduċew jew ħabbru miżuri, inkluż bħala parti mill-RRPs tagħhom, biex itejbu t-trasparenza fil-pagi u r-rapportar dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.** Fiċ-**Ċekja**, f'Diċembru 2022, il-gvern approva l-Pjan ta' Azzjoni għall-Paga Ugwali tan-Nisa u tal-Irġiel 2023-2026, li jinkludi miżuri biex jinkoraġġixxi l-użu usa' ta' għodod għall-analiżi tas-sistemi ta' remunerazzjoni u r-rapportar dwar id-differenza fil-pagi. F'Lulju 2021, **l-Irlanda** aġġornat l-Att ta' Informazzjoni dwar id-Differenza fil-Pagi bejn il-Ġeneri, li jirrikjedi li l-organizzazzjonijiet b'aktar minn 250 impjegat jirrapportaw dwar id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, inklużi l-bonusijiet. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tas-Sigurtà Soċjali għall-2023-30 u l-RRP tagħha, **l-Estonja** ħabbret it-tnedija ta' għodda diġitali msejħa "Pay Mirror" biex tappoġġa lill-impjegaturi fl-analiżi u r-rapportar tad-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri fl-organizzazzjonijiet tagħhom. Fi **Spanja**, bħala parti mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet ta' ugwaljanza, it-trasparenza u l-paga ugwali adottati fl-2020 fil-qafas tal-RRP, il-gvern u s-sħab soċjali ħejjew serje ta' għodod u gwidi għal kumpaniji u individwi involuti fin-negozjar ta' pjanijiet ta' ugwaljanza u fl-evalwazzjoni tal-impjiegi li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali.

### 2.1.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**Diversi Stati Membri introduċew inċentivi għar-reklutaġġ u sussidji għall-ħolqien tal-impjiegi.** Fl-2022, **il-Kroazja** introduċiet sussidji għall-impjieg, l-impjieg indipendenti u t-traineeships ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg f'setturi ekoloġiċi u diġitali bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha. **Il-Litwanja** daħħlet fis-seħħ sussidju tal-pagi għar-refuġjati Ukreni, li jkopri 75 % tal-kostijiet tal-pagi għal durata massima ta' 36 xahar. F**il-Greċja**, tnieda l-programm "Proto Ensimo" biex jappoġġa d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol għall-ewwel darba billi jipprovdi sussidji ta' EUR 600 fix-xahar: EUR 300 għall-impjegati żgħażagħ u EUR 300 għall-impjegaturi (jew EUR 150 għall-part time) sa sitt xhur. F'Settembru 2023, il-Greċja introduċiet ukoll programm ta' taħriġ u ċertifikazzjoni ffinanzjat mill-RRF għal 15 000 persuna qiegħda ta' bejn il-25 u l-45 sena li jiffoka fuq il-ħiliet f'oqsma ta' domanda għolja, bħal dawk ekoloġiċi u diġitali. Bħala parti minn riforma wiesgħa ta' inċentivi għar-reklutaġġ fil-qafas tal-RRP tagħha, f'Jannar 2023, **Spanja** adottat liġi li tipprevedi r-ribassi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal gruppi speċifiċi b'impjegabbiltà baxxa, bħal persuni qiegħda fit-tul u żgħażagħ NEETs. Ir-reġim legali l-ġdid għandu enfasi speċjali fuq il-ħolqien ta' impjieg permanenti, inkluża durata minima tal-kuntratt ta' 3 snin, u jipprovdi r-regola ġenerali li s-somma tar-ribassi tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bi kwalunkwe inċentiv ieħor għar-reklutaġġ ma tistax taqbeż is-60 % tal-kost tal-pagi tal-kuntratt. F'Ġunju 2023, **l-Italja** introduċiet inċentivi temporanji bir-rata ta' 60 % tar-remunerazzjoni grossa ta' kull xahar għal perjodu ta' 12-il xahar għar-reklutaġġ permanenti ta' persuni b'diżabbiltà u żgħażagħ li ma jkunux qed jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ. F'Lulju 2023, **il-Portugall** stabbilixxa programm ġdid ("*Avançar*") li jagħti appoġġ finanzjarju lill-impjegaturi talli joffru kuntratti ta' impjieg indefiniti b'salarji ugwali jew ogħla mis-salarju fil-livell ta' dħul ta' gradwat fil-karriera ta' uffiċjal għoli ġenerali fl-Amministrazzjoni Pubblika liż-żgħażagħ irreġistrati bħala qiegħda bi kwalifika akkademika għolja. Bħala parti minn riforma usa', f**il-Finlandja**, il-gvern introduċa sussidju tal-pagi għar-reklutaġġ ta' persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg, li jkopri 50 % tal-kostijiet tal-pagi (70 % għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà). F**is-Slovenja**, bħala parti mill-RRP tagħha, tnediet l-iskema ta' impjieg imsejħa "Dħul aktar mgħaġġel taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol", li tissussidja l-impjieg indefinit għal 4 000 persuna taħt l-età ta' 29 sena għal 18-il xahar, b'valur totali ta' EUR 27,36 miljun. Barra minn hekk, tnieda inċentiv pilota għall-impjiegi "Impjiegi ekoloġiċi" sabiex madwar 300 persuna qiegħda jiddaħħlu f'impjiegi ekoloġiċi, b'sussidji ta' kull xahar ta' EUR 680 imħallsa lill-impjegaturi għal sena.

**Aktar reċentement, l-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi ntużaw biex jindirizzaw l-impatt fuq in-negozji lokali u s-suq tax-xogħol ta' żviluppi ambjentali estremi.** Fl-2023, xi Stati Membri ħadu miżuri ta' emerġenza b'rispons dirett għal diżastri ambjentali bħan-nirien, il-mewġiet ta' sħana estrema u l-għargħar. F'Lulju u Settembru 2023, **il-Greċja** introduċiet skema ta' sospensjoni tal-kuntratt ta' impjieg għal 3 xhur għan-negozji affettwati min-nirien fil-foresti u mill-għargħar, rispettivament. **Is-Slovenja** introduċiet kumpens ta' assenza bil-permess ta' emerġenza għan-negozji affettwati mill-għargħar f'Awwissu 2023. **L-Italja** estendiet għas-settur tal-kostruzzjoni l-iskema ta' kumpens diġà fis-seħħ fin-negozji agrikoli biex tiġġieled l-effetti ta' mewġiet ta' sħana estrema.

**Xi Stati Membri estendew l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tagħhom fl-ewwel nofs tal-2023.** F**il-Ġermanja**, il-gvern federali estenda r-regoli inqas stretti għall-użu tal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li baqgħet fis-seħħ sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Il-ħaddiema li jieħdu vantaġġ minn xogħol b'ħinijiet iqsar jirċievu appoġġ finanzjarju mħallas mill-aġenzija lokali tal-impjiegi għal massimu ta' 12-il xahar biex ikopru t-telf tal-introjtu minħabba s-sigħat tax-xogħol imnaqqsin. Filwaqt li l-kumpaniji ma għandhomx għaliex iħallsu pagi għalihom, il-ħaddiema jirċievu 60 % tal-introjtu nett tagħhom (67 % jekk ikollhom it-tfal) għas-sigħat kollha mhux maħduma. Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, li normalment jitħallsu mill-impjegaturi, jiġu rimborżati bis-sħiħ mill-Aġenzija Federali tal-Impjiegi. F**l-Italja**, il-gvern approva skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ta' 40 ġimgħa għall-kumpaniji ta' interess strateġiku nazzjonali b'aktar minn 1 000 impjegat, li ma lestewx il-programmi previsti għal pjanijiet ta' riorganizzazzjoni kumplessi implimentati permezz ta' interventi speċifiċi ta' ristrutturar korporattiv u investimenti fuq skala kbira. F**is-Slovenja**, ġiet introdotta skema ta' sussidju għax-xogħol b'ħinijiet iqsar biex tassorbi l-impatt imdewwem tax-xokk tal-prezz tal-enerġija bejn Jannar u Marzu 2023, kif ukoll skema ta' assenza bil-permess limitata għal 30 jum fl-ewwel nofs tal-2023. Barra minn hekk, għadhom għaddejjin negozjati dwar l-implimentazzjoni permanenti ta' sussidji ta' emerġenza għall-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

**Diversi Stati Membri żiedu sostanzjalment il-pagi minimi statutorji tagħhom biex jipproteġu l-kapaċità tal-akkwist ta' ħaddiema b'introjtu baxx fil-kuntest tal-għoli tal-ħajja.** Bejn Jannar 2022 u Jannar 2023, l-akbar żidiet ġew irreġistrati f**il-Latvja** (24 %), segwita mil**l-Ġermanja** (22,2 %), **ir-Rumanija** (17,6 %), **l-Ungerija** (16 %), **il-Belġju** (15,6 %), u **l-Litwanja** (15,1 %). I**ċ-Ċekja**, **l-Estonja**, **is-Slovenja**, **in-Netherlands**, **il-Kroazja** u **l-Polonja** rreġistraw ukoll żidiet konsiderevoli, bejn 10 % u 15 %. F'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, iż-żidiet ġew introdotti permezz ta' aġġornamenti diskrezzjonali b'mod supplimentari għan-negozjati jew għall-mekkaniżmi ta' indiċjar tas-soltu. Stati Membri oħrajn ħabbru wkoll jew wettqu żidiet fil-paga minima matul l-2023. B'mod partikolari, **il-Greċja** u **Franza** aġġornaw il-pagi minimi statutorji tagħhom f'April u Mejju 2023, u dan irriżulta f'żidiet b'9,4 % u 2,2 % rispettivament, u fir-Rumanija l-paga minima ser tiżdied b'10 % oħra f'Ottubru.

**Dan l-aħħar, ftit Stati Membri introduċew riformi fis-sistemi tagħhom ta' ffissar tal-pagi minimi.** Minn Jannar 2023, **Ċipru** introduċa paga minima statutorja, li ġiet stabbilita għal EUR 885 fix-xahar mar-reklutaġġ u li tiżdied għal EUR 940 wara 6 xhur ta' impjieg kontinwu. **Il-Bulgarija** emendat il-Kodiċi tax-Xogħol tagħha biex tintroduċi mekkaniżmu ġdid għall-iffissar tal-livell statutorju tal-paga minima għal 50 % tal-paga grossa medja, b'referenza għal wieħed mill-valuri ta' referenza indikattivi msemmija fid-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE[110], li wassal għal żieda fil-paga minima ta' 19,6 % minn Jannar 2024. Bl-istess mod, **l-Estonja** qablet li żżid gradwalment il-paga minima għal 50 % tal-paga medja sal-2027, filwaqt li l-Irlanda qablet li żżid gradwalment il-paga minima għal 60 % tal-paga medjana sal-2026. Qed jiġu kkunsidrati valuri ta' referenza indikattivi f'diskussjonijiet dwar riformi possibbli fil-Belġju, fi Spanja u fis-Slovakkja.

---

[110] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

**Diversi Stati Membri emendaw aspetti oħrajn tas-sistemi tal-iffissar tal-pagi tagħhom, b'mod partikolari b'rabta man-negozjar kollettiv.** Fl-aħħar tal-2022, bħala parti mill-RRP tagħha, **ir-Rumanija** adottat liġi dwar id-djalogu soċjali, li għandha l-għan li ssaħħaħ in-negozjar kollettiv u l-kopertura ta' ftehimiet kollettivi billi tagħti lit-trade unions setgħat akbar u tistabbilixxi proċedura aktar faċli għar-rappreżentanza tal-impjegati. F'Novembru 2022, **il-Belġju** qabel li jżomm is-sistema kurrenti ta' indiċjar awtomatiku tal-pagi bbażat fuq l-inflazzjoni flimkien ma' limitazzjoni ta' kwalunkwe spazju addizzjonali għal żidiet fil-pagi għall-iżviluppi fil-pagi fil-pajjiżi ġirien. Madankollu, is-sħab soċjali kienu awtorizzati li jinnegozjaw bonus ta' darba għal kull ħaddiem sa EUR 500 jew EUR 750. **Ċipru** aġġorna l-Allowance għall-Għoli tal-Ħajja tiegħu użata bħala bażi għall-aġġustament tal-pagi, filwaqt li żied il-ħlas għal 66,7 % tal-inflazzjoni rreġistrata fis-sena preċedenti (minn dak ta' 50 % introdott fl-2022). Fl-2023, **Spanja** għaddiet il-"Ftehim V" għall-impjiegi u n-negozjar kollettiv li, minbarra li jipproponi żidiet fil-pagi, jipprovdi wkoll rakkomandazzjonijiet uffiċjali biex jitbaxxew l-unitajiet ta' negozjar fuq għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-impjiegi, inklużi kuntratti tal-impjiegi, taħriġ u ħiliet jew irtirar. F'Mejju 2023, **il-Portugall** introduċa diversi riformi fil-qafas tan-negozjar kollettiv relatati mal-kopertura, il-mekkaniżmu ta' arbitraġġ u t-tiġdid tiegħu.

**Diversi Stati Membri adottaw ukoll diversi miżuri relatati mal-pagi tas-settur pubbliku.** **Spanja** żiedet is-salarji tal-impjegati pubbliċi b'1,5 % b'mod retroattiv minn Jannar 2022, minbarra żieda ta' 2 % approvata għall-2022. Is-salarji tal-ħaddiema pubbliċi żdiedu bi 3,5 % fi **Franza,** wara l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi eċċezzjonali. **Il-Kroazja** tinsab fil-proċess li temenda s-sistema tas-salarji tas-settur pubbliku tagħha bħala parti mill-RRP tagħha billi tintroduċi bażi komuni għall-pagi u l-koeffiċjenti tal-kumplessità tal-impjiegi abbażi ta' deskrizzjonijiet tal-impjiegi u oqfsa ta' kompetenza aktar konsistenti, li għandhom jarmonizzaw is-salarji fl-amministrazzjoni pubblika. Is-salarji tas-settur pubbliku f**is-Slovenja** żdiedu bi kważi 9 % (f'żewġ passi) għall-biċċa l-kbira tal-impjegati tas-settur pubbliku u huma mistennija aktar riformi fl-aħħar tal-2023.

**F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali, xi Stati Membri ħabbru jew żviluppaw oqfsa legali speċifiċi għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali.** Fi **Spanja**, f'April 2023, il-Kunsill tal-Ministri approva abbozz ta' Liġi Komprensiva dwar l-Ekonomija Soċjali, li għandu l-għan li i) itejjeb l-ekosistema legali eżistenti b'emendi għal-Liġi dwar il-Kooperattivi, il-Liġi dwar il-Kumpaniji ta' Inserzjoni u l-Liġi dwar l-Ekonomija Soċjali; ii) jestendi d-definizzjoni ta' vulnerabbiltà u ta' esklużjoni soċjali; u iii) jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jinkorpora entitajiet ġodda bħall-intrapriżi soċjali. F'**Malta**, l-Att dwar l-Intrapriżi Soċjali adottat fl-2022 huwa mistenni li joħloq reġistru għall-intrapriżi soċjali u li jintroduċi forma ġdida ta' "kumpanija bi skop soċjali". **L-Iżvezja** adottat Att dwar ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet xprunati mill-ideat fl-2022, li jippermetti lil dawn l-entitajiet irreġistrati jwettqu attivitajiet iffinanzjati pubblikament u jirċievu trattament preferenzjali taħt proċeduri ta' akkwist pubbliku. Mill-adozzjoni tal-Att dwar l-Ekonomija Soċjali ta**l-Polonja** f'Awwissu 2022 kif previst fl-RRP, aktar minn 420 entità ġew irreġistrati bi status ta' intrapriża soċjali.

**Strateġiji komprensivi għall-ekonomija soċjali huma importanti wkoll għall-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas ta' appoġġ.** F'Settembru 2023, **il-Ġermanja** adottat l-Istrateġija Nazzjonali tagħha għall-innovazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali, wara konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati, li tidentifika oqsma għal azzjoni. Fl-2023, **il-Greċja** pproponiet Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali biex issaħħaħ l-ekosistema tal-ekonomija soċjali billi tinvesti f'ħames pilastri (l-iżvilupp tal-qafas istituzzjonali, l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji, il-bini tal-kapaċità, it-tisħiħ tas-sħubijiet u s-sensibilizzazzjoni). F'April 2023, **Spanja** adottat l-Istrateġija l-ġdida tagħha dwar l-Ekonomija Soċjali 2023-2027 u nnominat Kummissarju Speċjali biex jikkoordina l-proġetti fil-qafas tal-Pjan ta' Investiment Strateġiku għall-ekonomija soċjali u tal-kura. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2023 hija mistennija toħloq aktar għarfien u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom fl-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika u regolatorji, u b'hekk tistimula t-tkabbir tal-ekonomija soċjali[111].

[111] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali.

**Għadd ta' Stati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri biex itejbu l-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa tagħhom u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-Litwanja** żiedet il-livell limitu minimu tal-introjtu mhux taxxabbli minn EUR 540 għal EUR 625 minn Jannar 2023, filwaqt li żiedet l-introjtu nett b'mod predominanti għall-impjegati li jaqilgħu l-paga minima. Mill-1 ta' Frar 2023, f**iċ-Ċekja** daħlet fis-seħħ miżura ġdida li tnaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegaturi għal 19,8 % (mill-24,8 % standard) għal gruppi magħżula ta' impjegati li jaħdmu fuq bażi part-time. Il-ħelsien mit-taxxa għandu l-għan li jżid l-impjieg ta' persuni li huma aktar vulnerabbli, jiffaċċjaw ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol jew jesperjenzaw diffikultajiet biex jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja. F**il-Portugall**, il-Ftehim ta' Terminu Medju għat-Titjib tal-Introjtu, tal-Pagi u tal-Kompetittività ffirmat mill-gvern u mis-sħab soċjali introduċa tnaqqis addizzjonali ta' 50 % tal-ispejjeż kollha tal-impjiegi relatati maż-żidiet fis-salarji stabbiliti permezz ta' negozjar kollettiv. Il-ftehim ġie rivedut f'Ottubru 2023, u ssimplifika l-miżura u żied il-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan japplika biss b'rabta mal-impjegati li r-remunerazzjoni tagħhom żdiedet b'mill-inqas 5,1 % fl-2023 meta mqabbla mas-sena preċedenti u hija ogħla mis-salarju minimu fix-xahar. F**l-Italja**, il-Liġi tal-Baġit approvata f'Diċembru 2022 ipprevediet tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegati bi 3 pps għall-introjtu gross sa EUR 25 000 (u b'2 pps għall-introjtu gross sa EUR 35 000). Bl-approvazzjoni tad-Digriet tax-Xogħol fl-1 ta' Mejju 2023, dan it-tnaqqis fil-porzjon tat-taxxa għall-impjegati żdied temporanjament b'4 pps oħra sal-aħħar tas-sena. Xi Stati Membri aġġustaw ukoll is-sistemi tat-taxxa tagħhom speċifikament biex iqisu l-impatt tal-inflazzjoni. F**il-Ġermanja**, il-gvern approva l-Att dwar il-Kumpens tal-Inflazzjoni, li aġġusta l-livelli limiti tal-livell tat-taxxa fuq l-introjtu u l-allowance personali bażika għall-2023 u l-2024 biex jittaffew l-effetti taċ-ċaqliq. Bħala parti mill-miżuri fil-baġit għall-2023, l-**Irlanda** żiedet il-faxxa tar-rata standard tat-taxxa fuq l-introjtu b'EUR 3 200 għal EUR 40 000 għal persuna mhux miżżewġa u għal EUR 49 000 għal koppji miżżewġin b'persuna waħda bil-paga. F**is-Slovakkja**, mill-1 ta' Jannar 2023, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali japplikaw għall-ħaddiema staġjonali fis-setturi tal-agrikoltura u tat-turiżmu, bl-ammont deduċibbli jirrappreżenta 50 % tal-paga medja matul is-sentejn preċedenti (EUR 605,5 fix-xahar fl-2023).

## 2.2. Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri biex joħolqu l-kundizzjonijiet sabiex isaħħu l-provvista ta' ħaddiema, il-ħiliet u l-kompetenzi, f'konformità mal-prinċipji 1 (edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja), 2 (ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (opportunitajiet indaqs), 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 9 (bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata), 11 (indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal) u 17 (l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-taqsima 2.2.1 tirrapporta dwar l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ,[112] u l-ħiliet, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol. It-taqsima 2.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħuda mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

[112] Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Education and Training Monitor 2023*.

### 2.2.1 Indikaturi ewlenin

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal qed tistaġna**. Fl-2021, 92,5 % tat-tfal kollha bejn l-età ta' 3 snin u l-età obbligatorja tal-edukazzjoni primarja ppparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) fl-UE, li hija 0,5 pps inqas mis-sena ta' qabel wara li kienet żdiedet matul is-snin 2018-2020. F'dawn l-aħħar snin, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonverġew lejn jew staġnaw madwar rata ta' parteċipazzjoni ogħla minn 90 % (ara l-Illustrazzjoni 2.2.1). Sitt Stati Membri (Franza, il-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, Spanja u l-Iżvezja) diġà laħqu l-mira fil-livell tal-UE għall-2030 ta' 96 %[113]. Fl-istess ħin, ir-rati ta' parteċipazzjoni għadhom taħt it-80 % f'erba' pajjiżi oħrajn (il-Bulgarija, il-Kroazja, is-Slovakkja u r-Rumanija). B'aktar u aktar pajjiżi jintroduċu snin obbligatorji tal-edukazzjoni preprimarja u intitolament legali għal post fl-ECEC qabel l-edukazzjoni skolastika primarja obbligatorja, l-aċċess jibqa' sfida prinċipalment għal tfal iżgħar u għal dawk minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati. B'mod partikolari, il-parteċipazzjoni tat-tfal Rom fl-ECEC kienet madwar nofs il-medja tal-UE (42-44 %) għat-tfal kollha fl-2021 (vs mira għall-2030 ta' mill-inqas 70 % fil-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom)[114]. Barra minn hekk, l-aċċess għal servizzi tal-ECEC ta' kwalità huwa mxekkel minn restrizzjonijiet ta' kapaċità f'xi żoni ġeografiċi, aggravati wkoll minn nuqqas ta' persunal kwalifikat,[115] u f'xi każijiet sfidi relatati mal-affordabbiltà.

---

113 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar "il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni".

114 Abbażi tal-aħħar Stħarriġ tal-2021 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar ir-Rom, ippubblikat fl-2022. Għal aktar informazzjoni ara l-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-2020-2030.

115 Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jeħtieġu kwalifika fil-livell ta' baċellerat għall-għalliema tal-ECEC (għall-grupp ta' età ta' 3 snin u aktar), huma jaqilgħu medja ta' 22 % inqas minn gradwati terzjarji oħrajn. Ara l-bażi tad-data tal-OECD: Teachers' and school heads' actual salaries.

**Illustrazzjoni 2.2.1: Il-parteċipazzjoni fl-ECEC b'mod ġenerali qed tistaġna**

Il-parteċipazzjoni fl-ECEC ta' tfal ta' bejn it-3 snin u l-età għall-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja (%)




*Nota:* 2015: id-definizzjoni tvarja għal BE, EL, PT. 2020: id-definizzjoni tvarja għal PT. 2021: id-definizzjoni tvarja għal PT, l-UE. Data proviżorja għal FR fl-2020 u fl-2021. L-ebda data disponibbli għal EL.

*Sors:* l-Eurostat, [educ_uoe_enra21].

**Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ikompli jonqos bil-mod iżda b'mod mhux uniformi fl-Istati Membri, bl-isfidi li fadal f'termini ta' impjegabbiltà u kapaċità ta' apprendiment u adattament aktar tard fil-ħajja.** Fl-2022, 9,6 % ta' dawk kollha bejn it-18 u l-24 sena fl-UE kellhom l-aktar grad sekondarju baxx u kienu telqu mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ qabel iż-żmien, li huwa 0,2 pps inqas minn fl-2021 (u 5,1 pps inqas minn fl-2007). Fl-2022, ir-rata tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ kienet inqas minn 9 % (jiġifieri l-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għall-2030) fi 18-il Stat Membru. Madankollu, fir-Rumanija, fi Spanja, fl-Ungerija u fil-Ġermanja, ir-rata baqgħet ogħla minn 12 % (li żdiedet ukoll mill-aħħar sena għal dawn l-aħħar tlieta) u tirrappreżenta "sitwazzjoni kritika" (ara l-Illustrazzjoni 2.2.2). Fl-Estonja, fid-Danimarka u f'Malta r-rati kienu kemxejn ogħla minn 10 %, u naqsu ftit li xejn għal Malta filwaqt li saħansitra żdiedu fl-Estonja u fid-Danimarka, u b'hekk irendu sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Għall-kuntrarju, il-Kroazja (2,3 %), l-Irlanda (3,6 %), il-Polonja u l-Litwanja (4,8 %) kienu "bl-aħjar prestazzjoni". Minkejja x-xejra pożittiva ġenerali, ma hemm l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri, u l-varjazzjonijiet skont il-ġeneru, il-pajjiż tat-twelid u l-post tar-residenza (eż., żoni urbani vs rurali) għadhom sinifikanti. L-irġiel żgħażagħ jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kmieni ħafna aktar min-nisa żgħażagħ, l-istess bħall-persuni b'diżabbiltà meta mqabbla ma' dawk mingħajr diżabbiltà[116]. Iż-żgħażagħ imwielda barra mill-UE huma kważi tliet darbiet aktar probabbli li jitilqu mill-edukazzjoni kmieni mill-pari nattivi tagħhom (21,6 % vs 8,3 %), filwaqt li 71 % taż-żgħażagħ Rom (fl-età ta' bejn 18 u 24 sena) ħallew l-edukazzjoni qabel ma laħqu l-livell sekondarju tat-tieni livell fl-UE (kif mistħarrġa mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, FRA, fl-2020-2021). Barra minn hekk, fl-2022, kien hemm 8,6 % ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ fil-bliet tal-UE, meta mqabbla ma'10,6 % fil-bliet u fis-subborgi u 10 % fiż-żoni rurali[117]. F'xi Stati Membri, pereżempju, il-Bulgarija, l-Ungerija u Spanja, huma rrapportati differenzi reġjonali sinifikanti fl-ishma ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola (ara l-Illustrazzjoni 1 fl-Anness 5).

116 Ara l-EDE, *European comparative data on persons with disabilities*, 2021. Ir-rata ogħla ta' tluq bikri mill-iskola fost il-persuni b'diżabbiltà tista' tkun dovuta, fost l-oħrajn, għal kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà (eż. ostakli fiżiċi u arkitettoniċi) u n-nuqqas ta' programmi adattati.

117 L-Eurostat [edat_lfse_30].

**Illustrazzjoni 2.2.2: Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ikompli jonqos bil-mod, b'differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri**

Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (18-24 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal SK. Data ta' affidabbiltà baxxa għal-LU. *Sors*: l-Eurostat [edat_lfse_14], l-LFS tal-UE.

**Il-kompetenza fil-qari ddeterjorat madwar l-UE bl-istatus soċjoekonomiku jibqa' fattur ta' tbassir qawwi tal-prestazzjoni.** Skont l-Istudju dwar il-Progress fil-Litteriżmu Internazzjonali fil-Qari (PIRLS) tal-2021[118], il-kompetenza fil-qari tal-istudenti fir-raba' grad turi xejra 'l isfel matul il-perjodu 2016-2021 fl-Istati Membri kollha, ħlief għal Franza, fejn baqgħet stabbli (ara l-Illustrazzjoni 2.2.3). Kważi kwart tal-istudenti kollha huma b'kisbiet baxxi fuq l-iskala tal-PIRLS[119], bis-sehem ikun partikolarment għoli fil-Komunità tal-Belġju li titkellem bil-Franċiż (38 %), f'Ċipru (31 %) u f'Malta (30 %). Barra minn hekk, meta mqabbla mal-2016, iż-żieda fis-sehem ta' studenti b'kisbiet baxxi kienet fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi akkumpanjata minn tnaqqis fis-sehem ta' studenti b'kisbiet għoljin, li jindika deterjorament fuq livell sistemiku. L-istħarriġ ikkonferma mill-ġdid ukoll l-impatt qawwi tal-isfond soċjoekonomiku fuq l-eżiti edukattivi. Bħala medja, id-differenza fil-prestazzjoni bejn it-tfal bi status soċjoekonomiku ogħla meta mqabbla mal-oħrajn kienet sostanzjali (punteġġ ta' 80 punt), li tikkorrespondi bejn wieħed u ieħor għal sentejn ta' edukazzjoni skolastika.

**Illustrazzjoni 1.2.3: Il-litteriżmu fil-qari ddeterjora fl-UE**

Il-proporzjon ta' studenti tar-raba' grad li jilħqu l-aktar il-parametru referenzjarju internazzjonali baxx fl-Istudju dwar il-Progress fil-Litteriżmu Internazzjonali fil-Qari (PIRLS) (%, 2021).




*Nota*: BE-Fr tirreferi għall-komunità Franċiża tal-Belġju, filwaqt li BE-Fl tirreferi għall-komunità Fjamminga. Jintwerew biss sistemi edukattivi b'ġabriet ta' data fi tmiem ir-raba' grad, b'hekk huma esklużi EE, EL, HR, HU, IE, LT, LU, LV u RO. Id-data ma hijiex disponibbli għall-Belġju – il-Komunità Fjamminga, Ċipru, Malta u l-Polonja fl-2011; għal Ċipru u Malta fl-2016.
*Sors*: Kalkoli tad-DĠ EAC ibbażati fuq PIRLS 2021.

118 Ara Mullis, I. V. S., von Davier, M., Foy, P., Fishbein, B., Reynolds, K. A., & Wry, E., *PIRLS 2021 International Results in Reading*. Il-Kulleġġ ta' Boston, TIMSS & PIRLS International Study Center, 2023.

119 Il-PIRLS jidentifika erba' livelli ta' kompetenza fil-qari, imsejħa "parametri referenzjarji internazzjonali": baxx, intermedju, għoli u avvanzat. Hawnhekk nirreferu għall-istudenti li jilħqu l-aktar il-parametru referenzjarju internazzjonali baxx bħala "studenti b'kisbiet baxxi".

**F'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' għalliema jpoġġi l-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità aktar f'riskju, bir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-prospetti tal-karriera u l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema jvarjaw ħafna madwar l-UE.** Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE jesperjenzaw diffikultajiet biex jimlew il-pożizzjonijiet tat-tagħlim fis-setturi kollha tal-edukazzjoni obbligatorja, jattiraw biżżejjed studenti għalliema u jżommu għalliema ġodda fil-professjoni. In-nuqqas ta' għalliema jvarja wkoll fost suġġetti speċifiċi, iżda huwa partikolarment notevoli fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM)[120]. In-nuqqas ta' għalliema huwa parzjalment xprunat minn xejriet demografiċi, b'madwar kwart tal-forza tal-għalliema tal-Ewropa (24,5 % fl-ISCED 1-3) għandhom aktar minn 55 sena u qed jilħqu l-età tal-irtirar. Fl-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Italja, is-sehem tal-għalliema li għandhom aktar minn 55 sena huwa saħansitra ogħla minn 35 %. F'ħafna Stati Membri, li ssir għalliem ma hijiex għażla ta' karriera attraenti għaż-żgħażagħ. Is-salarji tal-għalliema fl-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell huma bħala medja 11 % inqas minn dawk ta' professjonisti b'edukazzjoni terzjarja[121]. Din id-differenza fil-pagi hija saħansitra akbar għall-għalliema li jaħdmu fl-ECEC u fil-livell primarju. Wieħed biss minn kull ħames għalliema fl-Istati Membri li jipparteċipaw fl-istħarriġ ta' TALIS iħossu li x-xogħol tagħhom huwa apprezzat mis-soċjetà, filwaqt li ħafna għalliema jirrapportaw stress relatat max-xogħol u ammont kbir ta' xogħol[122]. Minkejja l-isforzi tal-Istati Membri biex jattiraw aktar studenti fil-programmi ta' edukazzjoni tal-għalliema, f'diversi pajjiżi l-għadd ta' reġistrazzjonijiet fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema qed jonqos, filwaqt li ħafna għalliema ġodda jitilqu mill-professjoni fl-ewwel 5 snin.

---

120 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Education and Training Monitor 2023*, 2023.

121 Bażi tad-data tal-OECD: Teachers' and school heads; actual salaries. Il-medja tirreferi għall-medja tal-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-OECD.

122 OECD, *TALIS 2018 Results: Teachers and School Leaders as Lifelong Learners*, OECD Publishing, Pariġi, 2019.

**Il-gradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom it-tendenza li jkollhom prospetti ta' impjieg relattivament tajbin, b'mod partikolari meta jibbenefikaw mit-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol.** Fost l-iskulari u l-istudenti fl-edukazzjoni ta' livell medju[123], aktar minn nofshom (52,1 %) ġew irreġistrati fi programmi b'orjentazzjoni vokazzjonali fl-2021 (jiġifieri li jipprovdu ħiliet u tagħlim ta' għarfien relatat ma' sengħa, mestier jew vokazzjoni speċifiċi). Barra minn hekk, fid-dawl tas-sistemi nazzjonali differenti ta' edukazzjoni u taħriġ fl-UE, dan is-sehem ivarja minn 17,6 % f'Ċipru għal 70 % fis-Slovenja[124]. Fl-2022, 60,1 % tal-gradwati reċenti tal-VET fl-UE bbenefikaw mit-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol matul l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom. Madankollu, għad hemm diskrepanzi kbar fl-Istati Membri, li jvarjaw minn aktar minn 90 % fi Spanja, il-Ġermanja, u n-Netherlands, għal inqas minn 20 % fir-Rumanija, iċ-Ċekja u l-Polonja. Il-gradwati reċenti tal-VET li kienu esposti għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol kienu ferm aktar probabbli li jiġu impjegati (82,5 % fl-2022 fl-UE) minn dawk li ma kinux (71,6 %). B'mod ġenerali, minkejja li r-rata ta' impjieg tal-gradwati reċenti tal-VET madwar l-UE evolviet b'mod favorevoli matul l-aħħar sena, tant li laħqet 79,7 % fl-2022, hemm varjazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi, minn 93,9 % fil-Lussemburgu għal 57,7 % fir-Rumanija.

123 L-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell (livell 3 tal-ISCED) jew l-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (livell 4 tal-ISCED).

124 Dan il-paragrafu jiddependi fuq id-data tal-Eurostat [educ_uoe_enra16], [tps00215], [edat_lfse_24].

**Filwaqt li l-livell edukattiv terzjarju qed jiżdied b'mod kostanti, għad hemm disparitajiet, inkluż bejn il-ġeneri u r-reġjuni.** Fl-2022, 42 % tal-persuni fl-età ta' bejn 25 u 34 sena kellhom lawrja ta' edukazzjoni terzjarja, b'żieda minn 41,2 % fl-2021 u 36,8 % fl-2016. Jekk ix-xejra pożittiva tal-aħħar deċennju tkompli, il-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ta' 45 % tista' tintlaħaq qabel l-2030[125]. Minkejja l-progress konsiderevoli fil-livell tal-UE, il-kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja għadhom taħt l-40 % fi tmien pajjiżi tal-UE. Filwaqt li r-rata kienet saħansitra taħt it-30 % fir-Rumanija u fl-Italja, hija kienet ogħla minn 60 % fl-Irlanda u fil-Lussemburgu fl-2022 (ara l-Illustrazzjoni 2.2.4). Barra minn hekk, l-irġiel huma inqas probabbli li jkollhom kwalifiki ta' livell terzjarju min-nisa (36,5 % vs 47,6 %). Id-differenzi bejn il-ġeneri jvarjaw minn 4,6 pps għal 23,8 pps madwar l-UE. Fl-2021, id-diskrepanza fl-edukazzjoni terzjarja bejn persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà (fl-età ta' bejn 30 u 34 sena) kienet ta' 11,3 pps, b'madwar terz biss tal-persuni b'diżabbiltà temmew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti[126]. Barra minn hekk, għad hemm differenzi reġjonali qawwija u xi reġjuni b'ishma taħt il-medja tal-UE ta' persuni b'edukazzjoni fil-livell terzjarju jinsabu f'riskju li jaqgħu lura minn reġjuni aktar dinamiċi, billi d-diskrepanzi tat-talenti u dawk ekonomiċi jiżdiedu[127].

**Illustrazzjoni 2.2.4: Id-disparitajiet bejn il-ġeneri fir-rati ta' kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja huma sinifikanti**

Il-proporzjon ta' persuni ta' bejn il-25 u l-34 sena rreġistrat fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol li l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ miksub tagħhom huwa l-edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8, %, 2022).




*Nota*: Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni axxendenti tar-rata totali ta' kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja.
*Sors*: l-Eurostat [edat_lfse_03], l-LFS tal-UE.

125 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Education and Training Monitor 2023*, 2023.
126 EDE, Data komparattiva Ewropea dwar il-persuni b'diżabbiltà, data tal-2021.
127 Għad-dettalji, ara il-Komunikazzjoni *tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa* (COM(2023) 32 final).

**Hemm sehem dejjem akbar ta' gradwati terzjarji li huma mobbli jew jirrisjedu barra l-pajjiż, fejn xi Stati Membri jkunu l-aktar fuq in-naħa li tibgħat**[128]**.** Hemm disparitajiet sinifikanti fl-Istati Membri bejn l-għadd ta' gradwati residenti barra mill-pajjiż u l-għadd ta' gradwati minn pajjiż ieħor tal-UE li jidħlu fil-pajjiż. Il-medja tal-gradwati b'mobbiltà li twassal għal lawrja, jiġifieri dawk l-istudenti li temmew l-edukazzjoni sekondarja xi mkien ieħor għajr fl-Istat Membru tal-UE fejn kienu qed jistudjaw, żdiedet minn 4,4 % għal 4,8 % bejn l-2017 u l-2021 fl-EU-27, filwaqt li s-sehem tal-gradwati li jgħixu barra mill-pajjiż, espress bħala perċentwal ta' gradwati fil-pajjiż mittenti, żdied minn 3,4 % fl-2007 għal 5,3 % fl-2022[129]. Għaxar pajjiżi tal-UE kienu spedituri netti fl-2022, filwaqt li disa' Stati Membri oħrajn kienu riċevituri netti. L-akbar bilanċ nett negattiv f'termini relattivi, għall-pajjiżi fejn kien hemm data disponibbli, ġie rreġistrat għall-Kroazja, il-Litwanja, l-Estonja, l-Ungerija u l-Portugall, filwaqt li l-Awstrija, l-Irlanda u l-Belġju kellhom l-akbar bilanċi netti pożittivi.

**Sabiex tiġi appoġġata l-kompetittività, jiġu promossi impjiegi ta' kwalità u jiġi ppreservat il-mudell soċjali tal-UE, hija meħtieġa azzjoni sostnuta biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet tal-forza tax-xogħol, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** F'dan l-isfond, sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ effettivi u li jiffunzjonaw tajjeb huma essenzjali biex jipprovdu liż-żgħażagħ b'ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, filwaqt li parteċipazzjoni għolja fl-apprendiment għall-adulti hija ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol jiġu aġġornati b'mod kostanti. Il-mira ewlenija dwar l-apprendiment għall-adulti tirrikjedi li mill-inqas 60 % tal-adulti jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena fl-UE sal-2030.

---

128 Eurofound, *The role of human capital inequalities in cohesion and convergence*, 2024 ((pubblikazzjoni pendenti).

129 Data mhux disponibbli għal BG, CY, LU, LV, MT, PL, RO, u SK.

Il-mira tal-UE u l-miri nazzjonali relatati huma definiti f'termini ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar (minbarra taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol), sabiex jirriflettu aħjar ir-realtà ta' taħriġ kontinwu, li fil-biċċa l-kbira jiġi pprovdut permezz ta' korsijiet qosra u mmirati. L-aħħar data disponibbli mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) tindika rata medja ta' parteċipazzjoni ta' 37,4 % tal-popolazzjoni adulta għall-UE (fl-2016), ferm inqas mill-mira tal-2030 (ara t-taqsima 1.3). F'dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment tiddeskrivi kif l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw l-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju b'mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti kollha jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom[130]. Barra minn hekk, il-mikrokredenzjali għandhom potenzjal qawwi li joffru titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid rapidi u mmirati għall-ħaddiema u għal dawk li qed ifittxu impjieg, anki fid-dawl tan-nuqqas ta' ħiliet (ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali)[131]. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li tibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020, għandha l-għan li tippromwovi bidla fil-mentalità lejn it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid matul il-ħajja, tgħin lin-nies jiksbu l-ħiliet it-tajbin għal impjiegi ta' kwalità u jieħdu vantaġġ mill-ħafna opportunitajiet offruti mit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali[132].

[130] Għad-dettalji, ara: IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03.

[131] Għad-dettalji, ara: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02.

[132] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020)274 final; Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

**In-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet huma mifruxa fost il-livelli ta' impjiegi u ta' ħiliet, xprunati minn domanda qawwija għall-ħaddiema, iżda wkoll minn xi fatturi determinanti aktar strutturali bħal xejriet demografiċi.** In-nuqqas mifrux ta' ħaddiema huwa xprunat minn domanda qawwija għall-ħaddiema, minkejja t-tnaqqis reċenti fir-ritmu tal-ekonomija, iżda t-tnaqqis tal-forza tax-xogħol minħabba bidla demografika seta' wkoll kellu rwol. Filwaqt li l-effett tat-tixjiħ sa issa kien kontrobilanċjat minn żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-forza tax-xogħol tal-UE hija mistennija li tonqos fid-deċennji li ġejjin. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħaddiema f'xi setturi u impjiegi huwa relatat ukoll mal-impjiegi ġodda maħluqa fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u n-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet li huma prominenti fil-forza tax-xogħol, anki fid-dawl tar-rekwiżiti l-ġodda tal-ħiliet. Fl-aħħar nett, f'ċerti każijiet, in-nuqqasijiet huma relatati wkoll ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, speċjalment f'setturi bħall-kura tas-saħħa, il-kura residenzjali u t-trasport[133]. It-trawwim tal-integrazzjoni b'suċċess fis-suq tax-xogħol ta' gruppi li bħalissa huma sottorappreżentati (bħal, pereżempju, in-nisa, iż-żgħażagħ, il-ħaddiema akbar fl-età, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni jew ir-Rom) jista' jgħin biex jiġi kontrobilanċjat l-impatt tat-tibdil demografiku fuq il-provvista tal-ħaddiema[134]. L-appoġġ għalihom fl-iżvilupp u l-użu effettiv tal-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti għas-suq tax-xogħol permezz ta' forniment adegwat ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huwa essenzjali biex isir użu effettiv mill-potenzjal tagħhom. Fl-impjiegi STEM u tal-kura tas-saħħa, il-provvista limitata ta' ħiliet speċifiċi għall-impjieg għandha rwol importanti fl-ispjegazzjoni tan-nuqqasijiet, pereżempju[135]. It-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jgħin biex jiġu attirati u jinżammu l-ħaddiema f'ċerti setturi u okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-mobbiltà intra-UE, kif ukoll l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu żgurati r-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, u l-indirizzar tal-migrazzjoni legali lejn okkupazzjonijiet li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema, b'komplementarjetà sħiħa mal-isfruttar tat-talenti minn ġewwa l-Unjoni, jistgħu jikkontribwixxu biex jindirizzaw in-nuqqasijiet kemm ta' ħaddiema kif ukoll ta' ħiliet[136].

---

133 Il-Kummissjoni Ewropea,*Addressing labour shortages and skills gaps in the EU*, *Employment and Social Developments in Europe (ESDE)*, Annual review. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

134 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni*, COM(2023) 577 final.

135 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

136 B'mod partikolari permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mnedija bħala parti mill-pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2023.

**Fl-UE, l-ispariġġi fil-ħiliet makroekonomiċi ilhom jonqsu tul dawn l-aħħar deċennju**[137]. Dawn ilhom jonqsu mill-2012 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE (ara l-Illustrazzjoni 2.2.5). Fil-biċċa l-kbira, dan it-tnaqqis huwa xprunat mil-livelli edukattivi li qed jiżdiedu fl-Istati Membri, filwaqt li s-sehem tal-impjiegi li jeħtieġu mill-inqas livell edukattiv sekondarju qed jiżdied fil-maġġoranza tagħhom. Sa ċertu punt, dan jirrifletti wkoll diskrepanza li qed tonqos bejn l-eżiti tal-impjiegi tal-gruppi tal-popolazzjoni bi kwalifiki baxxi, medji u għoljin. Madankollu, l-ispariġġi fil-ħiliet makroekonomiċi għadhom relattivament għoljin fl-Italja, il-Belġju, il-Lussemburgu, il-Kroazja u Spanja. It-tisħiħ tal-apprendiment għall-adulti jista' jgħin biex jitnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet billi l-provvista tal-ħiliet u d-domanda għalihom jiġu allinjati aħjar.

**Illustrazzjoni 2.2.5: L-ispariġġ fil-ħiliet makroekonomiċi naqas matul dawn l-aħħar deċennju**

Dispersjoni relattiva tar-rati ta' impjieg ta' ħaddiema b'livelli edukattivi differenti, ponderati bis-sehem ta' kull grupp fil-popolazzjoni totali fl-età tax-xogħol (20-64)




*Nota*: Dan l-indikatur jirrifletti d-diffikultà relattivament ogħla tad-dħul fis-suq tax-xogħol ta' dawk bi kwalifiki baxxi u medji, meta mqabbla ma' dawk bi kwalifiki għoljin.
*Sors*: kalkoli ta' DĠ EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat [lfsg_egaed; lfsq_pgaed; lfsq_agaed], l-LFS tal-UE.

137 L-ispariġġ fil-ħiliet makroekonomiċi jirriżulta meta d-distribuzzjoni tal-ħiliet tvarja bejn il-ħaddiema disponibbli u dawk li jiġu impjegati.

**In-nuqqasijiet ta' ħiliet jistgħu joħolqu ostakli għat-tkabbir ekonomiku u jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jekk ma jiġux indirizzati b'mod adegwat.** Fl-2021, aktar minn 60 % tal-intrapriżi tal-UE li rreklutaw jew ippruvaw jirreklutaw speċjalisti tal-ICT kellhom diffikultajiet biex jimlew dawn il-postijiet tax-xogħol vakanti[138]. Nuqqas ta' applikanti b'edukazzjoni u taħriġ rilevanti jew b'esperjenza ta' xogħol spiss kien ikkwotat fost id-diffikultajiet ewlenin. Stħarriġ mill-2023 li sar fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet issottolinja n-nuqqas mifrux ta' ħiliet fl-SMEs, bi 78 % minnhom isibuha diffiċli ħafna (52 %) jew moderatament diffiċli (26 %) biex isibu l-ħaddiema bil-ħiliet it-tajbin[139]. Madwar żewġ terzi tal-SMEs (63 %), u f'seba' Stati Membri saħansitra madwar tliet kwarti minnhom, qiesu li n-nuqqas ta' ħiliet kien qed jillimita l-attivitajiet kummerċjali ġenerali tagħhom. Għal kważi nofshom (45 %) dan kien jikkonċerna b'mod partikolari l-użu ta' teknoloġiji diġitali, filwaqt li l-limitazzjonijiet fl-ekoloġizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom kienu problema għal 39 %. Min-naħa tagħhom, fost il-ħaddiema adulti, 63 % iddikjaraw li kellhom bżonn jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom aktar biex jagħmlu xogħolhom aħjar, bi 52 % jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet diġitali tagħhom[140].

---

138 L-Eurostat [isoc_ske_itrcrs].

139 L-Ewrobarometru 529 *Skills shortages, recruitment and retention strategies in small and medium-sized enterprises*, 2023.

140 It-tieni stħarriġ Ewropew dwar il-ħiliet u l-impjiegi tas-Cedefop, 2021.

**Kaxxa 2 tal-Pilastru: It-trawwim ta' ħiliet u kompetenzi għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika**

**L-iżvilupp ulterjuri tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika jikkontribwixxi għal kapaċità akbar ta' innovazzjoni, kompetittività u tkabbir sostenibbli u inklużiv.** Dan jappoġġa l-prinċipji ta' implimentazzjoni 1 (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja), 3 (opportunitajiet indaqs) u 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima, sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u jiġu sfruttati l-opportunitajiet minn teknoloġiji ekoloġiċi u żviluppi industrijali, ser tagħti bidu għal trasformazzjoni fundamentali f'firxa wiesgħa ta' setturi. Ser jinħolqu impjiegi ġodda, filwaqt li xi impjiegi ser jiġu sostitwiti u oħrajn ser jiġu ddefiniti mill-ġdid. L-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew toffri opportunitajiet sinifikanti għal impjiegi ta' kwalità u tista' toħloq madwar miljun impjieg sal-2030, u possibbilment multiplu ta' dan sal-2050, iżda teħtieġ appoġġ adegwat u l-politiki ta' akkumpanjament xierqa[141]. Skont il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-ħiliet ġew identifikati bħala wieħed mill-pilastri għal industrija kompetittiva b'emissjonijiet żero netti u katalist għal tranżizzjoni mgħaġġla għan-newtralità klimatika. Barra minn hekk, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ser isaħħaħ il-ħiliet għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti billi jistabbilixxi programmi ta' taħriġ dedikati permezz ta' Akkademji Żero Netti. Filwaqt li jibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, il-Patt għall-Ħiliet għandu l-għan li jlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u jħeġġiġhom jagħmlu impenji konkreti biex itejbu l-ħiliet tal-adulti u jħarrġuhom mill-ġdid. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet tagħti spinta ġdida lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u għandha l-għan li tqabbel l-aspirazzjonijiet u s-settijiet ta' ħiliet tan-nies mal-opportunitajiet ta' xogħol, speċjalment għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, u filwaqt li jkompli jirfed il-ħiliet ekoloġiċi professjonali, kull individwu ser ikollu bżonn jiżviluppa kompetenzi ta' sostenibbiltà biex jaħseb, jippjana u jaġixxi billi jżomm f'moħħu s-sostenibbiltà ambjentali sabiex is-soċjetà kollha kemm hi tkun tista' tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika. F'dan ir-rigward, il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ jistgħu jibnu fuq il-qafas Ewropew ta' kompetenza ta' sostenibbiltà ta' GreenComp li jikkonsisti fi tnax-il kompetenza ta' sostenibbiltà.

141 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Murauskaite-Bull, I., Scapolo, F., Muench, S., et al., *The future of jobs is green*, 2021.

**Filwaqt li l-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni qed jiżdiedu, il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika huma dejjem aktar meħtieġa fis-setturi u fl-impjiegi kollha.** Skont it-Tassonomija Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO), kważi 300 profil tax-xogħol fl-UE jeħtieġu mill-inqas ħila waħda ttikkettata bħala ekoloġika[142]. Fl-2022, l-Istati Membri kollha tal-UE ffaċċjaw nuqqasijiet f'impjiegi li jeħtieġu ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika, għalkemm b'varjazzjoni konsiderevoli bejn il-pajjiżi (li jvarjaw minn 108 sa tliet okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fin-Netherlands u fil-Greċja, rispettivament)[143]. Is-setturi tal-kostruzzjoni u tal-manifattura, li għandhom rwoli kruċjali fit-tranżizzjoni ekoloġika, irrapportaw nuqqasijiet mifruxa. Ġew identifikati nuqqasijiet ta' ħaddiema f'okkupazzjonijiet ta' bennejja, mastrudaxxi u ħaddiema li jgħaqqdu l-għamara f'aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri. Hemm ukoll nuqqasijiet sinifikanti fi professjonijiet oħrajn relatati mal-ktajjen tal-valur tal-enerġija rinnovabbli, l-iskjerament jew il-loġistika, bħas-sewwieqa tat-trakkijiet (fi sbatax-il Stat Membru) jew it-tekniċi tal-inġinerija elettrika (fi tnax-il Stat Membru). L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet huwa essenzjali biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi tan-newtralità klimatika u tas-sostenibbiltà ambjentali[144].

**L-Istati Membri qed jieħdu miżuri f'oqsma ta' politika differenti biex jippromwovu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.** Xi Stati Membri, pereżempju l-**Finlandja,** id-**Danimarka** u l-**Greċja**, qed jaġġornaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom ta' ħiliet u finanzjament biex jagħtu prijorità lill-ħiliet għall-ekonomija ekoloġika. **Franza** ħabbret miżuri li jagħmlu l-iżvilupp tal-kompetenzi ta' sostenibbiltà "prijorità trażversali" fis-suġġetti kollha tat-tagħlim fl-edukazzjoni obbligatorja, inkluż qafas għall-kejl u l-iżvilupp tal-kompetenzi ta' sostenibbiltà bbażati fuq GreenComp. F**is-Slovakkja**, il-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ jiġu aġġornati fil-qafas tal-RRP, bil-ħsieb li jippromwovu wkoll il-ħiliet ekoloġiċi rilevanti għas-suq tax-xogħol u, **fir-Rumanija**, l-iskejjel vokazzjonali ser jirċievu appoġġ biex jimmodernizzaw il-kurrikuli tagħhom, u aktar minn għaxra mill-istandards okkupazzjonali fil-lista ta' impjiegi tal-VET ser jiġu aġġornati. Dan jinvolvi wkoll l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u tal-ħarrieġa, kif ukoll it-titjib tal-infrastruttura tal-klassijiet, taċ-ċentri ta' taħriġ u tal-ambjenti ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, bħala parti mill-RRP. Fost l-oħrajn, **Spanja** u **d-Danimarka** aġġustaw il-politiki attivi tagħhom tas-suq tax-xogħol biex jgħaqqdu aħjar lil dawk li qed ifittxu impjieg mal-opportunitajiet fl-ekonomija ekoloġika. Barra minn hekk, diversi pajjiżi, pereżempju **Franza, Malta** u **l-Iżvezja**, qed jiżviluppaw jew jaġġornaw is-sistemi tagħhom ta' informazzjoni dwar il-ħiliet biex jidentifikaw jew jantiċipaw ħiliet speċifiċi li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan tipikament jinvolvi kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija, mas-sħab soċjali u mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, inkluż fil-livell reġjonali jew lokali. **Il-Portugall** stabbilixxa Ċentru ta' Taħriġ speċifiku għat-Tranżizzjoni Enerġetika bl-għan li jippromwovi t-tfassil ta' perkorsi ta' taħriġ u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fihom biex ikunu kwalifikati fl-oqsma tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-azzjoni klimatika, eż. l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, u l-mobbiltà sostenibbli.

---

142 Tassonomija tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Impjiegi, Ħiliet u Kompetenzi (ESCO), Cedefop, 2012.

143 Abbażi tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, EURES Report on labour shortages and surpluses *2022*, 2023.

144 Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**F'dan l-isfond, huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti biex jittejbu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fost il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni akbar fl-età u n-nazzjonali mhux tal-UE.** Fl-2021, bejn 60 u 70 % tal-ħaddiema fl-UE użaw għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol li kienu jeħtieġu livelli bażiċi jew moderati ta' ħiliet diġitali[145]. Madankollu, 53,9 % biss tal-adulti Ewropej (16-74) kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, u dan ħalla distakk konsiderevoli fuq il-mira ta' 80 % sal-2030, kif definit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Kumpass Diġitali għad-Deċennju Diġitali[146]. Fir-Rumanija u l-Bulgarija, inqas minn terz tal-popolazzjoni adulta kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2021, biż-żewġ pajjiżi, flimkien mal-Polonja, juru "sitwazzjoni kritika" f'din id-dimensjoni (ara l-Illustrazzjoni 2.2.6). Barra minn hekk, l-Italja, il-Ġermanja, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovenja u Ċipru kellhom "jiġu osservati", minħabba livelli ferm taħt il-medja tal-UE. Fl-istess ħin, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Irlanda u d-Danimarka, bħala dawk "bl-aħjar prestazzjoni", diġà laħqu livelli qrib it-80 % tal-popolazzjoni adulta b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi. Hemm ukoll varjazzjoni konsiderevoli fost il-gruppi tal-popolazzjoni. Filwaqt li 71 % taż-żgħażagħ (16-29) kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-UE, 34,6 % biss tal-popolazzjoni akbar fl-età (55-74) kellhom dawn. B'rati ta' 45 % u 33 %, rispettivament, il-persuni qiegħda u l-persuni inattivi kienu wkoll għadhom aktar lura fil-ħiliet diġitali bażiċi mill-bqija tal-popolazzjoni. Fl-aħħar nett, sehem ferm iżgħar ta' nazzjonali mhux tal-UE (41,8 %) kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-istess sena.

**Illustrazzjoni 2.2.6:** Huma osservati differenzi kbar bejn il-pajjiżi fil-ħiliet diġitali tal-adulti
Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew ogħla (16-74 sena), livelli tal-2021 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




•

*Nota*: Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tal-indikatur fl-2021, b'mod eċċezzjonali jintużaw biss livelli fil-valutazzjoni ta' dan l-indikatur (bis-suppożizzjoni ta' "ebda bidla" għall-Istati Membri kollha, kif ukoll għall-medja tal-UE).
*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp410].

---

145 Is-Cedefop, *Setting Europe on course for a human digital transition: new evidence from Cedefop's second European skills and jobs survey*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Serje ta' referenza tas-Cedefop; Nru 123, 2022.

146 Id-Deċennju Diġitali huwa l-viżjoni strateġika li tfares 'il quddiem tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali u għat-trasformazzjoni tan-negozji Ewropej sal-2030. Il-pjan ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2021. Minbarra l-mira dwar il-ħiliet diġitali, huwa stabbilixxa mira ta' 20 miljun professjonista tal-ICT sal-2030 (żieda minn madwar 9 miljuni fl-2021).

**Il-persuni b'livell edukattiv baxx jistħoqqilhom attenzjoni partikolari fl-azzjoni politika mmirata biex iżżid il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti**. Il-persuni b'massimu ta' edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jikkostitwixxu 20,5 % ta' dawk fl-età ta' bejn 25 u 64 sena fl-UE, u sehem kbir (15,1 %) taż-żgħażagħ (25-34). Fl-2022, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 4 ġimgħat kienet ta' aktar minn erba' darbiet u kważi d-doppju fost dawk b'ħiliet għoljin (19,8 %) u b'ħiliet medji (9 %), rispettivament, meta mqabbla ma' dawk b'ħiliet baxxi (4,7 %) (ara l-Illustrazzjoni 2.2.7). Madankollu, din id-diskrepanza qed tvarja skont il-pajjiż, minn inqas minn darbtejn ogħla f'pajjiżi bħall-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja, għal aktar minn għaxar darbiet ogħla f'pajjiżi bħall-Greċja, il-Kroazja u l-Polonja. It-titjib tal-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti fil-popolazzjoni kollha, u speċjalment fost dawk b'ħiliet baxxi, huwa kruċjali f'kuntest ta' nuqqasijiet mifruxa ta' ħaddiema u ta' ħiliet, u bil-ħsieb li jiġi appoġġat tkabbir inklużiv u sostenibbli. Il-Pakkett ta' Evalwazzjoni tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, adottat reċentement bħala parti mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, jissottolinja l-ħtieġa li l-adulti bi kwalifiki baxxi jingħataw aktar opportunitajiet biex jiżviluppaw ħiliet bażiċi jew sett usa' ta' ħiliet, kif rilevanti għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol[147].

**Illustrazzjoni 2.2.7: Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti hija influwenzata ħafna mil-livell edukattiv**

Il-parteċipazzjoni tal-adulti (fl-età ta' bejn 25 u 64) fl-apprendiment fl-aħħar 4 ġimgħat fl-2022, skont il-livell (baxx, medju jew għoli) tal-livell edukattiv




•

*Noti:* L-ebda data disponibbli għal BG u LV għal persuni b'ħiliet baxxi. Data ta' affidabbiltà baxxa għal-LU. Interruzzjoni fis-serje għal SK.
*Sors*: l-Eurostat [trng_lfse_03], l-LFS tal-UE.

147 Il-Pakkett ta' Evalwazzjoni tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet ġie adottat f'Lulju 2023 u evalwa l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet.

**Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ għall-adulti jsir f'ambjenti mhux formali.** Fl-2022, tlieta minn erba' adulti li pparteċipaw fl-apprendiment fl-aħħar 4 ġimgħat fl-UE għamlu dan b'mod mhux formali, jiġifieri mod strutturat ta' apprendiment barra mill-istituzzjonijiet edukattivi tradizzjonali formali. Dan jikkonsisti l-aktar f'korsijiet ta' taħriġ qosra pprovduti fil-kumpanija jew minn ċentri speċjalizzati. F'għoxrin Stat Membru, is-sehem tal-apprendiment mhux formali kien ogħla minn 80 %, filwaqt li kien żewġ terzi jew inqas f'ħames Stati Membri oħrajn. Fil-Bulgarija u l-Greċja biss, is-sehem tal-apprendiment mhux formali kien jikkostitwixxi inqas minn nofs l-attivitajiet ta' apprendiment totali[148].

**Wara li tjieb fl-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19, il-qgħad fost iż-żgħażagħ stabbilizza taħt il-livelli osservati qabel, iżda għadu relattivament għoli f'ħafna Stati Membri.** Wara li laħqet il-livell ta' qabel il-kriżi ta' 14,4 % fit-tieni trimestru tal-2022, fejn irkuprat mill-ogħla livell ta' 19,1 % fit-tielet trimestru tal-2020, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24) b'mod ġenerali żammet dan il-livell fl-UE fit-tieni trimestru tal-2023 (ara l-Illustrazzjoni 2.2.8). Ir-rata naqset fi 15-il Stat Membru meta mqabbla mat-tieni trimestru tal-2022, u b'mod partikolari b'aktar minn 5 pps fil-Greċja, l-Estonja u l-Latvja, filwaqt li żdiedet b'mod notevoli fl-Ungerija (3,8 pps), fiċ-Ċekja (3,7 pps) u fil-Finlandja (3,5 pps). Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu kważi tliet darbiet aktar minn dak għall-popolazzjoni ġenerali fl-età tax-xogħol fl-UE. Dan ivarja minn aktar minn 20 % fi Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Rumanija u l-Iżvezja, għall-aktar rata baxxa (5,9 %) fil-Ġermanja. Huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jingħelbu l-isfidi strutturali li jżommu liż-żgħażagħ lura fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntest tan-nuqqasijiet mifruxa ta' ħaddiema u ta' ħiliet, kif ukoll biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi fit-tul possibbli fuq il-prospetti tal-karriera tagħhom.

[148] L-Eurostat [trng_lfs_09], l-LFS tal-UE.

**Illustrazzjoni 2.2.8: Il-qgħad fost iż-żgħażagħ tjieb f'konformità ma' rkupru ekonomiku qawwi, iżda s-sitwazzjoni għadha diffiċli f'xi Stati Membri**

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (ta' 15-24 sena, % tal-popolazzjoni attiva) għal Q4-2019 (qabel il-kriżi), għal Q3-2020 (l-agħar fażi tal-kriżi) u għal Q2-2022 (wara l-kriżi) Q2-2023




*Noti*: Data aġġustata skont l-istaġun. Affidabbiltà baxxa għal EE, HR, LU, MT u SI fir-raba' trimestru tal-2019 u fit-tielet trimestru tal-2020, u għal LU, MT u SI fit-tieni trimestru tal-2022 u fit-tieni trimestru tal-2023. Id-definizzjoni tvarja għal FR u ES fit-tieni trimestru tal-2022 u fit-tieni trimestru tal-2023.
*Sors:* l-Eurostat [une_rt_q], l-LFS tal-UE.

**Fl-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19, is-sehem taż-żgħażagħ la fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ (NEETs) naqas b'mod sinifikanti għal taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, iżda għad hemm sfidi.** Wara żieda sinifikanti matul il-kriżi tal-COVID-19 bi 13,9 % fl-2020, ir-rata tan-NEET (15-29) fl-UE kompliet tonqos minn 13,1 % fl-2021 għal 11,7 % fl-2022. Madankollu, fir-Rumanija (li għandha l-ogħla rata ta' 19,8 %), fil-Greċja u f'Ċipru, is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ NEETs hija "kritika", minħabba livelli għoljin b'mod persistenti u titjib mhux għoli biżżejjed għal xi wħud (ara l-Illustrazzjoni 2.2.9). Fil-Kroazja, Spanja, iċ-Ċekja u l-Finlandja, is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata". Dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE kienu Malta u l-Iżvezja, li rreġistraw kemm livelli baxxi kif ukoll titjib sostanzjali. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, jistgħu jiġu osservati wkoll differenzi reġjonali fir-rati tan-NEET (ara l-Illustrazzjoni 2 fl-Anness 5). Filwaqt li r-rata ta' NEET qiegħda tjiebet b'mod sinifikanti, fejn naqset b'0,7 pps minn 2021 għal 4,3 % fl-2022, u issa tinsab ferm taħt il-livell ta' qabel il-kriżi (4,9 % fl-2019),[149] sehem akbar ta' NEETs (7,4 % fl-2022, tnaqqis minn 7,8 % fl-2019) għadhom barra mill-forza tax-xogħol, kif spjegat aħjar fil-Kaxxa 3 tal-Pilastru ddedikat[150]. Sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' rata ta' NEET ta' 9 % sal-2030, stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huma meħtieġa sforzi kontinwi, li jibnu fuq it-titjib reċenti.

[149] L-Eurostat [edat_lfse_20].

[150] Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

**Illustrazzjoni 2.2.9: Ir-rati ta' NEET qed jonqsu b'mod sinifikanti iżda għad hemm sfidi**

Ir-rata ta' NEET (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**In-nisa u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni jidhru b'mod aktar prominenti fost in-NEETs.** Filwaqt li tjieb mill-2021 sal-2022, is-sehem tan-nisa mhux fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ fl-UE (13 %) kien għadu 2,5 pps ogħla milli għall-irġiel (10,5 %) (ara l-Illustrazzjoni 2.2.10). Id-diskrepanza kienet ogħla minn 10 pps fiċ-Ċekja u fir-Rumanija. Fl-Estonja, il-Finlandja, il-Lussemburgu u l-Belġju biss, ir-rata ta' NEET għall-irġiel kienet ogħla mir-rata tan-nisa. Filwaqt li fost l-irġiel NEET, l-inattività kienet biss ftit aktar frekwenti meta mqabbla mal-qgħad (5,7 % vs 4,8 %), fost in-nisa NEET, sehem ferm akbar kienu inattivi (9,2 % vs 3,8 %). Fl-aħħar nett, sehem ferm ogħla ta' żgħażagħ imwielda barra mill-UE kienu NEET, meta mqabbla ma' dawk nattivi fl-2022, b'mod partikolari fost in-nisa. Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tista' tgħin biex in-NEETs jitpoġġew fil-mira billi jiġu offruti impjiegi ta' kwalità, edukazzjoni ulterjuri, apprendistati jew traineeships fi żmien 4 xhur minn meta jisfaw qiegħda jew jitilqu mill-edukazzjoni formali[151]. Sabiex tikkomplementa dan, l-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA) tgħin lin-NEETs żvantaġġati jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż, inkluż taħriġ intensiv imfassal apposta fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom matul il-fażi preparatorja, u appoġġ kontinwu biex jiksbu impjieg jew edukazzjoni ulterjuri fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom matul il-fażi ta' segwitu[152].

**Illustrazzjoni 2.2.10: Filwaqt li qed titjieb b'mod ġenerali, id-differenza bejn il-ġeneri fin-NEETs għadha sostanzjali**

Ir-rati ta' NEET tan-nisa u tal-irġiel (15-29, %, 2022)




*Nota:* Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

151 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

152 Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq ALMA (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb) - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

**Kaxxa 3 tal-Pilastru: It-tnaqqis tad-differenza tal-opportunitajiet għaż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ**

**Iż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) jikkostitwixxu sors mhux sfruttat ta' talent u innovazzjoni li, jekk jiġu indirizzati, jistgħu jikkontribwixxu għat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jsaħħu d-dinamiżmu ekonomiku u tas-soċjetà.** L-integrazzjoni adegwata u f'waqtha taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, jew fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, hija essenzjali biex jiġu evitati l-hekk imsejħa "effetti negattivi" aktar fit-tul. Din is-sitwazzjoni tista' tagħmel ħsara lill-prospetti futuri tal-karriera u lill-kapaċità ta' qligħ, b'riskji potenzjalment akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, sal-każijiet l-aktar estremi ta' problemi ta' saħħa fiżika u mentali[153]. It-trasformazzjonijiet kbar li ġejjin relatati mal-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna jżidu l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ ikunu integrati sew fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u jkunu jistgħu jħaddnu l-bidla u jmexxu t-trasformazzjonijiet 'il quddiem. Filwaqt li l-intervent ta' politika rapidu fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri għen biex titnaqqas ir-rata tan-NEET (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) mill-ogħla livell tagħha ta' 16,4 % fl-UE fl-2013 għal 12,8 % fl-2019,[154] u mbagħad għal livell baxx rekord ta' 11,7 % fl-2022, 8,3 miljun żagħżugħ NEET qed ikomplu joħolqu sfida sinifikanti għall-Unjoni. Dan għandu jiġi indirizzat f'konformità mal-Prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi), li jenfasizza d-dritt taż-żgħażagħ għal edukazzjoni kontinwa, u apprendistat, traineeship jew offerti ta' xogħol rapidi[155].

**Sitwazzjoni differenti għan-NEETs fl-UE li teħtieġ taħlita ta' approċċi ta' politika differenti**

Il-kategorizzazzjoni taż-żgħażagħ NEETs skont ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ




*Sors*: Kalkoli tal-Eurofound ibbażati fuq mikrodata tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol.

---

153 Il-Kummissjoni Ewropea,*Addressing labour shortages and skills gaps in the EU*, *Employment and Social Developments in Europe (ESDE)*, Annual review. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

154 L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) tnediet fl-2013 biex tipprovdi appoġġ liż-żgħażagħ li jgħixu f'reġjuni fejn il-qgħad fost iż-żgħażagħ kien ogħla minn 25 %.

155 Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ppropona tnaqqis fir-rata tan-NEET flimkien mal-mira tar-rata tal-impjiegi tal-UE ta' 78 % sal-2030.

**Iż-żgħażagħ NEETs jirrappreżentaw popolazzjoni eteroġena ħafna, li titlob approċċi ta' politika mfassla apposta.** Fl-2022, fl-UE, filwaqt li r-rata ta' NEET qiegħda kienet ta' 4,3 %, is-sehem ta' NEETs inattivi kien ta' 7,4 %, li huwa ogħla b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, ir-Rumanija (14,2 %), l-Italja (12,7 %) u l-Bulgarija (11,9 %) irreġistraw l-ogħla rati ta' żgħażagħ NEETs inattivi fl-Unjoni. Ir-Rumanija ppreżentat ukoll differenza konsiderevoli bejn il-ġeneri f'din l-istatistika, b'rata ogħla ta' 13,3 pps għan-nisa milli għall-irġiel, segwita mill-Bulgarija (5,9 pps) u mill-Italja (3,8 pps). Skont ir-riċerka tal-Eurofound, iż-żgħażagħ jistgħu jkunu NEETs inattivi għal raġunijiet bħal responsabbiltajiet tal-familja, mard jew diżabbiltà (ara l-Illustrazzjoni). Oħrajn jistgħu jiġu skoraġġuti minħabba li ma jkunux jistgħu jsibu impjieg xieraq, filwaqt li jiffaċċjaw ostakli addizzjonali iktar ma jgħaddi ż-żmien. Il-fehim tar-raġunijiet wara l-inattività ekonomika ta' żgħażagħ NEETs f'kull pajjiż huwa essenzjali għat-tfassil ta' interventi ta' politika mmirati, li jvarjaw minn miżuri ta' impjegabbiltà għall-kura u l-assistenza soċjali[156]. L-għajnuna lin-NEETs biex jidħlu fis-suq tax-xogħol hija saħansitra aktar importanti fid-dawl tan-nuqqas konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet li qed tiffaċċa l-Unjoni.

**Filwaqt li ma hemm l-ebda approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd, il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u ta' attivazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-kura u s-servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità huma ġeneralment importanti biex tiġi indirizzata l-isfida ta' żgħażagħ NEETs.** L-Istrateġija tal-Perkorsi għax-Xogħol 2021-2025 adottata mil**l-Irlanda** tiddeskrivi l-programmi ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, kif ukoll is-sussidji tal-impjegaturi biex jinċentivaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' żgħażagħ NEETs. F**ir-Rumanija**, il-"proġett STONE" jiffoka fuq it-tisħiħ tal-ħiliet tan-NEETs. Stati Membri oħrajn jappoġġaw lin-NEETs fit-titjib tal-ħiliet diġitali, bħal**l-Italja** ("*Crescere in Digitale*"), **Spanja** ("*Empleando Digital*") u **l-Belġju** ("*BeCode*" u "*MolenGeek*").

156 Sorsi: Eurofound, *Impact of COVID-19 on young people in the EU*, u Eurofound (2016), *Exploring the diversity of NEETs*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021. Il-kalkoli huma bbażati fuq mikrodata tal-EU-LFS. "Rientranti" jinkludu ħaddiema soġġetti għal assenza bil-permess u persuni li jkunu għadhom kemm ġew impjegati jew irreġistrati fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

**Il-persuni akbar fl-età huma aktar attivi fis-suq tax-xogħol minn qatt qabel, iżda għad hemm lok għal aktar titjib, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa anzjani.** Fl-2022, nofs il-popolazzjoni tal-UE kienet akbar minn 44,4 sena u l-età medjana hija pproġettata li tiżdied b'4,4 snin biex tilħaq 48,8 fl-2100[157]. Ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema akbar fl-età (55-64 sena) żdiedet b'mod notevoli minn 44,7 % fl-2010 għal 62,3 % fl-2020, wara żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni tagħhom minn 48 % għal 65,4 %. Fl-2022, ir-rata ta' impjieg tan-nisa anzjani, ta' 56,2 %, kienet madankollu 12,5 pps inqas minn dik tal-irġiel, ta' 68,7 %, għalkemm naqset (bi 3,5 pps) mill-2010. Meta mqabbla ma' gruppi ta' età oħrajn, il-ħaddiema akbar fl-età għandhom it-tendenza li jkollhom stabbiltà ogħla fl-impjiegi, riflessa wkoll fir-rata ta' qgħad relattivament baxxa tagħhom. Fl-2022, ir-rata tal-qgħad ta' ħaddiema akbar fl-età (55-74), ta' 4,6 %, kienet 1,6 pps aktar baxxa mir-rata ġenerali ta' 6,2 %. Madankollu, it-telf tal-impjiegi, meta jseħħ, jista' jkun aktar ta' ħsara f'età akbar, anki minħabba li l-ħaddiema akbar fl-età għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw diffikultajiet akbar biex iżommu l-ħiliet tagħhom aġġornati. Fl-2022, 51,1 % tal-persuni qiegħda fl-età ta' bejn 55 u 64 sena damu jfittxu impjieg għal aktar minn sena (meta mqabbla ma' 35,3 % għall-popolazzjoni totali). Fil-kuntest ta' nuqqasijiet mifruxa ta' ħaddiema u ta' ħiliet madwar l-UE u x-xejriet demografiċi negattivi, ħajjiet tax-xogħol itwal għandhom rwol importanti biex jappoġġaw il-provvista ta' ħaddiema u jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, filwaqt li jiggarantixxu l-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà u t-trasferimenti tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet. Billi l-ħaddiema akbar fl-età jistgħu potenzjalment ikunu aktar esposti għar-riskju ta' obsolexxenza tal-ħiliet, il-politiki ta' taħriġ u apprendiment tul il-ħajja, inkluż biex jiġu żgurati ħiliet diġitali adegwati, huma partikolarment importanti biex jippreservaw l-impjegabbiltà tagħhom u jrawmu t-tixjiħ attiv.

[157] Ara l-Eurostat, Population structure and ageing, L-istatistika spjegata, 2023.

**L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol għadhom mifruxa, b'differenzi kbar fl-Istati Membri u l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq.** Fl-2022, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel kienet ta' 80 % fl-UE, filwaqt li kienet ta' 69,3 % għan-nisa, li rriżultat f'differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 10,7 pps. Din id-differenza naqset xi ftit matul l-aħħar snin (minn 11,1 pps fl-2020 u 10,9 pps fl-2021). L-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi ġew osservati fil-Greċja u fl-Italja, fejn ftit aktar minn nofs in-nisa kienu impjegati (55,9 % u 55 %, rispettivament), meta mqabbla ma' madwar tliet kwarti tal-irġiel (76,9 % u 74,7 %, rispettivament), li juri "sitwazzjoni kritika" (ara l-Illustrazzjoni 2.2.11). Dan huwa wkoll il-każ għaċ-Ċekja, fejn id-differenza tjiebet kemxejn iżda għadha wiesgħa, ta' 14,9 pps. "Li għandhom jiġu osservati" huma l-Polonja, Ċipru u l-Irlanda, din tal-aħħar wara li esperjenzat żieda sostanzjali mill-valur tal-2021 (+1.3 pps) wara tnaqqis fis-sena ta' qabel. Għall-kuntrarju, l-iżgħar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-2022 ġew irreġistrati fil-Litwanja (0,8 pps), fil-Finlandja (1,2 pps), fl-Estonja (2,9 pps), u fil-Latvja (3,1 pps), li kollha kienu "bl-aħjar prestazzjoni". F'xi Stati Membri tista' tiġi osservata varjazzjoni sinifikanti fir-rata ta' impjieg bejn il-ġeneri fir-reġjuni, pereżempju l-Awstrija, il-Ġermanja u Spanja (ara l-Illustrazzjoni 3 fl-Anness 5). Sabiex tintlaħaq il-mira tar-rata ta' impjieg sal-2030 stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Istati Membri qed jagħmlu ħilithom biex mill-inqas inaqqsu bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi sal-2030. Sabiex tintlaħaq din, hija meħtieġa azzjoni politika ulterjuri sabiex jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025[158].

[158] Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea, *2023 report on gender equality in the EU*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Illustrazzjoni 2.2.11: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset fil-maġġoranza tal-pajjiżi, iżda għadha sinifikanti mingħajr l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri**

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (tal-persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livell tal-2022 u l-bidla mis-sena ta' qabel (pps, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
*Sors*: l-Eurostat [tesem060], l-LFS tal-UE.

**Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija usa' meta jitqies l-impjieg ekwivalenti għall-full-time (FTE), minħabba li n-nisa jaħdmu fuq bażi part-time b'mod aktar frekwenti.** Fl-2022, is-sehem tax-xogħol part-time tan-nisa kien ogħla b'mod sinifikanti mis-sehem tal-irġiel (28,4 % vs 8,2 %), għalkemm id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time kienet qed tonqos matul l-aħħar snin (minn 21,1 pps fl-2020 għal 20,2 pps fl-2022). Meta jitqies l-impjieg FTE, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fil-faxxa ta' età ta' 20-64 sena kienet ta' 16-il pps fl-2022 fl-UE, ferm ogħla mid-differenza ta' 10,7 pps meta ma jitqiesx l-FTE[159]. Il-paternità kellha impatt oppost fuq l-impjieg tal-missirijiet u tal-ommijiet. Fl-2022, filwaqt li r-rata ta' impjieg għan-nisa fl-età ta' bejn 25 u 54 sena bit-tfal fl-UE kienet 5 pps inqas meta mqabbla mal-pari tagħhom mingħajr tfal, ir-rata għall-irġiel bit-tfal kienet 8,5 pps ogħla mir-rata għal dawk mingħajr tfal[160]. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi laħqet 17,3 pps għall-persuni bit-tfal, filwaqt li kienet ta' 3,8 pps għal dawk mingħajr tfal. Fost in-nisa impjegati bit-tfal, is-sehem tal-impjieg part-time laħaq 31,5 %, meta mqabbel ma' 4,9 % għall-irġiel. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-impatt tal-paternità huwa rifless f'rati ta' impjiegi aktar baxxi u ishma ogħla ta' impjieg part-time għan-nisa – dan huwa partikolarment il-każ f'pajjiżi bħall-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda. Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri kienu qed jonqsu matul l-aħħar deċennju, iżda għadhom ukoll wiesgħa fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, kif spjegat fil-Kaxxa 1 tal-Pilastru ddedikat[161].

159 Ir-rata tal-impjieg FTE tqabbel id-differenzi bejn il-gruppi fis-sigħat medji maħduma. Ir-rata ta' impjieg FTE tiġi kkalkolata billi jiġu diviżi s-sigħat totali maħduma fl-ekonomija (l-ewwel impjieg, it-tieni impjieg, eċċ.) bl-għadd medju ta' sigħat fi skeda full-time (madwar 40) u bl-għadd ta' persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena. Sors: Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK), komputazzjoni fuq id-data tal-Eurostat.

160 L-Eurostat [lfst_hheredty].

161 L-Eurostat [tesem189].

**It-titjib tal-provvista u tal-aċċessibbiltà ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli huwa essenzjali biex jiżdiedu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-iżvilupp tat-tfal; il-parteċipazzjoni fl-ECEC għadha qed tonqos[162].** Wara li laħqet 37,9 % fl-2021 fl-UE, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin fl-ECEC formali naqset b'mod sinifikanti fl-2022 (bi 2,2 pps) għal 35,7 %, u għad hemm differenzi importanti fl-Istati Membri. Fir-rigward tal-miri riveduti ta' Barċellona, disa' Stati Membri biss laħqu l-mira riveduta tagħhom għall-2030 ta' 45 %, li tikkomplementa l-analiżi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali biex tixpruna l-azzjoni politika f'dan il-qasam[163]. Fl-2022, ir-rata ta' parteċipazzjoni kienet saħansitra inqas minn 15 % fis-Slovakkja, iċ-Ċekja, ir-Rumanija u l-Ungerija, li tirrappreżenta "sitwazzjoni kritika" (ara l-Illustrazzjoni 2.2.12). Fil-Polonja, il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Ġermanja, Ċipru u l-Kroazja, bejn 15 u 28 % biss tat-tfal taħt it-3 snin ipparteċipaw fl-ECEC, li hija sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE kienu d-Danimarka, in-Netherlands, Franza u l-Iżvezja, fejn ipparteċipaw aktar minn 50 % tat-tfal, u fid-Danimarka u n-Netherlands ir-rata kienet saħansitra aktar minn 70 %. L-ostakli finanzjarji, kulturali u lingwistiċi, kif ukoll l-inugwaljanzi reġjonali jistgħu joħolqu ostakli għall-parteċipazzjoni fl-ECEC formali li jeħtieġu reazzjonijiet ta' politika xierqa[164]. Barra minn hekk, ir-rati ta' parteċipazzjoni huma influwenzati wkoll mill-politiki nazzjonali fir-rigward, pereżempju, tal-liv tal-ġenituri u l-allowances jew id-drittijiet legali għall-kura tat-tfal matul il-jum minn ċerta età. B'mod ġenerali, azzjoni politika ulterjuri tidher iġġustifikata f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

---

162 Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

163 Fl-2002, il-Kunsill Ewropew f'Barċellona stabbilixxa miri dwar l-indukrar tat-tfal li għandhom jintlaħqu sal-2010, jiġifieri li l-ECEC tiġi pprovduta għal mill-inqas 33 % tat-tfal taħt it-3 snin u għal mill-inqas 90 % għat-tfal ta' bejn it-3 snin u l-età obbligatorja tal-iskola. Billi dawk il-miri ntlaħqu, f'Novembru 2022, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal irrevediethom, wara l-proposta ta' Strateġija Ewropea għall-Kura f'Settembru 2022 mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi miri ġodda dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li jirriflettu l-miri stabbiliti fl-inizjattiva taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Sal-2030, mill-inqas 45 % tat-tfal taħt l-età ta' 3 snin u 96 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom ikunu fl-ECEC. Dawk l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom fil-perjodu 2017-21 kienet taħt l-20 % ser ikollhom jiżdiedu b'90 %, filwaqt li l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom kienet ta' 20-33 % ser ikollhom jiżdiedu b'45 %, b'limitu ta' 45 %.

164 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe Annual Review 2022*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

**Illustrazzjoni 2.2.12: Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal u bidla annwali, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




- 

*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU.
*Sors*: l-Eurostat [tepsr_sp210], l-UE-SILC.

**Il-kura ta' persuni bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul hija fattur ieħor li jaffettwa b'mod negattiv il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.** Filwaqt li s-sehem tan-nisa u tal-irġiel li jipprovdu kura fit-tul (LTC) kien simili fl-2022 (22 % tan-nisa u 21 % tal-irġiel), 17 % tan-nisa naqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom minħabba responsabbiltajiet ta' kura, inkluża l-kura informali, jew l-indukrar tat-tfal tagħhom jew ta' tfal oħrajn, meta mqabbla ma' 12 % tal-irġiel. Spjegazzjoni possibbli hija l-intensità ogħla tax-xogħol ta' kura għan-nisa. Filwaqt li 73 % tal-irġiel li jipprovdu LTC informali huma appoġġati minn servizzi ta' kura oħrajn użati mir-riċevitur tal-kura tagħhom, is-sehem huwa biss ta' 61 % għan-nisa[165]. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja tenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-persuni li jindukraw b'mod informali permezz ta' taħriġ, konsulenza, appoġġ psikoloġiku, kura ta' solliev, miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, aċċess għall-protezzjoni soċjali u/jew appoġġ finanzjarju adegwat. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jallinjaw l-offerta ta' servizzi ta' kura fit-tul mal-ħtiġijiet tal-kura, filwaqt li jipprovdu taħlita bilanċjata ta' għażliet. Barra minn hekk, protezzjoni soċjali adegwata għall-kura fit-tul għandha tiżgura li s-servizzi jkunu f'waqthom, komprensivi u affordabbli[166].

---

[165] L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, *Gender gaps in the use of time: impacts on care and work-life balance* (pubblikazzjoni pendenti).

[166] Għad-dettalji, ara r-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2022/C 476/01).

**It-tfassil tat-tassazzjoni jista' jippromwovi ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, inkluż billi titneħħa t-tassazzjoni konġunta, minħabba li 78 % tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fl-UE huma nisa.** Is-sistemi ta' tassazzjoni progressiva konġunta jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-dħul tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fl-impjieg u s-sigħat maħduma billi joħolqu piż tat-taxxa marġinali għoli[167]. Il-grad ta' tassazzjoni konġunta tal-introjtu kkombinat ta' koppja (inklużi krediti ta' taxxa trasferibbli) u t-tfassil tas-sistema tal-benefiċċji (eż., l-irtirar ta' benefiċċji soġġetti għal test tal-mezzi) jaffettwaw il-livell tan-nassa tal-inattività għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul. Fl-2015, l-istimi juru li l-introjtu tan-nisa kien jikkostitwixxi biss madwar terz tal-introjtu konġunt tal-koppja bħala medja[168]. Il-qligħ tal-koppji jibbenefika minn taxxi aktar baxxi permezz ta' preżentazzjoni konġunta tat-taxxi (obbligatorji jew volontarji), iżda dan iżid ukoll ir-rati tat-taxxa marġinali tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, li jaġixxi bħala diżinċentiv għalihom biex jaħdmu[169][170]. Tabilħaqq, riċerka reċenti turi li t-tneħħija tal-elementi kollha ta' tassazzjoni konġunta żżid b'mod konsiderevoli l-provvista tal-ħaddiema nisa[171]. In-nassa tal-inattività għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul hija l-ogħla fid-Danimarka, il-Litwanja, is-Slovenja, il-Belġju u l-Ġermanja u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri t-tassazzjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti għaliha (ara l-Illustrazzjoni 2.2.13). Pereżempju, jekk konjuġi inattiv b'żewġt itfal tibda impjieg b'67 % tal-paga medja fid-Danimarka, 65 % tal-qligħ tagħha jintilef f'taxxi addizzjonali u benefiċċji rtirati. B'kuntrast ma' dan, din in-nassa hija inqas minn 25 % fl-Iżvezja, Spanja, il-Greċja u l-Estonja, u inqas minn 20 % f'Ċipru. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni hija l-aktar evidenti fil-Belġju, il-Ġermanja u r-Rumanija, fejn tikkontribwixxi b'aktar minn 40 % għat-telf potenzjali tad-dħul għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja meta jidħol f'impjieg bi ħlas.

---

167 Għad-dettalji dwar it-tassazzjoni fuq ix-xogħol, ara l-Kummissjoni Ewropea, *Annual Report on Taxation 2023*, it-Taqsima 2.1.3.

168 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Rastrigina, O., Verashchagina, A., *Secondary earners and fiscal policies in Europe*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015.

169 Il-preżentazzjoni konġunta tista' tnaqqas il-piż tat-taxxa ġenerali tal-koppji b'sors ta' dħul wieħed jew doppju meta mqabbla ma' preżentazzjoni separata meta l-qligħ ma jkunx imqassam b'mod uniformi bejn is-sħab. F'xi Stati Membri fejn teżisti, il-koppji jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux preżentazzjoni konġunta.

170 Għal aktar informazzjoni, ara: Chen, Q. et al., *The Role of Structural Fiscal Policy on Female Labor Force Participation*, Dokumenti ta' Ħidma tal-FMI 23/186, Washington D.C., il-Fond Monetarju Internazzjonali, 2023.

171 Ara Bick, Alexander, and Nicola Fuchs-Schündeln, *Quantifying the Disincentive Effects of Joint Taxation on Married Women's Labor Supply.* American Economic Review, 107 (5): 100-104., 2017 u Bachmann, Ronald, Jäger, Philipp u Jessen, Robin. *Deċiżjoni Maqsuma: Welche Auswirkungen hätte die Abschaffung des Ehegattensplittings auf das Arbeitsangebot und die Einkommensverteilung?* Zeitschrift für Wirtschaftspolitik, vol. 70, nru. 2, pp. 105-131, 2021

**Illustrazzjoni 2.2.13: It-tassazzjoni tista' tkun diżinċentiv qawwi għax-xogħol bi ħlas tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul**

Nassa tal-inattività għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, (%, 2022)




*Nota*: Id-data hija għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja f'familja b'żewġ persuni b'paga u b'żewġt itfal; il-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun bil-paga medja. "Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni (inklużi l-SSCs)" tirreferi għall-perċentwal ta' introjtu gross addizzjonali mitluf f'taxxa minħabba t-tassazzjoni u l-SSCs (elementi oħrajn li jikkontribwixxu għan-nassa tal-pagi baxxi huma benefiċċji għall-qgħad, assistenza soċjali u benefiċċji tal-akkomodazzjoni rtirati).

*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2023).

**In-"nassa tal-pagi baxxi" tista' taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa jekk it-taxxi jiżdiedu u l-benefiċċji jiġu rtirati malajr wisq meta jiżdied il-qligħ.** Għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, it-tassazzjoni għandha rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-livell tan-nassa tal-pagi baxxi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-Illustrazzjoni 2.2.14 turi l-perċentwal ta' qligħ addizzjonali "mitluf f'taxxa" meta l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu l-qligħ tagħhom minn terz għal żewġ terzi tal-paga medja, jekk iżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom. Bħala medja, il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul jitilfu madwar terz (34,2 %) tal-qligħ inkrementali tagħhom madwar l-UE. L-effett tat-tassazzjoni f'din in-nassa huwa l-ogħla fil-Belġju, b'aktar minn 60 %, segwit mil-Lussemburgu. Kif imsemmi hawn fuq, id-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità tajba, kif ukoll firxa wiesgħa ta' politiki mfassla tajjeb dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jistgħu jinfluwenzaw aktar id-deċiżjonijiet tan-nies dwar jekk għandhomx jaħdmu sigħat itwal.

**Illustrazzjoni 2.2.14: F'ħafna Stati Membri, it-tassazzjoni tipprovdi diżinċentivi għall-ħaddiema b'paga baxxa biex jaħdmu aktar sigħat**

Nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, (%, 2022)




*Nota*: In-nassa tal-pagi baxxi meta l-paga tal-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul tiżdied minn 33 % għal 66 % u l-ħaddiem bil-paga prinċipali jaqla' 100 % tal-paga medja, b'żewġt itfal.

*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxi u tal-benefiċċji tal-OECD.

**Minkejja t-titjib reċenti, il-persuni b'diżabbiltà għandhom rati ta' impjieg aktar baxxi, mingħajr sinjali ta' konverġenza 'l fuq fl-Istati Membri.** Fl-2022, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà kienet ta' 21,4 pps fl-UE, wara li naqset b'1,7 pps mill-2021. L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali juri varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet tal-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 2.2.15, kif ukoll il-Kaxxa 4 tal-Pilastru ddedikat). B'riflessjoni ta' "sitwazzjoni kritika", id-differenza hija l-usa' fl-Irlanda, il-Kroazja, il-Belġju u l-Litwanja (madwar 35 pps jew aktar) u fl-Ungerija (32,4 pps). Fil-Bulgarija, l-Estonja, l-Iżvezja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija, is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" minħabba żidiet kbar jew differenzi li huma relattivament ogħla mill-medja. Din kienet l-aktar baxxa fil-Lussemburgu, id-Danimarka, il-Portugall, l-Italja u Spanja (inqas minn 15-il pps), bħala dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE. F'konformità mal-Istrateġija 2021-2030 għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, huma meħtieġa aktar sforzi ta' politika u miżuri mmirati, kif deskritti fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà,[172] biex tittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà.

[172] Ara Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà biex jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

**Grafika 2.2.15: Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha wiesgħa, b'xejra diverġenti evidenti fost l-Istati Membri**

Id-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal LU.
*Sors*: l-Eurostat [tepsr_sp200], l-UE-SILC.

**Kaxxa 4 tal-Pilastru. It-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà**

**It-titjib tal-eżiti tas-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-ugwaljanza u jista' wkoll jikkontribwixxi għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema**, f'konformità mal-prinċipji 3 (dwar l-opportunitajiet indaqs) u 17 (dwar l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà, imħabbar f'Settembru 2022 mill-Kummissjoni Ewropea, huwa waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija 2021-2030 għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ l-opportunitajiet ta' xogħol għall-persuni b'diżabbiltà billi jipprovdi gwida lill-Istati Membri, lill-impjegaturi u lill-awtoritajiet, li tkopri l-istadji kollha tal-impjieg, mir-reklutaġġ għaż-żamma tal-impjegati sar-ritorn għax-xogħol. Sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà, huwa essenzjali li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-servizzi ta' impjieg u ta' integrazzjoni, jiġi promoss ir-reklutaġġ, u jiġu miġġielda l-isterjotipi, filwaqt li jiġu żgurati akkomodazzjonijiet raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, skont il-ħtiġijiet tagħhom, biex jiġi aċċertat li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-impjieg.

**Minkejja l-isforzi kontinwi mill-Istati Membri matul l-aħħar deċennju, il-persuni b'diżabbiltà għadhom qed jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol.** Fl-2022, madwar 47 miljun persuna (madwar 17 %) tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol iddikjaraw diżabbiltà fl-UE. L-eżiti tagħhom fis-suq tax-xogħol għandhom it-tendenza li jkunu sostanzjalment aktar baxxi milli għall-bqija tal-popolazzjoni. Filwaqt li r-rata ta' impjieg tal-persuni b'diżabbiltà żdiedet minn 48,7 % fl-2014 (fl-EU-28) għal 50,7 % fl-2020 (fl-EU-27, li minnhom terz full-time), id-distakk bejn il-persuni b'diżabbiltà u mingħajr diżabbiltà baqa' wiesa' għal 21,4 pps fl-2022, wara li naqas b'1,3 pps biss matul id-deċennju[173]. F'xi Stati Membri, d-differenza naqset, filwaqt li kompliet tiżdied f'oħrajn (ara l-graff). Barra minn hekk, fl-2020 ir-rata tal-qgħad tal-persuni b'diżabbiltà kienet għolja ħafna, għal 17,1 % (vs 9,7 % għal dawk mingħajr diżabbiltà). Barra minn hekk, ħafna persuni b'diżabbiltà ma jipparteċipawx fis-suq tax-xogħol, kif rifless f'rata ta' attività ta' 60,7 % (imqabbla ma' 83,4 % għal dawk mingħajr diżabbiltà). F'xi każijiet, il-persuni b'diżabbiltà huma impjegati f'ambjenti segregati bħal workshops protetti, li mhux dejjem jistgħu jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, drittijiet relatati max-xogħol, u lanqas jippromwovu t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol miftuħ.

[173] Id-data ppreżentata f'din it-taqsima hija bbażata fuq l-istħarriġ tal-UE-SILC, li juża status ta' impjieg awtodefinit, u li jrendi rati ta' impjieg 1,5 pps taħt l-indikatur tal-LFS (abbażi tad-definizzjoni tal-ILO) mill-2009, għalkemm korrelatati ħafna miegħu. Ara l-Kummissjoni Ewropea: *European Comparative data on Europe 2020*, 2021, u European Disability Expertise (EDE), The Employment of Persons with Disabilities, 2023 (għadhom mhux ippubblikati).

**Diskrepanza konsiderevoli fl-impjiegi minħabba diżabbiltà b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri**

Differenza bejn ir-rati tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, pps)




*Nota*: *Data* għall-EU-27. Interruzzjoni fis-serje għal LU fl-2022 u *data* proviżorja għal FR fl-2022.
*Sors*: l-Eurostat [hlth_dlm200], l-UE-SILC.

**L-Istati Membri kollha jipprovdu xi appoġġ biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' persuni b'diżabbiltà.** Dawn jinkludu ħelsien mit-taxxa, tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew pagamenti obbligatorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa, pagi jew sussidji oħrajn, għotjiet, sensibilizzazzjoni u informazzjoni, taħriġ, jew pariri. Pereżempju, fl-2022, **l-Irlanda** bdiet timplimenta approċċ ta' impenn bikri mmirat lejn it-titjib tas-servizz tal-impjiegi offrut permezz tal-PES lil persuni b'diżabbiltà li qed ifittxu impjieg, billi toffri u tipprovdi b'mod attiv servizzi ta' impjiegi u appoġġ fl-aktar opportunità bikrija possibbli. F**il-Litwanja**, riforma tal-2023 tespandi l-applikabbiltà tal-miżuri tal-ALMP u tas-servizzi soċjali għall-persuni b'diżabbiltà biex tiffaċilita d-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ u tneħħi l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali li ħolqu postijiet tax-xogħol segregati. Fl-2022, **in-Netherlands** introduċew diversi miżuri biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabbiltà. Il-kunċett ta' "*proefplaats*" ġie introdott, fost l-oħrajn, biex jippermetti lill-persuni b'diżabbiltà perjodu ta' prova ta' xahrejn li ma jitħallasx, iżda li jżomm id-drittijiet tal-benefiċċji tal-qgħad u jinkludi diversi servizzi ta' appoġġ.

**Filwaqt li r-rata tal-impjieg għaċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat Membru ieħor hija ogħla milli għan-nazzjonali, dawn għandhom it-tendenza li jkunu rrappreżentati żżejjed f'okkupazzjonijiet elementari.** Wara tnaqqis sinifikanti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rata ta' impjieg għaċ-ċittadini tal-UE fl-età tax-xogħol li jgħixu fi Stat Membru ieħor reġgħet lura għal 77,1 % fl-2022[174], jiġifieri 1,7 pps ogħla mir-rata medja ta' impjieg tan-nazzjonali (75,4 %), u 15,2 pps ogħla minn dik ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi. Kemm iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat Membru ieħor kif ukoll in-nazzjonali ta' pajjiżi terzi kienu rrappreżentati żżejjed meta mqabbla man-nazzjonali f'okkupazzjonijiet elementari, bħal ħaddiema tas-servizzi u tal-bejgħ, kif ukoll fl-artiġjanat u s-snajja' relatati[175]. Il-ħaddiema mobbli għal żmien qasir, bħall-ħaddiema staġjonali, għandhom it-tendenza li jkunu partikolarment vulnerabbli għal kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u sfruttament peress li minħabba li l-pajjiż ta' residenza u tax-xogħol huwa differenti dan joħloq diffikultajiet fl-infurzar tad-drittijiet ugwali[176]. B'mod ġenerali, filwaqt li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni mwielda barra mill-UE kienet qed titjieb ukoll, jidher li hemm bżonn ta' aktar sforzi. Ir-rata ta' impjieg ta' persuni mwielda barra mill-UE (20-64 sena) żdiedet minn 63,4 % fl-2021 għal 65,9 % fl-2022, u d-differenza bejn ir-rata tal-impjieg tagħhom u dik tal-persuni nattivi naqset minn 10,7 pps fl-2021 għal 9,7 pps fl-2022. Id-differenza kienet l-aktar wiesgħa fil-Bulgarija (aktar minn 20 pps), in-Netherlands, l-Iżvezja, il-Belġju u l-Ġermanja (aktar minn 16-il pps), filwaqt li kienet saħansitra negattiva fir-Rumanija, iċ-Ċekja, il-Polonja, Malta u s-Slovakkja.

[174] Ebda data disponibbli fl-2022 għal BG, PL u RO. Ara l-Eurostat [lfsa_ergaedn], LFS.

[175] Il-Kummissjoni Ewropea, *Annual report on intra-EU labour mobility*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023 (pubblikazzjoni pendenti).

[176] Il-Kummissjoni Ewropea, *Report on seasonal workers and intra-EU labour mobility*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-persuni mwielda barra l-pajjiż tvarja skont il-livell tal-edukazzjoni u l-pajjiż tat-twelid tagħhom.** Bħala medja fl-UE, 77 % tal-persuni mwielda f'pajjiż ieħor tal-UE kienu f'impjieg, meta mqabbla ma' 75,6 % tal-persuni nattivi. Fost dawk b'edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas, ir-rata ta' impjieg tal-persuni mwielda barra mill-UE kienet ta' 57,3 %, jiġifieri 1 pp ogħla milli għal dawk imwielda fil-pajjiż tar-residenza, filwaqt li l-persuni b'ħiliet baxxi mwielda f'pajjiż ieħor tal-UE rreġistraw rata tal-impjieg ta' 68,3 %, jiġifieri 11-il pps ogħla milli għall-persuni nattivi. Fost dawk b'edukazzjoni terzjarja, il-popolazzjoni mwielda fil-pajjiż tar-residenza rreġistrat l-ogħla rata ta' impjieg fl-2022, ta' 87,3 %, meta mqabbla ma' 85,7 % fost dawk imwielda f'pajjiż ieħor tal-UE u 74,5 % fost dawk imwielda barra mill-UE. L-ispariġġ bejn il-livell ta' kwalifika u ta' impjieg huwa ogħla b'mod sinifikanti għaċ-ċittadini mhux tal-UE, li jirriżulta f'rata ta' kwalifika żejda ta' 39,4 % fl-2022 meta mqabbla ma' 21,1 % għan-nazzjonali tal-UE[177].

[177] *Sors*: l-Eurostat [lfsa_eoqgan].

### 2.2.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**L-Istati Membri jkomplu jtejbu l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), b'mod partikolari billi jiffokaw fuq tfal żvantaġġati,** f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Bl-appoġġ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), ħmistax-il Stat Membru impenjaw ruħhom għal riformi u investimenti kbar f'dan il-qasam ta' politika b'valur ta' kważi EUR 8 biljun. Mis-sena akkademika 2023-2024, **il-Bulgarija** introduċiet edukazzjoni preprimarja obbligatorja ta' 3 snin mill-età ta' 4 snin b'implimentazzjoni gradwali fil-Qafas Strateġiku tagħha għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni, it-Taħriġ u l-Apprendiment 2021-30). F**is-Slovakkja**, emenda leġiżlattiva ġdida stabbiliet intitolament legali għal post fil-kindergarten għal tfal ta' 4 snin minn Settembru 2024 u għal tfal ta' 3 snin minn Settembru 2025. Minn Jannar 2023, il-familji li jaċċessaw l-apprendiment u l-indukrar tat-tfal bikrija rreġistrati f**l-Irlanda** huma eliġibbli li jirċievu sussidju miżjud fis-siegħa permezz tal-Iskema Nazzjonali għall-Indukrar tat-Tfal (NCS). F**l-Iżvezja,** il-muniċipalitajiet iridu joffru post fl-ECEC lil tfal li ilhom jgħixu fl-Iżvezja għal żmien qasir, anki jekk il-ġenituri jew it-tuturi legali tagħhom ma jkunux applikaw għalih. F**is-Slovakkja**, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jappoġġa miżuri mmirati biex tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal minn sfondi żvantaġġati, inkluż tfal b'diżabbiltà u Roma. Fl-2023, **il-Portugall** estenda l-ECEC bla ħlas għal tfal taħt it-3 snin. Dan japplika għat-tfal kollha li jidħlu fl-ewwel sena ta' faċilità għall-indukrar tat-trabi u jipproċedu għat-tieni sena, inkluż dawk irreġistrati f'faċilitajiet għall-indukrar tat-trabi mmexxija privatament fejn ma jkun hemm l-ebda offerta minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Mill-2024 'il quddiem, it-tfal kollha sa 3 snin ser ikunu jistgħu jattendu l-ECEC mingħajr ħlas, madankollu l-provvista ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-trabi għadha insuffiċjenti. F**il-Kroazja**, l-arranġamenti ta' finanzjament bejn l-istat u l-muniċipalitajiet qed jiġu riveduti biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' infrastruttura ġdida u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. F**l-Awstrija**, emenda ġdida dwar il-finanzjament ta' indukrar tat-tfal tipprovdi total ta' EUR 200 miljun fis-sena f'sussidji għal skop speċjali lill-Istati federali għas-snin 2022-2023 sa 2026-2027 biex tavvanza l-espansjoni tas-servizzi edukattivi elementari tal-indukrar tat-tfal, minbarra l-miżuri biex jittejjeb l-aċċess għall-ECEC fl-RRP tagħha.

F**il-Belġju**, ir-Reġjun ta' Wallonia jipprevedi finanzjament tal-RRF għall-ħolqien u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura tal-indukrar bikri tat-tfal sabiex tittejjeb il-kopertura. L-enfasi ser tkun fuq postijiet b'kopertura baxxa ta' indukrar tat-tfal flimkien ma' rati baxxi ta' impjieg tan-nisa, sehem għoli ta' ġenituri weħidhom u introjtu baxx per capita. Billi tieħu vantaġġ mill-fondi tal-RRF u tal-politika ta' koeżjoni, **l-Ungerija** qed tippjana li toħloq postijiet ġodda tal-ECEC għat-tfal taħt it-tliet snin sabiex tilħaq 60 000 post sa tmiem l-2026 u ser titwettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet fl-2026. Postijiet ġodda huma mmirati li jinbnew f'insedjamenti (b'mod partikolari dawk żvantaġġati) fejn ma kienx hemm faċilità għall-indukrar tat-trabi qabel. F**ir-Rumanija,** l-edukazzjoni preprimarja mill-età ta' tliet snin issir obbligatorja billi tibda bis-sena akkademika 2030-2031, u bħala parti mill-RRP tagħha, qed isiru investimenti fil-kostruzzjoni, fit-tagħmir u fl-operazzjonalizzazzjoni ta' 110 faċilità għall-indukrar tat-trabi u 412-il servizz komplementari għal gruppi żvantaġġati.

**Hemm enfasi akbar tal-politika fuq l-iżvilupp tal-kwalità tas-servizzi tal-ECEC, anki fid-dawl tan-nuqqas ta' persunal kwalifikat.** Lejn l-aħħar tal-2022, **l-Irlanda** żiedet il-paga għal aktar minn 70 % tal-ħaddiema tal-ECEC, u applikat dan għal madwar 27 000 membru tal-persunal, u appoġġat il-professjonalizzazzjoni tal-ħaddiema fil-kura tat-tfal permezz tal-introduzzjoni ta' rati ta' paga minima speċifiċi għas-settur marbuta ma' rwoli u livelli ta' kwalifiki differenti. F**id-Danimarka**, fil-bidu tal-2024 ser tidħol fis-seħħ liġi ġdida dwar l-istandards minimi għall-proporzjonijiet ta' tfal għal persunal. **Il-Ġermanja** tkompli tappoġġa lil-*Länder* fiż-żieda tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità, li jkopru, fost l-oħrajn, oqsma bħall-proporzjon ta' persunal/tfal, ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal kwalifikat, it-tmexxija, l-edukazzjoni lingwistika. **L-Estonja** għandha l-għan li tiżviluppa sistema integrata tal-ECEC bi standards ta' kwalità komuni, inkluż kurrikulu komuni. F**il-Litwanja**, ġew adottati linji gwida ġodda dwar il-kontenut tal-programmi ta' edukazzjoni preprimarja, kif previst fl-RRP tagħha. F**il-Greċja**, ġie msaħħaħ l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-persunal tal-ECEC. Bl-appoġġ tal-UE fil-qafas tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), **iċ-Ċekja** qed tiżviluppa sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-kwalità tal-ECEC, li ser tiggwida u tappoġġa l-espansjoni kurrenti tas-settur iffinanzjat permezz tal-fondi tal-RRF u tal-politika ta' koeżjoni. F**il-Belġju**, ir-reġjun Fjamming ser jinvesti EUR 270 miljun addizzjonali fl-ECEC biex joħloq 5 000 post addizzjonali u jnaqqas il-proporzjon ta' tfal/persunal. F'Lulju 2023, **Malta** nediet il-"Qafas għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni (0-16-il sena)" u l-"Istandards ta' Kwalità Nazzjonali fl-Edukazzjoni (3-16-il sena)" biex tiċċara l-assigurazzjoni tal-kwalità fl-istituzzjonijiet edukattivi u tipprovdi għodod għall-edukaturi biex jirriflettu dwar it-tmexxija, it-tagħlim u l-ethos tal-iskejjel.

**Hemm lok għat-tisħiħ tal-isforzi biex tiżdied l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim, b'mod partikolari billi jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fid-dawl tan-nuqqasijiet.** F'dawn l-aħħar snin ġew implimentati firxa wiesgħa ta' miżuri, iżda fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-impatt tagħhom għad irid jidher. F**il-Bulgarija**, wara żidiet kbar fis-salarj mill-2016 (fejn is-salarji tal-bidu żdiedu b'aktar mid-doppju), l-għadd ta' studenti fi programmi ta' baċellerat fl-edukazzjoni żdied b'24,5 %, flimkien ma' żieda ta' 40 % fil-programmi ta' Master rilevanti bejn l-2018 u l-2022. **In-Netherlands** u **l-Estonja** dan l-aħħar adottaw pjanijiet ta' azzjoni għall-għalliema, li jindirizzaw, fost l-oħrajn, is-salarji tal-għalliema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-opportunitajiet ta' karriera u taħriġ, perkorsi alternattivi biex in-nies jidħlu fil-professjoni, kif ukoll kollaborazzjoni aktar b'saħħitha fost partijiet ikkonċernati u skejjel differenti. Xi pajjiżi b'salarji partikolarment baxxi tal-għalliema impenjaw ruħhom f'żidiet kbar, fejn iffissaw miri meta mqabbla mal-paga medja nazzjonali. Dan huwa l-każ, pereżempju, għa**l-Litwanja**, għa**ċ-Ċekja**, għal**l-Bulgarija** u għal**l-Estonja**. F'Ġunju 2023, **ir-Rumanija** ddeċidiet li żżid is-salarji tal-għalliema b'medja ta' 25 %. Minbarra ż-żidiet ġenerali fil-pagi, ġew introdotti wkoll aktar inċentivi finanzjarji. Pereżempju, **in-Netherlands** nediet l-hekk imsejħa "allowance għas-suq tax-xogħol" (*arbeidsmarkttoelage*) għall-għalliema li jgħallmu fi skejjel żvantaġġati. F**l-Iżvezja**, il-fornituri tal-iskejjel jistgħu jirċievu għotjiet addizzjonali biex jaħtru u jippremjaw għalliema speċjalment kwalifikati. L-iskejjel b'ħafna studenti żvantaġġati jirċievu aktar finanzjament. Xi pajjiżi kienu qed jiffokaw fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' karriera. **Il-Greċja** żviluppat qafas nazzjonali tal-karriera u introduċiet evalwazzjoni tal-għalliema. **L-Iżvezja** u **n-Netherlands** introduċew politiki ffukati fuq it-tnaqqis tal-ammont ta' xogħol, li pereżempju jippermettu r-reklutaġġ ta' assistenti tat-tagħlim addizzjonali. I**l-Belġju**, **iċ-Ċekja**, **ir-Rumanija** u **s-Slovakkja** qed jiżviluppaw programmi ta' mentoraġġ b'enfasi speċjali fuq għalliema ġodda. **Malta** daħħlet fis-seħħ diversi miżuri għall-progressjoni tas-salarji għall-għalliema f'konformità mal-ftehim kollettiv attwali, inkluż żieda fis-salarji u fl-allowance tal-klassi, il-possibbiltà għal progressjoni aċċellerata, it-tnaqqis fl-ammont ta' tagħlim u popolazzjoni iżgħar tal-klassi tal-istudenti sabiex ikollha ż-żamma tal-għalliema fil-mira.

**L-Istati Membri għandhom l-għan li strutturalment jattiraw aktar kandidati għall-professjoni tat-tagħlim, filwaqt li jiġu stabbiliti wkoll miżuri immedjati biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet.** Sabiex jindirizzaw in-nuqqas akut ta' għalliema, ħafna Stati Membri qed jiddependu dejjem aktar fuq għalliema sostituti jew mhux kwalifikati, b'implikazzjonijiet potenzjali fuq il-kwalità tal-edukazzjoni. F**is-Slovenja**, leġiżlazzjoni ġdida tippermetti l-impjieg temporanju ta' persuni mingħajr kwalifika għal kompiti ta' tagħlim, filwaqt li l-proċedura ta' reklutaġġ hija ssimplifikata. **Il-Belġju** ppilota pjattaformi u gruppi ta' għalliema sostituti fis-sena skolastika 2022-2023 biex jiġġieled in-nuqqas ta' għalliema. F**l-Irlanda**, tħabbret skema pilota għall-kondiviżjoni tal-għalliema fost l-iskejjel. Bl-istess mod, il-liġi l-ġdida dwar l-edukazzjoni preuniversitarja f**ir-Rumanija** tipprevedi l-possibbiltà li jiġu kondiviżi r-riżorsi, inklużi l-għalliema. F**in-Netherlands**, il-Ministeru għall-Edukazzjoni ppermetta lill-iskejjel fl-akbar ħames bliet biex jesperimentaw bi skedi ta' kull ġimgħa. L-iskejjel jistgħu jorganizzaw l-edukazzjoni b'mod differenti għal jum fil-ġimgħa, pereżempju, billi jistiednu professjonisti esterni jagħtu klassijiet għal sehem żgħir mill-kurrikulu, u jistgħu jiddeċiedu meta jieħdu l-vaganzi waqt l-esperiment. B'mod ġenerali, madwar żewġ terzi tal-pajjiżi diġà ħolqu perkorsi alternattivi għall-professjoni. Aktar reċentement, **il-Latvja** introduċiet inizjattivi rapidi ġodda għall-akkwist ta' kwalifiki tat-tagħlim għall-professjonisti żgħażagħ, b'mod partikolari dawk mill-oqsma STEM, u ħolqot opportunitajiet għall-għalliema biex jespandu l-kwalifiki tagħhom f'suġġetti oħrajn. F**l-Iżvezja** qed tiġi ppilotata edukazzjoni pedagoġika supplementari iqsar ġdida biex tagħti aċċess aktar mgħaġġel għall-professjoni tat-tagħlim. F**l-Awstrija**, l-għalliema jistgħu jlestu l-lawrja tagħhom fil-grad ta' Masters waqt li diġà jkunu qed jaħdmu bħala għalliema. F**iċ-Ċekja**, il-gradwati li jkollhom lawrji ta' Masters li jikkorrespondu għas-suġġetti tal-iskola jistgħu jissieħbu fil-professjoni għal perjodu massimu ta' 3 snin, li matulu jridu jiksbu l-kwalifiki meħtieġa. F**il-Litwanja**, biex jiġi mħeġġeġ id-dħul laterali fil-professjoni, ir-rekwiżiti ta' kwalifika għall-għalliema saru aktar flessibbli. **Il-Belġju** jirrikonoxxi 10 snin ta' anzjanità għal dawk li jaslu mis-settur privat biex jattiraw aktar kandidati għat-tagħlim (reċentement ippropona li jaġġusta għal 15-il sena fil-Flanders, sakemm tingħata l-approvazzjoni parlamentari). Qed jinħolqu postijiet ta' studju addizzjonali fl-edukazzjoni tal-għalliema f**l-Estonja**, f**il-Finlandja**, f**l-Irlanda** u f**il-Lussemburgu**, filwaqt li ġew introdotti boroż ta' studju f**il-Bulgarija**, f**il-Kroazja**, f**l-Estonja**, f**il-Litwanja** u f**is-Slovenja** biex iħeġġu liż-żgħażagħ jistudjaw biex jiksbu lawrja fit-tagħlim.

**L-Istati Membri jkomplu jimplimentaw miżuri biex inaqqsu t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u jindirizzaw l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni.** Pereżempju, fl-2022, **ir-Rumanija** nediet Programm Nazzjonali biex Tnaqqas it-Tluq Bikri mill-Iskola b'appoġġ finanzjarju kbir mill-RRF u mill-FSE+ (mill-2024). Minn dak iż-żmien, sehem ta' 37 % tal-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell irċevew għotjiet biex inaqqsu u jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola, inkluż permezz ta' appoġġ pedagoġiku addizzjonali, miżuri ta' appoġġ soċjali u attivitajiet ekstrakurrikulari. Il-liġi l-ġdida dwar l-edukazzjoni tipprevedi l-kontinwazzjoni ta' dawn l-isforzi permezz ta' diversi programmi nazzjonali. Fi **Spanja**, il-Programm għall-Gwida Edukattiva, l-Avvanz u l-Arrikkiment fiċ-Ċentri ta' Kumplessità Edukattiva Speċjali (PROA+) 2021-2023, iffinanzjat permezz tal-FSE+ u l-RRF, għandu l-għan li jtejjeb is-suċċess skolastiku billi jipprovdi appoġġ immirat lill-istudenti. Iċ-ċentri jinsabu f'żoni b'sehem għoli ta' żgħażagħ żvantaġġati u vulnerabbli, żgħażagħ b'diffikultajiet fl-apprendiment jew kwalunkwe kundizzjoni oħra li tista' tfixkel is-suċċess edukattiv. F**il-Lussemburgu**, l-età obbligatorja tal-iskola żdiedet minn 16 għal 18-il sena f'Lulju 2023 sabiex jitnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola u l-qgħad fost iż-żgħażagħ. Il-liġi ser tidħol fis-seħħ mill-2026-2027. F**is-Slovakkja**, fl-2023 ġie stabbilit network ta' madwar 160 faċilità ta' konsulenza u prevenzjoni, li ser jikkooperaw mat-timijiet tal-inklużjoni fl-iskejjel. Dawn ser jgħinu lill-għalliema u lil membri oħrajn tal-persunal jipprovdu appoġġ speċjalizzat, fost l-oħrajn, għal tfal bl-awtiżmu jew b'diżabbiltà. Bl-istess mod, **il-Polonja** ħolqot 23 ċentru ta' appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva u espandiet l-impjieg ta' timijiet inklużivi fl-iskejjel, li ser jappoġġaw ukoll l-inklużjoni ta' studenti b'diżabbiltà. Minn April 2023, **l-Iżvezja** qed iżżid l-appoġġ finanzjarju għall-għalliema tal-edukazzjoni speċjali u għas-servizzi tas-saħħa tal-istudenti. Fl-2023, **Malta** ppubblikat strateġija riveduta dwar it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ ibbażata fuq il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens. F'Settembru 2022, **l-Irlanda** estendiet il-programm tagħha ta' appoġġ għall-iskejjel f'postijiet żvantaġġati (DEIS). Dan kien ta' benefiċċju għal 361 skola. Dawn l-iskejjel irċevew riżorsi addizzjonali bħal appoġġ finanzjarju u aktar membri tal-persunal. Il-programm issa jinkludi aktar minn 1 200 skola u jappoġġa madwar 240 000 student. **Il-Portugall** approva l-pjan 21|23 Escola+ immirat biex jindirizza d-diffikultajiet tal-istudenti u l-asimmetriji soċjali u edukattivi kkawżati mill-għeluq tal-iskejjel u l-kundizzjonijiet minħabba l-pandemija.

**It-tisħiħ tal-akkwist ta' ħiliet bażiċi u l-mixja lejn tagħlim u apprendiment ibbażati fuq il-kompetenza jibqgħu prijorità ewlenija.** Diversi Stati Membri impenjaw ruħhom f'riformi kurrikulari kbar f'dawn l-aħħar snin, li jistgħu jgħinu biex titreġġa' lura x-xejra li qed tiddeterjora fl-eżiti tal-apprendiment. Sabiex trawwem l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin, **is-Slovakkja** nediet riforma kurrikulari komprensiva għall-iskejjel primarji appoġġati fil-qafas tal-RRP tagħha. Ir-riforma tiffoka fuq it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, il-ħsieb kritiku u l-kreattività għall-istudenti, it-tisħiħ tal-inklużività tal-edukazzjoni u t-titjib tal-mentoraġġ għall-għalliema. Minn Settembru 2022, **in-Netherlands** tappoġġa bejn wieħed u ieħor 2 200 skola u 650 000 student mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali skont il-"pjan direttur tal-ħiliet bażiċi" tagħha. Il-pjan jippromwovi l-ħiliet tal-qari u tal-kitba, il-matematika, l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u l-litteriżmu diġitali Olandiżi. Fis-sena skolastika 2023-2024, **Franza** qed tintroduċi siegħa fil-ġimgħa ta' tagħlim differenzjat bil-Franċiż u fil-matematika għall-istudenti kollha, billi tespandi skema ta' appoġġ għall-iskejjel kollha ("*Devoirs faits*") u tipprovdi gwida pedagoġika lill-għalliema. Wara r-riformi kurrikulari fil-livelli sekondarji, f'Marzu 2023 l-**Irlanda** ppubblikat qafas ta' kurrikulu primarju ġdid, li jagħmel enfasi akbar fuq l-oqsma STEM, il-benesseri u t-tagħlim tal-lingwi barranin mil-livell primarju. F'Novembru 2022, **is-Slovenja** nediet sejħa għal proposti ta' proġetti skont l-RRP tagħha biex timplimenta taħriġ fuq skala kbira ta' professjonisti tal-edukazzjoni fil-ħiliet diġitali, il-kompetenzi għas-sostenibbiltà ambjentali u l-litteriżmu finanzjarju, bil-għan li tħarreġ sa 20 000 għalliem u kapijiet tal-iskejjel sa Ġunju 2026. F'Settembru 2023, **il-Litwanja** adottat pjan speċifiku biex ittejjeb l-eżiti tal-edukazzjoni fis-suġġetti STEM. Hija tappoġġa wkoll l-edukazzjoni STEM minn ċentri maħluqa ġodda mgħammra b'laboratorji. **Il-Kroazja** qed tħejji biex tmexxi r-riforma tal-iskola matul il-ġurnata kollha fl-2023, li għandha żżid in-numru ta' sigħat ta' tagħlim għas-suġġetti kollha tal-ħiliet bażiċi. **Malta** estendiet il-klassijiet ta' rkupru għas-sajf u għax-xitwa, imfassla biex jipprovdu appoġġ akkademiku addizzjonali lill-istudenti vulnerabbli.

**It-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi edukattivi qed taċċellera.** Wara l-pandemija, ir-riformi u l-investimenti għall-promozzjoni tal-edukazzjoni diġitali rċevew spinta kbira mill-RRF, b'allokazzjoni totali ta' EUR 29 biljun f'investimenti fil-kapital uman u d-diġitalizzazzjoni. F'għadd ta' Stati Membri, it-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni hija indirizzata permezz ta' diversi strateġiji dwar id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Pereżempju, **Franza** adottat Strateġija ġdida għall-Edukazzjoni Diġitali (2023-2027), li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi nazzjonali u lokali, tiżviluppa l-ħiliet diġitali tal-istudenti u tipprovdi lill-għalliema b'riżorsi diġitali u żvilupp professjonali kontinwu. **L-Awstrija** adottat qafas strateġiku "Universitajiet u Trasformazzjoni Diġitali 2030", li jiddefinixxi sett ta' prinċipji għall-universitajiet u serje ta' azzjonijiet biex jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja. Fil-kuntest tal-iskejjel, tnieda l-pjan ta' tmien punti għall-edukazzjoni diġitali (2020-2024), li jinkludi kemm inizjattivi pedagoġiċi kif ukoll miżuri infrastrutturali. Il-komunità Fjamminga ta**l-Belġju** waqqfet il-Fond għall-Avvanz tal-Edukazzjoni Għolja, bl-appoġġ tal-RRF, bil-għan li l-edukazzjoni għolja tibqa' valida fil-futur u tiġi diġitalizzata u jissaħħaħ l-apprendiment tul il-ħajja fl-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEI). Barra minn hekk, it-tliet komunitajiet Belġjani kollha jipprevedu li jagħmlu użu mill-RRF biex jipprovdu tagħmir diġitali u infrastruttura tal-IT lill-iskejjel. F**ir-Rumanija**, ġie approvat il-qafas leġiżlattiv għad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u l-kontenut edukattivi, li jistabbilixxi wkoll il-profil dwar il-kompetenzi diġitali għall-għalliema. F**il-Litwanja**, il-proġett EdTech għandu l-għan li jgħammar lill-istituzzjonijiet edukattivi fil-livelli kollha b'għodod diġitali, jittestja soluzzjonijiet innovattivi ta' apprendiment diġitali u jipprovdi taħriġ online dwar il-ħiliet diġitali mfassal skont l-oqfsa diġitali tal-UE. Sal-2024, mill-inqas 3 000 għalliem u membru tal-persunal akkademiku għandhom ilestu l-kors dwar il-kompetenzi tal-IT u mill-inqas 500 għalliem għandhom ikunu kisbu lawrja ta' Masters fl-ICT kif previst fl-RRP.

**L-Istati Membri jieħdu miżuri biex isaħħu l-kontribut tal-edukazzjoni għolja għall-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol u biex jixprunaw l-innovazzjoni.** Il-biċċa l-kbira tagħhom nedew programmi speċifiċi biex iġeddu l-offerta ta' taħriġ tagħhom u jtejbu r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, li ħafna minnhom jiffokaw fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni għolja u fuq l-introduzzjoni ta' mikrokredenzjali. Oħrajn jimplimentaw riformi komprensivi, inklużi bidliet kbar fl-arranġamenti ta' governanza, fl-akkreditazzjoni u fil-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni tal-kwalità, fit-tisħiħ tar-riċerka u fil-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni. Pereżempju, **il-Bulgarija** qed timplimenta programm fuq skala kbira biex timmodernizza s-sistema tal-edukazzjoni għolja, b'kofinanzjament mill-FSE. L-għan tagħha huwa li tintroduċi mudell ta' kompetenza, tappoġġa l-iżvilupp ta' programmi universitarji konġunti, tiffaċilita l-iżvilupp ta' ħiliet trażversali u ttejjeb il-kompetenzi tal-persunal tat-tagħlim. Barra minn hekk, il-kurrikuli ser jiġu aġġornati wkoll bl-appoġġ tal-FSE+ biex tissaħħaħ l-enfasi fuq il-kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Skont il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp tas-Sistema tal-Edukazzjoni 2021-2027, adottat f'Marzu 2023, **il-Kroazja** qed tirriforma s-sistema tal-edukazzjoni għolja tagħha biex tippromwovi l-eċċellenza, ittejjeb ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-internazzjonalizzazzjoni, parzjalment fil-qafas tal-RRP tagħha. Hija introduċiet ftehimiet ta' prestazzjoni u rrevediet il-metodi għall-assigurazzjoni tal-kwalità interna u għall-evalwazzjoni esterna tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), kif ukoll proċeduri ta' akkreditazzjoni għall-HEIs u programmi ta' studju ġodda. **Ir-Rumanija** ffirmat 61 kuntratt ta' għotja mal-Universitajiet biex jiffinanzjaw miżuri integrati mmirati lejn it-titjib tal-infrastruttura diġitali u biex jiżviluppaw il-kompetenzi diġitali tal-istudenti, flimkien mal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-persunal tat-tagħlim u tar-riċerka permezz tal-parteċipazzjoni fi proġetti ta' riċerka u prattika. Riformi reċenti f**il-Greċja** jinkludu l-għoti ta' awtonomija akbar lill-HEIs, it-titjib tal-funzjonament tagħhom, l-introduzzjoni ta' objettivi u kriterji tal-prestazzjoni relatati mal-finanzjament, u t-titjib tal-kwalità. Fil-qafas tal-RRP tagħha, **is-Slovenja** investiet EUR 56,5 miljun fi 38 proġett pilota li ser jittestjaw soluzzjonijiet għall-integrazzjoni tal-kompetenzi tal-iżvilupp diġitali u sostenibbli fil-kurrikuli tal-edukazzjoni għolja bil-għan li jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol. Skont l-RRP tiegħu, **il-Portugall** nieda l-inizjattiva STEAM taż-Żgħażagħ (xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti u matematika) (*Impulso Jovem STEAM*) li għandha l-għan li żżid l-għadd ta' żgħażagħ fl-edukazzjoni għolja fl-oqsma STEAM b'10 % matul il-ħames snin li ġejjin, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Taħt l-inizjattiva, jingħata appoġġ finanzjarju u l-proġetti jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, f'kooperazzjoni mal-intrapriżi, l-entitajiet pubbliċi u l-iskejjel sekondarji. **Malta** kompliet iżżid l-istipendji għall-istudenti li qed isegwu studji relatati mal-ekonomija ekoloġika u d-dixxiplini STEM biex tinċentiva aktar studji f'setturi kritiċi.

**L-allinjament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) mal-ħtiġijiet ta' ħiliet emerġenti jidher b'mod prominenti fuq l-aġenda politika tal-Istati Membri.** Il-komunità Franċiża ta**l-Belġju** introduċiet riforma sabiex il-VET isiru aktar rilevanti għas-suq tax-xogħol, li ser tibda tapplika mill-2024. F**il-Bulgarija**, bħala parti mill-RRP tagħha, il-qafas regolatorju għall-VET qed jiġi emendat biex jappoġġa l-adattament tal-VET għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Bħala parti mill-RRP tagħha, l-Estonja qed tinvesti fl-aġġornament u l-iżvilupp ta' standards professjonali ġodda, filwaqt li tispeċifika l-eżiti tal-apprendiment marbuta mal-ħiliet ekoloġiċi u tidentifika oqsma u ħiliet speċifiċi bl-akbar potenzjal għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżura, li ġiet adottata f'Ġunju 2022, tfittex li tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi permezz tat-trasferiment tal-għarfien u permezz tal-immodernizzar tal-kontenut u l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ ta' profiċjenza fl-edukazzjoni għolja u l-VET, kif ukoll il-forniment ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. **L-Iżvezja** qed tespandi l-iskema ta' edukazzjoni vokazzjonali għolja tagħha, kemm fil-volum kif ukoll b'perkorsi aktar flessibbli għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, filwaqt li tuża wkoll l-iskema HVE ta' suċċess tagħha għal skejjel vokazzjonali pilota għall-adulti f'livelli ta' kwalifiki aktar baxxi, f'kollaborazzjoni mill-qrib mad-dinja tax-xogħol. Matul l-2023, **Spanja** qed taħdem fil-qafas tal-RRP tagħha fuq it-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni, u l-internazzjonalizzazzjoni tal-VET, billi tinvesti fit-taħriġ diġitali u ekoloġiku tal-għalliema tal-VET, tikkonverti l-klassijiet f'konformità mal-ħtiġijiet teknoloġiċi u toħloq network ta' 50 ċentru ta' eċċellenza li jistimulaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, li ser jitlesta fl-2024. Fil-qafas tal-miżuri adottati f'April 2023, bħala parti mill-RRP tiegħu, **Ċipru** għandu fil-mira l-persuni impjegati f'impjiegi jew setturi marbuta mal-ekonomija ekoloġika u blu u l-persuni qiegħda li jixtiequ jaħdmu f'tali professjonijiet biex dawn jiġu pprovduti b'opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fiċ-Ċentri tat-Taħriġ Vokazzjonali. Abbażi tal-RRP tagħha, **is-Slovakkja** ser taġġorna l-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex ikunu jirriflettu l-ħtiġijiet kurrenti tas-suq tax-xogħol marbuta wkoll mat-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jinvolvi wkoll il-ħolqien ta' kurrikuli ġodda tal-VET, it-taħriġ tal-għalliema, it-tagħmir ġdid tal-VET u t-taħriġ tal-impjegati. Fl-2023, **Malta** stabbiliet Direttorat għall-Programmi STEM u VET fi ħdan il-Ministeru tagħha responsabbli għall-Edukazzjoni sabiex tkompli l-VET bi ħtiġijiet ta' ħiliet emerġenti u tissorvelja l-impenn u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Nazzjonali f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Osnabruck 2020.

**Diversi pajjiżi tal-UE qed jippromwovu t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u l-apprendistati permezz ta' miżuri politiċi ġodda, inkluż fil-VET ogħla.** F**il-Belġju**, il-Flanders introduċa apprendiment doppju fl-edukazzjoni għall-adulti f'Settembru 2022 u appoġġ finanzjarju lin-negozji u lill-istudenti involuti fit-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol f'Settembru 2023. F**il-Litwanja**, twaqqfet sistema ta' appoġġ għall-apprendistati b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-qafas tal-RRP tagħha wara l-adozzjoni tal-iskema ta' apprendistati f'Settembru 2022. Billi jibbenefika mill-appoġġ tal-UE, il-programm jinvolvi r-rimborż tal-kostijiet tal-impjegaturi u l-kofinanzjament tas-salarji tal-apprendistati. Minn Settembru 2022, **l-Awstrija** nediet l-"Akkademja Doppja" tagħha, li toffri tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol flimkien mal-edukazzjoni fi skola vokazzjonali, u perjodu obbligatorju ta' mobbiltà barra mill-pajjiż, li jwassal għal kwalifika ogħla tal-VET. F'Settembru 2022, **ir-Rumanija** estendiet l-apprendiment doppju fl-edukazzjoni għolja (teknika) fil-qafas tal-RRP tagħha, li ser isir operattiv fis-sena akkademika 2024-2025. B'riżultat ta' dan, ser tkun disponibbli rotta doppja sħiħa mill-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell sal-edukazzjoni għolja. Barra minn hekk, **il-Ġermanja** aġġornat l-inizjattiva tagħha ta' "Eċċellenza għall-VET" fil-Ħarifa-Xitwa 2022, wieħed mill-komponenti tal-istrateġija tagħha "Xogħol tas-Sengħa". Il-miżuri jaqgħu fi tliet oqsma ta' azzjoni: 1) il-promozzjoni ta' opportunitajiet għat-talent fil-VET, 2) l-istabbiliment ta' xenarju attraenti u innovattiv tal-VET, u 3) l-espansjoni tal-orjentazzjoni internazzjonali fil-VET. Karatteristiċi ġodda jinkludu: opportunitajiet imtejba ta' appoġġ għal trainees bi prestazzjoni għolja, estensjoni tal-orjentazzjoni vokazzjonali, inkluż formati diġitali, kampanja biex tiżdied il-viżibbiltà tal-VET, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' kunċetti innovattivi ulterjuri għat-titjib tal-kwalità fit-taħriġ fil-kumpaniji, l-iżvilupp ta' portal ġdid li ser jagħmel l-offerti ta' kwalifiki għall-għalliema u għall-ħarrieġa aċċessibbli b'mod trasparenti, u inċentivi għall-trainees u għall-impjegati żgħażagħ biex imorru barra mill-pajjiż għat-taħriġ u l-apprendiment vokazzjonali. Barra minn hekk, l-Att dwar il-Ħiliet (*Aus- und Weiterbildungsgesetz*) ser ikompli jiżviluppa u jespandi l-istrumenti ta' finanzjament tal-politika tas-suq tax-xogħol għal dawk li qed ifittxu t-taħriġ, bl-għan li jiġi evitat il-qgħad ikkawżat minn bidla strutturali, biex jitħarrġu ħaddiema tas-sengħa li huma meħtieġa b'mod urġenti u biex jinżammu l-ħaddiema tas-sengħa.

**Qed jintużaw sistemi u mudelli ġodda biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri ta' ħiliet u taħriġ fl-Istati Membri.** Wara emenda tal-Att dwar is-Servizzi tal-Impjiegi f'Diċembru 2022, **is-Slovakkja** ser tuża l-finanzjament tal-FSE+ biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsilli Settorjali dwar l-antiċipazzjoni tad-domanda għall-għarfien u l-ħiliet. Fi ħdan l-Alleanza tal-Kunsilli Settorjali, dawn il-korpi ser ikollhom il-funzjoni li jallinjaw is-sistema ta' apprendiment tul il-ħajja ma' ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol. Fl-2023, bħala parti mill-RRP tagħha, **fil-Finlandja** qed tiġi żviluppata sistema ta' tbassir għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema u kompetenza. Il-mudell ser jinkludi t-tbassir tad-domanda ta' terminu medju għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema, edukazzjoni u ħiliet. Dan jinkludi t-tbassir tal-għadd ta' kwalifiki li tlestew f'livelli differenti tal-edukazzjoni, il-valutazzjoni tat-tranżizzjonijiet vokazzjonali, kif ukoll il-potenzjal tax-xogħol tal-persuni qiegħda u ta' dawk barra mill-forza tax-xogħol.

**F'ħafna pajjiżi ġew introdotti miżuri li jsaħħu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni adulta biex jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali aċċellerata.** **Fil-Belġju**, Wallonia adottat qafas biex tipprovdi ħiliet diġitali bażiċi skont liġi ta' taħriġ diġitali bażiku ta' Wallonia f'Awwissu 2022. Minn Frar 2023, **iċ-Ċekja** introduċiet Allowance għal Kors ta' Taħriġ Diġitali, bħala strument ġdid ta' politika attiva dwar l-impjiegi, li jkopri 82 % tal-kost tal-korsijiet għall-akkwist ta' ħiliet diġitali bħala parti mill-RRP tagħha. **L-Estonja** ħadmet fuq riforma għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji fil-qafas tal-RRP tagħha, li tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom fil-livell maniġerjali biex imexxu u jrawmu t-tranżizzjoni diġitali, kif ukoll biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' biżżejjed professjonisti tal-ICT. Ir-riforma, li ġiet adottata fl-2022 u li ser tibqa' għaddejja sal-2026, għandha wkoll l-għan li toffri opportunitajiet ġodda ta' karriera u li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħriġ u l-professjonijiet tal-ICT.

Fl-2023, **Ċipru** investa f'portal tal-web tal-Akkademja taċ-Ċittadini Diġitali, li jinkludi għodda li tgħin lin-nies jivvalutaw il-livell tal-ħiliet u l-ħtiġijiet diġitali tagħhom, filwaqt li jifformula pjan għall-iżvilupp tagħhom u joffri għażla ħielsa ta' korsijiet. Barra minn hekk, Ċipru, taħt l-RRP tiegħu, investa wkoll fi programmi ta' taħriġ għall-akkwist ta' ħiliet diġitali fiċ-Ċentri tat-Taħriġ Vokazzjonali. Fil-qafas tal-RRP tagħha, **il-Latvja** inkludiet diversi miżuri relatati mat-tisħiħ tal-ħiliet diġitali. Dan jinkludi l-appoġġ għall-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-ħtiġijiet ta' taħriġ abbażi ta' valutazzjoni komuni tal-ħiliet diġitali bażiċi. Ħafna minn dawn il-miżuri huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-qafas Ewropew ta' kompetenza diġitali. Fi Frar 2023, **il-Polonja** ppreżentat Programm ġdid għall-Iżvilupp tal-Kompetenzi Diġitali biex jiżdied il-livell ta' kompetenzi diġitali tal-popolazzjoni ġenerali u tal-ispeċjalisti tal-ICT. Sabiex tindirizza d-diskrepanzi fil-litteriżmu diġitali, f'Diċembru 2022, **is-Slovakkja** adottat Strateġija Nazzjonali dwar il-Ħiliet Diġitali u Pjan ta' Azzjoni b'varjetà ta' miżuri mmirati lejn l-ispeċjalisti tal-ICT, in-nisa fl-ICT, l-għalliema fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, l-impjegati, il-persuni li qed ifittxu impjieg u gruppi żvantaġġati, kif ukoll l-anzjani. Fl-2023, **il-Bulgarija** żviluppat moduli elettroniċi għall-applikazzjoni u l-għoti ta' vawċers ta' taħriġ kif ukoll għall-eżami u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali f'ambjent elettroniku. Il-forniment ta' vawċers elettroniċi għat-taħriġ lil persuni impjegati u qiegħda biex jiksbu ħiliet diġitali bażiċi u intermedji ser jibda f'Diċembru 2023 u t-taħriġ ser jingħata fil-bidu tal-2024. F'Diċembru 2022, **il-Portugall** introduċa l-Akkademja Diġitali tal-Portugall li għandha l-għan li twassal il-kompetenzi diġitali lin-nies kollha, tinvesti fl-inklużjoni u l-litteriżmu diġitali, l-edukazzjoni ta' ġenerazzjonijiet ġodda, il-kwalifika tal-popolazzjoni attiva, it-taħriġ avvanzat u speċjalizzat tal-persunal anzjan u r-riċerka. Taħt l-iskema tal-Portugall Emprego + Digital 2025, il-Portugall qed jipprovdi taħriġ diġitali bla ħlas għall-ħaddiema, il-maniġers u d-diretturi ta' kumpaniji, entitajiet tal-ekonomija soċjali u ħarrieġa.

**Diversi pajjiżi tal-UE introduċew miżuri biex isaħħu l-iżvilupp tal-ħiliet permezz tal-mikrokredenzjali.** F'**Malta**, miżura strateġika fl-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023–30 tintroduċi mikrokredenzjali biex tiżgura l-aċċess għal programmi edukattivi kumpensatorji. F**l-Ungerija**, emenda tal-2023 għal-Liġi dwar it-Taħriġ għall-Adulti introduċiet definizzjoni legali għat-termini u l-proċeduri ewlenin dwar l-għoti ta' korsijiet qosra (prinċipalment online) u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom. Fis-sajf tal-2023, tnieda proġett tat-TSI f**l-Ungerija**, li jappoġġa l-istabbiliment ta' qafas legali ġenerali u bażi tad-data għall-mikrokredenzjali li jkopru l-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Ladarba dan il-qafas ikun fis-seħħ, il-finanzjament tal-RRF u tal-FSE+ ser jintuża biex jinċentiva l-iżvilupp u l-użu tal-mikrokredenzjali. F**l-Estonja**, l-Att dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti għaddej minn emenda biex jinkorpora elementi ta' assigurazzjoni tal-kwalità fl-għoti ta' mikrokwalifiki. L-implimentazzjoni ser tkun appoġġata mill-finanzjament tal-UE (il-FSE+, l-RRF, il-JTF). Bħala l-ewwel pajjiż fl-UE, l-Irlanda stabbiliet Qafas Nazzjonali koerenti għal mikrokredenzjali ta' kwalità garantita u akkreditati. Dan qed isir permezz ta' MicroCreds, proġett ta' ħames snin, Inizjattiva ta' Kapital Uman ta' EUR 12.3 miljun (2020-25) immexxi mill-Assoċjazzjoni tal-Universitajiet Irlandiżi fi sħubija ma' diversi universitajiet u b'involviment mill-qrib mal-intrapriżi. Il-proġett huwa ffinanzjat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni Ulterjuri u Għolja, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni u x-Xjenza. Fi **Spanja**, bħala parti mill-RRP tagħha, Katalogu Nazzjonali ġdid ta' Standards ta' Kompetenza ser jissostitwixxi l-Katalogu Nazzjonali kurrenti tal-Kwalifiki Professjonali u ser jippermetti l-mikrotaħriġ u l-mikrokredenzjali, f'konformità mal-Liġi Organika dwar il-VET tal-2022. Spanja qed tippromwovi wkoll il-mikrokredenzjali tal-Università permezz ta' pjan ta' azzjoni ddedikat, li fil-qafas tiegħu ser jinħolqu madwar 1 000 kors ġdid u ser jingħataw 60 000 mikrokredenzjali ta' 15-il ECTS fis-sena.

**Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija objettiv segwit mill-Istati Membri kollha, li jitlob azzjoni politika urġenti f'diversi pajjiżi tal-UE fejn ir-rati ta' parteċipazzjoni għadhom relattivament baxxi.** Il-mira ewlenija tal-UE dwar l-apprendiment għall-adulti tirrikjedi li mill-inqas 60 % tal-adulti jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena fl-UE sal-2030. It-titjib tal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kien ukoll wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment li sa issa 15-il Stat Membru bdew jimplimentaw, anki permezz ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-FSE+ u mill-RRF[178]. Qed jiġi applikat approċċ komprensiv f**il-Belġju**, fil-qafas tal-RRP tiegħu, bl-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni ddedikata u aġġustamenti legali speċifiċi. F'dan il-qafas, il-gvern federali introduċa, mill-2023, dritt għal 4 ijiem (ħamsa mill-2024) ta' liv ta' taħriġ bi ħlas fis-sena għall-ħaddiema f'kumpaniji b'mill-inqas 20 impjegat. Barra minn hekk, tali kumpaniji għandhom jidentifikaw opportunitajiet ta' taħriġ għall-impjegati tagħhom. Fl-2023, tliet Stati Membri ffinalizzaw proġetti biex iwittu t-triq għat-tnedija jew għar-reviżjoni tal-istrateġiji tal-ħiliet tagħhom, bl-assistenza teknika tal-OECD, jew kofinanzjati permezz tat-TSI. Il-prijoritajiet għa**l-Lussemburgu** jinkludu opportunitajiet għall-adulti biex jiżviluppaw ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, gwida aħjar u ż-żamma tat-talent barrani. **L-Irlanda** nediet l-istrateġija nazzjonali tagħha dwar il-ħiliet fl-2016, b'objettivi għall-2025, li minnhom l-evalwazzjonijiet identifikaw aktar azzjonijiet ta' prijorità, inkluża l-ħtieġa għal provvista ta' ħiliet aktar bilanċjata u diversifikata u għal użu aħjar tal-ħiliet biex titrawwem l-innovazzjoni. L-Irlanda ffinalizzat rieżami tal-istrateġija tagħha għall-ħiliet fl-2023, li saret fi sħubija mal-OECD. Minn Ottubru 2022, **il-Bulgarija** mxiet lejn pjan ta' azzjoni dwar il-ħiliet (bl-appoġġ tat-TSI) li jindirizza l-ħtiġijiet tal-ħiliet għaż-żgħażagħ u għall-adulti, kif ukoll il-ħtieġa li jintużaw aħjar il-ħiliet disponibbli.

[178] Dawn huma BE, BG, CY, CZ, EE, EL, FR, HR, HU, LT, LV, PL, PT, RO, SK.

**Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tkompli trawwem l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.** Fost il-miżuri reċenti meħuda mill-Istati Membri fil-qafas tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa u appoġġati mill-FSE+, **Spanja** qed taħdem fuq emenda fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, li għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reġistrazzjoni ta' żgħażagħ NEETs fil-qafas tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. F'Ottubru 2022, **is-Slovakkja** adottat il-Pjan Nazzjonali tagħha ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, li ser jintensifika l-appoġġ għall-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-konsulenza individwalizzata, il-mentoraġġ, kampanja ta' informazzjoni, għodod għat-tfassil tal-profili ta' żgħażagħ li qed ifittxu impjieg, l-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-edukazzjoni u l-ħiliet ulterjuri (b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, ekoloġiċi u intraprenditorjali), l-appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi, it-traineeships tal-gradwati u l-impjieg indipendenti. **Il-Greċja**, bħala parti mill-Pjan Nazzjonali tagħha ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, adottat l-"Istrateġija Nazzjonali għall-Impjieg taż-Żgħażagħ 2021-2027", li ser tindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ billi tiffaċilita l-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol permezz tat-titjib tal-ħiliet u l-impjegabbiltà tagħhom, anki b'appoġġ mill-FSE+ u mill-RRF. F'Ġunju 2022, **il-Bulgarija** adottat l-inizjattiva "Impjieg taż-Żgħażagħ+" appoġġata mill-FSE+, li għandha l-għan li żżid l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ u tiffaċilita t-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, fost l-oħrajn permezz ta' traineeships, taħriġ fuq il-post tax-xogħol u, b'mod aktar ġenerali, l-akkwist ta' ħiliet trasferibbli u mhux vinkolanti. Il-proġett għandu l-għan li jappoġġa 15 200 persuna inattivi u qiegħda, inklużi persuni qiegħda fit-tul. Skont il-Programm Trajetos, **il-Portugall** għandu l-għan li jippromwovi l-aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ, impjieg jew intraprenditorija għal NEETs żgħażagħ.

**L-Istati Membri għandhom l-għan li jtejbu t-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol,** ħafna drabi appoġġati mill-RRF. **Spanja** inkludiet l-"Investiment fuq il-Qgħad Fost iż-Żgħażagħ" fl-RRP tagħha, li jikkonsisti fi tliet programmi. Il-programm "Tandem" għandu l-għan li jikseb kompetenza professjonali permezz ta' taħriġ b'alternanza mal-impjiegi, b'mill-inqas 25 % tal-programm iffokat fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 25 % iffokat fuq il-ħiliet diġitali. It-tieni wieħed huwa l-programm "L-Ewwel Esperjenza", li jiffaċilita l-ewwel esperjenza ta' xogħol, b'mill-inqas 20 % tal-programm iddedikat għal ħiliet relatati mal-klima u 20 % għal ħiliet diġitali. Fl-aħħar nett, il-programm "*Investigo*" jipprovdi xogħol marbut mal-iżvilupp ta' proġett ta' riċerka. F'**Ċipru**, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport u ż-Żgħażagħ qed jippjana li jestendi l-mekkaniżmu pilota ta' traċċar tal-gradwati għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja sal-2023. Barra minn hekk, f'Mejju 2023 ġew adottati żewġ riformi f**il-Portugall**, li jeħtieġu allowance ta' probation ta' kull xahar matul il-perjodu ta' probation ta' mhux inqas minn 80 % tal-paga minima statutorja u li jippermettu lill-istudenti żgħażagħ li jaħdmu (taħt is-27 sena) jakkumulaw allowances għall-familji u għotjiet għall-istudju bis-salarju tagħhom. Fl-aħħar nett, **l-Iżvezja** nediet żewġ inizjattivi, li l-ewwel waħda minnhom hija studju li jesplora l-perkorsi għall-ħajja tax-xogħol għaż-żgħażagħ fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, li mistenni jseħħ fl-2024. Fil-qafas tat-tieni inizjattiva, fl-2023, il-muniċipalitajiet b'qgħad għoli jistgħu jaċċessaw sa SEK 150 miljun (madwar EUR 12,8-il miljun) f'għotjiet għal miżuri ta' ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ u impjiegi temporanji għas-sajf.

**Xi Stati Membri nedew u estendew inizjattivi biex itejbu l-integrazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età fis-suq tax-xogħol, li huma maħsuba biex jgħinu biex tiġi ffaċċjata l-isfida tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u n-nuqqasijiet attwalment konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet**. F**il-Lussemburgu**, liġi li tirrilassa r-regoli li jirrestrinġu l-impjieg bi ħlas għal persuni li jkunu marru għal irtirar bikri ġiet estiża f'Marzu 2023 biex tkopri l-ħtieġa għal persunal f'setturi differenti, b'mod partikolari s-settur tal-kura tas-saħħa, fid-dawl tan-nuqqas ta' persunal kwalifikat. F'Jannar 2023, daħlet fis-seħħ emenda leġiżlattiva f**il-Finlandja** li kellha l-għan li żżid l-impjieg ta' dawk li għandhom aktar minn 55 sena b'10 000 persuna sal-2029, tabolixxi jiem addizzjonali ta' benefiċċju tal-qgħad u tintroduċi protezzjoni ġdida ta' aġġustament immirat għal dawk li għandhom aktar minn 55 sena.

**L-Istati Membri adottaw miżuri biex itejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, f'ħafna każijiet biex jittrasponu d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata.** Pereżempju, f**ir-Rumanija**, il-liv tal-paternità ġie estiż f'Settembru 2022 minn 5 għal 10 ijiem tax-xogħol (u b'5 ijiem oħra għall-missirijiet li kisbu ċertifikat ta' tlestija tal-kors tal-indukrar tat-tfal). Ġew introdotti wkoll regoli ġodda rigward l-obbligu tal-impjegaturi li japprovaw il-liv tal-paternità, il-projbizzjoni tat-tkeċċija tal-ħaddiem matul il-liv tal-paternità, kif ukoll sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità. F**is-Slovenja**, l-emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ġenituri u l-Benefiċċji tal-Familja ser jidħlu fis-seħħ f'April 2024 u jkunu jikkonċernaw id-dritt għal-liv tal-ġenituri (kull ġenitur issa huwa intitolat għal 160 jum ta' liv tal-ġenituri b'kuntrast mal-130 jum preċedenti, b'60 jum ma jkunux trasferibbli għaż-żewġ ġenituri), għal-liv tal-paternità, kumpens għall-ħlas/pagi matul tali liv, u arranġamenti tax-xogħol flessibbli. F**il-Finlandja**, minn Settembru 2022, iż-żewġ ġenituri jirċievu kwota ogħla ta' 160 jum ta' allowance għall-ġenituri, li minnhom jistgħu jiġu ttrasferiti massimu ta' 63 jum. F**il-Polonja**, emenda ġdida għall-Kodiċi tax-Xogħol u atti oħrajn minn April 2023 tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-liv tal-persuni li jindukraw (sa 5 ijiem fis-sena), il-liv tal-ġenituri li jrid jinqasam bejn il-ġenituri, il-liv tal-paternità, u l-ħin liberu mix-xogħol għal raġunijiet ta' force majeure. F'April 2023, **il-Portugall** introduċa bidliet fil-kodiċi tax-xogħol, li jestendu l-liv esklużiv tal-paternità għal 28 jum, minflok l-20 jum kurrenti, kif ukoll il-possibbiltà li l-liv tal-ġenituri jittieħed fuq bażi part-time. Fil-Liġi tal-Baġit tagħha tal-2023, **l-Italja** tat xahar addizzjonali ta' liv tal-maternità fakultattiv jew, b'mod alternattiv, ta' liv tal-paternità, imħallas għal 80 %, sas-sitt sena tal-ħajja tal-wild. F'Diċembru 2022, **Ċipru** introduċa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali d-dritt għal-liv tal-ġenituri mħallas, id-dritt li l-liv tal-ġenituri jittieħed b'mod flessibbli, id-dritt għal-liv tal-persuni li jindukraw, kif ukoll id-dritt għall-ġenituri li jaħdmu (bi tfal sal-età ta' 8 snin) u għall-"persuni li jindukraw" biex jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Kull ġenitur li jaħdem b'wild sa 8 snin għandu dritt individwali għal-liv tal-ġenituri ta' tmintax-il ġimgħa. Fi **Spanja**, id-drittijiet tal-liv ġew estiżi għal koppji mhux miżżewġin f'Ġunju 2023, li jikkontribwixxi għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw. Dawn jikkonċernaw: (i) liv minħabba aċċident jew mard serju; (ii) liv minħabba mewt; (iii) id-dritt għal sigħat tax-xogħol imnaqqsa jew adattati; (iv) liv minħabba r-reġistrazzjoni tas-sħubija; u (v) liv personali (*excedencias*) għall-kura.

**L-Istati Membri introduċew miżuri biex jappoġġaw l-impjieg tan-nisa u jindirizzaw id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.** F**l-Estonja**, bħala parti mill-RRP tagħha, il-prototip ta' għodda għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri msejħa "Pay Mirror" ġie żviluppat fil-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali b'kooperazzjoni mal-Università ta' Tallinn u Statistics Estonia. L-għodda ser titnieda sal-31 ta' Marzu 2024 u toffri lill-impjegaturi mod faċli biex jirċievu u janalizzaw id-data u l-informazzjoni dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u r-raġunijiet possibbli tagħha fl-organizzazzjonijiet tagħhom, u b'hekk tappoġġahom biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jieħdu azzjoni effettiva biex jimplimentaw il-prinċipju ta' paga ugwali għal impjiegi ta' valur ugwali. Fi **Spanja**, il-finanzjament tal-RRF ser jiġi ddedikat biex jappoġġa l-impjieg tan-nisa permezz ta' tliet oqsma ewlenin: a) taħriġ dwar l-aspetti diġitali, ekoloġiċi, il-kura fit-tul, l-intraprenditorija u l-ekonomija soċjali; b) perkorsi tal-integrazzjoni għan-nisa vittmi ta' vjolenza jew ta' traffikar; u c) l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-elementi kollha tal-pjanijiet annwali tal-impjiegi tal-PES. **L-Awstrija** nediet sejħa għal proġetti għal miżuri għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bniet u tan-nisa fid-dinja diġitali, u d-diversifikazzjoni tal-perkorsi tal-edukazzjoni u tal-impjiegi b'enfasi fuq il-qasam tal-iSTEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika). Fi **Franza**, liġi ġdida minn Lulju 2023 żżid għal 50 % il-kwota obbligatorja tan-nisa għal ħatriet ġodda f'karigi għolja u eżekuttivi fis-settur pubbliku. Hija tintroduċi wkoll indiċi ta' ugwaljanza professjonali bejn l-irġiel u n-nisa fis-servizzi pubbliċi, immudellat fuq is-settur privat u applikabbli għall-awtoritajiet b'aktar minn 50 aġent. F**il-Belġju**, il-gvern federali nieda l-proġett "Bread and Roses" f'April 2023, li jiffoka fuq l-impjieg tan-nisa, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. F**il-Ġermanja**, permezz tal-programm "Integration Course with a Child: Building Blocks for the Future" (*Integrationskurs mit Kind – Bausteine für die Zukunft*), il-Gvern Federali jipprovdi appoġġ għall-indukrar tat-tfal għall-parteċipanti tal-korsijiet ta' integrazzjoni bi tfal taħt l-età obbligatorja għall-iskola jekk ma jkunx hemm biżżejjed servizzi muniċipali regolari ta' indukrar tat-tfal. F**l-Iżvezja**, il-gvern u l-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Awtoritajiet u r-Reġjuni Lokali qablu fuq inizjattiva konġunta biex jappoġġaw lin-nisa mwielda barra mill-pajjiż bi tfal fl-età ta' bejn 0 u 6 snin. Il-ftehim ikopri ftit inqas minn SEK 20 miljun (madwar EUR 1,7 miljun) u ser ikopri l-perjodu 2023-2025. F'**Malta**, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) nediet l-Għodda tagħha għal Pagi Ugwali f'Novembru 2023. Din l-għodda tivverifika "paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali" bejn in-nisa u l-irġiel fl-organizzazzjonijiet iċċertifikati (aktar minn 50 impjegat), filwaqt li tidentifika kwalunkwe diskrepanza fis-salarji jew fl-allowances tal-impjegati li mhijiex ġustifikabbli.

**Diversi Stati Membri qed jadottaw miżuri biex itejbu l-inklużività tas-sistemi edukattivi tagħhom u jtejbu l-aċċess għall-apprendiment tul il-ħajja għall-persuni b'diżabbiltà.** Fl-**Irlanda**, proġett pilota ser iżid il-kapaċità tal-iskejjel li jfasslu u jimplimentaw forniment speċjalizzat biex jappoġġaw l-edukazzjoni inklużiva f'ambjenti ġenerali, itejbu l-ħiliet tal-għalliema biex jiżguraw edukazzjoni inklużiva ta' kwalità, kif ukoll biex jippromwovu l-għarfien tal-partijiet ikkonċernati lejn edukazzjoni inklużiva. Il-proġett huwa appoġġat mit-TSI u ser idum għaddej għal sentejn skolastiċi, li jiġu fi tmiemhom f'Ġunju 2025. Barra minn hekk, ir-raba' pjan ta' aċċess nazzjonali għall-edukazzjoni għolja ser ikompli jiffaċilita l-aċċess u t-tlestija b'suċċess fost il-gruppi vulnerabbli, inklużi l- istudenti b'diżabbiltà. **Il-Belġju** adotta liġi federali ġdida fl-2022 li tistabbilixxi l-obbligu għal dawk li jħaddmu 20 ħaddiem jew aktar biex ifasslu pjan ta' taħriġ tal-kumpanija kull sena, b'konsultazzjoni mal-kunsill tar-rappreżentanza tal-ħaddiema, mar-rappreżentanza tat-trade unions jew mal-ħaddiema, li jiddefinixxi l-gruppi fil-mira fost il-ħaddiema. Dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-gruppi f'riskju definiti fil-ftehimiet kollettivi (inklużi l-persuni b'diżabbiltà,) u fuq il-profili tal-impjiegi li huma skarsi. **Franza** għaddiet liġi li għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal ta' appoġġ għall-istudenti b'diżabbiltà u għall-assistenti edukattivi, billi ttejjeb l-aċċess għal kuntratti ta' terminu indefinit. **Malta** nediet riforma fil-qafas tal-RRP biex ittejjeb il-perkorsi tal-edukazzjoni lejn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati mill-Ukrajna.** Minn Marzu 2022 sa April 2024, **l-Awstrija** ppermettiet li l-għalliema mill-Ukrajna jiġu impjegati permezz ta' kuntratt speċjali bbażat fuq il-kwalifiki tagħhom, li jissospendi temporanjament ir-rekwiżit li jkollhom mill-inqas ħiliet bażiċi fil-lingwa Ġermaniża. **Il-Bulgarija** introduċiet appoġġ immirat ta' EUR 6,9 miljun mir-riżorsi ta' REACT-EU biex tippromwovi l-integrazzjoni rapida fis-suq tax-xogħol ta' aktar minn 3 220 refuġjat mill-Ukrajna. F**l-Iżvezja**, minn Marzu 2023, il-muniċipalitajiet jistgħu jaċċessaw SEK 100 miljun (bejn wieħed u ieħor EUR 8,5 miljun) f'għotjiet mill-Istat biex joffru edukazzjoni muniċipali għall-adulti bl-Iżvediż għal persuni protetti mid-Direttiva dwar il-protezzjoni temporanja. Minn Ġunju 2022, ir-refuġjati Ukreni, li applikaw għal permess ta' residenza f**il-Ġermanja** skont id-Direttiva dwar il-protezzjoni temporanja u ma sabux impjieg, huma eliġibbli biex jaċċessaw assistenza soċjali regolari u benefiċċji ta' dawk li qed ifittxu impjieg, inkluż aċċess għal korsijiet ta' integrazzjoni u tal-lingwa, offerti ta' impjiegi, u appoġġ fl-organizzazzjoni tal-indukrar tat-tfal.

### 2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Hija tkopri, fost l-oħrajn, l-ibbilanċjar tal-flessibbiltà u tas-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-trawwim tat-tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti, kif ukoll l-iżgurar tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn l-għanijiet huma konformi mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 5 (impjiegi siguri u adattabbli), 7 (informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji), 8 (djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema), 10 (ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat) u 13 (benefiċċji tal-qgħad) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fuq il-bażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-Taqsima 2.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

### 2.3.1 Indikaturi ewlenin

**Filwaqt li arranġamenti kuntrattwali differenti jipprovdu wkoll għal diversi preferenzi u ħtiġijiet individwali li joffru flessibbiltà akbar, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' waħda mill-kawżi multipli tal-inugwaljanza.** Dan huwa l-każ b'mod partikolari meta l-kuntratti temporanji ma jservux bħala pass 'il quddiem lejn impjiegi permanenti. Tali kuntratti (u speċjalment dawk b'durata qasira ħafna) spiss ikunu assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli, inqas inċentivi għall-aċċess jew għall-investiment fl-edukazzjoni kontinwa u f'taħriġ speċifiku għall-impjieg, u lakuni fil-protezzjoni soċjali meta mqabbla mal-impjieg permanenti[179]. Il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati (magħrufa wkoll bħala ħaddiema awtonomi) ġeneralment ikunu soġġetti wkoll għal riskji ogħla ta' prekarjetà u f'ċerti każijiet jistgħu jaħbu relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti (impjieg indipendenti "fittizju"), minbarra li jesperjenzaw lakuni persistenti fil-kopertura tal-protezzjoni soċjali[180]. B'mod aktar ġenerali, l-użu mifrux ta' forom ta' impjieg mhux standard jista' jagħmel is-setturi u l-impjiegi inqas attraenti għall-ħaddiema u b'hekk jikkontribwixxi biex iwassal għal nuqqas ta' ħaddiema[181]. Għażla wiesgħa ta' arranġamenti kuntrattwali jeħtieġ li tmur flimkien ma' aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali u għal opportunitajiet ta' apprendiment u żvilupp, biex b'hekk il-ħaddiema jitħejjew ukoll għat-trasformazzjonijiet li ġejjin. Il-prevenzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal inqas sigurtà tax-xogħol u prekarjetà ogħla u l-abbuż ta' kuntratt atipiku, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju nru. 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar impjieg sigur u adattabbli.

---

179 Eurofound, *Labour market segmentation, Observatory,* 2019.

180 Ara r-rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, COM(2023) 43 final.

181 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Iż-żieda kostanti fl-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 ma wasslitx għal żieda fis-sehem ta' ħaddiema temporanji fl-UE.** Il-perċentwal ta' persuni impjegati fuq kuntratti temporanji fl-UE fost l-impjegati kollha ta' bejn l-20 u l-64 sena baqa' ġeneralment stabbli għal 12,9 % fl-2022, 1,3 pps taħt l-ogħla livell tiegħu fl-2019[182]. Madankollu, għad hemm varjazzjonijiet sostanzjali fl-Istati Membri, b'differenza ta' 22 pps bejn l-ogħla ishma u dawk l-aktar baxxi. Filwaqt li n-Netherlands, Spanja, l-Italja, il-Portugall, il-Polonja u l-Finlandja jirreġistraw ishma ta' impjieg temporanju ta' madwar 15 % jew aktar, iċ-ċifri huma inqas minn 4 % fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja, fir-Rumanija u fil-Litwanja (ara l-Illustrazzjoni 2.3.1). F'termini ta' ċifri trimestrali aktar reċenti, is-sehem tal-impjegati temporanji (20-64; aġġustat skont l-istaġun) kien ta' 12,3 % fit-tieni trimestru tal-2023 fl-UE, 1 pp inqas milli fit-tieni trimestru tal-2022. Bejn it-tieni trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2023, Spanja u l-Polonja rreġistraw tnaqqis sinifikanti fl-ishma tagħhom ta' impjegati temporanji (b'5,2 pps u 3,9 pps, rispettivament), filwaqt li ġew osservati żidiet ('il fuq minn 2 pps) fi Franza u fl-Italja.

**Illustrazzjoni 2.3.1: L-impjieg temporanji taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi, għalkemm b'differenzi bejn l-Istati Membri, huma sostanzjali**
Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (20-64, %, data annwali)




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja f'ES u FR fl-2021 u fl-2022 (ara l-metadata).
*Sors*: l-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

182 Dan huwa definit bħala li għandu arranġament tax-xogħol mhux standard (bħal kuntratti flessibbli, temporanji, fuq sejħa u ta' 0 sigħat), kuntratt ma' aġenzija tal-impjieg temporanju, jew xogħol part-time (indikaturi tal-Eurostat) [lfsi_pt_a] u [lfsi_pt_q]

**F'xi Stati Membri, ishma għoljin ta' impjieg temporanju huma kkombinati ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni għal kuntratti permanenti, li joħloq sfidi għal swieq tax-xogħol inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb.** Fl-2022, Spanja u l-Italja kellhom rati għoljin ta' kuntratti temporanji (ogħla minn 15 %, bi Spanja saħansitra ogħla minn 20 %) flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni (taħt it-30 %), (il-medji tal-UE huma ta' 12,9 % u 28,7 %, għaż-żewġ statistiċi rispettivament – ara l-Illustrazzjoni 2.3.2). Stati Membri oħrajn bħan-Netherlands, il-Portugall, il-Polonja, il-Finlandja, Franza u l-Kroazja xorta wrew rati ta' impjieg temporanju ogħla mill-medja tal-UE, iżda flimkien ma' rati ta' tranżizzjoni relattivament għoljin għal kuntratti permanenti (bejn 32 % u 50 %). Min-naħa l-oħra, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Estonja wrew ishma baxxi ta' kuntratti temporanji (taħt l-4 %), akkumpanjati minn rati ta' tranżizzjoni għoljin ħafna (qrib jew ogħla minn 50 %).

**Illustrazzjoni 2.3.2: Il-kuntratti temporanji jmorru flimkien f'xi każijiet b'rati baxxi ta' tranżizzjoni għal impjiegi permanenti**

Impjegati temporanji bħala perċentwal tal-għadd totali ta' impjegati (20-64) fl-2022 u r-rata ta' tranżizzjoni għal impjiegi permanenti (15-64) (valur medju għall-2020, l-2021 u l-2022).




*Nota*: Il-koorti usa' ta' età ta' 15-64 sena huwa kkunsidrat għar-rati ta' tranżizzjoni bejn kuntratti temporanji għal dawk permanenti. Ir-rata ta' tranżizzjoni tax-xogħol għal DE, FR, LT, AT, PT u l-medja tal-EU-27 jirreferu għall-2020; il-valuri għal IE, SK u SE jirreferu għall-2021. Il-koorti ta' età ta' 20-64 sena jintuża għall-impjiegi temporanji, f'konformità mal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-impjiegi u analiżi relatata fit-taqsima. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2022.
*Sors*: l-Eurostat, [lfsa_etpgan], l-LFS tal-UE u [ilc_lvhl32], l-UE-SILC.

**Xi impjegati għandhom kuntratti temporanji minħabba li ma jistgħux isibu impjieg permanenti, jew il-kariga hija disponibbli biss skont dan it-tip ta' kuntratt, b'varjazzjoni sinifikanti madwar il-pajjiżi tal-UE**. Il-proporzjon ta' ħaddiema temporanji involontarji huwa indikazzjoni importanti tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol li ma tikkorrispondix għall-preferenzi għal aktar flessibbiltà min-naħa tal-impjegati. Il-perċentwal ta' impjegati (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) li involontarjament għandhom kuntratti temporanji kien ta' 7,3 % fl-UE fl-2022, li huwa 0,6 pps aktar baxx milli kien fl-2021. Madankollu, għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, b'ċifri li jvarjaw minn aktar minn 10 % fi Spanja, fl-Italja, fil-Portugall, fil-Finlandja u f'Ċipru, għal 3 % jew inqas fl-Awstrija, fil-Bulgarija, fid-Danimarka, fl-Ungerija, fir-Rumanija u fil-Litwanja[183]. Is-sehem ta' impjieg temporanju involontarju huwa ġeneralment ogħla fost in-nisa impjegati (b'xi eċċezzjonijiet bħall-Bulgarija, il-Litwanja u l-Lussemburgu), għalkemm id-diskrepanza hija relattivament ristretta b'mod ġenerali (inqas minn 1,5 pps), ħlief għal Ċipru, il-Greċja, Spanja u l-Finlandja, fejn hija akbar minn 4 pps.

**Il-proporzjon ta' ħaddiema f'impjieg temporanju għadu sinifikanti fost iż-żgħażagħ, in-nisa u l-migranti.** Fl-2022, dan laħaq 50 % fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena) fl-UE (żieda ta' 1 pp meta mqabbla mal-2021). Din iċ-ċifra hija 39,1 pps ogħla minn dawk li għandhom bejn 25 u 59 sena. Fl-2022, l-ogħla ishma ta' żgħażagħ b'kuntratti temporanji ġew irrapportati għan-Netherlands, is-Slovenja, il-Portugall, l-Italja u Spanja (kollha madwar 60 % jew ogħla), filwaqt li l-aktar baxxi kienu fir-Rumanija u l-Litwanja (taħt l-10 %, ara l-Illustrazzjoni 2.3.3). Is-sehem tan-nisa impjegati (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) b'kuntratti temporanji fl-UE kien ta' 14 %, b'mod ġenerali l-istess mill-2021. Id-differenza bejn il-ġeneri f'impjiegi temporanji żdiedet minn 1,5 pps fl-2021 għal 2 pps fl-2022, b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. L-akbar ishma ta' impjegati temporanji fost in-nisa ġew osservati fin-Netherlands, Spanja, il-Finlandja u l-Italja (madwar 18 % jew ogħla), segwiti mill-Kroazja, il-Portugall, il-Polonja, Franza, Ċipru u l-Iżvezja (kollha għadhom ogħla mill-medja tal-UE). Fir-Rumanija, il-Litwanja, l-Estonja, il-Latvja u l-Bulgarija, il-perċentwal kien ta' madwar 4 % jew inqas. Fl-2021, wieħed minn kull ħames migranti kien impjegat b'kuntratt temporanju, meta mqabbel ma' madwar wieħed minn kull tmien ħaddiema nattivi[184]. B'mod ġenerali fl-2022, il-ħaddiema f'impjieg temporanju esperjenzaw ukoll riskju ogħla ta' faqar (12,2 %, abbażi tal-introjtu tal-2021) minn dawk b'kuntratti permanenti (5,2 %)[185].

---

183 L-Eurostat [lfsa_etgar]. Affidabbiltà baxxa għal EE, LV u SK fl-2022. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.

184 Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

185 L-Eurostat [ilc_iw05].

**Illustrazzjoni 2.3.3: L-inċidenza ta' impjieg temporanju għaż-żgħażagħ u għan-nisa tvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri**

Is-sehem ta' impjegati temporanji fost in-nisa impjegati kollha (%, 2022, assi tal-lemin) u s-sehem ta' impjegati temporanji żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena) fost l-impjegati kollha f'dan il-koorti ta' età (%, 2022, assi tal-lemin).




*Nota*: L-ebda data għal LV.

- *Sors:* l-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem tal-impjiegi part-time kompla t-tnaqqis bil-mod iżda kostanti tiegħu fl-2022 fl-UE, għalkemm b'komponent involontarju li għadu sinifikanti f'diversi Stati Membri.** Madwar 32,8 miljun persuna impjegata (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) ħadmu part-time fl-UE fl-2022, jiġifieri 2,7 miljun inqas minn fl-2019. Dan issarraf f'sehem ta' 17 % fl-2022 (1,7 pps inqas minn fl-2019). Din ix-xejra 'l isfel tista' wkoll tikkontribwixxi b'mod importanti biex tindirizza mill-inqas parzjalment in-nuqqasijiet konsiderevoli ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-Unjoni. Madankollu, id-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom importanti. In-Netherlands, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Belġju u d-Danimarka rreġistraw ishma ta' ħaddiema part-time 'l fuq minn 20 %, filwaqt li l-Bulgarija, is-Slovakkja, ir-Rumanija, l-Ungerija u l-Kroazja kienu taħt il-5 % (ara l-Illustrazzjoni 2.3.4). Is-sehem ta' xogħol part-time involontarju fl-impjiegi part-time totali naqas bi 2,5 pps għal 21,5 % fl-2022 fl-UE, għal darba oħra b'differenzi sinifikanti madwar il-pajjiżi[186]. Ir-Rumanija, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja u l-Bulgarija rrapportaw ċifri ta' madwar 50 % jew aktar, filwaqt li n-Netherlands, l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, Malta u s-Slovenja rreġistraw valuri taħt l-10 %.

186 L-Eurostat [lfsa_eppgai], l-LFS tal-UE.

**Illustrazzjoni 2.3.4: Is-sehem tal-impjiegi part-time qed ikompli jonqos bil-mod, iżda b'differenzi qawwija fil-komponent involontarju fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjiegi part-time mill-impjiegi totali (20-64) u tal-impjiegi part-time involontarji bħala perċentwal mill-impjiegi part-time totali (20-64) (%, data annwali).




*Nota:* Id-definizzjoni tvarja f'ES u FR fl-2021 u fl-2022 (ara l-metadata).

*Sors:* l-Eurostat, [lfsi_pt_a] u [lfsa_eppgai], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem ta' "persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati" huwa relattivament għoli f'diversi Stati Membri, biż-żgħażagħ ta' spiss ikunu jiddependu aktar fuq klijent primarju jew uniku wieħed.** Fl-2022, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati (jiġifieri, "persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati") kienu jirrappreżentaw 9 % tal-impjiegi totali fl-UE (għall-grupp ta' età ta' 20-64 sena), jiġifieri madwar 17,5-il miljun persuna[187]. Wara tnaqqis qawwi fl-2020, is-sehem għadu ma rkuprax għal-livell ta' qabel il-kriżi (ta' 9,4 % fl-2019). L-ogħla rati ('il fuq minn 14 %) huma osservati fil-Greċja, fil-Polonja u fl-Italja, segwiti miċ-Ċekja, in-Netherlands, is-Slovakkja, Malta, il-Belġju, il-Litwanja u r-Rumanija ('il fuq minn 10 %). Min-naħa l-oħra, l-aktar ishma baxxi (taħt 6 %) huma rrapportati għall-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u l-Lussemburgu. Fl-2022, kien hemm madwar 770 000 persuna li taħdem għal rasha mingħajr impjegati fl-UE (jew madwar 4 % tal-għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati) f'riskju tal-hekk imsejjaħ "impjieg indipendenti ekonomikament dipendenti" (jiġifieri, li ħadmu matul l-aħħar 12-il xahar għal klijent wieħed biss jew dominanti, u dan il-klijent iddeċieda dwar is-sigħat tax-xogħol tagħhom). Rapport mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol juri li l-karatteristiċi ta' dan l-impjieg indipendenti ekonomikament dipendenti jistgħu jkunu aktar frekwenti fost iż-żgħażagħ li jaħdmu għal rashom (sehem ta' 6 % ta' dawk li għandhom bejn 15 u 34 sena). F'termini tat-tipi ta' okkupazzjoni, tali karatteristiċi ta' dipendenza ekonomika u organizzazzjonali huma aktar prevalenti għall-operaturi tal-impjanti u tal-magni, għal dawk li jagħmlu l-assemblaġġ, u f'okkupazzjonijiet elementari (9,8 %), fis-setturi tal-edukazzjoni, tas-saħħa u soċjali (5,8 %) u fl-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, finanzi u assigurazzjoni u proprjetà immobbli (4,1 %)[188].

187 It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea. l-Eurostat [lfsa_esgais] u [lfsa_egaps], l-LFS tal-UE. Ara wkoll Milasi, Santo, *et al.*, *Solo self-employment and lack of paid employment: an occupational perspective across EU countries*, 2022.

188 Dawn iċ-ċifri ma jistgħux jallinjaw mad-definizzjonijiet użati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u, għalhekk, għandhom jiġu ttrattati b'kawtela. Ara: Williams, C., *et al.*, *Extent of dependent self-employment in the European Union*. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol: Pjattaforma Ewropea li Tindirizza x-Xogħol Mhux Iddikjarat, 2023.

**Ir-rikorrenza fis-swieq tax-xogħol tal-UE saħħet ir-rwol tal-ekonomija tal-pjattaformi, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tista' toħloq sfidi għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali.** Bħala medja, 2,4 % tar-rispondenti fl-UE rrapportaw li pprovdew xogħol permezz ta' pjattaformi diġitali online fl-2022, u 1,9 % permezz ta' pjattaformi diġitali fuq il-post[189]. L-Illustrazzjoni 2.3.5 turi differenzi kbar bejn il-pajjiżi fis-sehem ta' rispondenti li ddikjaraw li pprovdew xogħol permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali, b'xejn inqas minn 8,5 % f'Malta u 7,5 % fis-Slovakkja u fil-Portugall, meta mqabbla ma' 2,5 % fin-Netherlands u 1,4 % fid-Danimarka. Filwaqt li l-proporzjonijiet ta' rġiel u nisa li kienu involuti f'xogħol fuq il-pjattaformi huma relattivament simili, hemm differenzi bejn il-ġeneri fil-motivazzjonijiet rispettivi biex jidħlu f'tali tip ta' xogħol (jiġifieri, in-nisa jużaw ix-xogħol fuq il-pjattaformi biex jiksbu introjtu addizzjonali u flessibbiltà biex jirrikonċiljaw mal-impenji tal-familja, filwaqt li l-irġiel jinġibdu lejh għal opportunitajiet biex jaħdmu globalment u jespandu l-bażi tal-klijenti tagħhom)[190]. B'mod ġenerali, l-isfidi relatati max-xogħol fuq il-pjattaformi jirreferu għall-opaċità tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika (AM) u l-influwenza tagħhom fuq l-allokazzjoni tal-kompiti u, b'hekk, il-qligħ, għall-ħaddiema tal-pjattaformi (analizzati fid-dettall fil-Kaxxa 5 tal-Pilastru ddedikat), kif ukoll għall-klassifikazzjoni ħażina possibbli tal-istatus tal-impjieg ta' dawn il-ħaddiema (li jistgħu jsibu ruħhom ittikkettati b'mod falz bħala persuni li jaħdmu għal rashom u, b'hekk, ma humiex intitolati għad-drittijiet u l-protezzjonijiet tal-impjegati). Barra minn hekk, l-aċċess għar-rappreżentanza u n-negozjar kollettivi sa issa baqa' limitat fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi[191].

---

189 Online u fuq il-post huma eżempji ta' tipi speċifiċi ta' pjattaformi. Lista mhux eżawrjenti ta' pjattaformi diġitali online tinkludi Upwork, Freelancer, Clickworker, jew PeoplePerHour; Uber, Deliveroo, Handy jew TaskRabbit huma eżempji ta' pjattaformi fuq il-post. Ara: Fernandez Macias, E., *et al.*, The platformisation of work, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; u Eurofound's Platform Economy Database, 2023.

190 Ara: Eurofound, Gender differences in motivation to engage in platform work, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

191 Il-Kummissjoni Ewropea, *Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2023 – Kif adottat mill-Kunsill fit-13 ta' Marzu 2023*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2767/372552.

**Illustrazzjoni 2.3.5: Intensità tax-xogħol differenti permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-Istati Membri**

Is-sehem ta' rispondenti li qatt ipprovdew xogħol permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-UE, Ġunju 2023.




*Sors:* Eurofound, e-Survey*,* 2023.

**L-istudji dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) jindikaw impatt potenzjalment qawwi tal-apprendiment awtomatiku fuq is-swieq tax-xogħol, bl-okkupazzjonijiet mhux manwali u kreattivi mistennija jkunu aktar affettwati meta mqabbla mal-iżviluppi teknoloġiċi tal-passat.** Skont l-OECD, b'mod ġenerali, 26,7 % tal-forza tax-xogħol fil-pajjiżi membri kienu f'impjiegi b'riskju għoli ta' awtomatizzazzjoni fl-2019, bl-Ungerija, is-Slovakkja, iċ-Ċekja u l-Polonja bħala l-aktar affettwati fil-livell aggregat fl-UE, b'madwar 35 % tal-impjiegi f'tali okkupazzjonijiet (ara l-Illustrazzjoni 2.3.6)[192]. Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma kruċjali f'kuntest bħal dan biex jiġi żgurat approċċ parteċipattiv għall-ġestjoni tal-bidla minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi, jiġi indirizzat it-tħassib potenzjali (jiġifieri, relatat ma' telf possibbli ta' impjiegi, obsolexxenza tal-ħiliet jew tnaqqis fil-job crafting), filwaqt li jitrawwem l-adattament tal-ħaddiema (inkluż permezz tal-forniment tal-ħiliet). Barra minn hekk, politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, inklużi sistemi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u s-servizzi tal-impjiegi huma essenzjali biex jakkumpanjaw tali bidliet, filwaqt li jiżguraw kisbiet kbar għas-soċjetà kollha kemm hi, anki bis-saħħa ta' appoġġ effettiv għat-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor, fejn meħtieġ. Fir-rigward tal-IA ġenerattiva, skont l-Eurofound, l-użu tal-apprendiment awtomatiku jitqies bħala pożittiv b'mod ġenerali mill-ħaddiema mistħarrġa, minħabba li jista' jgħin biex jinħoloq ħin liberu mill-kompiti ta' rutina u jippermetti li ssir aktar enfasi fuq kompiti b'valur miżjud ogħla[193]. L-IA tista' tappoġġa wkoll lill-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol billi toħloq ambjenti aktar inklużivi u akkomodanti[194].

---

192 OECD, *OECD Employment Outlook 2023: Artificial Intelligence and the Labour Market*, OECD Publishing, 2023 u Gmyrek, P., *et al.*, *Generative AI and Jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality*, Dokument ta' Ħidma tal-ILO 96, 2023.

193 Il-Eurofound, *Ethical digitalisation at work: from theory to practice*, 2023; Il-Eurofound, *Ethics in the digital workplace*, 2022; u l-Eurofound, *Digitisation in the workplace*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

194 Touzet, C., *Using AI to support people with disability in the labour market: Opportunities and challenges*, *OECD Artificial Intelligence Papers*, No. 7, OECD Publishing, Pariġi, 2023.

B'mod ġenerali, filwaqt li l-intelliġenza artifiċjali u l-mudelli ta' apprendiment awtomatiku, speċjalment dawk ibbażati fuq transformers ġenerattivi mħarrġa minn qabel (bħal ChatGPT), iġibu opportunitajiet kbar, dawn jista' jkollhom impatt qawwi fuq il-ħaddiema mhux manwali fil-futur,[195] u saħansitra jaffettwaw l-okkupazzjonijiet kreattivi[196]. L-avvanzi rapidi f'dawn it-teknoloġiji jeħtieġu sorveljanza viġilanti biex jisfruttaw il-benefiċċji tagħhom, filwaqt li jantiċipaw impatti negattivi potenzjali u jfasslu reazzjonijiet ta' politika adegwati, inkluż fir-rigward tas-swieq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni adegwata tal-ħaddiema fil-kisbiet fil-produttività ġġenerati mill-IA. F'dan il-kuntest, l-IA tippreżenta sfidi f'termini ta' trasparenza, responsabbiltà u l-impatt possibbli tagħha fuq id-drittijiet u d-dħul tal-ħaddiema. Pereżempju, l-Att dwar l-IA propost jindika sistemi tal-IA użati fir-reklutaġġ u fil-ġestjoni tal-ħaddiema bħala ta' riskju għoli, filwaqt li jimponi rekwiżiti għat-trasparenza, is-sikurezza, il-preċiżjoni u s-sorveljanza mill-bniedem.

**Illustrazzjoni 2.3.6: Id-differenzi bejn il-pajjiżi huma rrapportati fl-impatt mistenni tal-awtomatizzazzjoni fuq l-impjiegi**

Is-sehem tal-impjiegi f'okkupazzjonijiet bl-ogħla riskju ta' awtomatizzazzjoni; %, 2019.




Nota: Ir-riżultati huma bbażati fuq stħarriġ ta' esperti li evalwaw il-grad ta' awtomatabilità għal għadd ta' ħiliet u abbiltajiet skont l-okkupazzjoni. Il-pajjiżi tal-OECD li huma parti mill-EU-27.

Sors: OECD, *OECD Employment Outlook 2023*, OECD Publishing, 2023.

[195] Gmyrek, P., Berg, J., Bescond, D. 2023. *Generative AI and Jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality*, Dokument ta' Ħidma tal-ILO 96 (Ġinevra, ILO), https://doi.org/10.54394/FHEM8239.

[196] Ara, pereżempju, il-ftehim bejn ir-Writers Guild tal-Amerka u l-Alliance of Motion Picture and Television Producers biex jiġi indirizzat it-tħassib eżistenti dwar l-influwenza tal-IA fuq l-industrija tal-films. Il-kuntratt il-ġdid jinkludi regolamenti dwar l-użu tal-IA fi proġetti tal-films u tat-TV, milħuqa fi tmiem wieħed mill-itwal strajks ta' Hollywood.

**Kaxxa 5 tal-Pilastru: L-impatt tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, inkluż fil-kuntest tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali**

**Il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u postijiet tax-xogħol inklużivi hija kruċjali, b'mod partikolari minħabba l-użu aċċellerat ta' algoritmi u intelliġenza artifiċjali.** Il-ġestjoni algoritmika (AM) tirreferi għall-użu ta' algoritmi u tekniki ta' intelliġenza artifiċjali (IA) (jiġifieri apprendiment awtomatiku u metodi komputazzjonali oħrajn). Filwaqt li oriġinarjament kienet assoċjata mal-ekonomija tal-pjattaformi, il-ġestjoni algoritmika kienet qed tikseb trazzjoni wkoll f'setturi ekonomiċi tradizzjonali, bħall-finanzi, il-bejgħ bl-imnut, jew il-loġistika. L-enfasi primarja tagħha hija l-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-input tax-xogħol, pereżempju, biex isiru previżjonijiet u jiġu ottimizzati d-deċiżjonijiet kummerċjali, bħall-allokazzjoni tar-riżorsi, l-assenjazzjoni tal-kompiti, l-iskedar u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-ħaddiema. Uħud mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma partikolarment importanti sabiex jiġu żviluppati u użati t-tekniki tal-ġestjoni algoritmika u tal-intelliġenza artifiċjali b'mod iċċentrat fuq il-bniedem, trasparenti u responsabbli. Pereżempju, il-Prinċipju 10 jenfasizza l-importanza ta' ambjent tax-xogħol mingħajr perikli għas-saħħa, sikur u adattat tajjeb, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema għall-privatezza, għall-ġestjoni tad-data u għall-protezzjoni. Il-Prinċipju 3 għandu l-għan li jipprevjeni d-diskriminazzjoni billi jistabbilixxi d-dritt għal trattament u opportunitajiet ugwali, fost l-oħrajn fir-rigward tal-impjiegi, inkluż meta jintużaw algoritmi.

**Huwa mistenni li l-ġestjoni algoritmika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-effiċjenza u għat-titjib tal-kwalità ġenerali tas-servizz fl-ekonomija tal-pjattaformi.** Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jużaw sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u teħid ta' deċiżjonijiet, mogħtija s-setgħa minn algoritmi u teknoloġiji xprunati mid-data, biex jikkoordinaw u jottimizzaw l-allokazzjoni tal-kompiti għall-ħaddiema[197]. Dawn l-algoritmi jikkunsidraw fatturi bħall-post, id-disponibbiltà, il-ħiliet u d-data storika dwar il-prestazzjoni sabiex il-kompiti jitqabblu mal-aktar ħaddiema adatti f'ħin reali, u b'hekk tittejjeb l-effiċjenza. Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ħaddiema fil-ġestjoni algoritmika permezz ta' klassifikazzjonijiet u metriċi oħrajn jipprovdi feedback f'ħin reali li jista' jintuża biex jiġu infurzati l-istandards tal-pjattaformi. L-ipprezzar u l-inċentivi dinamiċi tal-ġestjoni algoritmika (jiġifieri l-bonusijiet) jistgħu wkoll jippermettu lill-pjattaformi jattiraw il-ħaddiema matul il-perjodi tal-ogħla domanda.

**Fl-istess ħin, il-ġestjoni algoritmika toħloq ukoll xi sfidi għall-ħaddiema, inklużi kunsiderazzjonijiet etiċi u implikazzjonijiet għall-kundizzjonijiet tax-xogħol.** L-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika mill-kumpaniji tista' twassal għal sorveljanza akbar u esponiment għall-valutazzjoni, li jista' jkollhom impatt fuq id-dritt tal-impjegati għall-benesseri. Pereżempju, is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-algoritmu fil-pjattaformi tas-suq tax-xogħol diġitali, inkluża l-kapaċità li jiġu tterminati l-kuntratti, jista' jkollha impatt negattiv fuq il-ħaddiema. L-integrazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fi ħdan il-ġestjoni algoritmika ġġorr ir-riskju li ssaħħaħ il-preġudizzji eżistenti u l-prattiki diskriminatorji. Id-dipendenza tal-ġestjoni algoritmika fuq l-ipproċessar u l-ħżin tad-data tkompli tesponi lill-ħaddiema għal ksur potenzjali tad-data. F'dan il-kuntest, is-salvagwardji u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju huma essenzjali biex jindirizzaw il-konsegwenzi ta' ksur potenzjali u jipproteġu lill-individwi. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' kontroll awtomatizzati tal-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-awtonomija tal-ħaddiema, jillimitaw l-awtorità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom u l-kontroll fuq il-kompiti tax-xogħol tagħhom, u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw l-eżiti psikosoċjali u tas-saħħa tagħhom.

---

[197] It-tielet edizzjoni tal-COLLEEM ġiet estiża u mmarkata mill-ġdid bħala AMPWork: Algorithmic Management and Platform Work Survey. L-istħarriġiet preċedenti tal-COLLEEM (I u II) ipprovdew approssimazzjoni kwantitattiva għall-prevalenza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-pjattaformi fl-Ewropa.

**Il-ġestjoni algoritmika fil-postijiet tax-xogħol hija kunċett relattivament ġdid u l-evidenza ta' politika fl-Istati Membri u l-industriji għadha pjuttost limitata.** Studju reċenti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea jipprovdi għarfien dwar l-adozzjoni u l-prevalenza ta' għodod awtomatizzati ta' monitoraġġ u teħid ta' deċiżjonijiet fil-Ġermanja u fi Spanja[198]. Huwa żvela li madwar 20 % u 35 % tal-ħaddiema Ġermaniżi u Spanjoli, rispettivament, esperjenzaw esponiment għal mill-inqas waħda mis-sistemi awtomatizzati tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn jinvolvu l-użu ta' algoritmi biex tiġi awtomatizzata l-allokazzjoni tal-kompiti, jiġu pprovduti struzzjonijiet jew tiġi vvalutata l-prestazzjoni permezz ta' klassifikazzjonijiet awtomatizzati (ara l-eżempji u l-prevalenza tat-tipi ta' monitoraġġ diġitali fil-graff). Ir-riċerka wriet ukoll li 5 % u 15 % biss tal-ħaddiema Ġermaniżi u Spanjoli, rispettivament, kienu konxji mill-politika tal-organizzazzjoni tagħhom dwar l-informazzjoni diġitali miġbura dwarhom jew l-attivitajiet tax-xogħol tagħhom.

**It-traċċar tal-ħinijiet tax-xogħol huwa rrapportat minn madwar nofs il-ħaddiema kollha mistħarrġa fil-Ġermanja u fi Spanja**

L-użu ta' tipi ta' għodod diġitali għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tax-xogħol, % tar-rispondenti jsemmu kull tip.




*Sors:* Fernández-Macías, E., *et al.*, The platformisation of work. Evidenza mill-JRC.

**Ftit Stati Membri biss adottaw miżuri ta' politika sa issa biex jiżguraw li l-ġestjoni algoritmika ttejjeb l-effiċjenza fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma tikkomprometti l-benesseri tal-impjegati.** Fil-**Portugall**, il-Liġi Nru. 13/2023 tirrikjedi li l-impjegati jirċievu informazzjoni dwar il-parametri tal-algoritmi li jħallu impatt fuq id-deċiżjonijiet ta' min iħaddem. Bl-istess mod, fi **Spanja**, il-Liġi Nru. 12/2021 tagħti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema d-dritt li jiġu infurmati dwar il-parametri, ir-regoli u l-istruzzjonijiet tal-algoritmi li jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Id-Direttiva proposta dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol tal-pjattaformi ser isservi biex ittaffi l-perikli potenzjali assoċjati mal-algoritmi għal individwi involuti fi pjattaformi tax-xogħol diġitali. Hija tistabbilixxi wkoll drittijiet kollettivi ta' informazzjoni għar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Dawn id-drittijiet il-ġodda mhux biss ser itejbu t-trasparenza tas-sistemi awtomatizzati għall-ħaddiema tal-pjattaformi, iżda wkoll ser jirrikjedu li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jivvalutaw b'mod sistematiku l-impatt ta' tali sistemi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Barra minn hekk, dawn id-drittijiet ser jiżguraw li deċiżjonijiet awtomatizzati sinifikanti jkunu soġġetti għal rieżami mill-bniedem fil-kuntest tax-xogħol fuq il-pjattaformi.

198 Fernandez Macias, E., et al., *The platformisation of work*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

**Hemm sinjali ta' tnaqqis fix-xogħol mhux iddikjarat fl-UE, għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi.** L-aktar stimi reċenti[199] jindikaw li 9,7 % tal-input totali tax-xogħol fis-settur privat tal-UE ma kienx iddikjarat fl-2019 (meta mqabbel ma' 10,2 % fl-2013). Ix-xogħol mhux iddikjarat kien jammonta għal 14,6 % tal-valur miżjud gross fis-settur privat fl-UE fl-2019 meta mqabbel ma' 14,9 % fl-2013. Bejn l-2013 u l-2019, jidher li kien hemm tnaqqis fi 19-il Stat Membru (minn 26, minħabba li ma hemmx stimi disponibbli għal Malta fl-2013), bl-eċċezzjonijiet ikunu l-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands u r-Rumanija. Dan jista' jirrifletti l-progress li sar fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat permezz ta', fost l-oħrajn, bidliet fil-liġijiet tax-xogħol, riżorsi akbar għall-ispettorati tax-xogħol, kif ukoll azzjonijiet biex jindirizzaw il-ksur u tiġi żgurata l-konformità (ara t-Taqsima 2.3.2). Skont l-Eurofound,[200] ir-riżorsi allokati lill-istituzzjonijiet tal-infurzar tabilħaqq żdiedu matul l-aħħar deċennju fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE. Madankollu, ħafna Stati Membri kienu għadhom taħt l-għadd rakkomandat ta' spetturi għal kull 10 000 persuna impjegata fl-2021. Il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat tappoġġa l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn il-pajjiżi tal-UE, inklużi t-tfassil u l-monitoraġġ ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-ispettorati tax-xogħol[201].

---

199 L-istimi tad-daqs reali tal-ekonomija mhux iddikjarata jeħtieġ li jiġu ttrattati b'kawtela. Ara Franic, J., *Extent of undeclared work in the European Union*. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol: Pjattaforma Ewropea li Tindirizza x-Xogħol Mhux Iddikjarat, 2023.

Ara: Eurofound, Minimum wages:Non-compliance and enforcement across the EU, 2023 (pubblikazzjoni pendenti).

201 Williams, C., et al., *Key Performance Indicators measuring the effectiveness of labour inspectorates*. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol: Pjattaforma Ewropea li Tindirizza x-Xogħol Mhux Iddikjarat, 2023.

**Il-qgħad fit-tul naqas wara l-irkupru ta' wara l-COVID-19, għalkemm xi Stati Membri għadhom qed jiffaċċaw sfidi konsiderevoli.** Ir-rata tal-qgħad fit-tul kienet ta' 2,4 % fl-2022 fl-UE, li hija 0,4 pps inqas mis-sena ta' qabel, wara li naqset fi kważi l-Istati Membri kollha (ara l-Illustrazzjoni 2.3.7). Id-differenza bejn l-ogħla u l-aktar rati baxxi madwar il-pajjiżi tal-UE naqset minn 8,4 pps fl-2021 għal 7,2 pps fl-2022, f'sinjal ta' konverġenza 'l fuq, bis-saħħa tal-Istati Membri bl-ogħla rati fl-2022 li rreġistraw l-aktar titjib annwali sinifikanti. Dawn huma l-Greċja (-1,5 pps għal 7,7 %), Spanja (-1,2 pps għal 5 %) u l-Italja (-0,8 pps għal 4,6 %). L-Awstrija rat ukoll tnaqqis sostanzjali (-0,8 pps), iżda f'livelli relattivament baxxi (1,2 % fl-2022). Min-naħa l-oħra, ir-rati tal-qgħad fit-tul żdiedu fis-Slovakkja, issa f'"sitwazzjoni kritika", fir-Rumanija li issa "għandha tiġi osservata", u f'Malta li hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Min-naħa l-oħra, id-Danimarka, l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja l-Estonja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands u l-Polonja huma "aħjar mill-medja", b'rati baxxi u li ġeneralment jonqsu fl-2022. Id-differenza bejn il-ġeneri fir-rati tal-qgħad fit-tul kienet baxxa (inqas minn 0,5 pps) fl-2022 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Greċja, Spanja u l-Latvja (5 pps, 2 pps u 1,2 pps, rispettivament). Huma osservati wkoll disparitajiet reġjonali kbar (ara l-Illustrazzjoni 7 fl-Anness 5), bl-ogħla varjazzjonijiet fir-rati tal-qgħad fit-tul fil-livell NUTS-II fl-Awstrija (79,7 %), l-Italja (69,9 %), il-Bulgarija (67,9 %) u l-Belġju (64,1 %)[202]. Il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul għadu essenzjali biex tiġi indirizzata l-isfida[203].

---

202 L-Eurostat [lfst_r_lmdltu].

203 COM(2019) 169 final dwar l-evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.

**Illustrazzjoni 2.3.7: It-tnaqqis fir-rati tal-qgħad fit-tul fi kważi l-Istati Membri kollha u, b'mod partikolari, f'dawk bl-ogħla livelli**

Ir-rata tal-qgħad fit-tul, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mill-2021 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.

*Sors*: l-Eurostat [tesem130], l-LFS tal-UE.

**Ir-rati ta' parteċipazzjoni fil-miżuri ta' attivazzjoni jvarjaw bejn l-Istati Membri, anki meta jitqiesu d-differenzi bejn il-pajjiżi fir-rati tal-qgħad fit-tul.** Fl-2021, is-sehem ta' persuni qiegħda li riedu jaħdmu li pparteċipaw f'miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol varja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Minn naħa, pajjiżi bħall-Greċja, ir-Rumanija, Ċipru, il-Latvja u l-Kroazja kellhom ċifri taħt l-10 %. Min-naħa l-oħra, il-perċentwal kien kważi 90 % fl-Irlanda, u aktar minn 70 % fl-Ungerija, fin-Netherlands u fi Spanja. F'xi pajjiżi (il-Lussemburgu, l-Italja, l-Estonja, il-Belġju, Malta), id-differenzi bejn il-ġeneri fil-parteċipazzjoni huma evidenti (jiġifieri, daqs jew ogħla b'mod sinifikanti minn 15-il pps, ara l-Illustrazzjoni 2.3.8)[204]. Fl-Istati Membri b'rati tal-qgħad fit-tul relattivament għoljin iżda li qed jittejbu, monitoraġġ aktar mill-qrib tal-parteċipazzjoni f'miżuri ta' attivazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità u l-effettività tal-interventi, inklużi r-rabtiet mal-protezzjoni soċjali, jibqgħu essenzjali biex tiġi indirizzata l-isfida.

**Illustrazzjoni 2.3.8: Rati differenti ta' parteċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, b'differenzi kbar bejn il-ġeneri għal xi wħud**

Parteċipanti f'interventi regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) (il-kategoriji 2-7) għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu, klassi totali ta' età, riżultati skont il-ġeneru, 2021




*Nota*: Is-serje kronoloġika ma hijiex disponibbli għal CZ. L-aħħar data disponibbli għan-nisa f'IE, NL, PT, PL (2019). Is-serje kronoloġika hija stmata għal DK, EL, NL u SE. Id-data għandha affidabbiltà baxxa għal LT. L-ebda diżaggregazzjoni skont il-ġeneru ma hija disponibbli fil-livell tal-UE. Ċifri ogħla minn 100 % jindikaw li n-nies jirreġistraw aktar minn darba fis-sett ta' data tal-Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħhom f'kategoriji differenti ta' miżuri jew minħabba parteċipanti li ma humiex irreġistrati bħala persuni li qed ifittxu impjieg.
*Sors*: l-Eurostat [lmp_ind_actsup].

[204] Il-miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) (il-kategoriji 2-7) jinkludu, fost l-oħrajn, l-għoti ta' taħriġ (2), inċentivi għall-impjiegi (4), l-impjiegi appoġġati u r-riabilitazzjoni (5), il-ħolqien dirett tax-xogħol (6) u inċentivi għal negozji ġodda (7). Madankollu, dan l-indikatur għandu jiġi interpretat b'kawtela, minħabba li jkejjel biss il-parteċipazzjoni fil-politiki tas-suq tax-xogħol (u mhux l-effettività tagħhom).

**Wieħed mill-objettivi ewlenin tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol huwa li jitwasslu Ftehimiet ta' Integrazzjoni fl-Impjiegi lil dawk kollha rreġistrati għal mill-inqas 18-il xahar.** Fl-2021, 54,4 % tal-persuni qiegħda fit-tul kollha fl-UE li ġew offruti ftehim ta' integrazzjoni fl-impjiegi (JIA) iddedikat reġgħu daħlu fis-suq tax-xogħol. Din iċ-ċifra tiżdied għal 61,1 % għall-persuni qiegħda fit-tul li jipparteċipaw fi pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati (IAPs) b'valutazzjoni fil-fond. Madankollu, il-proporzjon ta' persuni qiegħda fit-tul f'IAPs regolari li spiċċaw f'impjieg kien aktar baxx, ta' 47,7 %, taħt il-medja tal-2021 ta' 49,9 %. Filwaqt li nofs l-Istati Membri kisbu kopertura ta' mill-inqas 95 % fl-2021, kien għad fadal disa' pajjiżi fejn mill-inqas waħda minn kull tliet persuni qiegħda fit-tul irreġistrata għal 18-il xahar jew aktar ma kellhiex JIA 7 snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Dan jenfasizza l-importanza li jiżdiedu l-isforzi mmirati fl-Istati Membri kkonċernati[205].

**Politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol għandhom rwol ewlieni fiż-żieda tar-rati tal-impjiegi, fl-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u fl-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE, b'varjazzjoni konsiderevoli fin-nefqa fl-Istati Membri.** L-analiżi tal-infiq fuq il-miżuri tas-suq tax-xogħol bħala perċentwal tal-PDG tista' sservi bħala indikatur għall-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi tagħhom għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari meta jitqiesu flimkien mar-rati tal-qgħad fit-tul[206]. Pereżempju, fl-2021, Spanja nefqet relattivament aktar f'interventi attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol (jiġifieri, 0,8 % tal-PDG), meta kellha rata ta' qgħad fit-tul relattivament għolja, ogħla minn 6 % (ara l-Illustrazzjoni 2.3.9). Għall-kuntrarju, fil-Greċja, l-Italja u s-Slovakkja, kollha b'rati ta' qgħad fit-tul ogħla mill-medja tal-UE (ogħla minn 9 %, 5 % u ta' madwar 4 %, rispettivament), l-infiq fuq il-miżuri tas-suq tax-xogħol kien relattivament baxx (jiġifieri ta' jew madwar 0,2 % tal-PDG). Fin-Netherlands, l-Irlanda u d-Danimarka, l-infiq fuq miżuri tas-suq tax-xogħol kien relattivament għoli, ta' 1,2 % jew aktar tal-PDG fl-2021, iżda b'ishma baxxi ta' persuni qiegħda fit-tul (jiġifieri, inqas minn 2 %). Fl-aħħar nett, f'pajjiżi bħall-Portugall, il-Kroazja u l-Belġju, il-livell ta' nfiq kien madwar il-medja tal-UE, kif kienu r-rati tal-qgħad fit-tul rispettivi tagħhom.

---

205 Il-Kummissjoni Ewropea, *Data collection for monitoring of the LTU Recommendation: 2021*, 2022.

206 Fir-rigward tal-effettività tal-ALMPs iffinanzjati mill-FSE, il-meta-analiżi reċenti tal-evalwazzjonijiet tal-impatt kontrofattwali tal-FSE tindika li, bħala medja, dawn għandhom impatt pożittiv fuq il-probabbiltà li l-parteċipanti jidħlu fl-impjieg.

**Illustrazzjoni 2.3.9: Hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri f'termini tan-nefqa fuq l-attivazzjoni**

L-infiq fuq interventi attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol (il-kategoriji 2-7, f'perċentwal tal-PDG, 2021) u l-qgħad fit-tul bħala perċentwal tal-popolazzjoni (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) fil-forza tax-xogħol (%, 2021)




*Nota:* Id-data dwar in-nefqa tal-LMP hija stmata għal DK, DE, EL, HR, NL, PL u SE. Id-definizzjoni ta' qgħad fit-tul tvarja għal ES u FR.

*Sors*: l-Eurostat [lmp_expsumm], il-bażi tad-data tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) u [tesem130], l-LFS tal-UE.

**Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) komplew jiddiġitalizzaw is-servizzi tagħhom u saħħew il-kooperazzjoni mal-impjegaturi.** Wara l-pandemija tal-COVID-19, il-PES żviluppaw b'mod progressiv is-servizzi tagħhom (jiġifieri, ir-reġistrazzjoni, it-tfassil tal-profil, it-tqabbil tal-impjiegi u t-twassil ta' konsulenza u taħriġ) permezz ta' pjattaformi diġitali. Huma komplew jintegraw ukoll l-użu ta' għodod ta' intelliġenza tal-ħiliet fil-ħidma tagħhom[207]. Il-PES żiedu l-kooperazzjoni tagħhom mal-impjegaturi, inkluż f'xi każijiet billi żviluppaw servizzi ġodda tal-impjegaturi madwar il-markar, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-ġestjoni tar-Riżorsi Umani. Il-kooperazzjoni ġeneralment issaħħet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, pereżempju, meta jiġu ttrattati gruppi vulnerabbli. Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-PES kellhom rwol strumentali fl-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati mill-Ukrajna. F'April 2023, l-għadd totali tagħhom irreġistrat fil-PES kien jammonta għal 344 000. Iċ-ċifri rrapportati minn 19-il PES jindikaw li madwar 1,5 miljun persuna spostata huma f'impjieg fil-pajjiżi rispettivi[208].

---

207 Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Rapport Annwali:In-Network Ewropew ta' Servizzi Pubbliċi għall-Impjieg (PES)*, 2022; Il-Kummissjoni Ewropea, *Main outcomes of the third cycle of PES Benchlearning*, in-Network Ewropew ta' Servizzi Pubbliċi għall-Impjieg, 2022; u European Commission, Peters, M., *Assessment report on PES capacity:*2022, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

208 L-użu ta' sorsi differenti madwar il-pajjiżi jista' jaffettwa l-komparabbiltà tad-data dwar l-impjiegi. Għalhekk, l-istatistika għandha tiġi interpretata b'kawtela. Ara l-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ EMPL, PES Network questionnaire to PES (aħbarijiet) u European Labour Authority, Overview of

**L-għadd ta' persuni qiegħda għal żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad naqas bi ftit fl-UE u kważi fl-Istati Membri kollha fl-2022.** Is-sehem tagħhom naqas minn 42,2 % fl-2021 għal 40 % fl-2022 (ara l-Illustrazzjoni 2.3.10)[209]. Dan jaħbi differenzi sinifikanti fl-Istati Membri. Filwaqt li l-Litwanja (-9,9 pps), in-Netherlands (-9,1 pps) u l-Portugall (-9,1 pps) raw l-akbar tnaqqis, il-kopertura żdiedet fl-Italja (3,9 pps) u fil-Kroazja (2,8 pps). Fl-2022, l-ogħla rati ta' kopertura ġew osservati fil-Ġermanja (90 %) u fil-Finlandja (aktar minn 50 %), segwiti minn Franza, il-Belġju, il-Litwanja u l-Estonja b'ċifri aktar baxxi iżda xorta ta' 40 % jew aktar. Min-naħa l-oħra, l-aktar kopertura baxxa ġiet irreġistrata fir-Rumanija, fil-Polonja u f'Ċipru (inqas minn 15 %). Fl-2022, 35 % tal-persuni qiegħda rreġistrati għal inqas minn sena rċevew benefiċċji jew assistenza fl-UE meta mqabbla ma' 37,8 % fl-2021.

**Illustrazzjoni 2.3.10: Tnaqqis żgħir fir-rati ta' kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad fi kważi l-Istati Membri kollha, b'differenzi li għadhom qed jippersistu**

Il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal żmien qasir (inqas minn 12-il xahar, persuni ta' bejn 15 u 64 sena, %)




*Nota*: Ma hemmx data disponibbli għall-2021 għal IE u MT. Ma hemmx data disponibbli għall-2022 għal AT u MT.
*Sors*: l-Eurostat, [lfsa_ugadra], l-LFS tal-UE.

the measures taken by EU and EFTA countries regarding employment and social security of displaced persons from Ukraine, Frar 2023.

209 Persuni qiegħda għal żmien qasir huma dawk il-persuni qiegħda għal inqas minn 12-il xahar.

**Il-perjodu ta' kwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad baqa' ġeneralment stabbli fl-2023, l-istess bħall-perjodu massimu tat-talba**[210]**.** Il-perjodu ta' kwalifika baqa' stabbli kważi fl-Istati Membri kollha, fejn ivarja minn 13-il ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-Italja għal 104 ġimgħat fis-Slovakkja (ara l-Illustrazzjoni 2.3.11). Fi Franza, id-durata massima tal-benefiċċji tnaqqset fl-2023 minn 104 għal 78 ġimgħa bil-possibbiltà ta' 26 ġimgħa addizzjonali f'ċirkostanzi ekonomiċi li jkunu sejrin għall-agħar, u fil-Latvja tnaqqset minn 39 għal 35 ġimgħa fl-2020. Għall-Istati Membri l-oħrajn kollha, id-durata baqgħet l-istess matul l-aħħar 5 snin, b'differenzi konsiderevoli jippersistu fl-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 2.3.12). B'mod ġenerali, f'16-il pajjiż tal-UE, il-benefiċċji għall-persuni qiegħda bi storja tal-impjiegi ta' sena jistgħu jintalbu għal mhux aktar minn 6 xhur (24 ġimgħa). Is-sostituzzjoni tal-introjtu tibqa' marbuta mill-qrib mat-tul tal-perjodu tal-qgħad. L-Illustrazzjoni 2.3.13 tqabbel ir-rati netti ta' sostituzzjoni għall-ħaddiema b'paga baxxa (67 % tal-introjtu medju nazzjonali) bi storja tal-impjiegi qasira (12-il xahar ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) madwar l-UE, fit-tieni u t-12-il xahar tal-perjodu tal-qgħad. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni fit-tieni xahar ivarjaw minn 7,9 % tal-qligħ (nett) preċedenti fl-Ungerija għal 90 % fil-Belġju. Fil-Lussemburgu, id-Danimarka, Franza u l-Finlandja, ir-rata ta' sostituzzjoni (għal kollha ogħla minn 60 %, u f'xi każijiet ogħla b'mod sinifikanti) tibqa' l-istess fit-12-il xahar tal-perjodu tal-qgħad.

**Illustrazzjoni 2.3.11: Bi ftit eċċezzjonijiet, il-perjodu ta' kontribuzzjoni biex persuna tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad baqa' stabbli f'dawn l-aħħar 5 snin**

It-tul tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ (ġimgħat, 2023 u 2018)




*Nota:* F'Malta (2018 u 2023), mill-inqas 50 kontribuzzjoni fil-ġimgħa, li minnhom mill-inqas 20 tħallsu jew ġew akkreditati fis-sentejn kalendarji preċedenti, iridu jkunu tħallsu minn meta l-persuna bdiet taħdem għall-ewwel darba; fl-Irlanda (2018 u 2023), iridu jkunu tħallsu mill-inqas 104 kontribuzzjonijiet fil-ġimgħa minn meta l-persuna tkun bdiet

210 L-analiżi tirreferi għall-benefiċċji tal-qgħad li ġeneralment jingħataw lil dawk l-individwi li jirreġistraw bħala li qegħdin jisfaw qiegħda mingħajr l-ebda ħtija tagħhom, mingħajr ma jiġu inklużi skemi ta' natura temporanja li setgħu ġew adottati b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19.

taħdem għall-ewwel darba; fl-Awstrija (2023), iridu jkunu tħallsu mill-inqas 52 kontribuzzjoni fil-ġimgħa għall-applikazzjonijiet għall-ewwel darba, u jridu jkunu tħallsu mill-inqas 28 kontribuzzjoni fil-ġimgħa għall-applikazzjonijiet sussegwenti.
*Sors:* bażi tad-data tal-MISSOC (Jannar 2018 u Jannar 2023).

**Illustrazzjoni 2.3.12: Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, storja tal-impjiegi ta' sena tagħti aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad għal massimu ta' 6 xhur**

Id-durata massima tal-benefiċċji f'għadd ta' ġimgħat bi storja tal-impjiegi ta' sena (ġimgħat, 2023 u 2018)




*Nota:* Fil-Belġju, ma hemm ebda limitu fuq id-durata tal-benefiċċji. F'Ċipru, il-ġimgħat jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' 6 ijiem ta' xogħol fil-ġimgħa. Fl-Irlanda, il-benefiċċju jitħallas għal 39 ġimgħa (234 jum) biss għal persuni b'260 kontribuzzjoni tal-PRSI jew aktar ta' kull ġimgħa mħallsin. Fis-Slovakkja, persuna b'rekord ta' sena ma tistax tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad (huma meħtieġa tal-anqas sentejn kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-qgħad matul l-aħħar 4 snin). Fil-Polonja, id-durata tiddependi fuq il-livell tar-rata tal-qgħad tar-reġjun meta mqabbla mal-medja nazzjonali.

*Sors:* bażi tad-data tal-MISSOC (Jannar 2018 u Jannar 2023) u leġiżlazzjoni nazzjonali.

**Illustrazzjoni 2.3.13: Ir-rati ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad fit-tieni xahar tal-qgħad huma ogħla minn 60 % fil-maġġoranza tal-Istati Membri**

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad ta' 67% tal-paga medja, fit-tieni u t-12-il xahar tal-qgħad (2022)




*Nota*: L-indikatur jiġi kkalkolat għall-każ ta' persuna mhux miżżewġa mingħajr tfal bi storja tal-impjiegi qasira (sena) u li jkollha 20 sena. Komponenti ta' introjtu differenti, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħrajn (bħall-assistenza soċjali u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni) huma inklużi.
*Sors*: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-Mudell tat-Taxxi u tal-Benefiċċji tal-OECD.

**Iċ-ċifri ġenerali tal-mobilità intra-UE baqgħu stabbli bejn l-2016 u l-2022, l-istess bħall-kompożizzjoni tal-flussi skont iċ-ċittadinanza.** Fl-2021, l-akbar ħruġ nett ta' nazzjonali tal-UE fis-sena ġie rreġistrat mill-Polonja, segwita mill-Ġermanja u l-Italja. Għall-Istati Membri l-oħrajn kollha, il-flussi tan-nazzjonali tal-UE fil-pajjiżi tagħhom u barra minnhom kienu pjuttost bilanċjati. Minkejja ż-żieda ta' 8 % fil-mobilità transfruntiera tal-ħaddiema fl-UE bejn l-2021 u l-2022, id-direzzjoni tal-flussi tal-mobilità transfruntiera baqgħet ġeneralment l-istess. B'mod ġenerali, dan iseħħ l-aktar bejn ir-reġjuni tal-UE li huma ġeografikament maġenb xulxin u fejn id-differenzi fil-livelli tal-pagi medji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma aktar viżibbli[211].

**Is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi u politiki fil-livell nazzjonali li jappoġġaw l-impjiegi, il-kwalità tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-protezzjoni soċjali.** L-Illustrazzjoni 2.3.14 turi l-involviment tas-sħab soċjali f'440 każ ta' gvernijiet li jgħaddu leġiżlazzjoni jew jimplimentaw testi (mhux vinkolanti) oħrajn, kif ukoll ftehimiet tripartitiċi bejn Jannar 2022 u Lulju 2023[212]. Il-grad ta' involviment irrapportat ivarja skont il-qasam tematiku, anki fl-istess pajjiż. L-ogħla grad ta' involviment tas-sħab soċjali nstab fil-qasam tal-protezzjoni u ż-żamma tal-impjiegi, segwit mill-protezzjoni tal-introjtu u l-appoġġ għan-negozju biex jibqa' għaddej. B'mod ġenerali, fl-Istati Membri bi tradizzjonijiet ta' djalogu soċjali stabbiliti sewwa, il-kwalità u l-intensità tal-involviment ikklassifikaw aħjar, kif wieħed jista' jistenna, inkluż b'rabta mal-konsultazzjonijiet fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-konklużjonijiet mir-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali annwali tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) sadanittant enfasizzaw li, filwaqt li fl-Istati Membri kollha minbarra ftit il-qafas istituzzjonali għad-djalogu soċjali huwa adegwat, jibqa' tal-akbar importanza li jiġi evitat involviment sempliċiment formalistiku u li tiġi żgurata konsultazzjoni f'waqtha u sinifikanti matul il-proċess kollu tat-tfassil tal-politika.

---

211 Ara l-Kummissjoni Ewropea (2023), Annual report on intra-EU labour mobility (pubblikazzjoni pendenti).

212 Ara l-Eurofound, *L-involviment tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza*. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023. Il-miżuri ewlenin jistgħu jinstabu fil-Bażi tad-data tal-Eurofound dwar l-EU PolicyWatch.

Ir-rieżamijiet issottolinjaw ukoll kif il-kwalità tal-konsultazzjonijiet tista' titjieb meta tkun sostnuta minn sejbiet ibbażati fuq l-evidenza u valutazzjonijiet tal-impatt ex ante tal-leġiżlazzjoni proposta[213]. Aktar minn sentejn wara l-adozzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-proċessi tad-djalogu soċjali madwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) qed jagħmlu progress fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[214]. Filwaqt li jitqiesu l-veloċitajiet differenti tal-implimentazzjoni tal-RRPs, diversi sħab soċjali jemmnu li għad hemm lok għal titjib f'xi Stati Membri, skont stħarriġ imwettaq mill-Eurofound f'Ġunju 2023[215].

**Illustrazzjoni 2.3.14: Il-grad ta' involviment tas-sħab soċjali jvarja skont il-qasam tematiku**

Forma ta' involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-miżuri ta' politika fl-irkupru




*Nota:* Miżuri ta' politika, ftehimiet kollettivi u prattiki tal-kumpaniji mill-gvernijiet, mis-sħab soċjali u minn atturi oħrajn miġbura bejn Jannar 2022 u Lulju 2023. L-illustrazzjoni turi 440 każ ta' leġiżlazzjoni jew testi mhux vinkolanti li tqiesu li huma fil-qasam tas-sħab soċjali.

*Sors:* Il-bażi tad-data EU PolicyWatch tal-Eurofound.

213 L-Opinjoni 9955/23 tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

214 Il-Kummissjoni Ewropea, *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*, COM(2022) 383 final, 2022.

215 Ir-riżultati mill-istudju tal-Eurofound li għaddej dwar l-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-RRPs. Ir-riżultati fil-qosor tal-fehmiet espressi minn 174 sieħeb soċjali u rappreżentanti tal-gvern lin-network ta' korrispondenti nazzjonali tal-Eurofound. Ara l-Eurofound, *L-involviment tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023.

**Wara l-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea f'Ġunju 2023.** Huwa jirrakkomanda lill-Istati Membri jiżguraw *ambjent abilitanti* għad-djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku, inkluż in-negozjar kollettiv, fis-setturi pubbliċi u privati, fil-livelli kollha, li (i) jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negozjar kollettiv; (ii) jippromwovi trade unions b'saħħithom u indipendenti u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi bil-għan li jitrawwem djalogu soċjali sinifikanti; (iii) jinkludi miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi; (iv) jiżgura l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti li hija meħtieġa għall-parteċipazzjoni fid-djalogu soċjali; (v) jippromwovi l-involviment fid-djalogu soċjali mill-partijiet kollha; (vi) jadatta għall-era diġitali u jippromwovi n-negozjar kollettiv fid-dinja l-ġdida tax-xogħol u tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika; u (vii) jipprovdi appoġġ istituzzjonali xieraq għall-fini tat-trawwim ta' djalogu soċjali sinifikanti[216]. F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2023, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tistieden lill-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali b'mod *sinifikanti u f'waqtu*. Ir-Rakkomandazzjoni titlob ukoll għal involviment *sistematiku* tas-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki soċjali u tal-impjiegi u, fejn rilevanti, tal-politiki ekonomiċi u politiki pubbliċi oħrajn.

**Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jirrikjedi li l-Istati Membri li lilhom ġiet indirizzata rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar id-djalogu soċjali jonfqu mill-inqas 0,25 % tal-finanzjament fuq l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità** tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-Istati Membri l-oħrajn kollha huma mitluba jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi tal-FSE+. Id-data proviżorja tindika li 17-il Stat Membru pprogrammaw allokazzjoni ta' aktar minn 0,5 % tal-finanzjament tagħhom tal-FSE+ biex jappoġġaw il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili. L-allokazzjoni totali hija stmata li hija ta' EUR 1,07 biljun, jew madwar 0,75 % tal-finanzjament totali tal-FSE+ (bil-prezzijiet kurrenti)[217].

---

216 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar *it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea*.

217 L-allokazzjoni għal kull Stat Membru għall-bini tal-kapaċità bħala perċentwal tal-finanzjament totali tal-FSE+ fil-pajjiż għall-perjodu 2021-2027. Ċifri miġbura mid-DĠ EMPL f'Lulju 2023 għal finijiet ta' informazzjoni biss. Id-data attwali hija soġġetta għall-programmazzjoni u tista' tvarja.

**Il-konsultazzjoni u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma essenzjali biex jixprunaw bidla sostenibbli u inklużiva.** Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jidentifikaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala interlokuturi ewlenin għal-leġiżlazzjoni rilevanti u għall-azzjoni tal-gvern dwar l-impjiegi u kwistjonijiet soċjali. Filwaqt li jibnu fuq il-prattiki u t-tradizzjonijiet nazzjonali eżistenti, l-isforzi biex jissaħħaħ l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika rilevanti huma essenzjali biex jipprovdu għarfien siewi dwar l-isfidi eżistenti u emerġenti, kif ukoll dwar l-effettività tal-interventi ta' politika fil-prattika. Bħal fil-każ tas-sħab soċjali, jeħtieġ li l-konsultazzjonijiet xierqa jkunu sinifikanti, trasparenti u f'waqthom. Fil-livell tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu kkonsultati dwar il-prijoritajiet u l-proposti ta' politika, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma involuti fl-implimentazzjoni tal-politika u appoġġati permezz tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, inkluża l-linja ta' finanzjament EaSI tal-FSE+ u l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV).

### 2.3.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**Xi Stati Membri rrevedew il-leġiżlazzjoni u ħadu miżuri bil-għan li jindirizzaw il-kawżi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol**. F**il-Belġju**, miżura ġdida (jiġifieri, il-Patt Federali tas-Suq tax-Xogħol) adottata f'Jannar 2023 tipprovdi, taħt ċerti kundizzjonijiet, skema ġdida għall-ħaddiema biex jibdew jaħdmu f'impjieg ġdid matul il-perjodu ta' avviż jew biex jipparteċipaw f'miżuri ta' attivazzjoni bikrija matul terz tal-perjodu ta' avviż, filwaqt li jżommu l-paga tagħhom u benefiċċji oħrajn. F'Mejju 2023, **l-Italja** aġġornat il-leġiżlazzjoni biex testendi d-durata tal-kuntratti b'terminu fiss, li issa jistgħu jaqbżu t-12-il xahar u jestendu sa 24 xahar taħt ċerti kundizzjonijiet. **L-Italja** adottat ukoll miżura mmirata biex matul l-2023 tingħata eżenzjoni fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (fil-limitu ta' EUR 8 000) għal kumpaniji li jimpjegaw b'kuntratti permanenti, jew jittrasformaw kuntratti temporanji f'kuntratti permanenti, għall-benefiċjarji tal-iskema ta' introjtu minimu. F'Lulju 2022, **Spanja** introduċiet emendi fir-regoli applikabbli għall-persunal statutorju tas-servizz tas-saħħa biex tnaqqas l-impjieg b'terminu fiss fis-settur tas-saħħa pubblika. Bħala parti minn riforma usa' fi ħdan l-RRP tiegħu, **il-Portugall** introduċa emendi għall-kuntratti b'terminu fiss. Bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda f'Mejju 2023, il-kuntratti temporanji b'terminu fiss jistgħu jiġġeddu erba' darbiet (tnaqqis minn sitt darbiet ta' qabel). Id-durata massima tal-kuntratti ta' impjieg temporanju suċċessivi mal-istess impjegatur għandha tkun iqsar minn 4 snin, u dawn għandhom jiġu kkonvertiti f'kuntratt indefinit jekk din id-durata tinqabeż. Barra minn hekk, **il-Portugall** adotta miżuri oħrajn li jikkonċernaw it-terminazzjoni ta' kuntratt b'terminu fiss li jistabbilixxi l-kumpens għal 24 jum ta' salarju bażiku fis-sena (vs 18-il jum qabel). Ġew introdotti wkoll dispożizzjonijiet ġodda biex jinbidel il-perjodu ta' prova għal kuntratti b'terminu fiss, skont id-durata tar-relazzjoni tax-xogħol preċedenti. F'April 2023, **iċ-Ċekja** adottat emendi ġodda għal-liġi tax-xogħol biex ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għal livell simili għal dak tal-impjegati regolari, pereżempju, fil-każ ta' insolvenza tal-impjegaturi. Fl-2023, **il-Greċja** nediet programm biex tissussidja l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-kumpaniji tas-settur privat abbażi ta' ċerti dispożizzjonijiet, li kkonvertew il-kuntratti ta' impjieg ta' impjegati part-time f'full-time.

**Diversi Stati Membri kienu qed jaġġustaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-protezzjoni tal-impjiegi**. Bħala parti minn riforma usa', **Spanja** adottat dispożizzjonijiet f'Ġunju 2023 biex iżżid każijiet ġodda ta' nullità oġġettiva ta' sensji għall-impjegati fil-liv tal-ġenituri l-ġdid jew li jibbenefikaw minn adattament tal-ħin tax-xogħol tagħhom. Hija estendiet ukoll sal-31 ta' Diċembru 2023 il-projbizzjoni fuq is-sensji għal raġunijiet oġġettivi relatati maż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija għall-kumpaniji li jibbenefikaw minn għajnuna pubblika. Fi Frar 2023, **Spanja** adottat regoli ġodda dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni sabiex il-ħaddiema ma jitħallewx ibatu konsegwenzi mhux favorevoli jew detrimentali fir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom. Fl-aħħar nett, f'Settembru 2022, ġew adottati emendi għal-liġi tax-xjenza nazzjonali bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jinħolqu prospetti aħjar fil-karriera għall-persunal tar-riċerka (jiġifieri, simili għas-sistema ta' "tenure track"). Fi Frar 2023, **Franza** adottat dispożizzjonijiet għall-prattika l-ġdida ta' professjonijiet liberali regolati fi ħdan kumpanija. Huma jissimplifikaw u jiċċaraw il-qafas legali applikabbli għall-prattika, li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024. F'Ottubru 2022, bħala parti mill-RRP tagħha, **l-Iżvezja** aġġornat il-kodiċi tax-xogħol tagħha bil-għan li żżid il-prevedibbiltà għall-impjegaturi u għall-impjegati kif ukoll għamlet l-impjieg full-time bħala standard. Il-perjodu ta' żmien li jirregola meta impjieg b'terminu fiss jiġi kkonvertit f'wieħed permanenti tqassar minn 24 għal 12-il xahar, u pprovda aċċess aktar rapidu għal impjieg permanenti. F'Settembru 2023, **il-Greċja** introduċiet sensiela ta' dispożizzjonijiet dwar il-perjodi ta' prova, l-impjieg parallel u l-impjieg taħt xejriet tax-xogħol imprevedibbli sabiex jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

**L-introduzzjoni ta' miżuri ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti li jippromwovu ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati għamlu progress f'diversi Stati Membri.** Bħala parti minn riforma wiesgħa, f'Marzu 2023, **id-Danimarka** adottat emendi għall-Att dwar it-Trattament Ugwali. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jinkludu kjarifika tar-responsabbiltà tal-impjegatur għal ċerti reati, inkluż il-fastidju. F'Ġunju 2022, **il-Ġermanja** adottat miżura mmirata biex tippromwovi suq tax-xogħol aktar inklużiv, inklużi azzjonijiet biex jiżdiedu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fit-triq lejn il-post tax-xogħol, mill-post tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol innifsu. F'Awwissu 2022, **il-Greċja** adottat l-Istrateġija tagħha għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2022-2027, kif ukoll Pjan ta' Azzjoni ta' akkumpanjament 2022-2023. Billi tistrieħ fuq id-djalogu soċjali, l-istrateġija l-ġdida tikseb parteċipazzjoni bilanċjata tal-impjegati u tal-impjegaturi dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. F'Marzu 2023, **Spanja** adottat l-Istrateġija tagħha dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2023-2027 biex tkompli ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, tnaqqas l-aċċidenti fuq ix-xogħol, u tantiċipa t-theddid u r-riskji possibbli għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba t-tranżizzjonijiet diġitali, demografiċi u ekoloġiċi. Għall-ewwel darba, is-saħħa mentali ġiet inkluża bħala prijorità u l-prevenzjoni tal-kanċer okkupazzjonali ħadet rilevanza speċjali fl-istrateġija. F'Settembru 2022, il-liġi dwar il-prevenzjoni ġiet modifikata biex tinkludi ħaddiema domestiċi. F'Ottubru 2022, **Spanja** kienet diġà stabbiliet fond ta' kumpens ġdid (ġestit mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali) għall-vittmi tal-esponiment għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol, fid-dar jew fl-ambjent. Aktar tard f'Mejju 2023, ġiet adottata miżura mmirata biex jitnaqqsu l-perikli okkupazzjonali li jirriżultaw minn xogħol fuq barra f'kundizzjonijiet estremi tat-temp. F'dan il-kuntest, il-kumpaniji jridu jimplimentaw serje ta' miżuri skont is-severità tal-kundizzjonijiet (eż. temperaturi għoljin). Fl-aħħar nett, **il-Polonja** ppubblikat regolament biex taġġorna r-rekwiżiti minimi eżistenti tas-saħħa u s-sikurezza għall-istazzjonijiet tax-xogħol bi skrins biex tkompli ttejjeb is-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex jipprovdu lill-impjegati b'arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli**. F'Jannar 2023, **il-Belġju** adotta riforma biex jintroduċi aktar flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol u appoġġ aħjar għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Il-miżura tinkludi d-dritt għal ġimgħa tax-xogħol ta' 4 ijiem (billi taħdem aktar sigħat kuljum), li jkun hemm reġim tax-xogħol li jinbidel (jiġifieri, taħdem aktar sigħat ġimgħa u inqas il-ġimgħa l-oħra) u informazzjoni bikrija ta' skedi part-time flessibbli. F'Mejju 2023, **il-Portugall** adotta dispożizzjonijiet biex jirregola l-ħlas tax-xogħol tas-sahra għal dawk li jaqbżu l-100 siegħa fis-sena. Lil hinn minn dak il-limitu, il-miżura tistabbilixxi l-ammonti li għandhom jitħallsu fis-siegħa jew frazzjoni tas-siegħa abbażi ta' kriterji differenti. Fi ħdan l-RRP tiegħu, f'Ġunju 2023, il-Portugall adotta wkoll programm pilota biex jimplimenta ġimgħa tax-xogħol ta' 4 ijiem fis-settur privat. Dan jikkonsisti f'perjodu ta' prova għal 6 xhur, fejn is-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa jitnaqqsu għal 36, 34, jew 32 siegħa mingħajr ebda tnaqqis fil-pagi. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' prova, il-kumpanija ser ikollha xahar biex tiddeċiedi jekk tkomplix (jew tabbandunax) l-iskema l-ġdida.

**Barra minn hekk, xi Stati Membri adottaw dispożizzjonijiet ġodda jew emendaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ħin u l-organizzazzjoni tax-xogħol biex jitqiesu x-xejriet b'rabta mat-telexogħol, ix-xogħol mill-bogħod u d-dritt għall-iskonnessjoni**. F**il-Kroazja**, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet aġġornata fil-qafas tal-RRP permezz ta' emendi għall-Att dwar ix-Xogħol tal-pajjiż li daħal fis-seħħ f'Jannar 2023. Minbarra t-telexogħol tradizzjonali, il-leġiżlazzjoni l-ġdida introduċiet il-possibbiltà ta' xogħol mill-bogħod, fejn l-impjegati jistgħu jiddeterminaw liberament il-post tax-xogħol tagħhom. F**ir-Rumanija**, il-Liġi dwar it-Telexogħol Nru. 81/2018 ġiet emendata permezz ta' Ordinanzi ta' Emerġenza tal-Gvern wara ż-żieda rapida fl-arranġamenti tat-telexogħol osservata matul il-pandemija tal-COVID-19. F'Settembru 2022, **il-Belġju** stipula l-ħtieġa li l-kumpaniji b'20 impjegat jew aktar, il-ftehimiet kollettivi fil-livell tal-kumpaniji jew ir-regoli ġenerali tal-impjegatur ikunu jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-dritt tal-ħaddiema li jiskonnettjaw. Ġew approvati dispożizzjonijiet simili għax-xogħol ta' filgħaxija u ta' billejl f'kundizzjonijiet speċifiċi. F'April 2023, **il-Polonja**, f'konformità mal-RRP tagħha, introduċiet regolamenti dwar ix-xogħol mill-bogħod. L-emendi għall-Kodiċi tax-Xogħol u atti oħrajn jinkludu definizzjoni ġdida ta' xogħol mill-bogħod, u żewġ forom speċifiċi ta' telexogħol: xogħol mill-bogħod (jiġifieri, għal ħaddiema fi professjonijiet li jitqiesu eliġibbli minħabba n-natura tagħhom) u telexogħol okkażjonali (jiġifieri, sa 24 jum fis-sena għal kull ħaddiem). F'Lulju 2023, f**il-Lussemburgu**, liġi ġdida introduċiet id-dritt ta' skonnessjoni, filwaqt li f**ir-Rumanija**, liġi ġdida tagħmel ix-xogħol mill-bogħod disponibbli għall-impjegati bit-tfal. F**l-Italja**, id-"Digriet dwar ix-Xogħol" ġie traspost f'liġi bl-introduzzjoni ta' regoli ġodda dwar ħidma intelliġenti għal persuni vulnerabbli. B'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP, **Spanja** qed tippjana li tadotta dispożizzjonijiet ta' żvilupp regolatorju dwar id-drittijiet u l-kundizzjonijiet tat-telexogħol fis-settur pubbliku. **Ċipru**, għal darba oħra fi ħdan l-RRP tiegħu, adotta abbozz ta' liġi ġdid f'Diċembru 2023 biex jirregola d-drittijiet u l-obbligi tal-impjegaturi u tal-impjegati li jagħmlu użu mit-telexogħol.

**Diversi Stati Membri ħadu miżuri biex isaħħu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, filwaqt li jiffokaw prinċipalment fuq is-setturi tat-trasport u tal-kunsinna, wara tkabbir sinifikanti fl-ekonomija tal-pjattaformi**. F'Ottubru 2022, **Malta** għaddiet liġi ġdida, li tintroduċi preżunzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg għall-ħaddiema ta' pjattaformi diġitali. Il-leġiżlazzjoni tiżgura wkoll li l-ħaddiema tal-pjattaformi jaqilgħu salarju daqs jew ogħla mill-paga minima. Fi **Franza**, l-introduzzjoni ta' qafas kollettiv fl-2021 u l-ħolqien ta' awtorità għar-relazzjonijiet tax-xogħol għall-pjattaformi diġitali ppermettew li jsiru elezzjonijiet nazzjonali għar-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-2022. F'April 2023, intlaħaq ftehim bejn il-pjattaformi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, li stabbilixxa introjtu minimu. Fi **Spanja**, il-"liġi dwar is-Sewwieqa", ippromulgata fl-2021 fil-qafas tal-RRP, tistabbilixxi l-preżunzjoni legali tar-relazzjoni ta' impjieg fis-settur tal-kunsinna. Il-liġi tagħti wkoll lir-rappreżentanti tal-ħaddiema d-dritt li jiġu infurmati dwar il-parametri tal-algoritmi li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol. F**il-Belġju**, il-"Patt tax-Xogħol" implimentat f'Jannar 2023 jintroduċi preżunzjoni legali ta' impjieg għall-ħaddiema tal-pjattaformi. Din il-liġi l-ġdida tiddeskrivi tmien kriterji użati mill-qrati tax-xogħol biex jiġi ddeterminat jekk ħaddiem għandux jiġi kklassifikat bħala ħaddiem li jaħdem għal rasu jew bħala impjegat. F**il-Kroazja**, abbozz ta' liġi ppreżentat fi Frar 2023 fil-qafas tal-RRP jintroduċi responsabbiltà konġunta għal pjattaformi tax-xogħol diġitali u aggregaturi li jaġixxu bħala intermedjarji mal-ħaddiema tal-pjattaformi. L-għan ewlieni huwa li tiġi indirizzata l-klassifikazzjoni ħażina tal-impjegati. L-abbozz ta' liġi jiddeskrivi fatturi li jindikaw relazzjoni ta' impjieg ma' pjattaformi jew aggregaturi, irrispettivament mit-tip ta' kuntratt. F'April 2023, **il-Portugall** immodifika l-kodiċi tax-xogħol tiegħu, filwaqt li stabbilixxa preżunzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg għall-ħaddiema tal-pjattaformi abbażi ta' sett ta' sitt kriterji. Barra minn hekk, il-liġi tirrikjedi li l-impjegaturi jipprovdu informazzjoni u trasparenza dwar l-użu ta' algoritmi jew intelliġenza artifiċjali fil-proċessi tal-għażla u t-tkeċċija tal-ħaddiema.

**Xi Stati Membri qed jieħdu passi biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat bil-għan li jipproteġu aħjar id-drittijiet tal-ħaddiema u jiżguraw kompetizzjoni ġusta.** F'Diċembru 2022, **l-Italja**, fl-RRP tagħha, adottat pjan nazzjonali għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat bi pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, bħala parti minn riforma usa' fil-qafas tal-RRP tagħha, **il-Kroazja** għaddiet liġi tax-xogħol ġdida dwar it-traċċar tax-xogħol mhux iddikjarat. Il-liġi l-ġdida, li ġiet adottata f'Diċembru 2022, tiddefinixxi x-xogħol mhux iddikjarat u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, tipprevedi mezzi addizzjonali biex tappoġġa aħjar l-ispezzjonijiet tax-xogħol, tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar id-delitti u tirregola l-proċess tat-trasferiment tal-ħaddiema minn xogħol mhux iddikjarat għal xogħol iddikjarat. F'April 2023, **iċ-Ċekja** introduċiet emendi legali biex tiżgura li l-impjegaturi jirrapportaw u jirreġistraw impjegati barranin intitolati għal protezzjoni temporanja. L-għan huwa li l-persuni bi ftehim biex iwettqu xogħol jiġu protetti minn prattiki illegali mill-impjegaturi u li tiżdied l-effiċjenza tal-infiq fuq is-sigurtà soċjali għal persuni intitolati għal protezzjoni temporanja. Barra minn hekk, f'April 2023, **il-Portugall** emenda l-Liġi tiegħu dwar il-Ksur tat-Tassazzjoni Ġenerali sabiex in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-ammissjoni tal-ħaddiema għas-Sigurtà Soċjali fi żmien sitt xhur, wara t-tmiem tal-perjodu stipulat legalment, issa jiġi kklassifikat bħala reat kontra s-Sigurtà Soċjali, u qed jiġi kkastigat b'sentenza ta' ħabs sa 3 snin jew multa sa 360 jum. Bħala parti mill-RRP tagħha, **ir-Rumanija** qed tippjana li tistabbilixxi pjattaforma diġitali funzjonali għall-ġestjoni tal-użu ta' vawċers għall-ħaddiema domestiċi u tippermetti l-interoperabbiltà ta' operazzjonijiet relatati mal-vawċers fil-bażijiet tad-data pubbliċi kollha.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri mmirati biex jindirizzaw il-qgħad fit-tul u jiżguraw suq tax-xogħol aktar reżiljenti**. Bl-appoġġ mill-fondi tal-UE, f'April 2023, **il-Belġju** nieda l-proġett "Territoires zéro chômeurs de longue durée", bil-għan li jnaqqas l-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul u jipprovdi opportunitajiet ta' impjieg addizzjonali f'żoni speċifiċi fir-Reġjun ta' Wallonia. F'Ottubru 2022, **Ċipru** nieda mill-ġdid fi ħdan il-PES tiegħu t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ individwalizzati ta' 4 xhur għal kull konsulent ta' impjieg, b'mill-inqas 40 persuna qiegħda vulnerabbli f'kull programm. Dawn il-programmi huma bbażati fuq laqgħat u riferimenti frekwenti, segwitu u evalwazzjoni. Fl-istess ħin, **Spanja**, fl-RRP tagħha, tipprovdi minn Awwissu 2021 finanzjament għal proġetti territorjali ġodda li jippreżentaw itinerarji individwalizzati għal persuni qiegħda fit-tul, inkluż appoġġ għal proġetti ta' intraprenditorija u mikrointrapriża. Il-PES f**l-Iżvezja** għandu l-kompitu li jagħti prijorità lill-persuni qiegħda fit-tul. F'Marzu 2023, il-PES ippreżenta attivitajiet biex isaħħaħ il-ħidma tiegħu biex jonqos il-qgħad fit-tul billi jiffoka aktar fuq l-isforzi u l-oqsma li r-riċerka u l-evidenza juru li għandhom effett. Uħud mill-miżuri jinkludu interventi aktar iddedikati jew għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-PES.

**Għadd ta' Stati Membri emendaw l-oqfsa tal-ALMP eżistenti tagħhom biex itejbu l-effettività tagħhom fil-konnessjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg mal-opportunitajiet disponibbli**. F'Lulju 2022, **il-Belġju** adotta riforma mmirata biex isaħħaħ l-attivazzjoni tal-persuni qiegħda u inattivi u t-tranżizzjoni tal-ħaddiema fir-reġjun ta' Flanders. Il-miżura ssegwi ftehim bejn il-gvern reġjonali u s-sħab soċjali ta' Flanders. F'Awwissu 2022, **il-Greċja**, fl-RRP tagħha, adottat l-Istrateġija Nazzjonali tagħha għal Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol 2022-30. L-Istrateġija tipprovdi approċċ olistiku għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' attivazzjoni flimkien ma' politiki oħrajn. Il-miżuri fil-qafas tal-istrateġija huma ffinanzjati wkoll mill-RRF u mill-FSE+. Bħala parti minn riforma usa', f'Lulju 2022, **il-Litwanja** stabbiliet status separat ta' persuna li qed tipprepara għas-suq tax-xogħol. L-iskop huwa li jiġu identifikati u appoġġati individwi li qed jiffaċċaw sfidi biex jaċċessaw l-impjiegi. Permezz ta' konsultazzjonijiet individwali, li jinkludu servizzi ta' konsulenza psikoloġika u legali, is-Servizz tal-Impjiegi jikkontribwixxi biex jittaffew iċ-ċirkostanzi li jfixklu l-impjieg, u t-tħejjija għas-suq tax-xogħol. Minn Jannar 2023, il-Litwanja, bħala parti mill-RRP tagħha, espandiet il-qafas eżistenti biex tiffaċilita l-attivazzjoni u t-tranżizzjoni fl-impjieg ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Dan isir permezz ta' rakkomandazzjoni lill-muniċipalitajiet kollha biex jimplimentaw programmi muniċipali tal-impjiegi billi jipprovdu servizzi lill-individwi abbażi ta' approċċ ta' ġestjoni tal-każijiet. Fost l-oħrajn, dan jikkombina l-għoti ta' gwida dwar l-impjiegi u diversi konsultazzjonijiet ma' appoġġ dirett għall-introjtu b'koordinazzjoni mas-servizzi soċjali. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** mistennija toħloq network ta' 20 ċentru ta' orjentazzjoni, intraprenditorija u innovazzjoni għall-impjiegi sal-aħħar tal-2024. Dawn huma mistennija li jitqassmu fit-territorju kollu (jiġifieri, ċentru fil-livell tal-gvern ċentrali u ieħor f'kull reġjun) bil-għan li tittejjeb il-koordinazzjoni fil-PES reġjonali. Bħala parti minn riforma usa', **Franza** qed tippjana li torganizza mill-ġdid is-sistema tal-PES tagħha "Pôle Emploi" biex tkompli żżid il-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u ttejjeb il-gwida u l-appoġġ ipprovduti lil dawk li qed ifittxu impjieg. L-abbozz tal-liġi "għal impjieg sħiħ" jintroduċi wkoll kundizzjonijiet aktar stretti biex jiġi riċevut appoġġ għall-introjtu minimu, inkluża l-parteċipazzjoni f'attivitajiet obbligatorji ta' kull ġimgħa. Bħala parti mill-RRP tagħha, **il-Latvja** qed tippjana li temenda l-qafas tal-ALMP tagħha u taġġorna l-offerta ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid biex issaħħaħ l-enfasi fuq il-ħiliet diġitali. **Ċipru**, fil-kuntest tal-Istrateġija l-ġdida dwar Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol 2023-25, għandu l-għan li jtejjeb il-parteċipazzjoni f'miżuri ta' attivazzjoni, speċjalment ta' gruppi vulnerabbli, u l-effiċjenza amministrattiva u l-kapaċità fit-tul tal-PES.

**Xi Stati Membri introduċew miżuri relatati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) biex jagħmluhom aktar aċċessibbli u effettivi, anki fid-dawl tal-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet.** Fil-**Belġju**, programm ta' prova tax-xogħol fil-PES ta' Wallonia (Forem) jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg jaċċessaw diversi impjiegi qabel ma jiddeċiedu liema impjieg jew taħriġ għandhom jagħżlu, u b'hekk jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' kwalifika żejda[218]. Fl-2022, l-**Awstrija** żiedet il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha biex tappoġġa l-attivazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol (b'4 % meta mqabbla mal-2021). Dan l-isforz ippermetta lil madwar 239 000 mara jipparteċipaw f'miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, li 137 000 minnhom kienu relatati mat-taħriġ f'ħiliet. Fi **Franza**, il-programm tal-PES "il-kumpaniji jinvolvu ruħhom" (Les Entreprises s'engagent) issa joffri interfaċċa fejn l-impjegaturi jistgħu jitolbu li jiġu kkuntattjati dwar il-proċeduri biex jimpjegaw persuni spostati mill-Ukrajna.[218] Fi ħdan l-RRP tagħha, **il-Finlandja** aġġornat il-mudell Nordiku tagħha tas-servizzi tal-impjiegi, filwaqt li stabbiliet diversi miri għall-appoġġ individwalizzat lil dawk li qed ifittxu impjieg (jiġifieri l-għadd annwali ta' intervisti għat-tiftix ta' impjieg). Fl-2022, **l-Iżvezja** rrevediet l-assenjazzjoni tagħha lill-PES, li issa huwa mistenni jsaħħaħ ir-rabtiet mal-impjegaturi, jappoġġa aktar lil dawk li qed ifittxu impjieg li huma 'l bogħod mis-suq tax-xogħol, u jżid l-isforzi biex jiżdied l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti f'impjiegi, taħriġ u skemi ta' impjiegi sussidjati. F'Awwissu 2022, bħala parti mill-RRP tagħha, **il-Litwanja** introduċiet dispożizzjonijiet ġodda biex tirriforma s-sistema tagħha ta' gwida għall-karriera, filwaqt li tistabbilixxi l-qafas, il-ġestjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistema ta' konsulenza dwar il-karriera. Hija tistabbilixxi l-funzjonijiet u r-rekwiżiti bażiċi ta' kompetenza tal-professjonisti tal-karriera u tal-istituzzjonijiet involuti, inklużi s-sħab soċjali. F'Diċembru 2022, il-**Greċja**, fl-RRP tagħha, stabbiliet Reġistru Diġitali għad-DYPA (il-PES Grieg) bil-għan li ttejjeb ir-rekords ta' persuni li qed ifittxu impjieg u tipprovdilhom aċċess aħjar għall-benefiċċji u għas-servizzi soċjali permezz ta' sistema interoperabbli. **Il-Greċja** aġġornat ukoll il-qafas tal-obbligi reċiproċi tagħha bejn id-DYPA u l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex issegwi u tinforza aħjar l-obbligi tal-partijiet kollha. Barra minn hekk, ir-riformi tal-għodda tat-tfassil ta' profili tal-PES, l-iżvilupp ta' qafas ta' evalwazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni għall-fornituri tat-tagħlim vokazzjonali u l-benefiċċji tal-qgħad għadhom għaddejjin.

---

[218] Eżempji tal-aħjar prattiki miġbura min-Network tal-PES fil-kuntest tal-apprendiment komparattiv tal-PES. Għal aktar informazzjoni, ara wkoll Iċ-Ċentru ta' Għarfien tal-PES.

Fi Frar 2023, **Spanja**, fl-RRP tagħha, adottat leġiżlazzjoni ġdida biex issaħħaħ is-sistema tal-impjiegi tagħha. Hija tinkludi miżuri biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni ta' entitajiet privati u lokali, jittejjeb il-qafas tal-evalwazzjoni, u katalogu ġdid ta' servizzi garantiti kemm għall-impjegaturi kif ukoll għal dawk li qed ifittxu impjieg. Il-pajjiż huwa mistenni jikkonkludi l-modernizzazzjoni (jiġifieri s-sistemi ta' ġestjoni interna u diġitalizzazzjoni) tal-PES ċentrali tiegħu sal-aħħar tal-2023. F'Marzu 2023, **id-Danimarka** rrevediet il-qafas eżistenti biex tnaqqas il-proċessi amministrattivi fiċ-ċentri tal-impjiegi billi, fost l-oħrajn, tespandi l-użu ta' għodod diġitali u tissimplifika l-proċeduri ta' segwitu. F'Ġunju 2023, **id-Danimarka** adottat ukoll miżura mmirata, li ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024, biex tagħti responsabbiltà akbar lill-PES biex jikkuntattja lir-riċevituri tal-benefiċċji tal-qgħad fl-ewwel 3 xhur tal-programm. F'Lulju 2023, l-**Irlanda** adottat l-istrateġija tal-Perkorsi għax-Xogħol 2021-2025. Wieħed mill-objettivi ewlenin tagħha huwa li ssaħħaħ l-Intreo (il-PES Irlandiż) billi tiżviluppa l-kapaċità tiegħu u l-approċċ iffokat fuq il-klijent. Dan jinkludi miżuri appoġġati mill-RRP u mill-FSE+. **Il-Latvja**, bl-appoġġ tat-TSI, qed timmodernizza s-servizzi tal-PES tagħha, tintroduċi għodod diġitali ġodda għall-klijenti tal-PES u ttejjeb is-sistema tat-tfassil ta' profili.

**Il-kollaborazzjoni bejn l-impjiegi pubbliċi u s-servizzi soċjali hija importanti ħafna għal ALMPs effettivi.** F'Jannar 2023, **l-Iżvezja** appuntat investigazzjoni interna fl-Uffiċċju tal-Gvern biex tanalizza u tipproponi titjib fl-iskambju ta' informazzjoni bejn il-PES u l-muniċipalitajiet tal-pajjiż biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-qgħad għall-edukazzjoni għall-adulti. F'Ġunju 2023, **id-Danimarka** adottat miżura temporanja biex tintroduċi mill-ġdid id-dritt għat-taħriġ jew għat-titjib tal-ħiliet b'rata miżjuda ta' benefiċċju tal-qgħad ta' 110 % f'impjiegi li qed jiffaċċaw nuqqas ta' ħaddiema. Il-miżura tippjana li toħloq aktar sinerġiji bejn il-gwida pprovduta miċ-ċentri tal-impjiegi lil persuni qiegħda u miżuri ta' appoġġ ta' akkumpanjament matul it-titjib tal-ħiliet.

**Ittieħdu xi miżuri mmirati mill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-mobilità tal-forza tax-xogħol u biex jattiraw talent barrani għal okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema**. F'Novembru 2022, **il-Belġju** adotta l-"Patt Federali dwar is-Suq tax-Xogħol" fejn diversi kumitati settorjali tas-sħab soċjali kellhom il-kompitu li jelenkaw il-profili tal-impjiegi kollha li huma skarsi, filwaqt li janalizzaw il-kawżi ta' dan u jirrakkomandaw miżuri li għandhom jittieħdu. Dan huwa mistenni li jiggwida l-isforzi biex tiżdied l-attraenza ta' ċerti impjiegi, inkluż f'termini tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. F'Lulju 2023, is-servizz pubbliku tal-impjiegi (Forem) tal-**Belġju** (ir-reġjun ta' Wallonia) aġġorna l-lista ta' professjonijiet li huma skarsi, inklużi, pereżempju, 56 profil fil-kostruzzjoni, segwita mill-industrija. Dan ser jgħin sabiex il-persuni qiegħda jiġu ggwidati lejn dawn il-profili u jiġu mmirati aħjar diversi inċentivi finanzjarji. Bl-istess mod, fi Frar 2023, ir-reġjun Fjamming aġġorna l-lista tiegħu ta' professjonijiet li huma skarsi, u b'hekk uża metodoloġija distintiva li tindika tliet kawżi potenzjali ta' nuqqas – ċirkostanzi kwantitattivi, kwalitattivi u/jew speċifiċi tax-xogħol. Il-lista tiġbor total ta' 234 professjoni li huma skarsi, li terz minnhom huma professjonijiet industrijali u snajja'. F'Ġunju 2023, **il-Ġermanja** aġġornat il-qafas legali tagħha biex tiffaċilita l-migrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi, inkluż mingħajr rikonoxximent minn qabel ta' kwalifiki barranin għal professjonijiet mhux regolati. F'Lulju 2022, **Spanja** adottat miżuri biex issaħħaħ il-perkorsi tagħha għall-migrazzjoni legali u ttejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri ta' migrazzjoni. Spanja kabbret ukoll ir-reġim legali għal migranti b'ħiliet għolja għal persuni li għandhom grad ogħla ta' VET u neħħiet xi rekwiżiti għall-intrapriżi biex jimpjegaw impjegati barranin. Fid-dawl tan-nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema fis-servizzi tal-kura tas-saħħa u soċjali, **is-Slovenja** ħadet passi biex tissimplifika l-proċeduri għall-impjieg ta' ħaddiema barranin, inkluża l-possibbiltà għalihom li jbiddlu l-impjegaturi b'mod aktar faċli, filwaqt li jippermettu aktar flessibbiltà u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ġusti.

**Matul l-ewwel nofs tal-2023, xi Stati Membri ħadu miżuri biex jadattaw aħjar is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom għall-kuntest soċjoekonomiku.** F'Novembru 2022, **il-Belġju** ddeċieda li jżid il-benefiċċju minimu tal-qgħad b'1,3 pps, minbarra l-indiċjar awtomatiku għall-inflazzjoni. F'Diċembru 2022, **l-Estonja**, bħala parti mill-RRP tagħha, estendiet id-durata tal-assigurazzjoni tal-qgħad tagħha, li tibda minn Lulju 2023. F'Diċembru 2022, **Franza** adottat tnaqqis temporanju fid-durata tal-benefiċċji tal-qgħad (sa Diċembru 2023), u l-eliminazzjoni tal-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad fil-każ ta' abbandun ta' impjieg jew rifjut ta' kuntratt indefinit. Il-miżura għandha l-għan li taċċellera r-ritorn għall-impjieg f'kuntest ta' sitwazzjonijiet favorevoli u nuqqas ta' ħaddiema. F'Settembru 2022, **Spanja** adottat emendi ġodda biex tipprovdi lill-ħaddiema domestiċi bid-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad kontributorji u, minn Lulju 2023, tagħti benefiċċji speċjali tal-qgħad lill-artisti. F'Ġunju 2023, **l-Iżvezja** emendat l-att tagħha dwar l-assigurazzjoni tal-qgħad, filwaqt li ffaċilitat ir-rekwiżiti għall-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad (jiġifieri, minn 80 siegħa għal mill-inqas 60 siegħa, matul minimu ta' 6 xhur f'perjodu ta' żmien ta' 12-il xahar). Il-perjodu ta' kwalifika tnaqqas ukoll temporanjament, minn sitt ijiem għal jumejn. F'Diċembru 2023, **il-Kroazja**, fl-RRP tagħha, qed tippjana li tadotta att ġdid li jemenda l-Att dwar is-Suq tax-Xogħol, li jżid l-ammont u jtawwal id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad, itaffi r-rekwiżiti għall-ħaddiema f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u jiddiġitalizza l-proċess ta' applikazzjoni għall-benefiċċji tal-qgħad. **Il-Finlandja** ħabbret bidliet fis-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad biex ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol, b'mod partikolari billi timponi perjodu ta' kwalifika aktar strett. Il-bidliet huma mistennija wkoll fid-dritt għall-allowance ta' kuljum għall-persuni qiegħda. Il-kundizzjonijiet biex jintalbu l-benefiċċji ser jiġu ddeterminati minn kundizzjonijiet ġodda tal-limitu tal-introjtu u l-ammont ta' benefiċċji tal-qgħad huwa wkoll mistenni li jitqassam mil-livell kurrenti għal 80 fil-mija tal-livell oriġinali wara 8 ġimgħat ta' qgħad, u għal 75 fil-mija wara 34 ġimgħa ta' qgħad. Minn Jannar 2024, **Malta** introduċiet rati ogħla ta' benefiċċji tal-qgħad. Il-benefiċċji ser jitħallsu għal massimu ta' 26 ġimgħa u r-rati ta' pagament ser jiġu kkalkulati sa 60 % tas-salarju preċedenti tal-individwu mill-impjieg għall-ewwel sitt ġimgħat, sa 55 % għall-10 ġimgħat ta' wara, u sa 50 % għall-aħħar 10 ġimgħat. Ir-rata massima pagabbli ser tkun ibbażata fuq 175 % tal-Paga Minima Nazzjonali.

**Diversi Stati Membri qed jieħdu passi biex isaħħu d-djalogu soċjali u l-kollaborazzjoni mas-sħab soċjali meta jifformulaw politiki relatati mal-impjiegi**. F'Diċembru 2022, **ir-Rumanija**, fi ħdan l-RRP tagħha, adottat liġi ġdida dwar id-djalogu soċjali biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-proċess ta' djalogu soċjali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill u r-rakkomandazzjoni tal-ILO. Il-liġi l-ġdida tinkludi xi reviżjonijiet tad-definizzjoni tas-setturi ekonomiċi bħala bażi għal aktar ftehimiet kollettivi fil-livell settorjali. F'Mejju 2023, **l-Ungerija** (bħala parti mill-kundizzjonijiet abilitanti fil-qafas tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni) waqqfet sottokumitat ad hoc tal-forum tripartitiku (jiġifieri, il-Forum ta' Konsultazzjoni Permanenti) biex tiżgura li t-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-qafas strateġiku għall-ALMPs jitwettqu b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali. It-twaqqif ta' dan is-sottokumitat huwa mistenni li jżid il-frekwenza u l-profondità tad-diskussjonijiet.

## 2.4: Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irawmu l-inklużjoni soċjali u jiġġieldu l-faqar, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar ugwaljanza bejn is-sessi), 3 (dwar opportunitajiet indaqs), 11 (dwar indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal), 12 (dwar il-protezzjoni soċjali), 14 (dwar l-introjtu minimu), 15 (dwar l-introjtu u l-pensjoni tax-xjuħija), 16 (dwar il-kura tas-saħħa), 17 (dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà), 18 (dwar il-kura fit-tul), 19 (dwar l-akkomodazzjoni u l-għajnuna għall-persuni mingħajr dar) u 20 (dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. It-taqsima 2.4.1 tipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin, filwaqt li t-taqsima 2.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mwettqa mill-Istati Membri.

### 2.4.1 Indikaturi ewlenin

**It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita naqas bi ftit fil-livell tal-UE u baqa' stabbli b'mod ġenerali fl-Istati Membri fl-2022 fost tnaqqis gradwali fir-ritmu ekonomiku.** L-akbar żieda ġiet osservata fil-Kroazja, filwaqt li ġew irrapportati oħrajn iżgħar iżda sostanzjali fl-Awstrija, fl-Ungerija, fil-Greċja u fid-Danimarka (ara l-Illustrazzjoni 2.4.1). Il-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" huma l-Polonja, l-Ungerija u Malta minħabba l-livelli għoljin fl-2022, għal aktar minn 140-130 % tal-livell tal-2008. L-Estonja rat l-akbar tnaqqis, segwita mil-Litwanja, miċ-Ċekja u minn Spanja, filwaqt li dawn żammew livell xorta għoli ta' introjtu reali, bl-eċċezzjoni tal-aħħar. Kif muri fit-taqsima 1.2, dawn il-bidliet jirriflettu l-effett ikkombinat tat-tnaqqis fit-tkabbir tal-pagi reali u l-evoluzzjoni ta' komponenti oħrajn tal-GDHI, inkluża t-tneħħija gradwali ulterjuri tal-miżuri temporanji ta' appoġġ għall-introjtu wara l-irkupru ta' wara l-COVID u stabbilizzazzjoni minn hemm 'il quddiem. Abbażi tal-prestazzjoni fl-2022 u l-bidla mill-2021, il-Greċja, l-Italja u Spanja nstabu li kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" minħabba livelli baxxi ħafna u taħlita ta' livelli baxxi u deterjorament fl-istess ħin, rispettivament. Is-sitwazzjoni hija kemxejn simili f'Ċipru u fil-Belġju, fejn il-livelli huma ogħla iżda fejn hemm deterjorament, kif ukoll fiċ-Ċekja, fejn kemm il-livell kif ukoll id-deterjorament huma akbar. Dawn it-tlieta huma kollha sitwazzjonijiet li "għandhom jiġu osservati".

**Illustrazzjoni 2.4.1: It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita kien ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2022**

It-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (2008=100, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx data disponibbli għal BG, IE u RO.

*Sors*: l-Eurostat [tepsr_wc310], kontijiet tas-settur Ewropew.

**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' ġeneralment stabbli fl-UE u naqas jew baqa' stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2022, bis-saħħa ta' azzjoni politika deċiżiva meħuda fil-kriżijiet tal-COVID u tal-enerġija**. Is-sitwazzjoni hija "kritika" fir-Rumanija, fil-Bulgarija u fil-Latvja, li għalihom il-livelli relattivament għoljin ma tjibux (34,4 %, 32,2 % u 26 %, rispettivament, ara l-Illustrazzjoni 2.4.2). Franza, l-Iżvezja, l-Italja, il-Litwanja u l-Estonja "għandhom jiġu osservati", u lkoll kemm huma minbarra l-Italja qed jesperjenzaw żidiet sinifikanti (bejn 1 u 3 pps), filwaqt li diġà huma ferm ogħla mill-medja tal-UE fil-każ tal-Estonja u tal-Litwanja. Fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja, il-livelli tal-AROPE baqgħu ogħla mill-medja tal-UE (21,6 %), iżda naqsu. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li huma kkwalifikati bħala "aħjar mill-medja" wrew tnaqqis fil-livelli tal-AROPE, bl-akbar titjib fil-Portugall u fil-Lussemburgu, b'2.3 u 1,7 pps, rispettivament. Is-Slovenja u ċ-Ċekja huma "bl-aħjar prestazzjoni" bl-aktar livelli baxxi ta' AROPE (13,3 % u 11,8 %, rispettivament), għalkemm iċ-Ċekja wriet żieda. Billi ċerti Stati Membri b'livelli madwar jew ogħla mill-medja tal-UE tjiebu aktar mill-medja, hemm xi sinjali ta' konverġenza, iżda d-differenzi għadhom kbar fl-Istati Membri. Il-varjazzjonijiet fl-AROPE huma kbar ukoll fir-reġjuni tal-UE, inkluż fi ħdan l-Istati Membri, bħal fl-Italja, fil-Polonja, fl-Ungerija, fi Spanja u fil-Belġju (ara l-Illustrazzjoni 8 fl-Anness 5). Il-valutazzjoni kontinwa tal-impatt distribuzzjonali tar-riformi u tal-investimenti[219] hija kruċjali biex tiġi żgurata l-effettività tagħhom fit-tnaqqis tal-faqar, filwaqt li tikkontribwixxi għall-mira ewlenija tal-UE li jitneħħew mill-inqas 15-il miljun persuna mill-faqar sal-2030.

[219] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri (COM(2022) 494 final).

**Illustrazzjoni 2.4.2: Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali baqa' stabbli b'mod ġenerali fl-UE, b'xi sinjali ta' konverġenza fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-FR, LU u FI. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Il-faqar monetarju, il-privazzjoni materjali u soċjali estrema u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg urew ukoll stabbiltà wiesgħa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Minkejja l-prezzijiet ogħla tal-enerġija u l-għoli tal-ħajja fl-irkupru ta' wara l-COVID19, bħal għall-AROPE, din ix-xejra tirrifletti l-effetti tar-reazzjonijiet ta' politika meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri matul il-kriżijiet reċenti. Fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), iċ-Ċekja, segwita mis-Slovenja, l-Ungerija, id-Danimarka u l-Finlandja, kellhom l-aktar rati baxxi ta' riskju ta' faqar (AROP) fl-UE, għalkemm żdiedu għaċ-Ċekja u l-Finlandja (ara l-pannell ta' fuq tal-Illustrazzjoni 2.4.3). Għall-kuntrarju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja u r-Rumanija kellhom l-ogħla ishma, u l-Bulgarija u l-Estonja rreġistraw ukoll żidiet. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjtu tal-2022, ir-rati tal-AROP baqgħu stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, żdiedu fil-Greċja u l-Kroazja, filwaqt li naqsu fl-Italja, l-Estonja, il-Bulgarija u r-Rumanija[220]. L-iżviluppi pożittivi fuq din id-dimensjoni jirriżultaw ukoll mill-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu meħuda li taffew l-impatt ta' inflazzjoni għolja fuq dawk l-aktar vulnerabbli. Madankollu, iż-żieda fl-għoli tal-ħajja taffettwa l-introjtu reali, kif kopert mir-rata tal-AROP *ankrata fl-2021* li hija stmata li żdiedet f'madwar nofs l-Istati Membri, u pjuttost tindika deterjorament fl-istandards tal-għajxien[221]. Is-sehem ta' persuni fi privazzjoni materjali u soċjali estrema wkoll baqa' ġeneralment stabbli fl-UE fl-2022, iżda xorta varja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri, li jvarja minn 1,4 % fis-Slovenja għal 24,3 % fir-Rumanija (ara l-pannell tan-nofs tal-Illustrazzjoni 2.4.3). Ir-rata naqset b'aktar minn 1 pp fl-Italja u fl-Ungerija, filwaqt li baqgħet ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħrajn, u żdiedet biss fi ftit oħrajn, bħar-Rumanija, il-Latvja, l-Estonja, Franza u l-Ġermanja. Filwaqt li jirrifletti d-dinamika pożittiva tas-suq tax-xogħol fil-fażi ta' rkupru, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg fl-2022 (abbażi tal-attività tal-2021) naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u, b'mod partikolari, b'2 pps jew aktar fil-Lussemburgu (li kellu wkoll l-aktar livell baxx, ta' 3,5 %), fi Spanja, fil-Greċja u fl-Irlanda (ara l-pannell tan-nofs tal-Illustrazzjoni 2.4.3). Madankollu, l-Irlanda u l-Greċja għadhom fost l-Istati Membri bl-ogħla rati (jiġifieri aktar minn 9 %), flimkien mal-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, Franza u l-Finlandja. Fost dawn, il-Finlandja biss esperjenzat żieda.

---

Ara Flash estimates experimental results disponibbli fuq il-paġna web iddedikata tal-Eurostat.

[221] Persuni f'riskju ta' faqar ankrati fl-2021 huma dawk b'introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar *ikkalkolat fl-2021*, aġġustat bl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) bejn l-2021 u l-2022. Ara l-artiklu ddedikat tal-Eurostat.

**Illustrazzjoni 2.4.3: Ir-riskji ta' faqar (AROP), il-privazzjoni soċjali u materjali severa u l-unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg juru stabbiltà wiesgħa jew tnaqqis fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Komponenti tal-indikatur ewlieni tar-rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (%, 2015, 2021, 2022)




•

*Nota*: L-indikaturi huma kklassifikati skont ir-rati tal-AROPE fl-2022. Id-data għal FR hija proviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU għat-tliet komponenti kollha kif ukoll għal FI għal unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, jiġifieri unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna.
*Sors*: l-Eurostat [tessi010], [tepsr_lm420], [tepsr_lm430], l-UE-SILC.

**Is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bi ftit fl-2022**[222]**.** Il-medja tal-UE kienet ta' 24,7 %, imqabbla ma' 24,4 % fl-2021. Is-Slovenja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, in-Netherlands u l-Finlandja rreġistraw l-aktar rati baxxi (b'żieda rreġistrata biss għall-Finlandja), u kienu kollha "bl-aħjar prestazzjoni" (ara l-Illustrazzjoni 2.4.4). Għall-kuntrarju, ir-Rumanija, il-Bulgarija u Spanja kellhom l-ogħla ishma, u kienu kollha f'"sitwazzjonijiet kritiċi", b'inċidenza dejjem akbar għall-Bulgarija u l-ebda titjib sostanzjali għar-Rumanija u għal Spanja. Seħħew żidiet kbar fis-Slovakkja u fi Franza, filwaqt li l-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fil-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Greċja u l-Portugall. Il-faqar monetarju fost it-tfal (AROP) fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021) kien ta' 19,3 %, u qed jonqos f'21 Stat Membru, iżda b'żidiet kbar fi Franza u s-Slovakkja. L-istimi rapidi tal-Eurostat għall-introjtu tal-2022 jindikaw stabbiltà ġenerali tal-faqar fost it-tfal għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi (bi tnaqqis fil-Greċja u l-Irlanda u żieda fiċ-Ċekja). Filwaqt li, bħala medja fl-UE, is-sehem tat-tfal fi privazzjoni materjali u soċjali estrema żdied minn 7,5 % fl-2021 għal 8,4 % fl-2022, dan naqas f'nofs l-Istati Membri, u speċjalment fl-Ungerija u l-Italja. Madankollu, l-Ungerija baqgħet fost dawk bl-ogħla ishma, flimkien mar-Rumanija, il-Bulgarija u l-Greċja. Is-sehem ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqas jew baqa' stabbli f'20 Stat Membru (abbażi tal-attività tal-2021). Dan baqa' l-ogħla fl-Irlanda, segwita mill-Ġermanja, Franza u l-Bulgarija, kollha kemxejn ogħla minn 10 %.

[222] Minbarra l-AROPE għat-tfal, dan il-paragrafu jirreferi għall-kalkoli tal-istimi rapidi tal-Eurostat u għall-komponenti tal-AROPE, [ilc_li02], [ilc_mdsd11] u [ilc_lvhl11n]. Dwar is-sena ta' referenza tar-rata tal-AROPE għat-tfal u l-komponenti tagħha, ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 4 u 5 fl-Anness 2.

**Illustrazzjoni 2.4.4: Is-sehem tat-tfal (0-17) f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli fl-2022, mingħajr l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-FR, LU u FI. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: l-Eurostat [tepsr_lm412], l-UE-SILC.

**It-tfal li jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali għandhom inqas ċans li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.** Dan huwa relatat b'mod partikolari mad-diffikultajiet tagħhom biex jaċċessaw u jlestu edukazzjoni ta' kwalità u jiksbu ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, kif ukoll biex jaċċessaw opportunitajiet ta' karriera fi stadju aktar tard, li jżidu r-riskju ta' trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. F'dan id-dawl, l-interventi bikrija biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal jidhru partikolarment importanti. Il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal jidentifika indikaturi li jippermettu l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tat-tfal fl-Istati Membri[223]. Fl-2022 (b'referenza għal-livelli ta' introjtu tal-2021), l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal baqa' ferm aktar baxx mill-medja tal-UE (ta' 42 %) f'xi Stati Membri, u b'mod partikolari Spanja, ir-Rumanija u l-Greċja (21,5 % għal Spanja u 24,8 % kemm għar-Rumanija kif ukoll għall-Greċja), filwaqt li kien ferm 'il fuq minnha fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" 58,1 % fil-Ġermanja, 59,9 % fl-Irlanda u 66,8 % fil-Finlandja; ara l-illustrazzjoni 2.4.9 għall-istess indikatur b'referenza għall-popolazzjoni kumplessiva)[224]. Barra minn hekk, il-privazzjoni materjali speċifika għat-tfal baqgħet qrib jew ogħla minn 20 % (fl-2021) fil-Bulgarija, fil-Greċja, f'Ċipru, fl-Ungerija, fir-Rumanija u fi Spanja, meta mqabbla ma' medja tal-UE ta' 13 %[225].

---

223 In-nota ta' informazzjoni relatata għas-Sottogrupp tal-Indikatur tal-KPS hija disponibbli online.

224 Dan jista' jiġi kkalkolat mir-rata tal-AROP għat-tfal wara u qabel it-trasferimenti (minbarra l-pensjonijiet), l-Eurostat [ilc_li02] u [ilc_li09], rispettivament, b'mod simili għall-indikatur ewlieni. It-trasferimenti soċjali in natura, inklużi, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mingħajr ħlas, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, ma humiex ikkunsidrati f'din l-analiżi. Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fid-data tal-2022 ta' Spanja u r-Rumanija.

225 Eurostat [ilc_chmd01] – aktar informazzjoni dwar dan l-indikatur tinsab hawnhekk. Il-privazzjoni speċifika għat-tfal hija relatata man-nuqqas ta' aċċess għal mill-inqas tlieta minn 17-il oġġett li huma essenzjali għat-tfal, b'mod partikolari biex ikunu jistgħu jsegwu l-klassijiet tal-iskola u jikbru b'saħħithom (eż. kotba addattati u frott u ħxejjex friski).

**Bħala medja, il-profondità tal-faqar naqset fl-UE u f'madwar nofs l-Istati Membri, kemm għall-popolazzjoni totali kif ukoll għat-tfal.** Din il-profondità titkejjel bħala d-differenza bejn il-livell ta' introjtu tipiku ta' dawk f'riskju ta' faqar u l-livell ta' introjtu li taħtu l-persuni jitqiesu li huma f'riskju bħal dan. Għall-popolazzjoni totali fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), din id-differenza, f'termini relattivi, kienet ta' 23,1 % tal-livell limitu tar-riskju ta' faqar fl-UE, imqabbla ma' 24,5 % fl-2021 (b'referenza għall-introjtu tal-2020)[226]. Hija kienet l-usa' fir-Rumanija (32 %), minkejja li naqset sostanzjalment (b'6,1 pps), segwita minn Spanja, il-Latvja, l-Italja u l-Bulgarija (27,8 %, 27,7 %, 26,1 % u 26 %, rispettivament). L-aktar tnaqqis qawwi ġie rrapportat fis-Slovakkja u fl-Ungerija, wara li laħaq livelli taħt il-medja tal-UE (18,4 % u 19,4 %, rispettivament). Il-faqar huwa aktar profond fost in-nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, madwar 36 % fl-UE fl-2021 (b'referenza għall-introjtu tal-2020). Is-sitwazzjoni fl-Istati Membri hija ġeneralment simili meta wieħed jiffoka fuq it-tfal, li għalihom il-profondità tal-faqar hija akbar bħala medja fl-UE (24,4 %) milli għall-popolazzjoni ġenerali. Il-profondità tal-faqar għat-tfal kienet l-ogħla fil-Bulgarija (42,8 %), fejn żdiedet ukoll b'mod sostanzjali (b'9,1 pps), segwita mir-Rumanija (33,1 %), Spanja (31,8 %) u l-Italja (27,9 %), fejn baqgħet għolja minkejja t-tnaqqis reċenti. Iċ-ċifri għat-tfal huma kbar ukoll għall-Portugall u għan-Netherlands (26,1 % u 26 % rispettivament). Min-naħa l-oħra, il-Finlandja u l-Ungerija rrapportaw l-aktar rati baxxi (12,3 % u 14,5 % rispettivament).

---

Dan il-paragrafu jiddependi fuq il-Eurostat [ilc_li11]. Dan l-indikatur, magħruf ukoll bħala l-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan tal-persuni li huma f'livell anqas mil-limitu tar-riskju ta' faqar u l-limitu tar-riskju ta' faqar, espressa bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju tal-faqar (linja tal-qtugħ: 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali). L-indikatur għall-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg jiġi kkalkolat mill-Eurostat (mhux ippubblikat) bħala d-distanza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan tal-persuni — li l-introjtu disponibbli ekwivalizzat tagħhom huwa taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar u li qed jgħixu f'unità domestika (kważi) mingħajr impjieg — u l-livell limitu tar-riskju ta' faqar innifsu, espress bħala perċentwal tal-livell limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-livell limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.

**Meta mqabbel max-xejriet stabbli jew pożittivi għall-popolazzjoni ġenerali, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għall-persuni b'diżabbiltà tjieb biss bi ftit fl-2022.** Ir-rata tal-AROPE għall-persuni b'diżabbiltà naqset minn 29,7 % fl-2021 għal 28,8 % fl-2022 fl-UE, iżda għadha ogħla milli għall-bqija tal-popolazzjoni u tvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 2.4.5). Bir-rati tal-AROPE 'l fuq minn 35 %, is-sitwazzjoni hija partikolarment diffiċli fi tmien Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, il-Litwanja, ir-Rumanija, il-Latvja, l-Irlanda, Malta u l-Kroazja). Fost dawn il-pajjiżi, ir-Rumanija biss esperjenzat tnaqqis (b'1,3 pps), filwaqt li ġew irreġistrati żidiet sostanzjali għall-Estonja, il-Litwanja u l-Bulgarija. L-Iżvezja rat żieda sostanzjali fir-rata tal-AROPE għall-persuni b'diżabbiltà wkoll, għalkemm ir-rata baqgħet ferm eqreb tal-medja tal-UE (30,6 %). B'mod ġenerali, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandu t-tendenza li jkun aktar baxx għall-persuni b'diżabbiltà ta' 65 sena jew aktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, bl-eċċezzjonijiet notevoli tal-Estonja, il-Bulgarija u l-Latvja, li rreġistraw rati aktar mid-doppju tal-medja tal-UE għal dan il-grupp ta' età (61,8 %, 55,1 % u 48,1 %, rispettivament, meta mqabbla ma' 23,9 % bħala l-medja tal-UE). Hemm varjazzjoni kbira bejn il-pajjiżi anki fid-differenza fir-riskji ta' faqar bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà. L-Italja u l-Greċja kellhom l-iżgħar differenzi fl-2022 (4 pps), filwaqt li l-Estonja, il-Litwanja u l-Irlanda esperjenzaw differenzi li kienu sitt darbiet akbar (28, 25.6 u 24,6 pps, rispettivament).

**Illustrazzjoni 2.4.5: Il-persuni b'diżabbiltà jiffaċċaw riskju ogħla ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali minn dawk mingħajr diżabbiltà**

L-ishma ta' persuni b'diżabbiltà u mingħajr diżabbiltà f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, grupp ta' età ta' 16-il sena u akbar, 2022 u 2021 (%)




•

*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal FR u LU.
*Sors:* l-Eurostat [hlth_dpe010], l-UE-SILC.

**Is-sehem ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali baqa' ferm ogħla milli għall-bqija tal-popolazzjoni fl-2022, u dan talab interventi mmirati.** Ir-rati tal-AROPE għall-persuni mwielda barra mill-UE kienu fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ferm ogħla minn dawk għall-persuni nattivi (b'aktar minn 20 pps) f'diversi Stati Membri: 52,2 % vs 24,1 % fil-Greċja, 50,9 % vs 20,6 % fi Spanja, 42,7 % vs 15 % fil-Belġju, 41,4 % vs 11,6 % fl-Awstrija, 41,2 % vs 16,5 % fi Franza[227]. Fost dawn, ir-rata tal-AROPE għall-persuni mhux imwielda fl-UE naqset biss fi Spanja (b'5,5 pps) meta mqabbla mal-2021.

**Għadd sinifikanti ħafna ta' Rom għadhom qed jiffaċċaw il-faqar fil-pajjiżi tal-UE.** Dan, min-naħa tiegħu, jikkontribwixxi aktar għat-tisħiħ tad-diskriminazzjoni. Bħala medja, fl-2021, 80 % tar-Rom kienu f'riskju ta' faqar fl-Istati Membri mistħarrġa mill-FRA, u għat-tfal Rom, ir-rata kienet saħansitra ogħla, ta' 83 %, mingħajr ebda progress evidenti bejn l-2016 u l-2021[228]. Kważi nofs il-popolazzjoni tar-Rom (48 %), bħala medja, iffaċċjat privazzjoni materjali severa, b'ishma saħansitra ogħla fost iż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età. Id-differenza fil-privazzjoni materjali bejn it-tfal Rom u oħrajn tilħaq 47 %. Madankollu, meta mqabbla mal-2016, din is-sitwazzjoni tjiebet f'sitta mid-disa' pajjiżi li għalihom hija disponibbli data komparabbli. Il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom 2020-30 għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni adottat f'Ottubru 2020 jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ispariġġ tal-faqar bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali, inkluż għat-tfal, mill-inqas bin-nofs u jiżguraw li sal-2030 il-maġġoranza tar-Rom joħorġu mill-faqar. Bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, adottata f'Marzu 2021[229], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiġġieldu r-rata estremament għolja ta' riskju ta' faqar u l-privazzjoni materjali u soċjali fost ir-Rom, sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.

---

227 Kif juri l-indikatur tal-Eurostat [ilc_peps06n], meta dawk imwielda f'pajjiżi mhux tal-EU27 jitqabblu ma' dawk imwielda fil-pajjiż tar-rapportar; persuni li għandhom 18-il sena jew aktar. Id-data ma hijiex disponibbli għall-2022 għar-Rumanija.

228 Id-data dwar ir-Rom hija mill-Istħarriġ tal-2021 tal-FRA dwar ir-Rom. Il-pajjiżi mistħarrġa huma BG, CZ, EL, ES, HR, HU, PT, RO u SK. Minħabba d-daqs u l-karatteristiċi differenti tal-kampjun, il-paraguni mal-edizzjonijiet preċedenti tal-Istħarriġ (jiġifieri tal-2016) għandhom isiru b'kawtela. Ara r-rapport tal-Istħarriġ tal-FRA (p. 10-11) għal rikonoxximent bir-reqqa tal-limitazzjonijiet possibbli fl-analiżi tax-xejriet. L-istħarriġ li jmiss tal-FRA dwar ir-Rom ser isir fl-2024, mibni fuq l-istħarriġ tal-2021.

229 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom ġiet adottata f'Marzu 2021. ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1–14

Il-valutazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali mġedda dwar ir-Rom tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-oqsma għal titjib identifikati, kif ukoll iġeddu u jemendaw l-oqfsa tagħhom, inkluż biex jagħmluhom aktar ambizzjużi[230]. Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar l-iżgurar ta' aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u desegregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati, filwaqt li stieden lill-Istati Membri jidentifikaw u jużaw il-finanzjament kollu disponibbli għal dan il-għan.

**Il-faqar enerġetiku żdied madwar l-UE fl-2022, li jirrifletti wkoll l-impatt inizjali tal-kriżi tal-enerġija.** Is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat huwa wieħed mill-indikaturi ewlenin użati għall-monitoraġġ tal-faqar enerġetiku fl-UE[231]. Iċ-ċifri tiegħu tal-2022 jirriflettu l-impatt taż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija li bdiet fit-tieni nofs tal-2021 u aggravat fl-2022. F'dan l-isfond, is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat żdied bi 2,4 pps fl-UE, u laħaq 9,3 % fl-2022. Dan kiser xejra tal-UE ta' tnaqqis kostanti matul il-perjodu 2015-21 (minn 9,6 % għal 6,9 %). Kif jista' jkun mistenni, is-sehem tan-nies f'din is-sitwazzjoni fost dawk f'riskju ta' faqar żdied aktar malajr milli għall-popolazzjoni ġenerali fl-2022, bi 3,8 pps, u laħaq ċifra aktar mid-doppju tal-medja ġenerali tal-UE (20,2 % fl-2022). L-inċidenza tal-inkapaċità li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat fil-popolazzjoni varjat ħafna bejn l-Istati Membri, li tvarja minn 1,4 % fil-Finlandja fl-2022 għal 22,5 % fil-Bulgarija (ara l-Illustrazzjoni 2.4.6). Għall-Istati Membri kollha, din kienet ogħla fost in-nies f'riskju ta' faqar, li tvarja minn 3,9 % fil-Finlandja għal 50,6 % f'Ċipru. Ir-Rumanija, Franza, l-Irlanda u l-Ġermanja esperjenzaw l-akbar żidiet għall-popolazzjoni totali, filwaqt li l-Portugall, ir-Rumanija, Franza, il-Latvja, is-Slovakkja, il-Ġermanja u n-Netherlands kellhom l-akbar żidiet għall-persuni f'riskju ta' faqar.

**Illustrazzjoni 2.4.6: Il-faqar enerġetiku kien qed jiżdied fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2022**

Persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat, il-popolazzjoni totali u dik f'riskju ta' faqar, 2021 u 2022 (%)




•
*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal FR u LU.

[230] Ara COM/2023/7 final għall-valutazzjoni.

[231] Għal aktar informazzjoni, ara SPC-ISG Fiche dwar l-indikaturi tal-faqar enerġetiku disponibbli fil-livell tal-UE.

*Sors:* l-Eurostat [ilc_mdes01], l-UE-SILC.

**Kaxxa 6 tal-Pilastru: Aċċess għal servizzi essenzjali fl-UE**

**Is-servizzi essenzjali jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, huma essenzjali għall-benesseri u jappoġġaw l-aċċess biex il-prodotti u s-servizzi jkunu jistgħu jrawmu l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol.** Il-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt li jaċċessa servizzi essenzjali[232] ta' kwalità tajba u jitlob appoġġ f'dan is-sens għal dawk fil-bżonn, li huwa importanti biex jitrawwem il-progress fil-mira ta' tnaqqis tal-faqar fl-UE għall-2030. Fil-livell tal-UE, l-aċċess għal servizzi essenzjali ġie appoġġat permezz ta' leġiżlazzjoni settorjali, obbligi ta' servizz pubbliku u universali, protezzjoni tal-konsumatur u finanzjament. Il-leġiżlazzjoni settorjali adottata jew riveduta mill-adozzjoni tal-Pilastru tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġu identifikati aħjar in-nies mingħajr aċċess, jiġu vvalutati r-raġunijiet għal dan u jittieħdu l-miżuri meħtieġa[233]. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u dwar l-introjtu minimu jistiednu wkoll lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-aċċess għal servizzi essenzjali[234]. F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel rapport tagħha dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali fl-UE[235].

**Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tal-UE għandha aċċess għal servizzi essenzjali, il-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali u dawk l-aktar vulnerabbli jiffaċċaw ostakli sinifikanti.** L-affordabbiltà tista' tkun ostaklu importanti. F'dan ir-rigward, 9,3 % tal-popolazzjoni tal-UE ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat, 2,4 % ma jistgħux jaffordjaw konnessjoni tal-internet għall-użu personali fid-dar, 2,4 % ma jistgħux jaffordjaw l-użu regolari tat-trasport pubbliku, u 1,5 % jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr banju, doċċa jew tojlit li jifflaxxja, b'varjazzjoni konsiderevoli bejn il-pajjiżi[236]. L-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) għandhom it-tendenza li jonfqu madwar 60 % aktar mill-baġit tagħhom fuq servizzi essenzjali, li tagħmilhom aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet (ara l-graff). Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà joħolqu wkoll sfidi, xi drabi marbuta ma' dimensjonijiet oħrajn, bħan-nuqqas ta' ħiliet jew fatturi ġeografiċi (distakk urban/rurali, reġjuni remoti u insulari).

232 Servizzi essenzjali huma l-aċċess għall-ilma, is-sanità, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Is-servizzi abilitanti huma l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, kif ukoll is-servizzi ta' inklużjoni soċjali.

233 Eż. Id-Direttiva (UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni); Id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) u l-Proposta għal Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni) (COM(2022) 541 final).

234 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva (2023/C 41/01), rispettivament.

235 *Commission Report on access to essential services in the EU*, SWD(2023) 213 final/2.

Il-Eurostat, l-UE-SILC [ilc_mdes01], [ilc_mddu07a], id-data għall-2022, [ilc_mdes13a], id-data għall-2014 (f'modulu ad hoc dwar il-privazzjoni materjali, evidenza ġdida mistennija fl-2024 permezz tal-modulu ta' 6 snin dwar l-aċċess għas-servizzi) u [ilc_mdho05], id-data għall-2020, rispettivament.

**L-infiq tal-unitajiet domestiċi fuq servizzi essenzjali, AROPE u mhux AROPE**
Is-sehem medjan tas-servizzi essenzjali fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi AROPE u mhux AROPE, 2015 (%)




•

*Nota*: Il-medja ponderata tal-UE teskludi CY u IT. Intużat definizzjoni antika ta' AROPE għall-istrateġija UE-2020.
*Sors*: l-Eurostat [icw_aff_03], HBS.

**Hija osservata varjazzjoni sinifikanti fl-Istati Membri dwar kif l-aċċess għas-servizzi essenzjali huwa appoġġat għal gruppi vulnerabbli.** F**il-Ġermanja** u l-**Finlandja**, l-appoġġ huwa pprovdut bħala parti mis-sistema tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, b'ammonti li jqisu b'mod espliċitu l-kostijiet tas-servizzi essenzjali. F**l-Iżvezja** jiġi pprovdut appoġġ indirett, minħabba li l-kostijiet għal xi servizzi essenzjali huma inklużi fil-kera u, b'hekk, fil-kalkolu tal-benefiċċju fi flus. F'**Malta**, l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huma intitolati għall-"benefiċċju tal-enerġija", li jkopri l-ilma, l-elettriku u l-gass. F**il-Litwanja** u **r-Rumanija**, il-muniċipalitajiet ikopru l-kostijiet kollha jew uħud minnhom tal-konnessjoni tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx mas-sistema tal-ilma u tad-drenaġġ. F'**Ċipru** jiġu pprovduti biljetti bla ħlas tal-karozzi tal-linja għall-iskejjel, skont ta' 50 % fuq in-nollijiet tal-ivvjaġġar għad-detenturi kollha tal-kards soċjali u trasport b'xejn għal dawk kollha li jirċievu assistenza u għall-persuni b'pensjonijiet baxxi. Erba' Stati Membri (il-**Ġermanja, il-Litwanja, il-Portugall u l-Finlandja**) jiżguraw provvista bażika jew l-ebda interruzzjoni fil-provvista tal-konnettività diġitali għall-familji fid-dar, filwaqt li tnejn oħrajn (**il-Belġju u l-Portugall**) reċentement aġġornaw il-liġijiet tat-telekomunikazzjoni tagħhom biex jestendu t-tariffi soċjali għall-forniment ta' aċċess għall-internet broadband mobbli. Fi ftit Stati Membri (**il-Litwanja, l-Irlanda, Spanja u l-Finlandja**), qed jiġu żviluppati strateġiji biex jiġi żgurat li l-ġbid ta' flus kontanti mill-ATMs dejjem ikun possibbli raġonevolment fil-qrib.

**Bħala medja, l-inugwaljanza fl-introjtu fl-UE naqset fl-2022, b'sitwazzjonijiet differenti osservati fl-Istati Membri.** Il-medja tal-UE naqset minn 4.99 fl-2021 għal 4.74 fl-2022 (is-sena tal-introjtu 2020 u l-2021, rispettivament), b'xejriet li jvarjaw bejn l-Istati Membri (ara l-Illustrazzjoni 2.4.7). It-tnaqqis kien l-akbar fir-Rumanija (1,14), li madankollu għad għandha wieħed mill-ogħla livelli (6) u issa qiegħda f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda qed titjieb". Spanja u l-Greċja rreġistraw tnaqqisiet ferm iżgħar ta' madwar 0,5, li jibdew ukoll minn livelli relattivament għoljin, u b'hekk huma "dgħajfa iżda qed jitjiebu" wkoll. Ġew irreġistrati "sitwazzjonijiet kritiċi" fil-Bulgarija u fil-Latvja, b'livelli ta' inugwaljanza fl-introjtu li huma fost l-ogħla fl-Unjoni, minkejja tnaqqis relattivament żgħir fl-2022, filwaqt li l-Litwanja, anki f'"sitwazzjoni kritika", saħansitra esperjenzat żieda ulterjuri. L-Estonja u l-Iżvezja rreġistraw l-akbar żidiet u "għandhom jiġu osservati", bħall-Italja, li għall-kuntrarju wriet tnaqqis żgħir iżda minn livell ogħla. Is-Slovakkja, is-Slovenja, iċ-Ċekja u l-Belġju kienu "bl-aħjar prestazzjoni" fl-2022, kollha b'livelli relattivament baxxi. F'xi Stati Membri, pereżempju l-Ungerija, l-Italja u l-Iżvezja, il-livell ta' inugwaljanza fl-introjtu jvarja skont ir-reġjuni (ara l-Illustrazzjoni 4 fl-Anness 5). Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, l-inugwaljanzi fl-introjtu baqgħu wkoll stabbli jew naqsu (eż. fir-Rumanija) fl-2022 (is-sena tal-introjtu), u dan jirrifletti r-rispons ta' politika rapidu stabbilit fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiġi mitigat l-impatt negattiv tal-inflazzjoni,[237] b'mod partikolari fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Il-valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatti distributtivi tal-miżuri ta' politika huma partikolarment importanti biex jiġi kkunsidrat l-impatt tagħhom fuq l-inugwaljanza fl-introjtu u jiġi infurmat it-tfassil tal-politika ex ante.

[237] Ara Flash estimates experimental results p.11.

**Illustrazzjoni 2.4.7: L-inugwaljanza fl-introjtu naqset bħala medja fl-UE, b'sitwazzjonijiet differenti fil-livell tal-pajjiżi**

Il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu (S80/S20), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: l-Eurostat [tessi180], l-UE-SILC.

**It-tnaqqis medju fl-inugwaljanzi fl-introjtu fl-Unjoni huwa xprunat l-aktar minn żviluppi fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu.** Iż-żidiet fl-inugwaljanzi fl-introjtu fil-bidu tas-snin 2010 kienu xprunati, bħala medja, minn żidiet fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu (kif muri mill-indikatur S50/S20 - ara l-Illustrazzjoni 2.4.8). Bl-istess mod, it-tnaqqis ġenerali matul snin aktar reċenti, mill-2016, jirrifletti l-aktar tnaqqis f'dik in-naħa tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Bħal fis-snin preċedenti, l-Istati Membri li esperjenzaw inugwaljanza ġenerali ogħla fl-introjtu (kif imkejla mill-indikatur S80/S20) fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021) ġeneralment urew inugwaljanzi ogħla kemm fin-naħa ta' isfel kif ukoll fin-naħa ta' fuq tad-distribuzzjoni tal-introjtu, kif jirriżulta mill-analiżi tal-indikaturi S50/S20 u S80/S50. Bi ftit eċċezzjonijiet biss (jiġifieri l-Bulgarija, il-Litwanja, il-Portugall u Malta), l-Istati Membri b'inugwaljanzi fl-introjtu ogħla mill-medja tal-UE xorta kellhom inugwaljanzi akbar fin-naħa ta' isfel milli fin-naħa ta' fuq tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Dan huwa l-aktar evidenti għal pajjiżi bħar-Rumanija, Spanja u l-Latvja.

**Illustrazzjoni 2.4.8: L-inugwaljanzi fl-introjtu naqsu fl-UE, xprunati l-aktar minn żidiet fin-naħa ta' isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu**

Il-proporzjonijiet tal-ishma kwantili S80/S20 (assi tax-xellug), S80/S50 (assi tal-lemin) u S50/S20 (assi tal-lemin), 2010-2022




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje fl-2020, stmata għall-2014-2019.
*Sors:* l-Eurostat [tessi180], [ilc_di11d], [ilc_di11e], l-UE-SILC.

**L-istimi bikrija tan-nefqiet fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali (bħala sehem mill-PDG) juru tnaqqis kontinwu fl-2022.** Is-sehem ta' tali nefqiet fuq il-PDG kien ta' 27,2 % fl-2022 (ftit ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi tal-COVID fl-2019, jiġifieri 26,8 %), 3 pps u 1,5 pps inqas milli fl-2020 u fl-2021, rispettivament[238]. B'mod ġenerali, minkejja xi konverġenza fil-livelli tan-nefqa matul l-2020 u l-2021 (minħabba r-rispons ta' politika għall-kriżi tal-COVID-19), fl-2022 kien għad fadal varjazzjonijiet kbar madwar l-UE fis-sehem tan-nefqiet (fuq il-benefiċċju tal-protezzjoni soċjali) bħala perċentwal tal-PDG, b'livelli madwar jew ogħla minn 30 % f'ħames Stati Membri, filwaqt li inqas minn 20 % tal-PDG fi tmienja oħrajn. Madwar l-UE, in-nefqiet fl-2022 naqsu drastikament għall-benefiċċji tal-qgħad (-25,2 %), filwaqt li żdiedu għall-benefiċċji tal-familja (+6,1 %), għall-benefiċċji tad-diżabbiltà (+4,9 %), għall-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti (+4,9 %), għall-benefiċċji tal-mard u tal-kura tas-saħħa (+3,5 %), għall-esklużjoni soċjali (+1,4 %) u għall-benefiċċji tal-akkomodazzjoni (+1,2 %). B'mod ġenerali, il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti komplew jirrappreżentaw l-ogħla kategorija ta' nfiq fuq il-benefiċċji fl-2022 (46,3 % fil-livell tal-UE, meta mqabbla ma' 45,3 % fl-2021), u s-sehem tagħhom żdied fi kważi l-Istati Membri kollha (21 minn 24).

238 Il-Eurostat, Stimi bikrija - Protezzjoni soċjali (aġġornat l-aħħar fil-31 ta' Ottubru 2023), li jkopru l-Istati Membri kollha ħlief EL, NL u RO, iżda li jinkludu stima tal-aggregat tal-EU-27.

It-tieni l-ogħla kategorija ta' nfiq fuq il-benefiċċji tibqa' l-kura tas-saħħa u l-mard (30,0 % fil-livell tal-UE, meta mqabbla ma' 29,7 % fl-2021), għalkemm is-sehem ġenerali tagħhom naqas fi 12-il Stat Membru. Il-benefiċċji tal-familja rrappreżentaw 8,6 % tan-nefqiet fuq il-benefiċċji fl-2022 (żieda minn 8,3 % fl-2021), filwaqt li l-benefiċċji tad-diżabbiltà kienu jammontaw għal 7,0 % (meta mqabbla ma' 6,9 % fl-2021). Is-sehem tal-benefiċċji tal-qgħad naqas fl-UE kollha minn 5,9 % fl-2021 għal 4,3 % fl-2022 (fi 23 minn 24 Stat Membru). Fl-aħħar nett, is-sehem tal-esklużjoni soċjali (2,6 % fl-2022) u tal-benefiċċji tal-akkomodazzjoni (1,3 %) baqa' stabbli meta mqabbel mal-2021 (2,6 % u 1,3 % rispettivament).

**L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas fl-2022, anki minħabba l-eliminazzjoni gradwali tal-miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali meħuda fil-kriżi tal-COVID-19.** Din ix-xejra ġiet osservata kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri bejn l-2021 u l-2022 (b'referenza għas-snin tal-introjtu 2020 u 2021, rispettivament; Ara t-taqsima 2.4.9)[239]. Id-differenzi bejn l-Istati Membri kemm fil-livelli kif ukoll fil-bidliet baqgħu sinifikanti. Fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar varja minn 16,5 % fir-Rumanija għal 56,4 % fl-Irlanda. B'livelli baxxi ta' madwar 20 % jew inqas, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Greċja kienu kollha f'"sitwazzjonijiet kritiċi". Xejn inqas minn tmien pajjiżi "għandhom jiġu osservati" (l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja - kollha b'valuri fil-medja tal-UE jew ogħla minnha, iżda bi tnaqqis kbir ħafna - kif ukoll il-Bulgarija, l-Italja, Spanja, l-Estonja u Malta - kollha b'valuri taħt jew ferm taħt il-medja tal-UE, wara n-nuqqas għal kulħadd minbarra Malta). Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, l-Irlanda, id-Danimarka u l-Belġju kellhom l-ogħla livelli (madwar 50 % jew aktar) bħala "bl-aħjar prestazzjoni", għalkemm kollha esperjenzaw tnaqqis. Il-Finlandja, minn fost l-ogħla livelli wkoll, madankollu rreġistrat tnaqqis relattivament kbir fl-effetti tat-tnaqqis tal-faqar tat-trasferimenti soċjali tagħha, li għamel is-sitwazzjoni "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Kienu biss il-Portugall, il-Polonja, il-Ġermanja u l-Latvja li wrew żidiet fl-effettività tat-trasferimenti soċjali tagħhom, filwaqt li l-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fl-Ungerija u fis-Slovakkja (bi tnaqqis ta' aktar minn 9 pps). Id-differenzi fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar kienu kbar ukoll fir-reġjuni tal-UE, speċjalment fl-Italja, fl-Ungerija u fil-Polonja (ara l-Illustrazzjoni 9 fl-Anness 5).

[239] Filwaqt li hemm interruzzjoni fis-serje għal dan l-indikatur fl-2022 għall-Istati Membri kollha, minbarra FI minħabba bidla metodoloġika, il-valuri tal-indikaturi (mhux ippubblikati) ikkalkolati mill-Eurostat abbażi tal-metodoloġija l-antika juru tnaqqis simili fl-2022, li b'mod ġenerali wassal għall-istess valutazzjoni ġenerali.

**Illustrazzjoni 2.4.9: L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2022**

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota:* L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-Istati Membri kollha ħlief FI. *Sors :* l-Eurostat [tespm050], l-UE-SILC.

**Il-protezzjoni soċjali għadha qed taqdi rwol importanti f'termini tat-tnaqqis tar-riskji ta' faqar għal persuni f'forom mhux standard ta' impjieg; il-faqar monetarju għadu ogħla għalihom milli għal ħaddiema oħrajn.** L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fl-2022 fl-UE kien ogħla b'mod sinifikanti għall-ħaddiema f'forom mhux standard ta' impjieg, bħall-impjegati fuq kuntratti temporanji[240] (27,3 %), u l-ħaddiema part-time (24,8 %), kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom (26,7 %) milli għall-impjegat medju (12,5 %). Minkejja dan l-impatt ogħla tat-trasferimenti soċjali għal dawn il-ħaddiema, fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), il-faqar monetarju kien akbar fosthom fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. B'mod ġenerali fil-livell tal-UE, ir-rata tar-riskju ta' faqar kienet ta' 15,9 % fost il-ħaddiema fuq kuntratti temporanji, 14,6 % fost il-ħaddiema part-time u 21 % fost dawk li jaħdmu għal rashom[241], meta mqabbla ma' medja ta' 6,6 % fost l-impjegati kollha. Il-faqar monetarju għall-ħaddiema fuq kuntratti temporanji kien saħansitra 20 % jew ogħla f'disa' Stati Membri, ogħla mill-medja tal-UE għal erbgħa minn dawn il-pajjiżi (l-Italja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja). Fost dawk li jaħdmu għal rashom, ir-rata ta' faqar kienet ogħla mill-medja tal-UE fi tmien Stati Membri, u għolja xejn inqas minn 30,9 % u 55,8 % fl-Estonja u fir-Rumanija, rispettivament[242]. Il-lakuni fil-protezzjoni soċjali huma evidenti wkoll għal dawk li ma għandhomx impjieg, kif muri mir-rati għoljin ta' faqar fost dawk qiegħda, 46,2 % għall-UE fl-2022, u li jilħqu aktar minn 50 % f'pajjiżi bħall-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands u s-Slovakkja.

240 Minħabba restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà tad-data, l-impjegati b'kuntratti temporanji huma identifikati bħala dawk li jaħdmu f'tali status fil-perjodu ta' referenza tal-intervista, filwaqt li s-sitwazzjoni soċjali tagħhom (introjtu, eċċ.) titkejjel matul is-sena ta' referenza tal-introjtu (n-1).

241 Madankollu, il-valutazzjoni tal-introjtu għal dawk li jaħdmu għal rashom hija diffiċli u l-indikatur tar-rata tal-privazzjoni materjali u soċjali jindika livell simili għal dawk li jaħdmu għal rashom bħal fost l-impjegati (8,5 % u 8,2 % rispettivament fl-EU-27 fl-2022). Jeżistu differenzi sostanzjali (jiġifieri bi privazzjoni ogħla għal dawk li jaħdmu għal rashom) fi tliet Stati Membri biss (CY, EL u RO).

242 It-tmien Stati Membri huma LV, LU, EL, ES, PT, PL, EE u RO, il-biċċa l-kbira tagħhom b'sehem ogħla mill-medja ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-forza tax-xogħol tagħhom.

**Il-kopertura tal-benefiċċji soċjali tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u għal kategoriji differenti ta' ħaddiema, kif ukoll skont l-istatus tal-impjieg**. Bħala medja fl-UE fl-2022 (b'referenza għall-introjtu tal-2021), is-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol (bejn 16 u 64 sena) f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali u li jirċievu benefiċċji soċjali[243] kien ogħla fost il-ħaddiema b'kuntratti temporanji (44,9 %) u l-ħaddiema part-time (36,1 %) milli fost l-impjegati kollha (35,6 %). Madankollu, kien hemm seba' Stati Membri (il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Estonja, Ċipru, il-Belġju, il-Latvja u l-Bulgarija) fejn l-impjegati b'kuntratti temporanji kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk b'kuntratti permanenti, u f'sitt Stati Membri (il-Lussemburgu, Spanja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja u l-Bulgarija) il-ħaddiema part-time kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk full-time. B'mod ġenerali, f'ħames pajjiżi (il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu, il-Polonja u r-Rumanija), inqas minn 10 % ta' dawk f'impjieg u f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali. Il-persuni li jaħdmu għal rashom f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti kienu l-inqas probabbli li jirċievu benefiċċji soċjali, b'kopertura ta' 16,5 % fl-2022 fl-EU-27, tnaqqis minn 29 % fl-2021, li tirrifletti t-tneħħija gradwali ta' miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali meħuda bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19[244]. Dan is-sehem kien saħansitra inqas minn 5 % f'seba' Stati Membri (il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, u r-Rumanija). Fl-aħħar nett, filwaqt li madwar nofs (54,2 %) il-persuni qiegħda f'riskju ta' faqar irċevew benefiċċji soċjali fl-UE fl-2022, dan is-sehem kien ferm aktar baxx, inqas minn 20 %, f'ħames Stati Membri (il-Kroazja, il-Greċja, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovakkja).

---

[243] Skont l-indikatur dwar "aċċess effettiv" approvat mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fl-2020 fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Il-popolazzjoni fil-mira hija dik f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali. Il-benefiċċji soċjali koperti fl-indikatur huma dawk riċevuti fil-livell individwali, minbarra l-pensjonijiet tax-xjuħija u tas-superstiti.

[244] Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, COM/2023/43 final.

**L-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għadu varjat fl-Istati Membri, minkejja xi titjib matul dawn l-aħħar ftit snin[245].** Fir-rigward tal-kopertura formali, fir-rebbiegħa tal-2022 kien għad hemm lakuni fi 17-il Stat Membru għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard f'mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali, li l-aktar ta' spiss kienet il-benefiċċji tal-qgħad, tal-mard u tal-maternità[246]. Barra minn hekk, fi tlettax-il Stat Membru, l-aċċess għal mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali kien volontarju għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard, l-aktar ta' spiss b'rabta mal-benefiċċji tax-xjuħija u tal-qgħad. Fir-rigward ta' dawk li jaħdmu għal rashom, dawn iffaċċjaw lakuni fil-kopertura formali f'fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali jew aktar fi dsatax-il Stat Membru, l-aktar ta' spiss b'rabta mal-benefiċċji tal-qgħad u l-benefiċċji għall-aċċidenti fuq ix-xogħol u l-mard okkupazzjonali. Barra minn hekk, fi tmintax-il Stat Membru, il-kopertura tagħhom kienet volontarja, l-aktar ta' spiss fir-rigward tal-benefiċċji tal-mard, tax-xjuħija u tal-maternità.

**Kaxxa 7 tal-Pilastru: Il-futur tal-protezzjoni soċjali**

**Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom rwol ewlieni fl-Istati Membri tal-UE f'termini tal-iżgurar tal-koeżjoni soċjali u s-sigurtà tal-introjtu kontra r-riskji, u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika, u bħala tali jeħtieġ li jsiru xierqa għall-isfidi tal-futur.** In-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali tikkostitwixxi madwar 30 % tal-PDG tal-UE, b'varjazzjonijiet kbar bejn il-pajjiżi. B'mod ġenerali, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali wrew l-effettività tagħhom fl-appoġġ għar-reżiljenza soċjoekonomika matul il-pandemija tal-COVID u l-kriżi tal-enerġija aktar reċenti. Madankollu, il-kapaċità tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali biex jibqgħu adegwati u sostenibbli b'mod fiskali tinsab taħt pressjoni dejjem akbar minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-bidliet strutturali fid-dinja tax-xogħol, u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali li qed isawru mill-ġdid l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Dawn l-iżviluppi ser ikollhom implikazzjonijiet għat-tfassil u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-finanzjament tagħhom. F'termini prattiċi, dan jimplika l-ħtieġa għal rati ogħla ta' parteċipazzjoni f'impjiegi ta' kwalità fil-gruppi tal-popolazzjoni, ħajja tax-xogħol itwal, reazzjonijiet adegwati għall-faqar fost dawk li jaħdmu u s-sehem dejjem jikber ta' forom mhux standard ta' impjieg[247], organizzazzjoni aħjar u effiċjenza fl-għoti tas-servizzi, u rispons ta' politika soċjali għat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni ekoloġika. Diversi inizjattivi tal-UE kienu qed jikkontribwixxu sabiex is-sistemi tal-protezzjoni soċjali jibqgħu validi fil-futur, iżda huma meħtieġa passi ulterjuri[248].

245 Ara r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, COM/2023/43 final u l-Qafas ta' monitoraġġ approvat fl-2020 u aġġornament parzjali (2022) ippubblikat f'Lulju 2023.

246 Kopertura formali ta' grupp tfisser li f'fergħa speċifika tal-protezzjoni soċjali (eż. ix-xjuħija, il-protezzjoni kontra l-qgħad, il-maternità jew il-paternità) il-leġiżlazzjoni jew il-ftehim kollettiv eżistenti jistabbilixxu li l-individwi fil-grupp huma intitolati li jipparteċipaw fi skema ta' protezzjoni soċjali li tkopri fergħa speċifika.

247 Ara wkoll ir-*Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom*, COM/2023/43 final

248 Bħar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom (2019), dwar il-kura fit-tul (2022), dwar tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022) u dwar introjtu minimu adegwat għall-inklużjoni attiva (2023), kif ukoll id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati.

**Fl-isfond tal-megatendenzi li għaddejjin bħalissa, il-politiki dwar il-benesseri għandhom jiġu avviċinati f'perspettiva ta' tul il-ħajja, mit-twelid sax-xjuħija.** F'dan ir-rigward, tliet funzjonijiet jinstabu li huma essenzjali:[249] 1) ir-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol (b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol u jitrawmu l-kwalità tal-impjiegi u d-djalogu soċjali); 2) il-protezzjoni soċjali (iffokata fuq il-protezzjoni tal-introjtu meta mqabbla mar-riskji u l-istabbilizzazzjoni); u 3) politiki soċjali attivi u preventivi, inkluż l-għoti ta' appoġġ għall-impjiegi, edukazzjoni, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, servizzi tas-saħħa, soċjali u tal-kura biex jippermettu parteċipazzjoni sħiħa fl-ekonomija u fis-soċjetà[250]. Politiki soċjali attivi u preventivi fi stadji differenti tal-ħajja jistgħu jwasslu għal "dividend doppju", li jnaqqas l-infiq futur fuq il-protezzjoni tal-introjtu bis-saħħa tal-impjiegi, il-benesseri u l-gwadanji tas-saħħa, filwaqt li jappoġġa t-tkabbir inklużiv u jkabbar il-bażi tat-taxxa. Id-dijagramma turi r-redditi għall-politiki soċjali attivi u preventivi matul il-ħajja.

**Politiki soċjali attivi u preventivi: redditi tas-soċjetà u individwali**




*Sors*: Ir-riproduzzjoni tal-Illustrazzjoni 2 f'A. Hemerijck, S. Ronchi, I. Plavgo, *Social investment as a conceptual framework for analysing well-being returns and reforms in 21st century welfare states*, Socio-Economic Review, 2022.

**Il-mudelli ta' finanzjament tal-protezzjoni soċjali għandhom jiġu adattati wkoll għar-realtà l-ġdida.** Dan huwa meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet finanzjarji dejjem jiżdiedu minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jitqies ukoll l-impatt fuq il-kapaċità tat-tassazzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja u appoġġ wiesa' għat-trasformazzjonijiet li ġejjin. Ir-rwol tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tat-tassazzjoni ġenerali jista' jkun meħtieġ li jiġi bbilanċjat mill-ġdid u li s-sorsi ta' finanzjament jiġu trasferiti lil hinn mit-tassazzjoni tax-xogħol, b'mod partikolari lejn it-taxxi ekoloġiċi u t-taxxi fuq il-ġid u l-kapital, filwaqt li fl-istess ħin jittejbu l-effiċjenza u l-ġustizzja tal-finanzjament.

249 Bħala parti mill-pjan ta' azzjoni (2021) għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar il-Futur tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Istat Soċjali fl-UE, li r-rapport tiegħu nħareġ fil-bidu tal-2023. Ara r-rapport sħiħ u l-infografika, inklużi l-21 rakkomandazzjoni ewlenin.

250 EUI, Policy Brief, *Learning from adversity: towards a European Union of social investment welfare states*, Robert Schuman Center, 2023.

**Diversi Stati Membri nedew riflessjonijiet u riformi fit-tul tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom biex jagħmluhom adatti għar-realtajiet il-ġodda.** Pereżempju, il-**Finlandja** nediet riforma fit-tul tas-sistema tas-sigurtà soċjali tagħha permezz ta' Kumitat parlamentari, li qed jissuġġerixxi trasformazzjonijiet meħtieġa sal-2027. Il-**Portugall** adotta Green Book dwar il-Futur tax-xogħol bil-għan li jtejjeb ix-xibka ta' sikurezza soċjali (inkluż għall-ħaddiema mhux standard) u l-istandards minimi tax-xogħol, filwaqt li jiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema tal-protezzjoni soċjali billi jiddiversifika s-sorsi ta' finanzjament tiegħu. Permezz tal-pjan nazzjonali tiegħu dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, **il-Belġju** impenja ruħu li jsaħħaħ il-ġustizzja u l-effiċjenza tas-sistema tal-protezzjoni soċjali tiegħu, inaqqas il-lakuni fil-kopertura u fl-adegwatezza formali, kif ukoll jindirizza aspetti orizzontali bħad-distakk diġitali u n-nuqqas ta' użu tad-drittijiet.

**L-adegwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu baqgħet stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE.** Billi l-introjtu tal-benefiċjarji ta' introjtu minimu (MI) jitqabbel mal-livell limitu nazzjonali tal-faqar u mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa,[251] jista' jiġi vvalutat l-impatt ta' tnaqqis tal-faqar ta' dawn l-iskemi, flimkien mal-inċentivi li jipprovdu għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li f'xi pajjiżi, bħal-Litwanja, il-Latvja u Spanja, l-adegwatezza tal-MI tjiebet fl-2021, meta mqabbla mal-2020 (snin ta' introjtu), b'mod partikolari meta mqabbla mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa, f'żewġ terzi tal-pajjiżi tal-UE ġie osservat tnaqqis żgħir (speċjalment f'Malta, il-Lussemburgu, il-Polonja, is-Slovenja, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, Ċipru u l-Estonja, fejn it-tnaqqis kien bejn 3 u 5 pps). L-adegwatezza tal-introjtu minimu baqgħet ogħla minn 80 % tal-livell limitu tar-riskju ta' faqar fin-Netherlands, l-Irlanda, id-Danimarka, l-Italja u Ċipru, filwaqt li kienet taħt terz tal-livell limitu fir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Ungerija u s-Slovakkja.

251 Skont il-metodoloġija miftiehma fil-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtu minimu, ara r-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi mill-2019.

**Il-kopertura tal-introjtu minimu, espressa mir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji, baqgħet ġeneralment l-istess bħala medja fl-UE, minkejja bidliet sostanzjali fi ftit Stati Membri.** Fl-2022, meta mqabbla mal-2021 (is-snin tal-introjtu 2021 u 2020, rispettivament), il-Greċja, l-Ungerija u l-Bulgarija esperjenzaw tnaqqis sostanzjali fir-rati ta' kopertura tagħhom ('il fuq minn 4 pps; Ara l-illustrazzjoni 2.4.10). Għall-kuntrarju, l-akbar titjib kien fir-Rumanija (bi 18-il pps), għalkemm ir-rata baqgħet taħt il-medja tal-UE (ta' 81,1 %). Madankollu, ġie rrapportat titjib sostanzjali ('il fuq minn 4 pps) fis-Slovakkja, Malta, Spanja u l-Kroazja (li madankollu baqgħu l-Istati Membri bl-inqas rata ta' kopertura). Ir-rati tar-riċevituri tal-benefiċċji kienu qrib il-100 % fid-Danimarka, l-Irlanda, Franza u l-Finlandja. L-evidenza mid-data amministrattiva tindika li r-rata ta' ħruġ annwali għall-impjieg tar-riċevituri ta' introjtu minimu li jibbenefikaw minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol tvarja ħafna bejn l-Istati Membri, minn madwar 6 % għal madwar 50 %[252]. Tali differenzi jistgħu jirriflettu livelli differenti ta' effiċjenza ġenerali. Barra minn hekk, filwaqt li jista' jkun hemm koordinazzjoni suffiċjenti bejn is-servizzi soċjali u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-proċessi tal-għoti tal-benefiċċji soċjali u tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol spiss jibqgħu separati. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva tiddeskrivi b'mod importanti oqsma għall-modernizzazzjoni ulterjuri tal-iskemi ta' introjtu minimu tul l-approċċ ta' inklużjoni attiva[253].

**Illustrazzjoni 2.4.10 Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg fuq il-benefiċċji soċjali kien ġeneralment stabbli**

Ir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji għall-persuni f'riskju ta' faqar fl-età ta' bejn 18 u 64 sena u li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (%, snin tal-istħarriġ 2021 u 2022, snin tal-introjtu 2020 u 2021, rispettivament)




*Nota*: Id-data għal FR hija proviżorja. Hemm interruzzjoni fis-serje fl-2022 għal FR u LU, u fl-2021 għal LU.
*Sors* : l-Eurostat [ilc_li70], l-UE-SILC.

252 Ara r-Rapport dwar l-Introjtu Minimu tal-2022.
253 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (2023/C 41/01).

**L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija sfida dejjem akbar fl-UE.** Fl-2022, 9,1 % tal-popolazzjoni ġenerali tal-UE kienet tgħix f'unità domestika fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni kienu jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali. Din ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni turi żieda fil-livell tal-UE minn 8,9 % fl-2021 u 7,8 % fl-2020. Il-Greċja hija "dgħajfa iżda qed titjieb" skont din id-dimensjoni, billi qed tirreġistra l-ogħla rata (26,7 %), iżda bi tnaqqis meta mqabbla mal-2021 (u mill-2015 meta kienet 45,5 %). Il-Lussemburgu kellu t-tieni l-ogħla rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, b'żieda ta' 5,5 pps mill-2021, u jinsab f'"sitwazzjoni kritika", flimkien mal-Bulgarija u d-Danimarka. L-inqas rati tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ġew irreġistrati fis-Slovakkja u f'Ċipru, li kienu "bl-aħjar prestazzjoni", u f'Malta (ara l-Illustrazzjoni 2.4.11). Għall-persuni f'riskju ta' faqar, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kienet ogħla b'mod sinifikanti milli għall-bqija tal-popolazzjoni fil-livell tal-UE (33,1 %, jiġifieri 29,2 pps ogħla), b'ċerta eteroġeneità bejn l-Istati Membri[254]. L-ogħla rati tal-piż eċċessiv tal-kost għall-popolazzjoni f'riskju ta' faqar kienu fil-Greċja, id-Danimarka u l-Bulgarija (84,5 %, żieda b'7,8 pps, 70,7 %, tnaqqis b'1,4 pps u 50,1 %, żieda bi 12,9 pps), filwaqt li l-aktar baxxi (inqas minn 15 %) kienu f'Ċipru, Malta, il-Litwanja u s-Slovakkja (wara li esperjenzaw tnaqqis qawwi bi 18,5 pps). B'mod ġenerali, fl-Istati Membri, l-inkwilini fis-suq privat tal-kiri kellhom it-tendenza li jkunu ħafna aktar affettwati mill-isfidi tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni mis-sidien, b'ipoteka jew mingħajrha, u mill-inkwilini b'kera bi prezz imnaqqas jew kera mingħajr ħlas[255].

254 il-Eurostat [ilc_lvho07a], EU SILC.
255 il-Eurostat [ilc_lvho07c], EU SILC.

**Illustrazzjoni 2.4.11: Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet bi ftit u wriet sinjali qawwija ta' diverġenza bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: l-Eurostat [tespm140], l-UE-SILC.

**L-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed u l-familji bit-tfal huma aktar probabbli li jesperjenzaw diffikultajiet severi ta' akkomodazzjoni**[256]**.** Il-privazzjoni severa tal-akkomodazzjoni affettwat 7,6 % tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed fl-2020, li kellhom ukoll ċans akbar li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni (rata ta' 16,2 % għall-UE, kważi d-doppju tal-medja). Is-sehem tat-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi li jridu jlaħħqu mal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqas fl-UE minn 7,8 % fl-2021 għal 7,1 % fl-2022. Madankollu, dan żdied sostanzjalment fil-Lussemburgu, il-Bulgarija u n-Netherlands (bi 12.1, 4.6 u 4,1 pps, rispettivament), filwaqt li naqas fis-Slovakkja u l-Greċja (b'7 u 5,7 pps, rispettivament). Madankollu, il-Greċja baqgħet il-pajjiż bl-ogħla rata (30 %), segwita mil-Lussemburgu (16 %), il-Bulgarija (14,3 %), Spanja (11,5 %) u l-Ġermanja (9,4 %).

**Matul l-aħħar deċennju, ftit li xejn sar progress fit-tnaqqis tal-għadd ta' persuni mingħajr dar fl-Istati Membri tal-UE**. Minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni u metodoloġija ta' statistika komuni għall-għadd ta' persuni li qegħdin jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, id-data ma hijiex komparabbli bejn l-Istati Membri, u huwa diffiċli li l-fenomenu jiġi kkwantifikat b'mod preċiż fil-livell tal-UE. Madankollu, fl-2023, il-FEANTSA u l-Fondazzjoni Abbé Pierre stmaw li l-għadd ta' persuni mingħajr dar li jorqdu b'mod aħrax jew f'akkomodazzjoni temporanja/ta' emerġenza fi kwalunkwe lejl partikolari kien ta' mill-inqas 895 000 fl-UE, abbażi tad-data estrapolata mill-għadd ta' punti ta' żmien imwettqa bejn l-2017 u l-2022[257]. Skont id-data nazzjonali, fejn disponibbli, is-sitwazzjoni ddeterjorat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-eċċezzjonijiet notevoli tal-Finlandja, id-Danimarka u n-Netherlands. Il-kuntest ekonomiku kurrenti, ikkaratterizzat minn żieda fl-għoli tal-ħajja, aggrava l-kawżi tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u s-sitwazzjoni tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi l-aktar fil-bżonn.

256 Dan il-paragrafu huwa bbażat fuq il-Eurostat [ilc_mdho06a], [ilc_mdho06b], [ilc_lvho07e] u [ilc_lvho07a], l-UE-SILC. Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal tal-aħħar fl-2022 għal-Lussemburgu.

257 Ara Fondation Abbé Pierre – FEANTSA: *Eight overview of housing exclusion in Europe*, 2023.

**Kaxxa 8 tal-Pilastru: It-titjib tal-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u assistenza għall-akkomodazzjoni għal dawk fil-bżonn fl-UE**

**L-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u assistenza għall-akkomodazzjoni huwa dritt fundamentali[258] u kruċjali għall-benesseri u l-koeżjoni soċjali tal-individwi.** Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza ta' akkomodazzjoni aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u eżiti edukattivi aħjar. L-Artikolu 31 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappellaw lill-Istati Membri biex jipprovdu aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali u l-assistenza għall-akkomodazzjoni, jipprevjenu l-iżgumbramenti furzati u jiżguraw l-inklużjoni soċjali għal nies vulnerabbli u mingħajr dar.

**Il-kost tal-akkomodazzjoni jirrappreżenta sehem għoli ta' introjtu disponibbli, speċjalment għal dawk f'riskju ta' faqar, li naqas bil-mod u b'mod mhux uniformi fl-Istati Membri.** Il-kostijiet tal- huma impenji li ma humiex possibbli li jiġu rrinunzjati mingħajr ma tiġi pperikolata serjament il-kwalità tal-ħajja jew irriskjata t-tbatija finanzjarja. Fl-2022, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar (AROP) li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni kien ta' 34,2 % fl-UE, li huwa aktar minn tliet darbiet ogħla milli fil-popolazzjoni totali (9,1 %). Dan jirriżulta minn progress bil-mod (sempliċi tnaqqis ta' 5,6 pps) fil-livell tal-UE mill-2012, b'differenzi konsiderevoli fost l-Istati Membri. Inkiseb progress tajjeb fis-Slovakkja u l-Litwanja, fejn ir-rata tal-piż eċċessiv naqset b'aktar min-nofs, segwita minn tnaqqis ta' aktar minn 40 % fl-Estonja, il-Latvja u r-Rumanija. Fl-istess ħin, ġiet irreġistrata żieda fir-rata tal-piż eċċessiv ta' aktar minn 50 % għan-Netherlands u l-Lussemburgu, segwiti mill-Finlandja u Franza b'żieda ta' aktar minn 10 %. L-ebda mudell ta' konverġenza u ta' diverġenza ma huwa viżibbli fl-Istati Membri fuq medda itwal ta' żmien.

**Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni tal-persuni f'riskju ta' faqar fl-2012 u fl-2022**

Is-sehem tal-persuni AROP li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, 2012 u 2022 (%, livelli u bidla perċentwali)




*Sors*: l-Eurostat [ilc_lvho07a]. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU fl-2022.

[258] Ara l-Artikolu 25.1 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali.

**Il-konformità mal-istandards tal-kundizzjoni materjali, l-aċċessibbiltà fiżika għall-persuni b'diżabbiltà u l-ħolqien ta' viċinati inklużivi huma prerekwiżiti għall-kwalità tal-akkomodazzjoni.** L-inadegwatezza severa tal-akkomodazzjoni, inkluż f'termini ta' daqs, spiss tiġi kkategorizzata bħala forma ta' kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar[259]. Barra minn hekk, il-komunitajiet sottorappreżentati jew emarġinati, bħar-Rom, spiss jesperjenzaw segregazzjoni fl-akkomodazzjoni (jiġifieri aċċess mhux ugwali għal akkomodazzjoni konvenzjonali, inklużiva u ta' kwalità għolja, u servizzi relatati). L-iskemi ta' akkomodazzjoni soċjali biex jindirizzaw dawn l-isfidi jvarjaw madwar l-UE f'termini ta' objettivi, rekwiżiti u kundizzjonijiet ta' intitolament, iżda wkoll riżorsi finanzjarji (appoġġ in natura jew allowances fi flus)[260]. L-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali jista' jtejjeb l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għal gruppi b'introjtu baxx u vulnerabbli, inklużi dawk mingħajr dar.

**Il-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-affordabbiltà, id-disponibbiltà u l-adegwatezza tal-akkomodazzjoni, speċjalment għal dawk fil-bżonn.** Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-akkomodazzjoni u għall-assistenza għall-akkomodazzjoni hija tal-Istati Membri, il-finanzjament tal-UE (permezz tal-programmi tal-FEŻR, tal-FSE+, tal-RRF u tal-InvestEU) u l-politiki jistgħu jappoġġaw l-isforzi tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u subnazzjonali biex jindirizzaw dawn l-isfidi, pereżempju fl-oqsma tal-koeżjoni u l-iżvilupp urban, l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali, il-politiki industrijali u tal-enerġija. Barra minn hekk, l-inizjattivi tal-UE bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Inizjattiva dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu s-sostenibbiltà u l-inklużività tal-akkomodazzjoni[261].

**L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali huwa prominenti fuq l-aġenda politika, leġiżlattiva u finanzjarja f'ħafna Stati Membri.** Dawn jinkludu b'mod speċjali **ċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja.** Pereżempju, bħala parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha, il-**Latvja** bdiet l-iżvilupp tal-Istrateġija tal-Akkomodazzjoni Affordabbli biex tistabbilixxi appoġġ adegwat għall-gruppi kollha tal-introjtu. Ittieħdu miżuri speċifiċi ta' regolamentazzjoni tal-kera minn **Franza**, filwaqt li **l-Portugall** stabbilixxa skema ta' allowances biex jappoġġa lill-familji jħallsu kirjiet u ipoteki (parti mill-pakkett legali estensiv *Mais Habitação*) flimkien ma' miżuri ulterjuri biex jittaffa l-impatt tar-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu fuq is-self għall-akkomodazzjoni. **Il-Greċja** żviluppat programm ta' self u assistenza għall-akkomodazzjoni fil-kuntest lokali, u pprovdiet ukoll żieda fl-allowance għall-benefiċċji tal-akkomodazzjoni lill-istudenti, filwaqt li **Malta** elaborat programm ta' appoġġ għax-xerrejja għall-ewwel darba bl-għoti ta' 10 000 għotja. **Il-Polonja** adottat abbozz ta' liġi dwar il-kooperattivi tal-akkomodazzjoni u **Spanja** dwar l-akkomodazzjoni. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi indirizzat l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija, ġew żviluppati allowances speċifiċi f**l-Italja** u **l-Latvja**.

---

259 Il-Fondazzjoni Abbé Pierre - FEANTSA, *Third overview of housing exclusion in Europe*, 2018.

260 OECD, *Building for a better tomorrow: Policies to make housing more affordable*, 2021, Pariġi.

261 Ara New European Bauhaus: beautiful, sustainable, together.(europa.eu) u l-Inizjattiva dwar l-akkomodazzjoni affordabbli.

**Wara tnaqqis żgħir bejn l-2020 u l-2021, ir-rata tal-AROPE fost il-persuni ta' 65 sena jew aktar żdiedet fl-2022**. Mill-2015, din ir-rata żdiedet minn 18 % għal 20,2 %, b'diskrepanza persistenti bejn in-nisa u l-irġiel (22,9 % u 16,7 %, rispettivament). Din ix-xejra ġenerali kienet xprunata minn żieda fil-faqar monetarju f'dan il-grupp ta' popolazzjoni, minn 16,8 % fl-2021 għal 17,3 % fl-2022. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, ir-riskju ta' faqar (AROP) fix-xjuħija huwa ogħla milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64), għalkemm id-differenza bejn iż-żewġ gruppi tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri (ara l-pannell ta' fuq tal-Illustrazzjoni 2.4.12). Ir-rata ta' privazzjoni materjali jew soċjali severa tirreġistra tnaqqis kontinwu, għalkemm b'żieda żgħira bejn l-2021 u l-2022 (minn 7,4 % fl-2015 għal 5,3 % fl-2021 u 5,5 % fl-2022). Din ir-rata hija aktar baxxa minn fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fil-livell tal-UE (6,6 % fl-2022) fil-maġġoranza tal-Istati Membri (ara l-pannell ta' isfel tal-Illustrazzjoni 2.4.12).

**Illustrazzjoni 2.4.12: Il-persuni akbar fl-età (65+) qed jiffaċċaw riskji ta' faqar ogħla mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, iżda ġeneralment ikunu inqas esposti għal privazzjoni materjali u soċjali estrema**

Ir-rati tal-persuni f'riskju ta' faqar (AROP) (il-pannell ta' fuq) u r-rati ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema (il-pannell ta' isfel), skont il-gruppi ta' età (%, 2022)




*Nota*: Fuq ix-xellug, il-bar ta' 18-64 tiżdied mal-bar ta' 65+; fuq il-lemin, il-bar ta' 65+ tiżdied mal-bar ta' 18-64. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU.
*Sors*: l-Eurostat [ilc_li02] u [ilc_mdsd11], l-UE-SILC.

**Bħala medja, il-pensjonijiet jammontaw għal madwar 60 % tal-introjtu tal-fażi tardiva tal-karriera fl-UE**. Il-pensjoni medja ta' dawk li għandhom bejn 65 u 74 sena baqgħet ta' 0,58 tal-introjtu mix-xogħol ta' dawk fl-età ta' bejn 50 u 59 sena fl-2022[262]. Dan il-proporzjon ta' sostituzzjoni aggregat ilu jiżdied bil-mod minn 0,54 fl-2012. F'xi pajjiżi (bħal-Lussemburgu, Spanja, l-Italja u l-Greċja), huwa ogħla minn 0,70. F'dawn l-Istati Membri, ir-rati tal-faqar fix-xjuħija għandhom ukoll it-tendenza li jkunu aktar baxxi meta mqabbla mal-età tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, fi 12-il Stat Membru, il-proporzjon ta' sostituzzjoni huwa inqas minn 0,50 u saħansitra inqas minn 0,40 f'erbgħa minnhom (il-Litwanja, l-Irlanda, il-Bulgarija u l-Kroazja), filwaqt li fir-Rumanija żdied minn 0,38 fl-2021 għal 0,52 fl-2022. Fl-2022, il-proporzjon kien aktar baxx fost in-nisa fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[263].

**Fl-2022, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika baqgħu ġeneralment stabbli bħala medja, iżda b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri.** Filwaqt li l-medja tal-UE żdiedet biss b'mod moderat, minn 2 % fl-2021 għal 2,2 % fl-2022, għad hemm varjazzjoni kbira bejn il-pajjiżi, minn 0,1 % f'Ċipru għal 9,1 % fl-Estonja (ara l-Illustrazzjoni 2.4.13), b'xejra diverġenti evidenti. L-ogħla livelli ta' ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika ġew irrapportati fl-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja u l-Latvja, kollha f'"sitwazzjonijiet kritiċi", kif ukoll fir-Rumanija, li "għandha tiġi osservata". Wara li l-livelli naqsu b'mod ġenerali matul l-aħħar deċennju, iċ-ċifri qed jerġgħu jiżdiedu għal dawn il-pajjiżi. B'mod partikolari, il-Greċja (prinċipalment minħabba li l-kura medika hija "għalja wisq") u l-Finlandja (prinċipalment għal raġunijiet relatati mal-"lista ta' stennija") irrapportaw żidiet ogħla minn 2 pps fl-2022. L-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet mhux issodisfati (b'valuri inqas minn 1 %) ġew irrapportati għal Ċipru, "bl-aħjar prestazzjoni" f'dan il-qasam, kif ukoll in-Netherlands, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Malta, il-Lussemburgu u l-Awstrija, kollha "aħjar mill-medja" (flimkien mal-Belġju, il-Bulgarija, Spanja u l-Kroazja). Persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huma aktar probabbli li jirrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakk mal-popolazzjoni ġenerali tvarja bejn l-Istati Membri. L-akbar differenzi bejn il-kwintili tal-inqas u l-ogħla introjtu ġew irrapportati għall-Greċja (11-il pps), il-Latvja, ir-Rumanija (it-tnejn bi 8,4 pps), il-Finlandja (7,6 pps) u l-Portugall (6,1 pps). Huma

---

262 Kif muri mill-proporzjon ta' sostituzzjoni aggregat (ARR), il-Eurostat [ilc_pnp3], l-UE-SILC, definit bħala l-proporzjon tal-pensjonijiet grossi individwali medjani tal-kategorija tal-età ta' 65-74 sena meta mqabbla mal-qligħ gross individwali medjan tal-kategorija tal-età ta' 50-59 sena, minbarra benefiċċji soċjali oħrajn.

263 Aktar informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi tal-pensjonijiet hija pprovduta fil-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-adegwatezza tal-pensjonijiet, żviluppat b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-qafas għandu jiġi applikat fl-isfond tal-analiżi aktar kompluta fir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet.

osservati wkoll differenzi reġjonali fil-ħtiġijiet mhux issodisfati rrapportati, bħal għall-Ungerija, ir-Rumanija u l-Polonja (ara l-Illustrazzjoni 10 fl-Anness 5).

**Illustrazzjoni 2.4.13: Ġiet irreġistrata varjazzjoni kbira fil-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika bejn l-Istati Membri**

Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, il-livelli tal-2022 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal FR u LU.

*Sors*: l-Eurostat, [tespm_110], l-UE-SILC.

**L-iżviluppi demografiċi, b'mod partikolari l-istennija tal-għomor futura ogħla pproġettata, qed iżidu l-ħtieġa potenzjali li l-kura fit-tul (LTC) timxi 'l quddiem.** L-għadd ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' LTC huwa pproġettat li jiżdied fl-UE minn 30,8 miljun fl-2019 għal 33,7 miljun fl-2030 u għal 38,1 miljun fl-2050[264]. Skont id-data tal-2019, 26,6 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati kienu jeħtieġu LTC fl-UE, b'differenzi notevoli skont il-ġeneru (32,1 % tan-nisa vs 19,2 % tal-irġiel)[265]. L-aħħar mikrosimulazzjonijiet mill-JRC isibu li, minbarra l-fatturi demografiċi, l-edukazzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa u l-isforzi għall-prevenzjoni tal-mard huma fatturi ewlenin li għandhom impatt fuq il-ħtieġa pproġettata għal LTC[266].

**Il-persuni fil-bżonn ta' LTC spiss ikollhom aċċess limitat għal servizzi formali ta' kura fid-dar, minħabba li dawn ma jkunux affordabbli, disponibbli jew ta' kwalità tajba biżżejjed**. Fl-2019, 46,5 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar b'diffikultajiet severi fil-kura personali jew fl-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi fl-UE rrapportaw li kellhom ħtieġa mhux issodisfata għal għajnuna f'attivitajiet bħal dawn. Dan kien ferm aktar evidenti għall-persuni fl-aktar kwintil baxx tal-introjtu (51,2 %) meta mqabbla ma' dawk fl-ogħla (39,9 %). In-nuqqas ta' aċċess għall-kura formali jista' jissarraf fi ħtiġijiet ta' kura mhux issodisfati jew f'piż fuq persuni li jindokraw b'mod informali. L-isfidi tal-aċċess huma aggravati minn nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema u ta' ħiliet fis-settur tal-kura. Huwa stmat li s-sehem ta' LTC tal-impjiegi totali jkun jeħtieġ li jiżdied bi 32 %, jew b'0,6 pps, bħala medja fil-pajjiżi tal-OECD matul id-deċennju li ġejjin, sabiex tintlaħaq iż-żieda pproġettata fid-domanda[267]. Is-settur jeħtieġ ukoll li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol biex iżomm il-persunal u jattira l-ħaddiema bil-ħiliet it-tajbin. Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar flimkien ma' edukazzjoni u taħriġ aħjar li jippreparaw għall-professjonijiet fis-settur iżidu wkoll il-kwalità tal-kura pprovduta. Sabiex tkejjel il-livell ta' protezzjoni soċjali għal-LTC fix-xjuħija u tqabblu bejn il-pajjiżi, l-OECD, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, żviluppat sett ta' każijiet tipiċi ta' ħtiġijiet ta' LTC[268]. L-analiżi tissuġġerixxi li, anki wara li jiġu riċevuti l-benefiċċji tal-LTC, l-ispejjeż mill-but għall-kura

---

[264] Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika, *The 2021 Ageing Report – Economic and budgetary projections for the EU Member States* (2019-2070), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

[265] l-Eurostat [hlth_ehis_tadle], EHIS. Din il-miżura bbażata fuq l-istħarriġ tkopri biss persuni f'unitajiet domestiċi privati iżda mhux dawk f'kura residenzjali.

[266] Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, *Demographic microsimulation of long-term care needs in the European Union*, 2023.

[267] OECD, *Beyond Applause? Improving Working Conditions in Long-Term Care*, 2023.

[268] Cravo Oliveira Hashiguchi, T. and Llena-Nozal, A., *The Effectiveness of Social Protection for Long-term Care in Old Age:Is social protection reducing the risk of poverty associated with care needs?*, Dokument ta' Ħidma tas-Saħħa tal-OECD Nru 117, OECD Publishing, Pariġi, 2021.

jistgħu jkunu għoljin ħafna f'xi Stati Membri, speċjalment għall-persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet severi tal-LTC li jirċievu kura fid-dar (ara l-Illustrazzjoni 2.4.14).

**Illustrazzjoni 2.4.14: L-ispejjeż mill-but għall-kura jistgħu jkunu għoljin ħafna, speċjalment għall-persuni akbar fl-età bi bżonnijiet severi ta' kura fit-tul li jirċievu kura fid-dar**

L-ispejjeż mill-but tal-kura fid-dar bħala sehem mill-introjtu tax-xjuħija (wara l-appoġġ pubbliku), għal dawk li jirċievu l-kura b'introjtu medju u mingħajr ebda ġid nett, skont il-livell ta' severità, 2022




*Nota:* EE tirreferi għal Tallinn fl-Estonja, IT tirreferi għal Alto Adige (Tyrol tan-Nofsinhar) fl-Italja, AT tirreferi għal Vjenna fl-Awstrija, BE tirreferi għal Flanders fil-Belġju.
*Sors:* Analiżijiet tal-OECD fuq il-bażi tal-kwestjonarju tal-OECD dwar il-protezzjoni soċjali fit-tul, il-Bażi tad-Data tal-OECD dwar id-Distribuzzjoni tal-Introjtu u l-Bażi tad-Data tal-OECD dwar id-Distribuzzjoni tal-Ġid

## 2.4.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**Kważi l-Istati Membri kollha implimentaw miżuri ta' appoġġ biex jgħinu lin-nies ilaħħqu maż-żieda fl-għoli tal-ħajja.** Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (**il-Belġju, Ċipru, Spanja, il-Finlandja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja**) żiedu l-benefiċċji bħall-introjtu minimu, il-benefiċċji tal-familja u tat-tfal, il-benefiċċji tal-qgħad, u l-pensjonijiet. **Is-Slovenja** hija wieħed mill-ftit pajjiżi li aġġustaw ukoll il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni. **Il-Greċja** u **s-Slovakkja** għażlu pagamenti żejda ta' darba u pagamenti parzjali addizzjonali għall-introjtu minimu u l-benefiċċji tal-familja jew tat-tfal matul l-2022. Fl-aħħar nett, **l-Iżvezja** pprovdiet ammont żejjed f'termini ta' benefiċċji tal-akkomodazzjoni lill-familji bit-tfal mill-pandemija u żiedet dan l-ammont aktar f'Ġunju 2023 bħala rispons għall-għoli tal-ħajja[269].

[269] Immappjar aktar estensiv tal-miżuri implimentati mill-Istati Membri biex jittrattaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-għoli tal-ħajja jista' jinstab fir-Rapport Annwali 2023 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

**Sabiex jappoġġaw l-aċċess għal servizzi essenzjali, u speċjalment l-enerġija, fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet, l-Istati Membri adottaw miżuri ta' emerġenza sostanzjali, li kienu temporanji iżda spiss mhux immirati[270].** Pereżempju, **il-Belġju** implimenta żewġ pakketti ta' kontribuzzjoni matul ix-xitwa 2022-2023 li jipprovdu appoġġ lill-unitajiet domestiċi kollha fil-forma ta' tnaqqis awtomatiku fuq il-kontijiet tal-elettriku u tal-gass. **L-Irlanda** allokat EUR 1,2 biljun għall-appoġġ għall-enerġija permezz tal-ħlas ta' kreditu biex tgħin lill-konsumaturi jnaqqsu l-kontijiet tal-elettriku tagħhom. **Franza** introduċiet vawċer tal-enerġija eċċezzjonali bħala appoġġ addizzjonali ta' darba għall-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli u **ċ-Ċekja** ppromulgat limitu massimu temporanju fuq il-prezzijiet tal-enerġija. **Il-Portugall** introduċa vawċer għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli biex itaffi l-faqar enerġetiku fl-akkomodazzjoni ("Vale Eficiênca") u naqqas il-VAT fuq l-elettriku għal 6 % għall-klijenti domestiċi u/jew dawk b'vultaġġ baxx b'elettriku kuntrattat sa 6.9 kVA. **Il-Bulgarija** u **r-Rumanija** pprovdew appoġġ temporanju permezz ta' skema ta' vawċers lill-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli li jużaw il-FSE - finanzjament ta' REACT-EU, bħala parti mill-inizjattiva SAFE. **Spanja** estendiet sal-31 ta' Diċembru 2023 miżura li tiggarantixxi provvisti bażiċi ta' ilma, gass, elettriku u telekomunikazzjoni. **L-Italja** introduċiet fond ta' EUR 112-il miljun biex tiffinanzja vawċer immirat biex ikopri l-ispejjeż tat-trasport għal individwi b'introjtu baxx. **Malta** għamlet it-trasport pubbliku mingħajr ħlas għar-residenti kollha li għandhom karta tat-trasport personali minn Ottubru 2022. **Is-Slovenja** imponiet limitu massimu fuq il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass għall-unitajiet domestiċi. Hija naqqset temporanjament ir-rata tal-VAT (minn 22 % għal 9,5 %) u naqqset bin-nofs id-dazji tas-sisa fuq l-elettriku u l-gass. **Is-Slovakkja** introduċiet limiti massimi fuq il-prezzijiet tal-gass, tat-tisħin u tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti. Ġew adottati wkoll xi pagamenti ta' darba għall-persuni l-aktar affettwati minn prezzijiet għoljin tal-enerġija.

---

270 Għal dawn il-miżuri wkoll, ara r-Rapport Annwali 2023 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

**Diversi Stati Membri ffokaw fuq l-indirizzar u l-prevenzjoni tal-isfidi tal-faqar permezz ta' titjib fl-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-introjtu minimu u l-assistenza soċjali. Il-Latvja** adottat riforma tal-introjtu minimu li kienet tinvolvi għall-2023 u l-2024 żieda fit-trasferimenti kollha relatati mal-introjtu minimu u torbot l-introjtu minimu futur, il-pensjonijiet u diversi livelli limiti ta' miżuri ta' appoġġ soċjali mal-introjtu medju, u b'hekk tipprevedi indiċjar annwali. **Il-Polonja** u **l-Ungerija** introduċew miżuri mmirati lejn gruppi ta' età jew żoni partikolari. F'konformità mar-riforma tagħha tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, **il-Bulgarija** introduċiet emendi legali għall-allowance tat-tisħin biex tissimplifika l-gruppi fil-mira, iżżid il-livell limitu tal-introjtu u l-kopertura tal-allowance. **Iċ-Ċekja** żiedet l-ammont tal-"minimu tal-għajxien" u tal- "minimu ta' sussistenza" b'madwar 5 %, billi t-tnejn li huma jintużaw għall-kalkolu ta' allowances oħra.

**Ittieħdu passi f'diversi Stati Membri lejn il-modernizzazzjoni tal-introjtu minimu u l-assistenza soċjali. Il-Ġermanja** introduċiet riforma kbira tad-dispożizzjoni tagħha dwar l-introjtu minimu bl-Att dwar il-Benefiċċji taċ-Ċittadini (*Bürgergeld-Gesetz*). L-appoġġ għall-introjtu bażiku għal dawk li qed ifittxu impjieg ġie rriformat kif xieraq. Lil hinn mill-aġġustament tar-rati tal-ħtiġijiet standard (livell ta' benefiċċji), l-Att għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lir-rikorrenti li huma kapaċi jaħdmu biex jaħtfu opportunitajiet ġodda. L-Att jinċentiva l-iżvilupp tal-ħiliet, permezz ta' benefiċċju kontinwu għall-edukazzjoni u t-taħriġ (*Weiterbildungsgeld*), bonus ta' benefiċċju taċ-ċittadini (*Bürgergeldbonus*), u bonus permanenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ (*Weiterbildungsprämie*). Tneħħiet il-prijoritizzazzjoni tal-kollokament f'impjieg fil-Ktieb II tal-Kodiċi Soċjali, li twitti t-triq għal aktar persuni biex jinvolvu ruħhom f'taħriġ inizjali u kontinwu. F**il-Finlandja**, il-Kumitat Parlamentari tas-Sigurtà Soċjali b'mandat ta' 7 snin (2020-2027) għandu l-kompitu li jirriforma s-sistema tas-sigurtà soċjali Finlandiża, u b'hekk inaqqas il-kumplessità tagħha. Rapport interim jiddeskrivi modi alternattivi ta' kif tiġi organizzata s-sigurtà soċjali u proposti għal riformi, inklużi linji gwida ta' politika għal indikaturi u għodod għall-valutazzjoni tal-progress. F**il-Portugall**, saru sforzi li kellhom l-għan li jimmodernizzaw u jissimplifikaw is-sistema tal-benesseri u li jżidu l-użu tal-benefiċċji permezz tat-"Tranżizzjoni Diġitali tas-Sigurtà Soċjali". Filwaqt li għadhom fi stadju preliminari, ittieħdu passi fl-RRP rivedut reċentement lejn il-ħolqien ta' benefiċċju soċjali wieħed, maħsub biex jissostitwixxi sett ta' benefiċċji mhux kontributorji. **Spanja** tkompli bl-isforzi tagħha biex timplimenta r-riforma tal-introjtu minimu tagħha, b'mod partikolari billi tiżviluppa ċentru għall-ħolqien ta' perkorsi tal-integrazzjoni għal riċevituri tal-introjtu minimu. Wara t-tlestija tal-proġetti pilota appoġġati mill-RRF, evalwazzjoni ser tivvaluta l-kopertura, l-effettività u l-fatturi ta' suċċess. Barra minn hekk, mill-1 ta' Jannar 2023, il-benefiċjarji tal-introjtu minimu jistgħu jibbenefikaw minn inċentiv għax-xogħol: jekk isibu impjieg jew iżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom, l-ammont tal-benefiċċju ma jitnaqqasx bl-istess rata hekk kif jiżdied l-introjtu mix-xogħol. **Ir-Rumanija** rrevediet il-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-introjtu minimu biex ittejjeb l-assistenza soċjali. Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas il-faqar, tistimula l-impjiegi permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni u żżid il-kisba tal-edukazzjoni, filwaqt li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-amministrazzjoni u għall-benefiċjarji. **Is-Slovakkja** pprovdiet allowance ta' stabbilizzazzjoni lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u lil impjegati oħrajn fil-faċilitajiet tal-protezzjoni soċjali tat-tfal.

**Servizzi soċjali reżiljenti huma essenzjali, kif muri mill-pandemija tal-COVID-19. Ċipru** adotta riforma li għandha l-għan li tirristruttura u timmodernizza s-servizzi soċjali biex iwieġeb fil-pront għall-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli. F**il-Latvja**, id-dikjarazzjoni tal-gvern il-ġdid tistabbilixxi l-objettiv li jiġi introdott basket minimu ta' servizzi soċjali li għandhom jiġu pprovduti fuq bażi obbligatorja fil-livell lokali. Bl-istess mod, **Spanja** ser tgħaddi fil-qafas tal-RRP tagħha riforma li ser tiggarantixxi portafoll minimu ta' servizzi komuni u standards komuni għall-forniment ta' servizzi soċjali fil-pajjiż kollu. **Il-Bulgarija** qed tippjana li tiżviluppa sa tmiem l-2023, fil-qafas tal-RRP tagħha, immappjar nazzjonali tas-servizzi soċjali li ser jidentifika l-lakuni fil-forniment u jgħin biex jiddetermina l-ħtiġijiet ta' investiment.

**Fl-2022-2023, ġew introdotti diversi riformi b'rabta mas-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad**[271]**.** Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika inċerta, f'Ġunju 2023, **l-Iżvezja** ddeċidiet li żżomm aċċess aktar faċli għall-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu ta' kwalifika, l-istorja tal-impjieg u l-aċċess potenzjali għall-intraprendituri (f'każ ta' interruzzjonijiet ripetuti fl-attivitajiet kummerċjali). F'Diċembru 2022, **l-Estonja**, bħala parti mill-RRP tagħha, adottat riforma tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad li tagħmel il-perjodu tal-benefiċċju dipendenti fuq iċ-ċiklu ekonomiku mill-aħħar ta' Ġunju 2023. L-għan huwa li tittejjeb il-protezzjoni soċjali tal-persuni qiegħda f'kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol aktar diffiċli, filwaqt li jiġi appoġġat ritorn aktar mgħaġġel għal impjieg meta s-sitwazzjoni titjieb. Fi **Franza**, ir-riforma tal-assigurazzjoni tal-qgħad adottata f'Diċembru 2022 naqqset id-durata tal-benefiċċji tal-qgħad u neħħiet l-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad fil-każ ta' abbandun tal-impjieg. **Il-Finlandja** ħabbret riforma biex tipprovdi aktar inċentivi għax-xogħol li ser żżid it-tul tax-xogħol preċedenti u tagħmel l-ammont ta' benefiċċji dipendenti fuq il-qligħ preċedenti, filwaqt li r-rata ta' sostituzzjoni ser tonqos maż-żmien.

[271] Ara wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, COM/2023/43 final, adottat f'Jannar 2023.

**Il-miżuri meħuda minn xi Stati Membri kellhom l-għan li jsaħħu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal gruppi speċifiċi, bħal dawk li jaħdmu għal rashom.** F**il-Litwanja**, f'Ġunju 2023, il-gvern ippropona bħala parti mill-RRP tiegħu, riforma tal-assigurazzjoni tal-qgħad biex jitnaqqas it-tul tal-kontribuzzjonijiet minimi meħtieġa (minn 12-il xahar sa 9 xhur, fl-aħħar 30 xahar), kif ukoll biex jiġu inklużi dawk li jaħdmu għal rashom. Fi **Spanja**, ir-riforma ta' Lulju 2022 stabbiliet sistema ta' kontribuzzjoni ġdida għal dawk li jaħdmu għal rashom, u tejbet il-protezzjoni f'każ ta' waqfien tal-attività. Spanja rregolat ukoll benefiċċju ġdid għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li joperaw f'settur affettwat minn sensji temporanji tal-"Mekkaniżmu RED" ċikliku għall-flessibbiltà u l-istabbilizzazzjoni tal-impjiegi. Barra minn hekk, ir-riforma tal-istatus tal-artisti introduċiet benefiċċji tal-qgħad speċjali għalihom minn Lulju 2023. F'Settembru 2023, **iċ-Ċekja** introduċiet xi bidliet għall-ħaddiema skont il-"*ftehimiet biex iwettqu x-xogħol*" bil-ħsieb li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi, mill-inqas parzjalment, bil-kuntratti tal-impjiegi klassiċi (l-introduzzjoni tal-liv imħallas u l-ħlas żejjed għal tmiem il-ġimgħa, għall-iljieli jew għall-btajjel). F**il-Belġju**, ir-regolamenti l-ġodda approvati f'Diċembru 2022 adattaw il-liġi dwar il-protezzjoni soċjali għas-sitwazzjoni speċifika tal-impjiegi u r-relazzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tat-tekniċi, u b'hekk ħolqu status ġdid ta' "ħaddiema tal-arti". Barra minn hekk, il-"benefiċċju tax-xogħol tal-arti" l-ġdid (minn Ottubru 2022) wessa' l-kategoriji ta' ħaddiema tal-arti koperti u tejjeb l-aċċess tagħhom għal tip speċjali ta' benefiċċji tal-qgħad.

**L-aċċess għall-benefiċċji tal-mard ġie ffaċilitat permezz ta' diversi miżuri.** F**l-Irlanda**, l-Att tal-2022 dwar il-Liv Minħabba Mard introduċa, minn Jannar 2023, dritt statutorju għall-ħlas tal-benefiċċji tal-mard, li jipprovdi lill-impjegati (b'mod partikolari dawk b'paga baxxa u mingħajr dritt għal skema ta' kumpanija għall-ħlas tal-benefiċċji tal-mard) id-dritt għal perjodu minimu ta' liv imħallas jekk dawn jimirdu jew isofru korriment li jagħmilhom inkapaċi għax-xogħol. Id-durata tal-liv minħabba mard imħallas ser tiżdied fuq bażi gradwali matul it-3 snin li ġejjin sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż finanzjarju eċċessiv fuq l-impjegaturi. Minn Ġunju 2023, **Spanja** introduċiet tliet sitwazzjonijiet mhux okkupazzjonali bħala raġunijiet ġodda għal-liv minħabba mard, mingħajr ma kien meħtieġ perjodu minimu ta' kontribuzzjoni. **Ċipru**, bħala parti mill-politika tiegħu li jiddiġitalizza u jimmodernizza l-komunikazzjoni taċ-ċittadini mas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali (SIS), nieda fi Frar 2023 il-pjattaforma elettronika għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-benefiċċji tal-mard.

**Diversi Stati Membri saħħew il-benefiċċji tal-familja u l-indukrar tat-tfal, anki b'rispons għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja.** F**l-Awstrija**, total ta' EUR 200 miljun fis-sena f'sussidji għal skop speċjali mill-gvern federali lill-Istati federali fis-snin skolastiċi mill-2022-2023 sal-2026-2027 ġew allokati biex javvanzaw l-espansjoni ta' servizzi edukattivi elementari tal-indukrar tat-tfal. F**il-Bulgarija**, il-benefiċċji tar-reġistrazzjoni fl-iskejjel ta' BGN 300 (EUR 154), oriġinarjament mogħtija lill-istudenti li jibdew il-gradi 1 u 8, ġew estiżi wkoll għal dawk li jibdew il-gradi 2, 3 u 4. F'**Ċipru**, is-servizzi tal-kura għal tfal fl-età sa 4 snin huma sussidjati permezz ta' pagamenti diretti lill-kindergartens. Is-sussidju jista' jilħaq sa 80 % tal-kost ta' kull xahar għall-indukrar tat-tfal, b'ammont massimu skont il-livell ta' introjtu. F**iċ-Ċekja**, ingħatat allowance ta' darba ta' CZK 5 000 (EUR 200) lill-ġenituri b'introjtu annwali ta' inqas minn CZK 1 miljun (EUR 40 000). F**l-Estonja**, l-allowances tal-familja żdiedu għall-familji bi tlett itfal jew aktar. F**il-Ġermanja**, minn Jannar 2023, il-benefiċċju tat-tfal ġie stabbilit għal EUR 250 għal kull wild fix-xahar, b'żieda għall-ewwel u t-tieni wild u waħda kemxejn aktar baxxa għat-tielet wild. Il-familji b'introjtu baxx huma appoġġati b'allowances addizzjonali għat-tfal. F**il-Greċja**, ġie offrut appoġġ finanzjarju lil 50 kumpanija ta' daqs medju u 70 kumpanija kbira biex jinħolqu faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal għal tfal ta' bejn 6 xhur u sentejn u nofs. Bħala parti minn proġett pilota, il-vawċers jitqassmu fost il-ġenituri bi tfal sa sentejn u nofs biex ikopru parti mis-servizzi tal-indukrar tat-tfal minn persuni ċċertifikati li jindukraw. F**l-Irlanda**, ġew allokati EUR 121 miljun addizzjonali għall-Iskema Nazzjonali għall-Indukrar tat-Tfal. F**in-Netherlands**, ir-rimborż parzjali u dipendenti fuq l-introjtu tal-kostijiet tal-indukrar tat-tfal ma għadux jiddependi fuq l-għadd ta' sigħat li l-ġenituri fil-fatt jaħdmu. F**il-Polonja**, qrib EUR 704 miljun tal-FSE+ u EUR 380 miljun tal-RRF ġew allokati biex jinħolqu aktar minn 100 000 post ġdid għall-indukrar tat-tfal bejn l-2022 u l-2029, inklużi dawk adattati għall-ħtiġijiet ta' tfal b'diżabbiltà jew li jeħtieġu kura speċjali. F**il-Portugall**, ġie introdott benefiċċju ġdid ta' Garanzija għat-Tfal skont it-test tal-mezzi, li jitħallas flimkien mal-allowance tal-familja. L-ammonti ta' allowance tal-familja u benefiċċji oħra tal-familja ġew aġġornati wkoll u, minn Jannar 2023, it-tfal li twieldu mill-1 ta' Settembru 2021 (inkluż) huma intitolati jattendu l-kura tat-tfal mingħajr ħlas. F**is-Slovakkja**, żdiedet l-allowance tal-ġenituri. Il-ġenituri impjegati jistgħu jużaw din l-allowance għall-ispejjeż relatati mal-indukrar tat-tfal sal-età ta' 3 snin, jew sal-età ta' 6 snin fil-każ ta' kundizzjoni tas-saħħa avversa fit-tul tal-wild.

F**is-Slovenja**, ir-riċevituri tal-assistenza soċjali finanzjarja u tal-appoġġ għall-introjtu rċevew allowance addizzjonali ta' darba għall-enerġija, b'ammont li jiddependi fuq id-daqs tal-familja, li jibda minn EUR 200. Barra minn hekk, f'Ottubru, Novembru u Diċembru 2022, il-familji rċevew żieda mal-benefiċċji tat-tfal eżistenti, li tvarja minn EUR 21 sa EUR 123. Fi **Spanja**, il-benefiċċji għall-indukrar tat-tfal ta' EUR 100 fix-xahar għal kull wild taħt l-età ta' 3 snin ġew estiżi biex ikopru wkoll, minbarra l-ommijiet li jaħdmu, in-nisa li jirċievu benefiċċji tal-qgħad kontributorji jew mhux kontributorji.

**L-Istati Membri ħadu miżuri f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ECG).** Filwaqt li xi Stati Membri għadhom qed jaħdmu fuq il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni tal-ECG, ittieħdu għadd ta' miżuri ta' politika, pereżempju, dawk immirati lejn it-titjib tal-inklużjoni soċjali ta' tfal vulnerabbli, bħad-de-istituzzjonalizzazzjoni tal-kura alternattiva f**il-Greċja**, u ikliet tal-iskola bla ħlas f**il-Kroazja** u f**il-Lussemburgu**. Fi **Spanja**, l-implimentazzjoni tal-ECG wasslet għal sett usa' ta' riformi, bi 11-il att leġiżlattiv li għandhom jiġu adottati bejn l-2021 u l-2023, inklużi, fil-qafas tal-RRP, il-modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali u t-tisħiħ tas-sistema edukattiva bil-ħsieb li tiġi garantita edukazzjoni inklużiva għat-tfal bi bżonnijiet speċjali. Ġiet stabbilita wkoll sistema ta' governanza f'diversi livelli għall-implimentazzjoni tal-garanzija mal-koordinaturi fil-livell reġjonali.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex isaħħu l-benefiċċji tad-diżabbiltà jew l-appoġġ finanzjarju tagħhom lill-familji u lill-persuni li jindukraw membru tal-familja dipendenti b'diżabbiltà**. Xi pajjiżi introduċew bidliet leġiżlattivi li jipprovdu protezzjoni u appoġġ finanzjarju aħjar lill-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, eż., billi jipprovdu drittijiet ġodda lill-ġenituri ta' wild b'diżabbiltà (**Franza**), benefiċċji ġodda lill-membri tal-familja li jieħdu ħsieb qarib b'diżabbiltà (**is-Slovakkja**), inaqqsu l-ostakli għall-aċċess għall-allowances tal-persuni li jindukraw għal persuni li jgħixu flimkien, jew permezz ta' krediti tat-taxxa lill-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà (**Malta**). **Malta** u l-**Kroazja** qed jiżviluppaw ukoll skemi għall-assistenza personali bil-għan li jappoġġaw il-ħajja indipendenti tal-persuni b'diżabbiltà u jtejbu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni, fl-impjiegi u fis-soċjetà. Diversi Stati Membri qed jinvestu aktar fit-titjib tas-servizzi soċjali u tal-kura fid-dar biex jappoġġaw lill-persuni b'diżabbiltà jkomplu jgħixu fid-dar, inkluż fil-kuntest tar-riformi tas-sistemi tal-kura fit-tul tagħhom (eż. **il-Bulgarija, is-Slovenja**).

**L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali huwa għoli fuq l-aġenda politika, leġiżlattiva u finanzjarja ta' ħafna Stati Membri.** Pereżempju, bħala parti mill-RRP tagħha, **il-Latvja** bdiet l-iżvilupp tal-Istrateġija dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli biex tistabbilixxi appoġġ adegwat, inkluż lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, permezz tal-akkomodazzjoni soċjali u l-akkomodazzjoni muniċipali b'kera baxxa. **Franza** ħadet miżuri regolatorji speċifiċi relatati mal-kirjiet, filwaqt li **l-Portugall** stabbilixxa skema ta' allowances biex jappoġġa lill-familji jħallsu kirjiet u ipoteki (parti mill-pakkett legali *Mais Habitação*), flimkien ma' miżuri ulterjuri biex jittaffa l-impatt tar-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu fuq is-self għall-akkomodazzjoni. **Il-Greċja** ddeċidiet li tiffoka fuq l-istudenti billi tipprovdi allowance akbar għall-benefiċċju tal-akkomodazzjoni. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija, ġew żviluppati allowances speċifiċi mil**l-Italja** u m**il-Latvja**. Sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, **il-Greċja** introduċiet programm ta' self u assistenza għall-akkomodazzjoni fil-kuntest lokali, filwaqt li **Malta** elaborat programm ta' appoġġ għal dawk li jixtru proprjetà għall-ewwel darba. **Il-Polonja** adottat abbozz ta' liġi dwar il-kooperattivi tal-akkomodazzjoni.

**Ittieħdu miżuri b'rabta mal-pensjonijiet, bil-għan li s-sistemi jsiru aktar reżiljenti u ekwi.** Dawn kienu jinkludu b'mod partikolari l-attwalizzazzjoni tal-pensjonijiet (**il-Bulgarija**), ir-reviżjoni tal-mekkaniżmi ta' indiċjar tal-pensjonijiet (**l-Estonja** u **l-Italja**) u r-rati tad-dovuti b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-aċċess għall-benefiċċji bażiċi tax-xjuħija, iż-żieda fil-livell tal-pensjonijiet minimi (**il-Belġju, il-Kroazja, il-Latvja**), kif ukoll it-tnaqqis tal-piż tat-taxxa għal dawk fuq pensjonijiet baxxi (**il-Ġermanja, Malta, l-Estonja, l-Italja**). Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** ddeċidiet li tintroduċi żieda gradwali tal-bażijiet tal-kontribuzzjoni massima tal-pensjoni u tal-pensjonijiet massimi u introduċiet perkors ġdid tad-dovuti għall-pensjonijiet minimi u mhux kontributorji biex jiżdiedu f'konformità mal-evoluzzjoni tal-paga minima. Barra minn hekk, f'Marzu 2023 ittieħdu diversi miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, inkluża kopertura aħjar tal-karriera, u żieda fil-komplement tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Fl-aħħar nett, ir-riforma Spanjola tal-2023 tas-sistema tal-pensjonijiet tipprovdi trattament ugwali bejn il-ħaddiema part-time u dawk full-time fil-kalkolu tal-perjodi ta' kontribuzzjoni għall-eliġibbiltà għall-pensjonijiet tal-irtirar; barra minn hekk, ġie deċiż li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jiġu armonizzati gradwalment mas-sistema tal-ħaddiema b'salarju mill-persuni li jaħdmu għal rashom. Ġew introdotti żidiet eċċezzjonali fil-pensjonijiet u appoġġ għal pensjonijiet baxxi fi **Franza**, **fil-Portugall** u f**id-Danimarka**, u l-pensjonijiet pubbliċi żdiedu f**in-Netherlands** u fil-Litwanja.

Il-ġenerożità u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-pensjonijiet tas-superstiti ġew iffaċilitati fil-**Kroazja** u f'**Malta**, filwaqt li ttieħdu miżuri biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' dawk b'kapaċità tax-xogħol imnaqqsa fi **Spanja**, fi **Franza**, f**il-Ġermanja** u f'**Malta**. F**il-Belġju**, ir-riforma ta' Lulju 2023 kienet tinkludi l-paternità, il-liv relatat mal-kura, u l-qgħad temporanju fil-perjodi ta' kontribuzzjoni għall-aċċess għall-pensjoni minima. Iż-żidiet fil-pensjonijiet u l-krediti ta' kontribuzzjoni għat-trobbija tat-tfal ġew deċiżi wkoll f**iċ-Ċekja** u f'**Malta**. Fl-aħħar nett, **l-Italja** ddeċidiet li fl-2023 testendi temporanjament l-Avvanz tal-Pensjoni Soċjali (*APE Sociale*) għal dawk li għandhom mill-inqas 63 sena, li ma humiex intitolati għal pensjoni, li jkunu wettqu kompiti kbar, jew li għandhom diżabbiltà ta' mill-inqas 74 %, il-persuni qiegħda li jkunu eżawrew il-benefiċċji tal-qgħad tagħhom, u l-persuni li jindukraw. Iż-żieda addizzjonali fil-pensjonijiet f**is-Slovakkja** daħlet fis-seħħ minn Lulju 2023, filwaqt li l-kriterji għall-għoti ta' pensjoni tad-diżabbiltà ġew iffaċilitati u l-ammont żdied. Il-pensjonijiet minimi żdiedu minn Ottubru 2023 għal livell inizjali ta' 145 % tal-minimu ta' sussistenza (EUR 389,90).

**Ir-riformi relatati mal-età tal-irtirar u l-ħajja tax-xogħol itwal kienu xprunati kemm minn kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali kif ukoll minn dawk ta' adegwatezza.** L-enfasi kienet fuq il-promozzjoni ta' ħajja tax-xogħol itwal f**il-Belġju**, f**iċ-Ċekja**, u f**il-Finlandja**, u l-kombinament tax-xogħol mal-irtirar permezz ta' inċentivi pożittivi u flessibbiltà akbar, bħal f**id-Danimarka**, f**il-Ġermanja** u f**il-Kroazja**. Ftit miżuri kienu diretti lejn iż-żieda fl-età tal-irtirar, bħal fi **Franza** u fiċ-**Ċekja**, u sabiex l-irtirar bikri jsir aktar strett f'din tal-aħħar. Ir-riforma tal-pensjonijiet li ġiet approvata f**l-Irlanda** f'Settembru 2022 ipprovdiet il-possibbiltà li n-nies jaħdmu sal-età ta' 70 sena u jirċievu pensjonijiet ogħla, u tranżizzjoni li għaddiet b'mod gradwali fuq diversi snin għal "Approċċ ta' Kontribuzzjonijiet Totali", fejn ir-rati tal-pensjoni ser ikunu marbuta mal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali matul il-ħajja tax-xogħol kollha ta' persuna. Il-persuni li jindukraw fit-tul ser ikollhom ukoll iż-żmien li jqattgħu jindukraw rikonoxxut fis-sistema tal-pensjoni. **L-Italja** estendiet aktar id-dispożizzjonijiet dwar l-irtirar bikri għal persuni b'karrieri twal jew bi status ta' xogħol speċifiku, filwaqt li għamlet il-kriterji ta' eliġibbiltà aktar stretti.

Fl-aħħar nett, it-tendenza lejn it-tisħiħ tar-rwol tal-iskemi tal-pensjoni ffinanzjati u t-trawwim ta' intitolamenti individwali saret aktar prominenti. F'xi każijiet, dan kien jinvolvi t-tisħiħ tad-drittijiet kollettivi għall-pensjonijiet okkupazzjonali, bħal f**id-Danimarka**, filwaqt li f'oħrajn issaħħu d-drittijiet individwali, jiġifieri fl-iskemi tal-pensjoni statutorji ffinanzjati. F**in-Netherlands**, b'mod partikolari, ir-riforma wiesgħa ta' Ġunju 2023 kellha l-għan li tagħmel it-tieni pilastru aktar trasparenti, ġust, reżiljenti għax-xokkijiet u adattat aħjar għal suq tax-xogħol dinamiku. F**ir-Rumanija**, ġew adottati miżuri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-tieni pilastru. Fil-qafas tal-RRF, **is-Slovakkja** adottat riforma tal-pensjonijiet fl-2022, li torbot l-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor.

**L-Istati Membri ħadu miżuri biex isaħħu l-kura primarja u jrawmu l-integrazzjoni tal-kura, kif ukoll l-aċċess.** F'Ġunju 2022, **l-Italja** adottat liġi biex tappoġġa mudelli u standards ġodda għall-kura primarja. F**il-Litwanja**, f'Lulju 2022 il-Parlament approva r-riforma tan-network tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, bil-għan li jinħolqu ċentri tal-kura tas-saħħa biex tissaħħaħ il-kura primarja. Il-pajjiż issikka wkoll l-ispejjeż annwali massimi mill-but għall-prodotti farmaċewtiċi tal-pazjenti ta' barra minn nofs l-2023. F**l-Ungerija**, riforma adottata f'Diċembru 2022 għandha l-għan li tappoġġa prattiki ta' gruppi multidixxiplinarji. F'Marzu 2023, **il-Kroazja** emendat l-Att tagħha dwar il-Kura tas-Saħħa biex trawwem prattiki ta' kura integrata, b'enfasi fuq il-kura primarja. F**il-Belġju** jitħejja pjan interfederali ġdid dwar il-kura integrata għall-2024, filwaqt li "patt ġdid għall-Prattikanti Ġenerali (GPs) u l-prattiki tal-GP" jipprevedi l-iżvilupp ta' mudell ta' finanzjament ġdid biex irawwem prattiki ta' kura integrata aħjar. **Ir-Rumanija** estendiet is-servizzi koperti minn GPs ikkuntrattati pubblikament għall-2023. B'mod simili, **il-Portugall** qed jippjana l-ħolqien ta' Unitajiet tas-Saħħa Lokali ġodda matul l-2023 biex itejjeb l-integrazzjoni tal-kura. Huwa abolixxa wkoll il-biċċa l-kbira tat-tariffi għall-pazjenti fis-sistema tas-saħħa nazzjonali pubblika minn Ġunju 2022. F'Jannar 2023, **is-Slovakkja** adottat Strateġija Ġenerali għall-Kura tal-Pazjenti ta' Barra biex issaħħaħ il-kura primarja. F'Ġunju 2023, **is-Slovenja** qablet ma' żieda sinifikanti fir-riżorsi għad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, li mistennija tagħti spinta lill-prattiki tal-kura integrata. **L-Irlanda** abolixxiet it-tariffi pubbliċi għall-pazjenti fl-isptar f'April 2023. **Il-Finlandja** emendat l-att tagħha dwar il-kura tas-saħħa f'Novembru 2022 biex tnaqqas il-ħinijiet massimi ta' stennija għall-kura mhux urġenti tal-pazjenti ta' barra fil-kura primarja pubblika.

**Diversi Stati Membri ħadu miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa, biex jiżguraw iż-żamma tal-persunal fis-settur tas-saħħa, u biex itejbu l-governanza fis-settur.** Fl-aħħar tal-2022, **Malta** adottat qafas strateġiku usa' tal-forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa, filwaqt li **r-Rumanija** adottat qafas leġiżlattiv skont l-istrateġija nazzjonali tagħha fl-2023. F'Diċembru 2022, **il-Lussemburgu** nieda kampanja biex jattira studenti ġodda lejn professjonijiet mediċi u ħa miżuri biex jimmodernizza l-edukazzjoni tal-infermiera. **Franza** adottat liġi ġdida f'April 2023, bil-ħsieb li tavvanza l-professjoni tal-infermiera tal-prattika permezz ta' kondiviżjoni tal-kompiti. Skont l-emenda tagħha tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (ta' April 2023), **il-Kroazja** kellha l-għan li ssaħħaħ il-ġestjoni tal-isptarijiet ġenerali billi tittrasferixxi s-sjieda mil-livell muniċipali għall-Istat. F'Diċembru 2022, **l-Ungerija** adottat miżuri biex torganizza mill-ġdid is-sistema tas-saħħa u tiċċentralizza l-governanza għal funzjonijiet bħall-kura primarja u l-integrazzjoni b'kura fit-tul. **Il-Finlandja** adottat riforma implimentata minn Jannar 2023 biex torganizza mill-ġdid il-kura tas-saħħa primarja u speċjalizzata permezz tal-ħolqien ta' 22 Kontea tas-Servizzi tal-Benesseri. **L-Iżvezja**, bl-appoġġ mill-RRF, kompliet l-inizjattiva tagħha ta' Kura tal-Anzjani għat-taħriġ tal-infermiera u tal-persunal tal-maniġment fil-kura tal-anzjani u pproteġiet legalment it-titolu ta' infermiera tal-assistenza biex tagħmel il-professjoni aktar attraenti. **Is-Slovenja** adottat bidliet leġiżlattivi li jippermettu l-impjieg aktar mgħaġġel ta' nazzjonali mhux tal-UE fil-kura tas-saħħa u fil-kura soċjali. F**il-Ġermanja**, ser jiġu introdotti allowances għall-istudji tal-infermiera mill-2024 u t-taħriġ professjonali ser jiġi mmodernizzat aktar.

**Ittieħdu passi biex titrawwem is-saħħa pubblika, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa, u ġiet intensifikata l-azzjoni f'oqsma terapewtiċi speċifiċi, b'mod partikolari l-kanċer u s-saħħa mentali**. **Franza** adottat l-Istrateġija Nazzjonali ta' Prevenzjoni tagħha għas-snin 2023-2027, li għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-kura preventiva. F'Awwissu 2022, **Spanja** adottat strateġija ġdida dwar is-saħħa pubblika bħala għodda biex tinkoraġġixxi lill-politiki pubbliċi kollha jikkunsidraw is-saħħa u l-ekwità tas-saħħa. **Is-Slovakkja** approvat Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tabakk għas-snin 2023-30. F'Novembru 2022, **ir-Rumanija** adottat Pjan Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Kanċer sabiex timplimenta, mill-2023, approċċ integrat u multidixxiplinarju għat-trattament, filwaqt li **l-Italja** adottat il-Pjan nazzjonali tagħha dwar l-Onkoloġija 2023-2027, b'mod partikolari biex tlesti r-Reġistru Nazzjonali tal-Kanċer u n-Network Reġjonali tar-Reġistru tal-Kanċer, u f'Jannar 2023 **il-Bulgarija** adottat pjan nazzjonali għall-ġlieda kontra l-kanċer. **Franza** adottat, minn Settembru 2022, miżuri biex ittejjeb l-aċċess għall-kura psikjatrika, u **Spanja**, minn nofs l-2022, nediet l-istrateġija tagħha dwar is-saħħa mentali 2022-2026 biex ittejjeb is-servizzi u l-appoġġ għall-familji u biex tippromwovi mudell ta' kura komprensiva u komunitarja. F**il-Portugall**, Liġi ġdida dwar is-Saħħa Mentali hija mistennija li tidħol fis-seħħ fl-2023, li ssaħħaħ ir-riformi reċenti biex titrawwem id-deistituzzjonalizzazzjoni. **Il-Ġermanja** adottat il-Patt tas-Servizz tas-Saħħa Pubblika għall-perjodu 2021-26, li għandu l-għan li jtejjeb l-impjiegi, il-proċessi diġitali u l-istrutturi moderni fis-servizz tas-saħħa pubblika.

**Diversi Stati Membri qed isegwu riformi u investimenti fil-kura fit-tul (LTC), f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità għolja affordabbli**. Dawn jinkludu miżuri biex tittejjeb id-disponibbiltà tas-servizzi f**il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja**, l-affordabbiltà tagħhom f**l-Estonja, il-Ġermanja, l-Italja** u **s-Slovenja**, il-kwalità tagħhom f**l-Estonja, Spanja, il-Litwanja u s-Slovenja**, kif ukoll l-appoġġ għall-forza tax-xogħol f**il-Bulgarija, il-Ġermanja** u **l-Litwanja**. **Il-Bulgarija** qed tuża l-FSE u l-FSE+ biex tespandi l-kura fid-dar, inkluż it-taħriġ tal-persunal għal dan il-għan. **L-Estonja** qed issegwi riforma biex tnaqqas il-pagamenti mill-but fil-kura ġenerali, tespandi s-servizzi tal-assistenza soċjali biex tippermetti l-għajxien indipendenti fid-dar u stabbiliet standards ta' kwalità għall-kura fid-dar u l-kura ġenerali. **Spanja** qed tuża l-finanzjament tal-RRF biex ittejjeb l-aċċessibbiltà tal-kura għall-persuni b'diżabbiltà, tittestja d-deistituzzjonalizzazzjoni, tiżviluppa t-telekura, u qed tħejji biex taġġorna l-infrastruttura tal-kura f'konformità ma' mudell tal-LTC immirat lejn kura bbażata fil-komunità. **L-Italja** stabbiliet pjan biex tiddefinixxi l-livell minimu ta' servizzi soċjali għall-persuni akbar fl-età li ma humiex awtosuffiċjenti u waqqfet fond biex tinvesti f'għajxien indipendenti u fir-reklutaġġ ta' persunal tas-servizzi soċjali għall-implimentazzjoni tal-punti uniċi ta' aċċess. **Il-Litwanja** qed tħejji mudell ġdid tal-LTC biex tissimplifika l-istruttura amministrattiva u finanzjarja, tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-fornituri tal-LTC, tespandi l-kura bbażata fil-komunità u qed tippjana li tuża l-RRF u l-Fondi ta' Koeżjoni tal-UE għall-bini tal-kapaċità u t-titjib tar-riżorsi umani u l-infrastruttura tal-LTC. **Ir-Rumanija** adottat l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-LTC u t-Tixjiħ Attiv 2023-30, li tinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi tal-LTC u tittejjeb il-kura bbażata fil-komunità għall-persuni akbar fl-età. **Is-Slovenja** qed taħdem fuq riforma ġdida bil-għan li tespandi l-għażliet ta' kura mhux residenzjali, tistabbilixxi standards ta' kwalità u ttejjeb il-vijabbiltà finanzjarja tas-sistema tal-LTC billi tistabbilixxi l-LTC bħala pilastru ġdid tas-sigurtà soċjali.

## KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-PAJJIŻ

**Dan il-kapitolu jippreżenta skedi informattivi tal-pajjiżi bħala parti mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż, abbażi ta' karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport sottostanti tal-Grupp ta' Ħidma konġunt EMCO-SPC[272], filwaqt li jappoġġa wkoll is-sejbiet orizzontali ewlenin ippreżentati fit-taqsima 1.5 tal-Kapitolu 1. Dan għandu jitqies bħala proġett pilota li ser jiġi vvalutat.** Filwaqt li l-iskedi informattivi kollha jiddependu fuq il-qari tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u fuq il-kategorizzazzjonijiet tal-JER kif deskritti fil-Kaxxa fit-taqsima 1.5 u fl-Anness 6, l-istruttura tagħhom tiddependi fuq is-sitwazzjoni speċifika għall-pajjiż: l-ordni tat-tliet oqsma ta' politika koperti fl-iskedi (l-impjieg; edukazzjoni u ħiliet; il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali) hija ggwidata mill-iżviluppi fil-pajjiż ikkonċernat, kif joħorġu mit-tabelli tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fl-Anness 9. Bl-istess mod, il-graff għal kull pajjiż turi l-aktar kwistjoni pertinenti jew żvilupp ewlieni għall-pajjiż inkwistjoni.

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż hija bbażata fuq is-sett sħiħ ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.** Kull wieħed mill-indikaturi[273] jiġi skrutinizzat abbażi tal-metodoloġija tal-JER, li tiddetermina l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri. Din il-pożizzjoni relattiva hija espressa f'termini ta' devjazzjonijiet standard mill-medja kemm tal-livell assolut tal-valur indikatur, kif ukoll tal-bidla tiegħu meta mqabbla mas-sena ta' qabel (ara l-Anness 4 għal aktar dettalji tekniċi). Ir-riżultati jinġabru fil-qosor f'waħda mis-seba' kategoriji possibbli għal kull indikatur għall-pajjiż inkwistjoni ("bl-aħjar prestazzjoni", "aħjar mill-medja", "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", "mal-medja", "dgħajjef iżda qed jitjieb", "għandu jiġi osservat", "sitwazzjoni kritika"). Dan jikkorrispondi għall-iskala ta' kuluri, minn aħdar għal aħmar. Ħarsa ġenerali qasira lejn l-indikaturi u l-klassifikazzjoni tagħhom għal kull Stat Membru tista' tinstab fit-tabelli fl-Anness 9.

272 Twaqqaf Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat tal-EMCO-SPC biex jiddiskuti l-inizjattiva u wettaq ħidma minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023. Dan wassal biex l-EMCO u l-KPS ippreparaw id-diskussjoni ministerjali fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ġunju 2023. Il-ħidma u l-eżiti tagħha huma dokumentati fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC relatat.

273 Għad-dettalji tekniċi dwar l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni, inkluż id-differenza fl-impjiegi b'diżabbiltà bbażata fuq il-kunċett tal-GALI, ara l-Anness 2.

**Kull indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jiġi vvalutat bil-metodoloġija spjegata hawn fuq, sabiex jiġi identifikat jekk hijiex meħtieġa analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.** Il-kwalifika "sitwazzjoni kritika" tirreferi għall-Istati Membri li jġibu punteġġ ferm agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u li fihom is-sitwazzjoni qed tiddeterjora jew mhux qed titjieb biżżejjed meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Sitwazzjoni hija mmarkata bħala li "għandha tiġi osservata" f'żewġ każijiet: a) meta l-Istat Membru jikseb punteġġ agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun qed tiddeterjora jew ma tkunx qed titjieb biżżejjed malajr u b) meta l-punteġġ f'termini ta' livelli jkun konformi mal-medja tal-UE, iżda s-sitwazzjoni tkun qed tiddeterjora ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE.

**Analiżi ulterjuri fit-tieni stadju titqies ġustifikata għall-Istati Membri li għalihom sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali qegħdin jidhru bħala ħomor ("sitwazzjoni kritika") jew oranġjo ("għandhom jiġu osservati").** Raġuni addizzjonali biex jitqies li s-sitwazzjoni teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju sseħħ meta indikatur li jidher bħala aħmar jew oranġjo jippreżenta żewġ deterjoramenti konsekuttivi fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu. Eżempju huwa bidla minn "mal-medja" għal "dgħajfa iżda qed titjieb" fl-edizzjoni tal-JER tal-2023, segwita minn deterjorament ulterjuri għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-2024). Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-livell limitu minimu ta' sitt marki b'mod ġenerali. Pereżempju, jekk f'sena partikolari n pajjiż ikollu ħames indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mmarkati bħala ħomor jew oranġjo, u wieħed minnhom jippreżenta sentejn konsekuttivi ta' deterjoramenti fis-snin n u n-1, il-pajjiż jitqies bħala li għandu sitt indikaturi b'kollox f'dik is-sena n (ħames sinjali ħomor/oranġjo mill-indikaturi fis-sena partikolari + 1 minnhom b'żewġ deterjoramenti konsekuttivi). B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri. Kwalunkwe interruzzjoni fis-serje u kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-interpretazzjoni tad-data jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-għadd totali ta' indikaturi lejn il-livell limitu.

## Il-Belġju

**Is-suq tax-xogħol fil-Belġju rkupra malajr mill-kriżi tal-COVID19, iżda qed ikompli jkollu prestazzjoni taħt il-medja.** Ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul huma "mal-medja". Filwaqt li r-rata ta' impjieg ilha tikber b'mod wiesa' f'konformità mal-medja tal-UE mill-2017 għal livell rekord ġdid ta' 71,9 %, hija għadha lura meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn u ilha waħda li "għandha tiġi osservata" għal 3 snin konsekuttivi. Din hija dovuta l-aktar għar-rata ta' attività aktar baxxa mill-medja tal-Belġju. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija "mal-medja", ta' 7,6 pps, il-persuni b'diżabbiltà qed jiffaċċaw sfidi persistenti fl-aċċess għas-suq tax-xogħol, li kien irreġistrat bħala "sitwazzjoni kritika" matul l-aħħar 3 snin. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet b'mod kostanti bejn l-2018 u l-2021 (minn 32 pps għal 38 pps) u, minkejja t-tnaqqis tagħha għal 35,3 pps fl-2022, il-Belġju għadu jikklassifika fost l-Istati Membri bl-agħar prestazzjoni f'dan ir-rigward (meta mqabbla ma' medja tal-UE ta' 21,4 pps). Fl-aħħar nett, it-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita ma laħħaqx mal-medja tal-UE u għadu wieħed li "għandu jiġi osservat".




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' BE fl-2017.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE [tepsr_sp200], l-UE-SILC

**Il-Belġju għandu prestazzjoni kemxejn aħjar mill-medja fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** B'aktar minn nofs (52,7 %) it-tfal kollha taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal, il-prestazzjoni tal-Belġju hija "aħjar mill-medja". Barra minn hekk, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa relattivament baxx (6,4 %) u "aħjar mill-medja", wara li rreġistra titjib mis-sena ta' qabel, filwaqt li s-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) huwa "mal-medja", ta' 9,2 %. Il-proporzjon tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, huwa wkoll "mal-medja" ta' 54,2 % (vs 53,9 % fl-UE).

**Il-politiki soċjali huma ġeneralment effettivi fil-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, kif ukoll l-inugwaljanzi fl-introjtu.** L-ishma tal-popolazzjoni totali u tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali ilhom jonqsu mill-2017 u huma ġeneralment konformi mal-medji tal-UE. Barra minn hekk, il-Belġju għandu "l-aħjar prestazzjoni" f'żewġ dimensjonijiet addizzjonali fil-qasam soċjali: l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (48,8 % vs 35,3 % fl-2022); u l-livelli baxxi ta' inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu. Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, b'1 % biss tal-popolazzjoni Belġjana tirrapporta li kienet tinsab f'sitwazzjoni bħal din fl-2022, huma "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Belġju ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser ikun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

# Il-Bulgarija

**Il-Bulgarija qed tiffaċċa sfidi sinifikanti relatati mal-faqar u l-inklużjoni soċjali.** Minkejja t-tnaqqis reċenti, is-sehem ġenerali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) huwa ta' 32,2 % u huwa wieħed mill-ogħla fl-UE (il-medja tal-UE hija ta' 21,6 %), li jindika "sitwazzjoni kritika". Bl-istess mod, ir-rata tal-AROPE għat-tfal żdiedet b'0,9 pps bejn l-2021 u l-2022 u kienet ta' 33,9 % fl-2022 (ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 24,7 %) u hija wkoll "kritika". Ir-riskji ta' faqar huma partikolarment għoljin għall-persuni b'diżabbiltà, għal dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti, u għall-popolazzjoni tar-Rom. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) kellhom impatt limitat fil-Bulgarija, u dan naqqas il-faqar b'24,4 % biss (vs 35,3 % fl-UE), li "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, l-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, hija fost l-ogħla fl-UE (7,3 kontra 4,7 fl-UE) u "kritika", minkejja tnaqqis żgħir matul l-aħħar 3 snin. Is-sitwazzjoni hija aggravata mill-ħafna nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni (15,1 % tal-popolazzjoni ġenerali), li hija wkoll "kritika".




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps13n], l-UE-SILC.

**Minkejja t-titjib reċenti, il-Bulgarija għadha qed tiffaċċa sfidi relatati mal-formazzjoni tal-ħiliet.** Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi għadu baxx (31,2 % vs 53,9 % fl-UE fl-2021) u jikkostitwixxi "sitwazzjoni kritika". It-tisħiħ tal-akkwist tal-ħiliet tal-adulti, inkluż fil-qasam diġitali, jidher importanti biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fl-istess ħin, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ naqas u bħalissa huwa ta' 10,5 %, ogħla iżda qrib il-medja tal-UE ta' 9,6 %. Madankollu, dan għadu partikolarment għoli fiż-żoni rurali (19,1 %). Fl-aħħar nett, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal kien biss ta' 17,4 % fl-2022 (vs 35,7 % fl-UE). Flimkien mal-isfidi dwar il-kwalità tal-forniment tal-indukrar tat-tfal, din ir-rata baxxa hija waħda li "għandha tiġi osservata", minħabba li hija potenzjalment ta' detriment għall-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal.

**Is-suq tax-xogħol tal-Bulgarija tjieb reċentement, iżda għad hemm sfidi b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà u għaż-żgħażagħ.** Il-pajjiż wera rkupru qawwi fis-suq tax-xogħol b'rata ta' impjieg storikament għolja (75,7 % fl-2022) u tnaqqis kostanti fir-rata tal-qgħad (għal 4,3 % fl-istess sena). Il-qgħad fit-tul ukoll qed jonqos, filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet qed tonqos (għal 7,7 pps fl-2022 minn 8,4 pps fis-sena ta' qabel). Madankollu, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kienet għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-2022 (29,5 pps vs 21,4 pps) u għalhekk "għandha tiġi osservata". Barra minn hekk, għalkemm naqas matul l-aħħar ftit snin, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) kien ta' 15,1 % fl-2022, xorta ogħla mill-medja tal-UE (11,7 %), li rriżulta f'eżitu li huwa "dgħajjef iżda qed jitjieb".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tmien indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Bulgarija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Iċ-Ċekja

**L-ekonomija Ċeka rkuprat mill-COVID-19 u mill-kriżijiet tal-enerġija b'pass moderat, filwaqt li l-eżiti pożittivi ġenerali tas-suq tax-xogħol huma akkumpanjati minn nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema u kundizzjonijiet aktar diffiċli għal ċerti gruppi, b'mod partikolari n-nisa.** Fl-2022, iċ-Ċekja hija fost dawk bl-aħjar prestazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rati tal-impjiegi u tal-qgħad (81,3 % u 2,2 %, rispettivament). Ir-rata baxxa ta' qgħad fit-tul (0,6 % fl-2022) hija wkoll "aħjar mill-medja". Madankollu, ir-rata ta' impjieg tan-nisa għadha ferm inqas minn dik tal-irġiel (differenza ta' 14,9 pps fl-2022), li turi "sitwazzjoni kritika". Filwaqt li r-rata ta' parteċipazzjoni tat-tfal ta' inqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal (6,8 % fl-2022) tjiebet b'1,9 pps meta mqabbla mal-2021, hija għadha ferm taħt il-medja tal-UE (ta' 35,9 %). Dan juri "sitwazzjoni kritika" persistenti li, flimkien ma' sfidi f'termini ta' kwalità tal-forniment tal-indukrar tat-tfal, tista' tkun potenzjalment ta' detriment għall-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal u tista' wkoll tkun fattur għall-parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) kien ta' 11,4 % fl-2022, li "għandu jiġi osservat"[274]. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, ta' 22,7 pps fl-2022, għadha "mal-medja". It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol jista' jgħin biex jittaffa n-nuqqas ta' ħaddiema.




*Sors*: l-Eurostat [lfsa_ergaed], l-LFS tal-UE.

**Il-prestazzjoni taċ-Ċekja b'rabta mal-ħiliet hija bħala medja, iżda hemm lok għal appoġġ aħjar għall-kapaċità tal-innovazzjoni u għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ tjiebet għal "aħjar mill-medja" fl-2022. Fl-2021, is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien "mal-medja" ta' 59,7 %, meta mqabbel ma' 53,9 % fl-UE. Il-promozzjoni tal-apprendiment għall-adulti u l-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari dwar il-ħiliet diġitali, tista' tgħin biex jiġu appoġġati x-xejriet kurrenti lejn l-awtomatizzazzjoni industrijali u r-robotizzazzjoni.

274 Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 u fl-2022.

**Iċ-Ċekja għandha sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona tajjeb, li turi li hija effettiva biex ittaffi r-riskji tal-faqar u l-inugwaljanzi.** Ir-riskju ġenerali ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kien ta' 11,8 % fl-2022, l-aktar wieħed baxx fl-UE, li jagħmel liċ-Ċekja "bl-aħjar prestazzjoni", minkejja żieda b'1 pp fl-2022. Is-sitwazzjoni għadha ġeneralment stabbli għat-tfal. Iċ-Ċekja turi prestazzjoni notevoli fir-rigward tal-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu (3.5 fl-2022). L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita naqas minn 125.8 fl-2021 għal 121,2 fl-2022 u "għandu jiġi osservat". Il-piż eċċessiv tal-kost ġenerali tal-akkomodazzjoni żdied bi ftit għal 6,9 % fl-2022, u baqa' "mal-medja". Madankollu, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-bliet Ċeki teħtieġ monitoraġġ mill-qrib b'rata ogħla (10,6 %) tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni fl-2022 (żieda b'0,3 pps meta mqabbla mal-2021) meta mqabbla maż-żoni rurali (4,0 %). Iċ-Ċekja hija "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika. Madankollu, it-tixjiħ mgħaġġel tal-popolazzjoni jagħmel pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, u dan jitlob monitoraġġ mill-qrib.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **iċ-Ċekja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Id-Danimarka

**Is-suq tax-xogħol Daniż irkupra malajr mill-kriżi tal-COVID-19 u għadu reżiljenti minkejja tnaqqis fl-attività ekonomika fl-2023 u nuqqasijiet dejjem akbar.** Prestazzjoni ġenerali tajba tiġi rreġistrata fil-qasam "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti". Ir-rati għoljin ta' impjieg u r-rati baxxi ta' qgħad fl-2022, ta' 80,1 % u 4,5 % rispettivament, huma "aħjar mill-medja". Id-Danimarka hija "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tar-rata tal-qgħad fit-tul (li turi tnaqqis minn 1 % fl-2021 għal 0,5 % fl-2022). Madankollu, il-pajjiż qed jiffaċċa nuqqas ta' ħaddiema f'diversi setturi, b'mod partikolari dawk relatati mal-ekonomija ekoloġika u diġitali. Ir-rata ta' reklutaġġi mingħajr suċċess għall-kumpaniji kienet ta' 29 % bejn Frar 2021 u l-2022[275]. Fir-rigward ta' gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) hija "aħjar mill-medja", simili għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, li naqset b'mod sinifikanti fl-2022 għal 5,4 pps. Minkejja żieda b'2 pps għal 9,9 pps fl-2022, id-Danimarka għadha "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà.




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

[275] L-Aġenzija Daniża għas-Suq tax-Xogħol u r-Reklutaġġ (Ġunju 2022), *Recruitment Survey Report*.

**Id-Danimarka għandha prestazzjoni ġeneralment b'saħħitha fl-edukazzjoni u l-ħiliet, iżda s-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qed ikompli jiżdied.** Filwaqt li naqas f'għadd ta' Stati Membri, dan is-sehem żdied fid-Danimarka għal 10 % fl-2022, li qabeż bi ftit il-medja tal-UE ta' 9,6 % u issa "għandu jiġi osservat". Dan jeħtieġ attenzjoni fid-dawl tas-suq tax-xogħol strett u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa. Min-naħa pożittiva, id-Danimarka hija fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal u s-sehem tal-adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jappoġġaw tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti.

**Id-Danimarka għandha sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona tajjeb ħafna, iżda l-kostijiet tal-akkomodazzjoni għadhom sfida.** Fil-qasam tal-"protezzjoni u l-inklużjoni soċjali", id-Danimarka hija "aħjar mill-medja" jew bl-aħjar prestazzjoni, inkluż b'rabta mar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mod ġenerali, kif ukoll għat-tfal u l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar. Madankollu, 14,7 %, is-sehem kbir ta' unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni għal dawn l-aħħar 3 snin huwa meqjus bħala "kritiku" fl-2022, li jirrifletti l-provvista limitata ta' akkomodazzjoni affordabbli fi bliet akbar.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ż-żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **id-Danimarka ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Ġermanja

**Il-Ġermanja qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet li jeħtieġ li jiġu indirizzati, speċjalment fid-dawl tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (fl-età ta' bejn 18 u 24 sena) kien għoli f'livell ta' 12,2 % fl-2022 (vs 12,5 % fl-2021 u 9,6 % fl-UE), li wera "sitwazzjoni kritika" matul l-aħħar sentejn. Barra minn hekk, is-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 48,9 % fl-2021 (meta mqabbel ma' medja tal-UE ta' 53,9 %) u jitqies bħala "għandu jiġi osservat". Id-distakk mal-medja tal-UE kien ferm akbar għall-koorti iżgħar (fl-età ta' bejn 16 u 24 sena), jiġifieri ta' 13,5-il pps.



*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp410].

**Is-suq tax-xogħol Ġermaniż reġa' lura għal li kien wara l-kriżi tal-COVID-19 u b'mod ġenerali għandu prestazzjoni tajba, għalkemm l-impjieg part-time tan-nisa għadu għoli ħafna u r-rati ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huma relattivament baxxi.** L-iżviluppi fil-qasam tal-"kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" huma ġeneralment pożittivi għall-Ġermanja. Ir-rata ta' impjieg hija għolja, ta' 80,7 % fl-2022, u kompliet tiżdied, għalkemm b'pass aktar bil-mod. Ir-rata ġenerali tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha laħqu livelli baxxi ġodda (3,1 % u 1,0 % rispettivament), b'tal-ewwel poġġiet lill-Ġermanja bħala "bl-aħjar prestazzjoni" għat-tielet sena konsekuttiva. F'konformità ma' dawn ix-xejriet ġenerali pożittivi, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) naqas ukoll minn 9,5 % fl-2021 għal 8,6 % fl-2022, li jikkostitwixxi prestazzjoni "aħjar mill-medja".

L-istess japplika għad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà li naqset minn 30,5 pps fl-2021 għal 24 pps fl-2022. Min-naħa l-oħra, filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi baqgħet "mal-medja" ta' madwar 7 pps fl-2022, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time baqgħet waħda mill-ogħla fl-UE, ta' 36,7 pps (vs 20,2 pps fl-UE). Dan jista' jkun relatat fost l-oħrajn ma' inċentivi permezz tas-sistema tat-taxxa u mas-sehem relattivament baxx ta' tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal (23,9 % fl-2022 vs 35,7 % fl-UE) li, flimkien ma' sfidi rigward il-kwalità tal-forniment tal-indukrar tat-tfal, jitqies bħala "għandu jiġi osservat". Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita (GDHI) baqa' ġeneralment stabbli (113.6 fl-2022) u ġie mmarkat "mal-medja" matul l-aħħar sentejn.

**Min-naħa soċjali, il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni joħloq sfidi għal ħafna unitajiet domestiċi.** Matul dawn l-aħħar sentejn, din ir-rata żdiedet u issa titqies bħala "għandha tiġi osservata" għal 11,8 % fl-2022, meta mqabbla ma' 9,1 % fl-UE. Din tirrifletti parzjalment il-ħtiġijiet mhux issodisfati għal kostruzzjonijiet ġodda. Min-naħa pożittiva, il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, li jkejjel il-prestazzjoni fuq l-inugwaljanzi, kompla jonqos fl-2022, u issa huwa "aħjar mill-medja". L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar u s-sehem tal-popolazzjoni li tirrapporta l-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika huma t-tnejn "aħjar mill-medja", filwaqt li l-ishma tal-popolazzjoni ġenerali u tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, rispettivament 20,9 % u 24 % (21,6 % u 24,7 % fl-UE), huma "mal-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ma jidhirx li l-Ġermanja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## L-Estonja

**L-Estonja qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Diversi indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali f'dan il-qasam juru sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati". Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) żdied bi 3 pps għal 25,2 % fl-2022, ogħla mill-medja tal-UE ta' 21,6 %, u "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, ir-riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għall-persuni akbar fl-età u għall-persuni b'diżabbiltà huma fost l-ogħla fl-UE (ta' 53,1 % u 47,8 % vs 20,2 % u 28,8 % fl-UE, rispettivament), filwaqt li s-sitwazzjoni fost it-tfal hija "aħjar mill-medja". F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas minn 31,7 % fl-2020 għal 28,1 % fl-2022, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 35,3 % u, għalhekk, "għandu jiġi osservat". L-inugwaljanza, imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, żdiedet minn 5 fl-2021 għal 5.4 fl-2022 (li wkoll "għandha tiġi osservata") vs medja tal-UE ta' 4.7 fl-2022, li interrompiet tnaqqis qawwi u kostanti mill-2014. L-Estonja għandha wieħed mill-ogħla livelli ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika fl-UE (9,1 % vs 2,2 % fl-2022) li huwa "kritiku". L-aċċess għall-kura tas-saħħa jibqa' sfida f'kuntest ta' nuqqas dejjem akbar ta' persunal tal-kura tas-saħħa, pagamenti għoljin mill-but, u tixjiħ mgħaġġel tal-popolazzjoni.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet, l-Estonja għandha aktar skop biex tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ żdied b'1 pp, u laħaq 10,8 % fl-2022, u "għandu jiġi osservat". It-titjib f'din id-dimensjoni huwa importanti biex il-forza tax-xogħol tal-futur tiġi pprovduta b'ħiliet u kompetenzi trażversali ewlenin. Il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal hija "aħjar mill-medja" wara li żdiedet b'mod sinifikanti bi 8 pps minn 25,7 % fl-2021 għal 33,7 % fl-2022 (35,7 % fl-UE). Is-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jappoġġaw kemm it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi kif ukoll dawk diġitali, huwa "mal-medja", ta' 56,4 %.

**Is-suq tax-xogħol tal-Estonja kompla jkollu prestazzjoni b'saħħitha fl-2022 u fl-2023.** Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont il-qasam "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" juru żviluppi pożittivi. Ir-rata tal-impjiegi laħqet 81,9 % fl-2022, u r-rata tal-qgħad naqset minn 6,9 % fl-2020 għal 5,6 % fl-2022, minkejja tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fit-tieni parti tal-2022. L-Estonja għandha waħda mill-inqas differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE, fejn kienet fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" matul l-aħħar 3 snin. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) ukoll baqa' taħt il-medja tal-UE u naqas fl-2022. Fl-istess ħin, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet b'mod sinifikanti (b'7,5 pps) meta mqabbla mal-2021, u qabżet il-medja tal-UE għall-ewwel darba fl-2022 (26,2 % vs 21,4 % fl-UE), u "għandha tiġi osservata".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Estonja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## L-Irlanda

**Is-suq tax-xogħol Irlandiż qed ikollu prestazzjoni tajba, iżda gruppi vulnerabbli għadhom lura**. Bi 78,2 %, ir-rata ta' impjieg Irlandiża kienet fl-ogħla livell rekord fl-2022, u r-rata tal-qgħad laħqet livell storikament baxx ta' 4,5 %, li huwa "aħjar mill-medja". L-istess japplika għar-rata tal-qgħad fit-tul. Madankollu, it-tisħiħ tal-attivazzjoni u tal-impjegabbiltà ta' gruppi sottorappreżentati, bħal persuni b'diżabbiltà, nisa, ġenituri weħidhom u dawk b'ħiliet baxxi, jista' jgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Minkejja titjib sal-2022, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha wiesgħa għal 37 pps meta mqabbla ma' medja tal-UE ta' 21,4 pps, li tpoġġi lill-Irlanda fost dawk bl-agħar prestazzjoni u li turi "sitwazzjoni kritika". Metodi ta' ħidma ġodda u ħaddiema tal-każijiet imħarrġa għandhom l-għan li jnaqqsu din id-differenza. Il-persuni b'diżabbiltà għandhom it-tendenza li jkollhom rati għoljin ta' tluq bikri mill-iskola u livell edukattiv aktar baxx. Għalkemm ir-rata ta' impjieg tan-nisa żdiedet matul dawn l-aħħar snin, id-differenza fl-impjiegi żdiedet għal 11,3 pps fl-2022 (qabel tonqos għal 9,8 pps fit-tieni trimestru tal-2023), minħabba t-tkabbir aktar mgħaġġel fir-rata tal-impjieg għall-irġiel, u bħalissa "għandha tiġi osservata". Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni hija "aħjar mill-medja" fir-rigward tas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET), ta' 8,7 %, taħt il-medja tal-UE ta' 11,7 %.




*Nota*: Id-differenza fir-rata tal-impjieg bejn il-popolazzjoni totali u l-persuni b'diżabbiltà.
*Sors*: l-Eurostat [hlth_dlm200], l-UE-SILC

**Il-prestazzjoni tal-Irlanda hija b'saħħitha fir-rigward tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Il-pajjiż huwa fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, ta' 3,7 %, anki wara xi żieda fl-2022. Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa wieħed mill-ogħla fl-UE, ta' 70,5 % (vs medja tal-UE ta' 53,9 %), li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Is-sistema tal-protezzjoni soċjali Irlandiża wriet li hija effettiva biex ittaffi r-riskji ta' faqar b'mod ġenerali, għalkemm xi gruppi għadhom qed jiffaċċaw riskji akbar, u huma rrapportati sfidi dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** (ECEC). L-impatt ġenerali tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar (ta' 56,4 % vs 35,3 % fl-UE) ipoġġi lill-Irlanda fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni". Ir-riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mod ġenerali u għat-tfal huma "mal-medja"; madankollu, il-gruppi vulnerabbli, u speċjalment il-ġenituri weħidhom, il-vjaġġaturi u l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll il-persuni akbar fl-età ('il fuq minn 65 sena) jiffaċċaw riskji akbar. Il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal għadha mmarkata bħala "għandha tiġi osservata", minkejja titjib ta' 4 pps għal 19,1 %. Il-kost tal-aċċess għall-ECEC kien fost l-ogħla fl-UE għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' unitajiet domestiċi fl-2022 u kien raġuni ewlenija wara dan, iżda dan kien qed jonqos reċentement. L-isforzi kontinwi biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-indukrar tat-tfal jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni, kif ukoll fuq l-impjieg tan-nisa. Fl-aħħar nett, is-sehem tal-unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni huwa "aħjar mill-medja", madankollu l-provvista ta' akkomodazzjonijiet hija insuffiċjenti b'mod notevoli. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali u l-affordabbiltà baxxa huma partikolarment kritiċi, u rriżultaw f'livell għoli rekord ta' kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar. L-Irlanda qed tindirizza l-kwistjoni b'riformi regolatorji u investimenti pubbliċi b'saħħithom fis-settur tal-akkomodazzjoni.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati". **L-Irlanda ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Greċja

**Is-suq tax-xogħol Grieg tjieb u wera r-reżiljenza tiegħu matul il-COVID-19 u l-kriżijiet tal-enerġija, għalkemm il-pajjiż għadu qed jiffaċċa sfidi sinifikanti.** Fil-Greċja, 66,3 % tal-popolazzjoni ġenerali fl-età tax-xogħol kienet impjegata fl-2022, li hija 8 pps aktar milli fl-2020, għalkemm għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 74,6 %, u tirrifletti l-isfidi tal-impjegabbiltà fost ċerti gruppi tal-popolazzjoni. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali turi "sitwazzjonijiet kritiċi" kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għan-nisa. Għalkemm is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ naqas bi 3,2 pps mill-2020 sal-2022, dan għadu għoli (15,3 % fl-2022 vs 11,7 % fl-UE). Minkejja ż-żieda tagħha b'7,2 pps mill-2020 sal-2022, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (55,9 %) hija waħda mill-aktar baxxi fl-UE, li twassal għall-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE (21,0 pps). Min-naħa l-oħra, il-Greċja għandha prestazzjoni "mal-medja" fuq id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà mar-rata tal-qgħad u l-proporzjon tal-qgħad fit-tul ta' persuni b'diżabbiltà jonqos għal 12,5 % u 7,7 %, rispettivament, fl-2022. Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita, ta' 79,9 % fl-2022, baqa' taħt il-livell tiegħu tal-2008 u jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib fid-dawl tas-"sitwazzjoni kritika" tiegħu u l-impatt ta' inflazzjoni għolja.

**Ir-riskju ta' faqar u inugwaljanza naqas, għalkemm l-effettività tas-sistema tal-protezzjoni soċjali u l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati għadhom sfidi serji.** Fl-2022, it-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) naqqsu l-faqar fil-Greċja b'20,3 %, 15-il pps taħt il-medja tal-UE, li jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE), kif ukoll ir-rata tal-AROPE għat-tfal, komplew jonqsu minn 28,3 % u 32 % fl-2021 għal 26,3 % u 28,1 %, rispettivament, fl-2022. Fiż-żewġ każijiet, is-sitwazzjoni tjiebet minn "kritika" għal "dgħajfa iżda qed titjieb", għalkemm il-valuri għadhom ferm ogħla mill-medji rispettivi tal-UE (21,6 % u 24,7 %). L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, naqset ukoll minn 5.8 fl-2021 għal 5.3 fl-2022, ġeneralment l-istess livell bħal fl-2020. Is-sehem ta' nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni naqas minn 33,3 % fl-2020 għal 26,7 % fl-2022 u, b'hekk, huwa "dgħajjef iżda qed jitjieb". Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika żdiedu għal 9 % (6,8 pps ogħla mill-medja tal-UE), li hija "sitwazzjoni kritika".




*Sors*: l-Eurostat [ilc_pecs01], [tepsr_lm430], [ilc_li02], [tespm030], l-UE-SILC.

**L-akkwist tal-ħiliet diġitali għall-adulti għadu prijorità għall-Greċja fid-dawl tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.** Fl-2021, 52,5 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, 1,4 pps taħt il-medja tal-UE. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ baqa' ferm taħt il-medja tal-UE (4,1 % vs 9,6 % fl-UE), għalkemm żdied b'0,9 pps fl-2022 u għalhekk huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat". Is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal naqas bi 3,2 pps għal 29,1 % fl-2022 u huwa "mal-medja" (35,7 % fl-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", ma jidhirx li **l-Greċja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Spanja

**Is-suq tax-xogħol Spanjol qed jiffaċċa sfidi sostanzjali, minkejja l-irkupru sod tiegħu.** Ir-rata ta' impjieg żdiedet għal 69,5 % fl-2022, u qabżet il-livell ta' qabel il-kriżi (2019) ta' 68 %. Madankollu, hija għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 74,6 %, li hija "sitwazzjoni kritika"[276]. Bħala riżultat tax-xejra 'l isfel tagħhom, ir-rata tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha mxew minn "sitwazzjoni kritika" għal "dgħajfa iżda qed jitjiebu" fl-2022, għalkemm baqgħu b'mod sinifikanti ogħla mill-medja tal-UE (12,9 % vs 6,2 % u 5 % vs 2,4 %, rispettivament).[1] Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) tjieb għal 12,7 % fl-2022, iżda għadu wieħed li "għandu jiġi osservat". Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli, f'livell ta' 29,8 %, u laħaq 52,4 % f'Melilla, 44,4 % f'Ceuta u 43,9 % fir-reġjun ultraperiferiku tal-Gżejjer Kanarji, minkejja li ġie osservat titjib sostanzjali fi snin reċenti. Fuq nota aktar pożittiva, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija "mal-medja" u d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà tpoġġi lil Spanja fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni". Fl-istess ħin, it-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita għadu "kritiku" u xorta taħt il-livell bażi tal-2008.




*Sors*: l-Eurostat, [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [edat_lfse_20], l-LFS tal-UE.

**Spanja qed tiffaċċa sfidi b'rabta mat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, filwaqt li qed ikollha prestazzjoni relattivament tajba fuq il-ħiliet diġitali.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ żdied bi ftit fl-2022, għal 13,9 % (meta mqabbel ma' 9,6 % fl-UE), fejn mar għall-agħar minn "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qed titjieb" għal "sitwazzjoni kritika". Għad hemm disparitajiet reġjonali, b'livelli partikolarment għoljin fil-Lvant u fin-Nofsinhar u b'eżiti li qed imorru għall-agħar fir-reġjuni tal-Lvant u tal-Majjistral. Min-naħa l-oħra, Spanja qed ikollha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fil-ħiliet diġitali, b'64,2 % tal-popolazzjoni adulta li kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2021 (vs 53,9 % fl-UE), li tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali flimkien ma' aktar titjib ġenerali tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol.

276 Nota: id-definizzjoni tar-rata tal-impjiegi u tal-qgħad ta' Spanja tvarja fl-2021 u fl-2022, billi Spanja tinkludi impjegati fuq sensja temporanja fid-definizzjoni tagħha (ara Eurostat Metadata).

**Spanja qed tesperjenza sfidi b'rabta mal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Kemm ir-rata ġenerali ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kif ukoll il-proporzjon kwintili tal-introjtu huma "dgħajfa iżda qed jitjiebu", għalkemm il-livelli għadhom relattivament għoljin, ta' 26 % u 5,6 pps fl-2022, rispettivament. Barra minn hekk, is-sehem tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kien ta' 32,2 % fl-2022 (7,5 pps ogħla mill-medja tal-UE fl-2022) u baqa' f'"sitwazzjoni kritika" matul l-aħħar 3 snin. F'dan il-kuntest, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar (27,4 % vs 35,3 % fl-UE fl-2022), huwa relattivament baxx u "għandu jiġi osservat". Min-naħa pożittiva, Spanja qed tkompli jkollha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fuq il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika. Is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat" minħabba tnaqqis sinifikanti fl-2022 (minn 55,3 % għal 48,6 %), parzjalment relatat ma' kwistjonijiet ta' affordabbiltà li għaddejjin bħalissa.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Spanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Franza

**Franza għandha sistema ta' protezzjoni soċjali b'saħħitha iżda qed tiffaċċa riskji ta' faqar aktar evidenti.** B'mod ġenerali, Franza qed ikollha prestazzjoni "aħjar mill-medja" b'rabta mal-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, u s-sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' fl-2022 kemxejn taħt il-medja tal-UE (21,0 % vs 21,6 %). Madankollu, ir-rata tal-AROPE żdiedet b'1,8 pps sena wara sena, b'diverġenza mix-xejra għall-persuni tal-UE[277]. F'kuntest ta' inflazzjoni li qed tiżdied, ir-rata tal-AROPE tat-tfal żdiedet b'mod konsiderevoli (b'4,7 pps) għal 27,4 % fl-2022[278], ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 24,7 %. Iż-żewġ żviluppi "għandhom jiġu osservati". It-tkabbir tal-introjtu domestiku gross tal-unitajiet domestiċi baqa' 1,1 pps taħt il-medja tal-UE fl-2021. L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, għadha "mal-medja", għalkemm fil-biċċa l-kbira fuq xejra li qed tiżdied mill-2018. Ir-reġjuni ultraperiferiċi qed ikollhom prestazzjoni konsiderevolment agħar minn Franza metropolitana fl-oqsma kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC; interruzzjoni fis-serje fl-2022.

[277] Interruzzjoni fis-serje: l-istħarriġ FR-SILC jinkludi fl-2022 għall-ewwel darba erba' dipartimenti ekstra-Ewropej (il-Guyana Franċiża, Réunion, Martinique u Guadeloupe).

[278] Din iż-żieda tidher għolja minkejja l-inklużjoni tad-dipartimenti ekstra-Ewropej imsemmija hawn fuq.

**Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol Franċiż kompliet titjieb, minkejja tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fit-tieni nofs tal-2022, iż-żieda fil-konġestjonijiet tal-provvista u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija.** Bejn l-2021 u l-2022, ir-rata tal-qgħad naqset b'0,6 pps għal 7,3 % (7,2 % fit-tieni trimestru tal-2023), l-aktar livell baxx mill-2008, madankollu "għandha tiġi osservata", minħabba li l-prestazzjoni relattiva għall-medja tal-UE ddeterjorat għat-tieni darba[279]. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ u s-sehem ta' dawk barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) tjiebu wkoll, filwaqt li baqgħu għoljin fir-reġjuni ultraperiferiċi. L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' xi gruppi vulnerabbli għadha ta' sfida, b'mod partikolari għal dawk imwielda barra mill-UE u għall-persuni b'livell edukattiv baxx. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija "aħjar mill-medja" (5,8 pps fl-2022 vs 9,1 pps fl-UE). Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset mill-2021 sal-2022 bi 3,3 pps, iżda għadha sinifikanti għal 20,8 pps.

**B'mod ġenerali, Franza qed ikollha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-opportunitajiet indaqs.** Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, kif ukoll is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ huma "mal-medja" (ta' 62 % fl-2021 u 7,6 % fl-2022, rispettivament). Franza hija "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem ta' tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal. Madankollu, is-sistema edukattiva hija kkaratterizzata minn sehem sinifikanti ta' studenti b'kisbiet baxxi u inugwaljanzi għoljin.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **Franza ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

[279] Id-definizzjoni tar-rati tal-impjiegi u tal-qgħad ta' Franza tvarja fl-2021 u fl-2022, minħabba li Franza tinkludi impjegati fuq sensja temporanja (ara Eurostat Metadata).

## Il-Kroazja

**Il-Kroazja esperjenzat irkupru sod fl-2021 u fl-2022, iżda għadha qed tiffaċċa sfidi sostanzjali fis-suq tax-xogħol.** Minkejja xi titjib mill-2021, ir-rata ta' impjieg kienet għadha ferm aktar baxxa mill-medja tal-UE fl-2022 (69,7 % vs 76,4 %) u kienet "kritika" għal sentejn konsekuttivi. Filwaqt li r-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul huma qrib il-medja tal-UE (ta' 7 % u 2,4 % fl-2022, rispettivament), il-perċentwal ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) għadu wieħed li "għandu jiġi osservat", ta' 13,3 % fl-2022 vs 11,7 % fl-UE, anki wara tnaqqis żgħir mis-sena ta' qabel. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà hija "kritika", b'wieħed mill-ogħla livelli (36 pps vs medja ta' 24,4 pps fl-UE) u xejra li qed tiddeterjora.



*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp200], l-UE-SILC

**Il-Kroazja qed tiffaċċa xi sfidi fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.** Filwaqt li r-rata ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) għadha taħt il-medja tal-UE kemm għall-popolazzjoni totali (19,9 % vs 21,6 %) kif ukoll għat-tfal (18,1 % vs 24,7 %), l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar ilu "kritiku" mill-2020, u fl-2022 kien ferm aktar baxx (20,4 %) mill-medja tal-UE (35,3 %). Dan għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib ukoll b'rabta mal-impatt possibbli tal-livell elevat attwali tal-għoli tal-ħajja fuq ir-riskji tal-faqar.

**Il-Kroazja qed ikollha prestazzjoni relattivament tajba mil-lat tat-tluq bikri mill-iskola u l-ħiliet diġitali.** Il-pajjiż għadu fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, li kien ta' 2,3 % fl-2022, meta mqabbel ma' medja tal-UE ta' 9,6 %. Il-proporzjon ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ukoll "ogħla mill-medja", ta' 63,3 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 53,9 % fl-2021, li huwa importanti biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Min-naħa l-oħra, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal dan l-aħħar iddeterjora b'mod sinifikanti (minn 33,3 % fl-2021 għal 27,5 % fl-2022), li jpoġġiha 8,2 pps taħt il-medja tal-UE, bħala "għandha tiġi osservata".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Kroazja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## L-Italja

**Minkejja rkupru sod fl-impjiegi, l-Italja qed tiffaċċa sfidi importanti fis-suq tax-xogħol.** Xi indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-qasam "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" jindikaw "sitwazzjoni kritika". Għalkemm ir-rata ta' impjieg laħqet rekord ta' 64,8 % fl-2022, hija kważi 9,8 pps taħt il-medja tal-UE, li tagħmel lill-Italja waħda minn fost dawk bl-agħar prestazzjoni fl-UE. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija ta' 19,7 pps fl-2022; u baqgħet stabbli mill-2020. Meta mqabbla mal-medja tal-UE, hija ogħla kważi d-doppju (10,7 %), li turi "sitwazzjoni kritika". Barra minn hekk, l-inċidenza ta' xogħol part-time involontarju għadha għolja, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ u għall-irġiel. Barra minn hekk, it-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita, ta' 94,6 % fl-2021, kien għadu ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 109,9 % meta mqabbel mal-2008 u naqas għal 93,8 % fl-2022 permezz ta' inflazzjoni għolja, u dan jindika "sitwazzjoni kritika" wkoll. Min-naħa l-oħra, il-prestazzjoni tal-Italja tjiebet fir-rigward tal-qgħad u l-komponent fit-tul tiegħu, biż-żewġ indikaturi "dgħajfa iżda qed jitjiebu" fl-2022. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-Italja hija b'mod konsistenti fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni".




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**Minkejja li s-sitwazzjoni għaż-żgħażagħ turi sinjali ta' titjib, is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Italja qed tkompli tiffaċċa sfidi.** B'mod partikolari, is-sehem ta' adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-Italja kien ta' 45,6 % fl-2021 u kien ferm taħt il-medja tal-UE (53,9 %), u b'hekk baqa' wieħed li "għandu jiġi osservat", inkluż fid-dawl tal-potenzjal tiegħu li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sitwazzjoni ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, kif ukoll taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) tjiebet xi ftit meta mqabbla mas-sena ta' qabel u issa hija "dgħajfa iżda qed titjieb". Madankollu, b'19 %, l-Italja għad għandha waħda mill-ogħla rati ta' NEET fl-UE (medja tal-UE: 11,7 %).

**Fir-rigward tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, hemm lok għal aktar titjib minkejja l-avvanzi reċenti.** Tliet indikaturi fil-qasam "protezzjoni u inklużjoni soċjali" "għandhom jiġu osservati" u l-indikaturi kollha, minbarra l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, imorru agħar mill-medja tal-UE. Fl-2022, is-sehem ġenerali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) naqas bi ftit għal 24,4 %, għalkemm għadu għoli u f'riskju ta' faqar waħdu baqa' l-istess meta mqabbel mal-2021. Bl-istess mod, ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset ukoll minn 29,7 % fl-2021 għal 28,5 % fl-2022. Barra minn hekk, fl-2022, it-trasferimenti soċjali naqqsu l-faqar b'25,8 % biss fl-Italja (meta mqabbla ma' 35,3 % fl-UE), u l-effettività tagħhom "għandha tiġi osservata". Fl-aħħar nett, l-inugwaljanzi fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, juru l-istess dinamika bħall-faqar: filwaqt li qed jonqos bi ftit fl-2022, il-proporzjon (5,6 %) "għandu jiġi osservat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tmien indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Italja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Ċipru

**B'mod ġenerali, il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol Ċiprijott qed tkun konformi mal-medja tal-UE, iżda xi gruppi tal-popolazzjoni għadhom qed jiffaċċaw sfidi.** Ir-rata tal-impjiegi laħqet 77,9 % fl-2022 u kompliet tiżdied għal 79,0 %, livell għoli kważi rekord, fit-tieni trimestru tal-2023 (vs 75,4 % fl-UE). Fl-istess ħin, il-qgħad kien relattivament baxx, ta' 6,8 % fl-2022, għalkemm għadu ftit ogħla mill-medja tal-UE ta' 6,2 %, filwaqt li l-komponent fit-tul tiegħu, ta' 2,3 %, kien konformi miegħu (2,4 % fl-UE), wara żieda żgħira fl-2021. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà f'Ċipru hija qrib il-medja tal-UE, ta' 25,7 pps, u naqset meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fl-istess ħin, l-integrazzjoni taż-żgħażagħ u tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha dgħajfa. Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) għadu għoli ħafna, ta' 14,7 % (vs 11,7 % fl-UE), b'deterjorament relattiv għall-medja tal-UE meta mqabbel mas-sena ta' qabel (minkejja t-tnaqqis tiegħu f'termini assoluti), biex b'hekk mexa minn "għandu jiġi osservat" għal "sitwazzjoni kritika". Filwaqt li r-rati tal-impjiegi żdiedu kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha mmarkata bħala "għandha tiġi osservata" għat-tieni sena konsekuttiva, minħabba l-livell relattivament għoli u dejjem jiżdied tagħha (12,1-il pps vs 10,7 pps fl-UE). Is-sehem tat-tfal ta' inqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal kien ta' 24,4 % f'Ċipru, ferm taħt il-medja tal-UE (35,7 %), wara tnaqqis sostanzjali mis-sena ta' qabel. Billi l-indukrar formali tat-tfal huwa importanti għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, din hija sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita għadu taħt il-livell tiegħu tal-2008 wara deterjorament żgħir mill-2021, sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata".




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_q], l-LFS tal-UE.

**L-iżviluppi fil-ħiliet juru titjib, iżda għad fadal xi sfidi.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ naqas minn 10,2 % fl-2021 għal 8,1 % fl-2022 u issa huwa "aħjar mill-medja". Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa pjuttost baxx b'50,2 % fl-2021 (vs 53,9 % fl-UE), u għadu wieħed li "għandu jiġi osservat", f'qasam li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Is-sistema ta' protezzjoni soċjali tidher effettiva fl-appoġġ għal eżiti soċjali tajbin f'Ċipru.** Ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali huwa ta' 16,7 % fl-2022 (vs 21,6 % fl-UE), inkluż għat-tfal (18,1 % vs 24,7 % fl-UE), u l-prestazzjoni tal-pajjiż hija "aħjar mill-medja" skont iż-żewġ dimensjonijiet. Dan qed jirrifletti, fost l-oħrajn, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li huwa "mal-medja" (31,2 % vs 35,3 % fl-UE) u l-piż eċċessiv tal-kost baxx tal-akkomodazzjoni, li għalih Ċipru huwa "bl-aħjar prestazzjoni". Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma, f'perċentwal ta' 0,1 %, fost l-aktar baxxi fl-UE, li mill-ġdid juru l-pajjiż bħala "bl-aħjar prestazzjoni".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Ċipru ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Latvja

**Filwaqt li għandha prestazzjoni medja f'xi oqsma, b'mod ġenerali, il-Latvja qed tiffaċċa sfidi sinifikanti fil-qasam soċjali.** Filwaqt li għandha prestazzjoni medja b'rabta mar-riskji ta' faqar għat-tfal, is-sehem ġenerali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE), ta' 26 % fl-2022, huwa wieħed mill-ogħla fl-UE, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 21,6 %. Wara deterjorament tal-prestazzjoni relattiva tal-pajjiż f'dan ir-rigward għal sentejn konsekuttivi, din issa hija "sitwazzjoni kritika". Barra minn hekk, 42,6 % tal-persuni akbar fl-età jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, ferm aktar milli fil-popolazzjoni totali. Barra minn hekk, l-inugwaljanza fl-introjtu kienet "kritika" b'mod persistenti matul l-aħħar 3 snin, b'wieħed mill-ogħla proporzjonijiet ta' ishma kwintili tal-introjtu (6,3 fl-2022 vs 4,7 fl-UE). Ir-riforma tal-introjtu minimu[280] u ż-żieda fil-paga minima (għal mill-inqas EUR 620 fl-2023, u mill-inqas EUR 700 mill-2024), huma maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-faqar u l-inugwaljanza. Madankollu, sa issa, l-effett ta' dawn l-azzjonijiet ġie affettwat mir-rati għoljin, għalkemm issa qed jonqsu, tal-inflazzjoni fil-Latvja fl-ewwel xhur tal-2023 u fl-aħħar tal-2022. Ġie rrapportat deterjorament għall-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika, li jaffettwa 5,4 % tal-popolazzjoni fl-2022 (vs 2,2 % fl-UE), li hija "sitwazzjoni kritika". Dan isegwi sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb" irreġistrata fl-2021, li kkoinċidiet ma' investimenti temporanji addizzjonali fil-kura tas-saħħa biex jittaffew l-effetti tal-pandemija tal-COVID19. Ir-riforma tal-kura tas-saħħa pendenti hija mistennija tipprovdi kopertura usa' u servizzi mediċi statutorji ta' kwalità ogħla lill-popolazzjoni b'mod aktar strutturali.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

280 Ir-riforma torbot il-livelli limiti tal-introjtu minimu għall-introjtu minimu garantit, il-benefiċċju tas-sigurtà soċjali tal-Istat, il-pensjoni minima, l-appoġġ materjali għall-orfni u t-tfal li jitħallew mingħajr kura tal-ġenituri wara li jilħqu l-età maġġuri mal-introjtu minimu medjan għal kull konsumatur ekwivalenti.

**Is-suq tax-xogħol tal-Latvja rkupra malajr mill-kriżi tal-COVID-19.** Fl-2022, ir-rata ta' impjieg żdiedet għal 77,0 % (minn 75,3 % fl-2021), u baqgħet ftit biss taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, "mal-medja". Il-Latvja hija fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fuq id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u hija "mal-medja" b'rabta ma' żgħażagħ NEETs. Hija kienet "bl-aħjar prestazzjoni" anki fir-rigward tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà fil-passat, iżda bħalissa hija "mal-medja" minħabba żieda reċenti, għalkemm għadha kemxejn taħt il-medja tal-UE (20,8 pps vs 21,4 pps fl-2022).

**B'mod ġenerali, il-prestazzjoni tal-Latvja hija "mal-medja" fir-rigward tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kien ta' 6,7 % fl-2022 (vs 9,6 % fl-UE), wara li kompla jonqos minn 7,3 % fl-2021. Ix-xejra pożittiva mill-2016 hija mistennija li tkompli bl-introduzzjoni reċenti ta' riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, filwaqt li tiżgura flessibbiltà akbar. Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 50,8 % (vs 53,9 % fl-UE), kif ukoll prestazzjoni "mal-medja" f'qasam li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **il-Latvja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Litwanja

**Il-Litwanja qed tiffaċċa sfidi relatati mal-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali.** L-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali għadha baxxa. Ix-xejra ta' tnaqqis osservata fis-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) għal 23,5 % fl-2021 dan l-aħħar reġgħet lura b'żieda għal 24,6 % fl-2022, sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Barra minn hekk, l-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, hija fost l-ogħla fl-UE u baqgħet "kritika" matul l-aħħar sentejn. Fl-2022, l-introjtu tal-aktar 20 % sinjuri tal-popolazzjoni kien aktar minn sitt darbiet ogħla minn dak tal-ifqar 20 % u żdied bi ftit mill-2021 bl-isfond ta' tnaqqis fl-UE. Min-naħa pożittiva, il-Litwanja hija fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" għat-tkabbir tal-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi għat-tielet sena konsekuttiva, li huwa sinjal ta' rkupru kontinwu, u r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni hija "aħjar mill-medja."




*Sors*: l-Eurostat [tessi180], l-LFS tal-UE.

**Għad hemm sfidi b'rabta mal-iżvilupp tal-ħiliet.** Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (48,8 % fl-2021) kien ferm taħt il-medja tal-UE (53,9 %) u b'hekk "għandu jiġi osservat", inkluż fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' ħiliet li jinħolqu biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Filwaqt li ġie osservat titjib konsiderevoli fis-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal bejn l-2020 u l-2022 (minn 16,2 % għal 22,8 %), dan għadu fost l-aktar baxxi fl-UE u taħt il-livell ta' qabel il-pandemija (2019) ta' 26,6 %, f'sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata" għal dawn l-aħħar 3 snin. Min-naħa l-oħra, il-prestazzjoni tal-Litwanja fuq dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ tjiebet minn "tajba iżda għandha tiġi ssorveljata" fl-2020 għal "l-aqwa prestazzjoni" fl-2022.

**Wara l-kriżi tal-COVID-19, is-suq tax-xogħol b'mod ġenerali rkupra b'mod qawwi, filwaqt li s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà marret għall-agħar skont l-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.** Ir-rata ġenerali tal-impjiegi kienet ta' 79,0 % fl-2022 (żieda minn 77,4 % fl-2021), li hija "aħjar mill-medja" (76,2 % fl-UE), b'mod simili għas-snin preċedenti. Fl-istess ħin, id-differenza fl-impjiegi tal-persuni b'diżabbiltà żdiedet minn 23,9 pps fl-2021 għal 35 pps (vs 21,4 pps fl-UE), it-tieni deterjorament f'sentejn konsekuttivi (minn "il fuq mill-medja" għal "kritiku"), li għadu ma jirriflettix l-isforzi ta' politika reċenti[281]. Kemm ir-rata tal-qgħad fit-tul kif ukoll is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg u taħriġ (NEET) tjiebu (dawn tal-aħħar minn 13 % fl-2020 għal 10,7 % fl-2022), u nbidlu minn "għandhom jiġu osservati" fl-2020 għal "mal-medja" fl-2021 u fl-2022. Fl-aħħar nett, tradizzjonalment, il-Litwanja hija "bl-aħjar prestazzjoni" fuq id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, b'valur indikatur ta' 0,8 pps u rata ta' impjieg relattivament għolja kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa (79,4 % u 78,6 %, rispettivament, fl-2022).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **il-Litwanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

---

[281] Id-data amministrattiva mill-Fond tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat turi żieda ta' 4,2 % fl-għadd ta' persuni impjegati b'diżabilità.

## Il-Lussemburgu

**Is-suq tax-xogħol irkupra malajr mill-kriżi tal-COVID-19 u għadu reżiljenti minkejja tnaqqis reċenti fl-attività ekonomika.** Dan huwa rifless fil-prestazzjoni tajba ġenerali fil-qasam tal-"kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti". Ir-rata tal-impjiegi laħqet livell għoli ġdid (74,8 %) fl-2022, kemxejn ogħla mill-medja tal-UE, filwaqt li r-rata tal-qgħad naqset għal 4,6 %. Il-qgħad fit-tul żdied fl-2020 u fl-2021, iżda rkupra għal-livell baxx tiegħu ta' qabel il-pandemija fl-2022 (1,3 %), li issa huwa "aħjar mill-medja". Dan huwa l-każ ukoll għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, li naqset b'mod sinifikanti minn 7,4 pps fl-2021 għal 6,5 pps fl-2022. Barra minn hekk, għat-tieni sena, il-Lussemburgu huwa wieħed mill-pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni fid-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà[282] (8,5 pps vs 21,4 pps fl-UE). Filwaqt li baqa' ferm taħt il-medja tal-UE, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) żdied fl-2020 u fl-2021, iżda naqas b'mod sinifikanti għal 6,8 % fl-2022, u sar "aħjar mill-medja". Madankollu, għalkemm l-indiċi tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita (2008=100) huwa ta' 111,9 qrib il-medja tal-UE (109.5), dan għadu indikat bħala "għandu jiġi osservat" minħabba t-tnaqqis żgħir tiegħu f'mument meta Stati Membri oħrajn esperjenzaw żieda.




*Sors*: l-Eurostat [tepsr_sp200], l-UE-SILC.

282 Hemm interruzzjoni fis-serje fl-indikaturi kollha bbażati fuq l-UE-SILC għal-Lussemburgu fl-2021, fl-2022 u fl-2023.

**Il-Lussemburgu għandu prestazzjoni b'saħħitha fl-edukazzjoni u l-ħiliet.** Il-pajjiż huwa fil-biċċa l-kbira "aħjar mill-medja" f'dan il-qasam ta' politika. B'mod partikolari, filwaqt li s-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ żdied matul il-pandemija, huwa naqas b'mod sinifikanti fl-2022, u sar "aħjar mill-medja". Fl-2021, 63,8 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, kważi 10 pps ogħla mill-medja tal-UE, li jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Lussemburgu jibqa' wkoll fost l-Istati Membri bl-ogħla sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal għalkemm, minħabba deterjorament sostanzjali fl-2022 (minn 62 % fl-2021 għal 54,7 %), issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat".

**Is-sitwazzjoni soċjali hija ġeneralment tajba fil-Lussemburgu, iżda hemm sfidi relatati mal-kostijiet tal-akkomodazzjoni**.[1] Il-pajjiż irreġistra titjib sinifikanti fl-2022 fis-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) b'mod ġenerali u speċjalment għat-tfal, bi prestazzjoni "aħjar mill-medja" fit-tnejn. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma "mal-medja" u "aħjar mill-medja", rispettivament. Għall-kuntrarju, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ddeterjorat b'mod sinifikanti minn "aħjar mill-medja" għal "sitwazzjoni kritika", li tirrifletti l-impatt ta' żidiet għoljin ħafna fil-prezzijiet tad-djar.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed li jidher bħala "kritiku" jew li "għandu jiġi osservat", **il-Lussemburgu ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser ikun jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## L-Ungerija

**L-Ungerija qed tiffaċċa sfidi sinifikanti fir-rigward tal-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.**

B'mod partikolari, is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal huwa baxx (12,9 % fl-2022 vs 35,9 % fl-UE) u ilu jonqos mill-2021, u dan juri "sitwazzjoni kritika" matul l-aħħar sentejn. Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ baqgħet ukoll f'"sitwazzjoni kritika", li żdiedet minn 12,0 % fl-2021 għal 12,4 % fl-2022, meta mqabbla ma' xejra ta' tnaqqis fl-UE. Għar-Rom, din ir-rata kienet sitt darbiet ogħla mill-bqija tal-popolazzjoni fl-2022 (64,3 % vs 9,4 %). Barra minn hekk, is-sehem tal-Ungerija ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (49,1 %) huwa aktar baxx mill-medja tal-UE (53,9 % fl-2021) u "għandu jiġi osservat", b'rati partikolarment baxxi fost dawk b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni qiegħda u l-persuni ta' aktar minn 55 sena. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi tal-edukazzjoni u l-ħiliet jista' jgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti.




*Sors*: l-Eurostat, [sdg_04_10], EU LFS.

**L-Ungerija qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-politika soċjali, li huma aggravati minn inflazzjoni għolja.** It-trasferimenti soċjali jnaqqsu l-faqar monetarju b'36,7 % fl-Ungerija, b'mod ġenerali f'konformità mal-medja tal-UE, madankollu s-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" minħabba t-tnaqqis sostanzjali fl-indikatur meta mqabbel mas-sena ta' qabel[283]. Filwaqt li r-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-Ungerija huwa "mal-medja" għall-popolazzjoni totali u "aħjar mill-medja" għat-tfal (18,4 % u 18,1 %, rispettivament), ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema hija waħda mill-ogħla fl-UE (9,1 % fl-2022). Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet drastikament minn 2,4 % fl-2021 ("aħjar mill-medja") għal 8,1 % fl-2022 ("għandha tiġi osservata"), u dan kompla jaggrava l-għoli tal-ħajja għal ħafna unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx.

**Is-suq tax-xogħol Ungeriż irnexxielu joħroġ tajjeb mill-kriżi tal-COVID-19, għalkemm l-eżiti għal xi gruppi vulnerabbli għadhom lura.** Is-suq tax-xogħol irkupra malajr bi prestazzjoni "aħjar mill-medja" fil-qasam tal-"kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" (jew "l-aħjar" għat-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi), bir-rata ta' impjieg tilħaq livell għoli rekord ta' 80,2 % fl-2022. Madankollu, xi gruppi vulnerabbli għadhom qed jiffaċċaw ostakli sinifikanti meta jiġu biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol u jirnexxu fih. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija ta' 9,8 pps fl-2022 u għadha "mal-medja", id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet bi 3,6 pps għal livell għoli ħafna ta' 32,4 pps (vs 21,4 pps fl-UE), li hija "sitwazzjoni kritika" wara li qabel kienet indikata bħala "għandha tiġi osservata". Barra minn hekk, ir-rati ta' impjieg għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet u r-Rom huma sostanzjalment taħt il-medja (38,7 % u 47,3 %, rispettivament, għall-grupp tal-età ta' 15-64 sena, vs 74,4 % bħala medja fl-2022).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Ungerija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

[283] Filwaqt li hemm interruzzjoni fis-serje għal dan l-indikatur fl-2022 għal kważi l-Istati Membri kollha, inkluża l-Ungerija minħabba bidla metodoloġika, il-valuri tal-indikaturi (mhux ippubblikati) ikkalkolati mill-Eurostat abbażi tal-metodoloġija l-antika juru tnaqqis simili fl-2022 u jagħtu l-istess valutazzjoni li "għandha tiġi osservata", u b'hekk il-konklużjonijiet relatati ma nbidlux.

## Malta

**B'mod ġenerali, is-suq tax-xogħol Malti qed ikollu prestazzjoni tajba ħafna, iżda xi gruppi tal-popolazzjoni għadhom qed jiffaċċaw sfidi.** Ir-rata ta' impjieg f'Malta kienet fost l-ogħla fl-UE, ta' 81,1 % fl-2022 (82,7 % fit-tieni trimestru tal-2023), li turi, flimkien mal-iżviluppi fl-introjtu domestiku gross tal-unitajiet domestiċi per capita, sitwazzjoni "aħjar mill-medja". Ir-rata tal-qgħad laħqet livell baxx storiku ta' 2,9 % fl-2022, filwaqt li s-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) naqas b'mod rapidu minn 9,5 % fl-2021 għal 7,2 % fl-2022 (vs 11,7 % fl-UE), u b'hekk Malta saret "bl-aħjar prestazzjoni" fiż-żewġ oqsma. B'żieda żgħira għal 1 % fl-2022, ir-rata tal-qgħad fit-tul hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata", għalkemm għadha ferm taħt il-medja tal-UE (ta' 2,4 %). Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha "dgħajfa iżda qed titjieb" bi 13,1-il pps fl-2022, fejn taqbeż il-medja tal-UE ta' 10,7 pps, għalkemm naqset bi 3,3 pps mill-2021. Fl-aħħar nett, il-persuni b'diżabbiltà qed jiffaċċaw sfidi f'termini ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif muri minn differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà relattivament wiesgħa u li qed tkompli tikber, sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Wara li stabbilizzat fl-2019 f'livell relattivament għoli, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kompliet tikber fl-2022 (bi 3,1 pps) u laħqet 30,1 pps, ogħla mill-medja tal-UE (21,4 pps).




*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp200], l-UE-SILC.

**B'mod ġenerali, is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' Malta qed ikollha prestazzjoni tajba, iżda għad hemm xi sfidi għaż-żgħażagħ.** It-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal kienu 43,1 % fl-2022 (vs 35,7 % fl-UE), li huwa "aħjar mill-medja". Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed jonqos, iżda għadu kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (10,1 % vs 9,6 % fl-2022) u "għandu jiġi osservat", b'kuntrast qawwi mal-prestazzjoni tajba fir-rigward tar-rata taż-żgħażagħ NEET. Mill-2021, 61,2 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi f'Malta (għalkemm b'differenzi kbar bejn il-livelli ta' ħiliet), li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 53,9 % u jappoġġa t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

**Is-sitwazzjoni soċjali Maltija hija ġeneralment tajba, għalkemm huma rreġistrati sfidi fuq l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar.** Ir-riskji tal-faqar u l-inugwaljanza fl-introjtu huma "mal-medja" f'Malta. Fl-2022, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mod ġenerali u dak għat-tfal kienu ta' 20,1 % u 23,1 %, rispettivament (vs 21,6 % u 24,7 % fl-UE). Malta kienet "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni b'rata ta' 2,9 % (vs 9,1 % fl-UE) u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika (0,3 % vs 2,2 % fl-UE). Madankollu, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa baxx f'Malta, ta' 26,4 %, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 35,3 % u "għandu jiġi osservat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Malta ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## In-Netherlands

**L-ekonomija Olandiża rkuprat malajr mill-kriżi tal-COVID-19 u qed ikompli jkollha prestazzjoni relattivament tajba fuq l-indikaturi kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali relatati mas-suq tax-xogħol.** Ir-rata ta' impjieg laħqet 82,9 % fl-2022 (83,6 % fit-tieni trimestru tal-2023), waħda mill-ogħla fl-UE, filwaqt li l-qgħad baqa' baxx ħafna (3,5 % fl-2022). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ għadu fost l-aktar baxxi fl-UE, minkejja li żdied marġinalment fl-2022 (b'0,3 pps għal 4,2 %) meta mqabbel ma' xejra 'l isfel fl-UE (li jirriżulta f'deterjorament minn "bl-aqwa prestazzjoni" għal "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat"). Fl-isfond ta' din il-prestazzjoni ġenerali tajba ħafna, il-pandemija tal-COVID-19 aggravat ir-riskji ta' suq tax-xogħol segmentat ħafna, li tibqa' waħda mill-akbar sfidi strutturali fin-Netherlands. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE (7,9 pps vs 10,7 pps) fl-2022, l-impjieg part-time huwa mifrux, b'mod partikolari għan-nisa. Dan jirriżulta f'waħda mill-ogħla differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg part-time fl-UE (42,3 pps meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 20,4 pps fl-2022) u differenza sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (37,9 % vs 26,0 % fl-UE fl-2022).




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**In-Netherlands qed ikomplu juru prestazzjoni b'saħħitha b'rabta mal-formazzjoni tal-ħiliet.** Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed tkompli turi prestazzjoni "aħjar mill-medja" (5,6 % fl-2022), minkejja żieda żgħira mis-sena ta' qabel (0,5 pps). Fl-2021, 78,9 % tal-popolazzjoni adulta kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, fost l-ogħla ishma fl-UE. Madankollu, l-involviment effettiv ta' dawk f'sitwazzjoni mhux favorevoli tas-suq tax-xogħol (bħal persuni b'livell baxx ta' ħiliet, persuni b'kuntratti flessibbli jew temporanji, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni b'diżabbiltà) għadu importanti. B'mod partikolari, bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni deċentralizzata, il-gruppi vulnerabbli mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu appoġġati b'mod ugwali jew adegwat.

**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fin-Netherlands għadu relattivament stabbli u ferm taħt il-medja tal-UE.** Għad hemm sfidi għal gruppi speċifiċi, bħall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni b'diżabbiltà. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet minn 8,3 % fl-2020 għal 10,0 % fl-2022, ftit ogħla mill-medja tal-UE ta' 9,1 %. Il-persuni f'riskju ta' faqar huma affettwati b'mod partikolari, b'rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ta' 41,2 %.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-ebda indikatur li jidher bħala "kritiku" jew li "għandu jiġi osservat", **in-Netherlands ma jidhrux li qed jiffaċċaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser ikunu jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## L-Awstrija

**L-Awstrija kellha rkupru qawwi fis-suq tax-xogħol minkejja sinjali ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.** Fl-2022, ir-rata ta' impjieg kienet "mal-medja" ta' 77,3 % wara titjib, iżda baqgħet f'dak il-livell anki fit-tieni trimestru tal-2023, wara li staġnat it-tkabbir tal-PDG fir-raba' trimestru tal-2022. Kemm ir-rata tal-qgħad kif ukoll il-komponent fit-tul tagħha naqsu drastikament (għal 4,5 % u 1,2 %, rispettivament), u dan juri prestazzjoni "aħjar mill-medja". F'dan il-kuntest, ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) naqset aktar għal 9,1 % fl-2022. Minkejja li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset għal 7,8 pps fl-2022, u baqgħet "mal-medja", l-Awstrija rreġistrat waħda mill-ogħla rati ta' impjieg part-time tan-nisa fl-UE, għal 50,3 % fl-2022, u waħda mill-akbar differenzi bejn il-ġeneri, u li qed ikomplu jikbru, f'dan ir-rigward (39,7 pps). Is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fil-kura formali tat-tfal naqas b'mod sinifikanti (b'5,5 pps) għal 23 % fl-2022 (vs 35,9 % fl-UE) u issa "għandu jiġi osservat". Din ir-rata baxxa u l-provvista limitata ta' indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u affordabbli jistgħu jkunu potenzjalment ta' detriment għall-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal u jibqgħu fattur ewlieni li jikkontribwixxi għar-rata għolja ta' xogħol part-time tan-nisa. Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita (GDHI) kien taħt il-livell tal-2008 tiegħu (97,9 % fl-2021) u ferm taħt il-medja tal-UE (109.9). Għalkemm qed jirkupra kemxejn mit-tnaqqis tal-2020 fil-kriżi tal-COVID, il-GDHI per capita huwa "dgħajjef iżda qed jitjieb".




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [edat_lfse_20], l-LFS tal-UE.

**L-Awstrija qed tkompli turi prestazzjoni b'saħħitha fil-qasam tal-ħiliet u t-taħriġ, iżda għad hemm sfidi għall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni.** Is-sehem ta' adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien għoli, ta' 63,3 % fl-2021, u "aħjar mill-medja" (54 % fl-UE). Madankollu, il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jistgħu jiġu promossi aktar sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet relatati. Filwaqt li s-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kien ta' 8,4 % fl-2022 u b'hekk "mal-medja", madwar 45 % tal-persuni qiegħda fit-tul temmew biss l-iskola sekondarja tal-ewwel livell fl-Awstrija. It-titjib tal-ħiliet bażiċi ta' persuni żvantaġġati jista' jisfrutta l-potenzjal tagħhom u jtejjeb il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Fl-2021, 23,6 % tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni fl-età ta' bejn 25 u 64 sena kellhom biss edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell u l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tal-persuni ta' bejn 15 u 19-il sena mhux imwielda fl-Awstrija kienet ta' 61,2 % fl-2020, ferm inqas min-nazzjonali (80,7 %).

**L-Awstrija għandha prestazzjoni relattivament tajba fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) huwa stabbli, ta' 17,5 % fl-2022, u r-rata tal-AROPE għat-tfal naqset għal 21,6 %. Madankollu, il-privazzjoni materjali u soċjali estrema żdiedet b'0,5 pps għal 2,3 % fl-2022 u r-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar monetarju (14,8 %) baqgħet ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija. L-impatt qawwi tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (41,2 % fl-2022 vs 35,3 % fl-UE) u l-livell baxx ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika jkompli juri sitwazzjoni li hija "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed li jidher bħala "kritiku" jew li "għandu jiġi osservat", l-Awstrija **ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Polonja

**B'mod ġenerali, is-suq tax-xogħol Pollakk qed ikollu prestazzjoni tajba, iżda n-nisa u l-persuni b'diżabbiltà qed jiffaċċaw sfidi sinifikanti.** Kemm ir-rati tal-impjiegi kif ukoll tal-qgħad laħqu livelli aħjar minn dawk ta' qabel il-pandemija u rreġistraw l-aħjar prestazzjonijiet tagħhom mill-aħħar tliet deċennji. B'waħda mill-aktar rati baxxi ta' qgħad fl-UE ta' 2,9 % fl-2022, il-Polonja hija fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni", filwaqt li r-rata ta' impjieg tagħha hija "mal-medja" ta' 76,7 % (vs 74,6 % fl-UE). Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħaddiema huwa prominenti u aggravat minn tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u l-parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol ta' xi gruppi tal-popolazzjoni. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għad "għandha tiġi osservata" b'livell ta' 12,9 pps (vs 10,7 pps fl-UE) fl-2022 u qed titjieb biss bil-mod. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-inattività tan-nisa hija r-responsabbiltajiet tal-kura fir-rigward tat-tfal u tal-persuni li jeħtieġu kura fit-tul. Dan huwa rifless fis-sehem ta' 15,9 % biss tat-tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal, li "għandu jiġi osservat" minħabba li għadu ferm taħt il-medja tal-UE (35,7 %) u ddeterjora wkoll kemxejn fl-2022, fejn iddevja mix-xejra 'l fuq tiegħu mill-2019. Din ir-rata baxxa flimkien mal-isfidi ta' kwalità tista' potenzjalment tkun ta' detriment għall-prospetti ta' apprendiment fit-tul tat-tfal u għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Fatturi oħra li qed ixekklu r-rata ta' impjieg tan-nisa jinkludu l-frekwenza baxxa ta' xogħol part-time fil-Polonja meta mqabbla mal-UE, u l-età tal-irtirar relattivament bikrija tan-nisa. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja ogħla tan-nisa żgħażagħ meta mqabbla mal-irġiel tinfluwenza wkoll ir-rata ta' impjieg tagħhom b'effetti ta' benefiċċju fuq perjodu twil. Il-persuni b'diżabbiltà għadhom qed jiffaċċaw ostakli sinifikanti biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, li jistgħu jkunu raġuni oħra għall-inattività[284]. Minkejja tnaqqis fl-2022 meta mqabbel mal-2021 (31,3 pps vs 34,2 pps), id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ma kinitx qed tonqos malajr biżżejjed u għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 21,4 pps, li "għandha tiġi osservata".




*Sors*: l-Eurostat [tepsr_sp200], [tesem060], [tepsr_sp210], l-UE-SILC

[284] OECD, *Regional Economic Inactivity Trends in Poland*, OECD Reviews on Local Job Creation, OECD Publishing, Paris, 2021.

**Il-Polonja turi xi żviluppi tajbin fir-rigward taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, iżda l-livell ta' ħiliet diġitali għadu baxx ħafna.** Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa ta' 42,9 % fil-Polonja, li huwa ferm aktar baxx mill-medja tal-UE (53,9 % fl-2021) u "sitwazzjoni kritika". It-tisħiħ tal-akkwist tal-ħiliet diġitali jista' jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. B'kuntrast ma' dan, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ huwa biss nofs dak fl-UE (4,8 % kontra 9,6 %) u l-Polonja għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fir-rigward tas-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs).

**Is-sitwazzjoni soċjali hija relattivament tajba fil-Polonja.** Ir-rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (15,9 %) u l-inugwaljanza fl-introjtu (il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, 3,9 %) jibqgħu "aħjar mill-medja" meta mqabbla mal-medja tal-UE (ta' 21,6 % u 4,7 %, rispettivament). Dan jista' jkun dovut, mill-inqas parzjalment, għal impatt "aħjar mill-medja" tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar (tnaqqis ta' 38,6 % tar-rata tar-riskju ta' faqar vs 35,3 % bħala medja fl-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Polonja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Il-Portugall

**L-effettività tas-sistema Portugiża tal-protezzjoni soċjali biex jittaffew ir-riskji tal-faqar u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu żdiedet.** Ġie rreġistrat titjib sinifikanti fuq is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) u l-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu, li kkumpensa għad-deterjoramenti fl-2021, biż-żewġ indikaturi issa huma "aħjar mill-medja". Ir-rata tal-AROPE naqset bi 2,3 pps mill-2021 u reġgħet lura għal taħt il-medja tal-UE fl-2022 (20,1 % vs 21,6 %), filwaqt li l-proporzjon kwintili tal-introjtu għadu kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (5.1 vs 4.7). Madankollu, is-sehem tal-persuni AROPE għadu għoli ħafna fl-Azores u f'Madeira (30,3 % u 30,2 %, rispettivament) u qed ikompli jiżdied, li jindika disparitajiet dejjem akbar bejn il-Portugall kontinentali u r-reġjuni ultraperiferiċi tiegħu. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fit-tnaqqis tal-faqar żdied bi 3,7 pps fl-2022 (aktar minn fi kwalunkwe Stat Membru ieħor), minn "kritiku" għal "dgħajjef iżda qed jitjieb"[285]. Minkejja dan l-iżvilupp reċenti, il-prestazzjoni tal-Portugall f'dan l-indikatur għadha lura ferm mill-medja tal-UE (23,7 % meta mqabbla ma' 35,3 %) u għadha trid tirkupra għal-livelli ta' qabel il-pandemija.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

285 Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.

**Il-Portugall juri titjib fl-edukazzjoni u l-ħiliet.** Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali f'dan il-qasam kienu "aħjar mill-medja" fl-2022. Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ żdiedet marġinalment mill-2021 sal-2022 (0,1 pp) u għadha "aħjar mill-medja" wara tnaqqis sinifikanti matul l-aħħar 5 snin. Is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 55,3 % fl-2021 (vs 53,9 % fl-UE), u b'hekk kien "mal-medja". L-iżgurar tas-sostenibbiltà ta' dawn ir-riżultati jista' jgħin lill-Portugall jindirizza l-isfidi tiegħu fil-qasam tal-ħiliet fid-dawl tal-ħtiġijiet li jinbidlu tas-suq tax-xogħol, kif ukoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Is-suq tax-xogħol Portugiż wera li huwa reżiljenti minkejja tnaqqis fl-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19.** L-indikaturi kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont il-qasam "kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti" ma nbidlux meta mqabbla mas-sena ta' qabel u għadhom "bħala medja." Fl-2022, ir-rati tal-impjiegi u tal-qgħad kienu aħjar mill-medji rispettivi tal-UE (77,5 % vs 74,6 % u 6,0 % vs 6,2 %, rispettivament) b'titjib kemxejn taħt il-medja mis-sena li għaddiet. Wara żieda minn 2,3 % għal 2,9 % bejn l-2020 u l-2021, ir-rata tal-qgħad fit-tul tjiebet b'mod moderat fl-2022 (2,7 %).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-ebda indikatur li jidher bħala "kritiku" jew li "għandu jiġi osservat", **il-Portugall ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser ikun jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Ir-Rumanija

**Minkejja progress sinifikanti, ir-riskji ta' faqar fir-Rumanija huma għoljin b'mod persistenti, speċjalment għal gruppi vulnerabbli u f'żoni rurali.** Minkejja li r-rata tal-AROPE naqset mill-2015 minn 44,5 % għal 34,4 % fl-2022, hija għadha ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE (21,6 %), l-istess bħall-AROPE għat-tfal. Dawn u l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar juru "sitwazzjonijiet kritiċi". Ir-riskji ta' faqar jikkonċernaw 41,5 % tat-tfal kollha, mingħajr titjib meta mqabbla mal-2021. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali wriet effettività limitata minħabba li t-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) irriżultaw fi tnaqqis tal-faqar ta' 16,5 % biss (meta mqabbel ma' 35,3 % fl-UE). Filwaqt li l-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu naqas b'mod konsiderevoli aktar milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn bejn l-2021 u l-2022 (minn 7.14 għal 6.0), huwa għadu wieħed mill-ogħla fl-UE. Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika kienu ta' 4,9 % fl-2022 u "għandhom jiġu osservati". Il-gruppi vulnerabbli, in-nies li jgħixu f'żoni rurali u l-komunitajiet emarġinati bħar-Rom jiffaċċaw diffikultajiet akbar biex jaċċessaw servizzi essenzjali u soċjali.




*Sors*: l-Eurostat, l-UE-SILC [ilc_peps13n]

**L-isfidi persistenti fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ipoġġu f'riskju l-konverġenza soċjoekonomika sostenibbli.** L-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali relatati mal-formazzjoni tal-ħiliet qed ikomplu juru "sitwazzjonijiet kritiċi". B'mod partikolari, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (15,6 %) huwa wieħed mill-ogħla fl-UE u ma juri l-ebda titjib ċar fl-aħħar ftit snin, meta mqabbel max-xejra ta' tnaqqis fl-UE. Minkejja t-titjib reċenti, is-sehem ta' tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal juri b'mod persistenti "sitwazzjoni kritika" u għadu fost l-aktar baxxi fl-2022 (12,3 % vs 35,7 % fl-UE). Din ir-rata baxxa flimkien mal-isfidi ta' kwalità tista' tkun potenzjalment ta' detriment għall-prospetti ta' apprendiment fit-tul, iżda wkoll għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Individwi b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kienu 27,8 % tal-popolazzjoni adulta fl-2021, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 53,9 %, f'"sitwazzjoni kritika" wkoll. Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u jiġi żgurat potenzjal ta' tkabbir inklużiv, hemm lok biex jittejbu aktar il-kwalità, l-aċċessibbiltà u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u biex tingħata spinta lill-kisba tal-ħiliet b'enfasi fuq gruppi żvantaġġati, fid-dawl tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, it-tranżizzjoni doppja u l-isfidi demografiċi.

**Is-suq tax-xogħol wera reżiljenza kontra l-kriżi tal-COVID-19, iżda għadu qed jiffaċċa sfidi sostanzjali.** Fl-2022, ir-rata tal-impjiegi kienet għadha ferm taħt il-medja tal-UE (68,5 % vs 74,6 %) u baqgħet "kritika", li tirrifletti parzjalment differenzi qawwija fl-eżiti tas-suq tax-xogħol fost il-gruppi tal-popolazzjoni. Ir-rata tal-qgħad fit-tul żdiedet (b'0,2 pps għal 2,2 %), meta mqabbla ma' xejra ta' titjib fl-UE, u issa "għandha tiġi osservata". Iż-żgħażagħ NEETs naqsu għal 19,8 % (għadhom fost l-ogħla fl-UE) u baqgħu f'"sitwazzjoni kritika" minħabba l-pass bil-mod tat-titjib. Fuq nota pożittiva, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, f'"sitwazzjoni kritika", resqet eqreb lejn il-medja tal-UE fl-2020 u fl-2021 u, bi 18,6 pps fl-2022, saret "dgħajfa iżda qed titjieb". Bl-istess mod, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset fl-2022 (b'0,6 pps), u nbidlet minn "kritika" għal "għandha tiġi osservata".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-11-il indikatur li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ir-Rumanija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

## Is-Slovenja

**Is-Slovenja esperjenzat irkupru qawwi fis-suq tax-xogħol wara l-pandemija tal-COVID-19.** Fl-2022, ir-rati tal-impjiegi, tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul komplew jitjiebu f'konformità max-xejra ġenerali fl-UE u laħqu livelli storikament għoljin u, għall-qgħad, livelli baxxi, rispettivament (77,9 %, 4 % u 1,6 %, rispettivament). Dawn l-indikaturi kollha tas-suq tax-xogħol kienu "mal-medja" jew "aħjar mill-medja". Madankollu, fatturi strutturali bħat-tixjiħ rapidu tal-popolazzjoni u l-ispariġġi fil-ħiliet jirriskjaw li jiġu aggravati n-nuqqasijiet eżistenti ta' ħaddiema.




Sors: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [edat_lfse_20], l-LFS tal-UE

**Is-Slovenja qed tesperjenza xi sfidi relatati mas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħha, b'mod partikolari b'rabta mal-ħiliet diġitali.** Fl-2021, 49,7 % tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li hija taħt il-medja tal-UE (53,9 %) u "għandhom jiġu osservati", speċjalment fid-dawl tal-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ żdied b'0,9 pps, meta mqabbel ma' xejra ta' titjib fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Dan wassal għal deterjorament minn "bl-aħjar prestazzjoni" għal "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", għalkemm is-Slovenja għad għandha wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE. B'mod analogu, filwaqt li s-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) żdied ukoll (b'1,1 pp), għal 8,4 % fl-2022, huwa għadu taħt il-medja tal-UE ta' 11,7 %, u huwa wkoll "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat".

**B'mod ġenerali, is-Slovenja għandha sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona tajjeb.** Kważi l-indikaturi kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-qasam tal-"protezzjoni u l-inklużjoni soċjali" huma "aħjar mill-medja" jew jenfasizzaw lis-Slovenja bħala "bl-aħjar prestazzjoni" fl-2022. Bħal fis-snin preċedenti, is-Slovenja kellha wieħed mill-aktar ishma baxxi tal-popolazzjoni u tat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, bi 13,3 % u 10,3 %, rispettivament. Madankollu, xi gruppi vulnerabbli, speċjalment dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, il-persuni qiegħda, in-nisa anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, jesperjenzaw riskji ta' faqar ħafna ogħla, li jiġġustifika sforzi ta' politika ulterjuri mmirati lejn dawn il-gruppi. Minkejja li s-Slovenja kellha impatt relattivament għoli ("aħjar mill-medja") tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fis-snin preċedenti, fl-2022 dan naqas ferm aktar milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li "għandu jiġi osservat"[286]. B'mod partikolari, it-trasferimenti soċjali huma l-inqas effettivi biex inaqqsu r-riskju ta' faqar għall-anzjani (65 sena u aktar), bin-nisa ta' 75 sena u aktar jesperjenzaw rata ta' AROPE kważi d-doppju (26,1 %) fl-2022 tal-popolazzjoni ġenerali. Fl-aħħar nett, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika baqgħu f'livell relattivament għoli meta mqabbla mal-medja tal-UE (2,2 %), minkejja t-titjib sinifikanti minn 4,8 % fl-2021 għal 3,7 % fl-2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ż-żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", ma jidhirx li **s-Slovenja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

286 Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.

## Is-Slovakkja

**Is-suq tax-xogħol fis-Slovakkja għandu prestazzjoni tajba b'mod ġenerali, iżda l-qgħad fit-tul għadu sfida.** Wara rkupru sod mill-kriżi tal-COVID-19, ir-rata tal-impjiegi laħqet rekord ta' 76,7 % u r-rata tal-qgħad kienet ta' 6,1 % fl-2022 (aħjar mill-medji tal-UE ta' 74,6 % u 6,2 %, rispettivament). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET) tjieb ukoll, fejn naqas minn 14,2 % fl-2021 għal 12,3 % fl-2022. Madankollu, ir-rata tal-qgħad fit-tul hija meqjusa bħala "kritika", minħabba li marret għall-agħar minn 3,9 % fl-2021 għal 4,1 % fl-2022 (vs 2,4 % fl-UE). Barra minn hekk, huma osservati disparitajiet reġjonali kbar bejn ir-reġjuni tal-Punent u tal-Lvant.



*Sors*: l-Eurostat [une_ltu_a], l-LFS tal-UE.

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ma hijiex biżżejjed u tikkostitwixxi "sitwazzjoni kritika".** Fl-2022, is-Slovakkja kellha l-aktar rata ta' parteċipazzjoni baxxa tal-UE ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (2,3 % vs 35,7 % fl-UE). Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' aktar minn 3 snin tibqa' wkoll waħda mill-aktar baxxi fl-UE (77,4 % vs 91,8 % fl-UE fl-2021), b'sehem ta' 33 % biss fost it-tfal Rom (għalkemm tjiebet minn 27 % fl-2016). Min-naħa l-oħra, is-Slovakkja tikklassifika "mal-medja" fir-rigward ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi.

**Is-Slovakkja għandha riskji ġenerali baxxi ta' faqar u hija fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tal-inugwaljanza fl-introjtu, iżda r-riskji ta' faqar għat-tfal jitqiesu bħala "għandhom jiġu osservati".** Is-Slovakkja qed tiffaċċa disparitajiet reġjonali kbar, bil-parti tal-Lvant tal-pajjiż qed tesperjenza livelli aktar profondi ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Il-pajjiż għandu waħda mill-akbar popolazzjonijiet tar-Rom fl-UE, b'eluf ta' persuni jgħixu f'żoni iżolati mingħajr aċċess għas-servizzi essenzjali. Bħala riżultat taż-żieda qawwija tagħha fl-2022 (għal 24,7 % minn 19,7 % fl-2021), ir-rata AROPE għat-tfal "għandha tiġi osservata", u din turi deterjorament fuq sentejn konsekuttivi. L-istess japplika għall-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar[287].

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **is-Slovakkja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

287 Dan l-indikatur għandu interruzzjoni fis-serje fl-2022.

## Il-Finlandja

**Is-suq tax-xogħol Finlandiż irkupra malajr mill-kriżi tal-COVID-19 u għadu strett.** Il-prestazzjoni tal-Finlandja qed tkompli tkun konformi mal-medja tal-UE dwar l-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-qasam tal-"kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti". Fl-2022, ir-rati tal-impjiegi u tal-qgħad fit-tul tjiebu u kienu aħjar mill-medji rispettivi tal-UE (78,4 % vs 74,6 % u 1,5 % vs 2,4 %, rispettivament) fost kundizzjonijiet stretti tas-suq tax-xogħol. Il-Finlandja kellha waħda mill-aktar differenzi ristretti bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE fl-2022 (1,2 pps vs 10,7 pps għall-medja tal-UE) u għadha fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni". Is-sehem ta' żgħażagħ li la huma fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ (NEETs) għadu taħt il-medja tal-UE, iżda mar kemxejn għall-agħar fl-2022 (minn 9,2 % għal 9,3 %) meta mqabbel ma' xejra ta' titjib fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn, sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata".




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**Il-Finlandja qed tkompli jkollha prestazzjoni tajba fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Fl-2021, 79 % tal-popolazzjoni adulta kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li hija fost l-ogħla fl-UE. Ir-rata ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kienet ta' 8,4 % fl-2022 (vs 9,6 % fl-UE), mingħajr ebda deterjorament sinifikanti meta mqabbla mas-sena li għaddiet. Il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' apprendiment u l-akkwist tal-ħiliet f'konformità ma' din il-prestazzjoni b'saħħitha tista' tgħin biex jiġi żgurat il-potenzjal ta' tkabbir fit-tul tal-ekonomija fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa f'xi setturi, bħas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.

**Il-Finlandja għandha sistema ta' protezzjoni soċjali effettiva u inkluživa li tipprovdi kopertura adegwata, iżda tinkludi wkoll xi nases tal-inattività u kumplessità li qed jiġu indirizzati fil-kuntest ta' riforma komprensiva.** Dan huwa rifless fil-prestazzjoni ġenerali tajba fuq il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont il-qasam tal-"protezzjoni u l-inklużjoni soċjali", għalkemm il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika għadhom "kritiċi". Għal dan l-indikatur, ix-xejra qed tiżdied b'mod qawwi, bi 2,1 pps għal 6,5 % fl-2022, ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE (2,6 %). Il-ħinijiet twal ta' stennija għall-kura primarja u speċjalizzata huma dovuti b'mod partikolari għall-kura b'lura mill-pandemija tal-COVID19 u n-nuqqasijiet ta' persunal tal-kura u persunal mediku. Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) żdied bi 2,1 pps fl-2022 (għal 16,3 %), li għadu ferm taħt il-medja tal-UE (24,7 %). L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar għadu għoli u ogħla mill-medja tal-UE (49,8 % vs 35,3 %), minkejja li mar għall-agħar b'7,9 pps mill-2021[288]. Fiż-żewġ każijiet, hemm deterjorament minn "bl-aħjar prestazzjoni" għal "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat"[289].

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ż-żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ma jidhirx li l-Finlandja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

288 Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.

289 Għall-indikaturi ta' AROPE u AROPE għat-tfal, hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.

## L-Iżvezja

**Is-suq tax-xogħol Żvediż irkupra malajr mill-kriżi tal-COVID-19, madankollu, xi gruppi tal-popolazzjoni għadhom qed jiffaċċaw ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.** It-tkabbir qawwi fl-impjiegi wassal għal rata għolja rekord ta' impjieg ta' 82,2 % fl-2022. Il-pajjiż għandu wkoll wieħed mill-aktar ishma baxxi ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) fl-UE. Madankollu, b'7,5 % fl-2022 (vs 6,2 % fl-UE) ir-rata tal-qgħad għad "għandha tiġi osservata" u taħbi differenzi kbar bejn il-gruppi tal-popolazzjoni relatati mal-pajjiż tat-twelid. Filwaqt li r-rata tal-qgħad ta' persuni nattivi kienet ta' 4,6 %, dawk imwielda barra mill-UE kellhom rata tal-qgħad għolja ta' 19,2 %. Barra minn hekk, hemm differenza notevoli bejn ir-rata tal-qgħad ta' dawk li twieldu barra mill-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġeneru, li tlaħħaq għal 22,3 % fl-2022 għan-nisa u għal 16,7 % għall-irġiel. Barra minn hekk, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà "għandha tiġi osservata", minħabba żieda qawwija b'5,8 pps għal 25,7 pps fl-2022. Fl-istess sena, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedet u issa hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata".




*Sors*: l-Eurostat, [lfsq_urgacob], l-LFS tal-UE, [ilc_peps06n], l-UE-SILC.

**Ir-riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi fl-introjtu żdiedu fl-Iżvezja, filwaqt li eżiti oħrajn fil-qasam soċjali huma tajbin jew medji.** Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE) żdied kemxejn b'1,4 pps, għal 18,6 %, fl-2022 (vs 21,6 % fl-UE), sitwazzjoni li issa "għandha tiġi osservata", wara li kienet "aħjar mill-medja" fl-2021. Bl-istess mod, il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu żdied drastikament minn 4.0 fl-2021 għal 4.4 fl-2022, l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat fl-Iżvezja (vs 4.7 fl-UE) u wkoll "għandu jiġi osservat". Bħal fil-każ tal-eżiti tas-suq tax-xogħol, id-diskrepanza fir-rati tal-AROPE tal-persuni nattivi (13,5 % fl-2022) u n-nies imwielda barra mill-UE (37,3 %) hija kbira. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa "aħjar mill-medja", filwaqt li l-eżiti relatati mal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma "mal-medja".

**L-Iżvezja għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward tal-ħiliet, iżda għad hemm inugwaljanzi fis-sistema edukattiva.** Il-pajjiż huwa "bl-aħjar prestazzjoni" f'termini tas-sehem ta' tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal. Madankollu, is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ (il-grupp tal-età ta' 18-24 sena) ilu jiżdied mill-2020, u laħaq 8,8 % fl-2022. Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa d-doppju (17,3 %) fost iż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE meta mqabbla mal-istudenti nattivi (6,7 %). Is-sehem tal-popolazzjoni adulta b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien b'mod konsistenti "aħjar mill-medja", ta' 66,5 % fl-2021 (vs 53,9 % fl-UE), u pprovda appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Iżvezja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.5).

**Anness 1: Miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali sal-2030 skont l-Istat Membru**

| | Impjiegi (%) | Apprendiment għall-adulti (%) | Tnaqqis tal-faqar (AROPE, eluf) |
|---|---|---|---|
| **Mira ewlenija tal-UE** | **78.0** | **60.0** | **-15000** |
| **SM kollha flimkien** | **78.5** | **57.6** | **-15600*** |
| **BE** | 80.0 | 60.9 | -279 |
| **BG** | 79.0 | 35.4 | -787 |
| **CZ** | 82.2 | 45.0 | -120 |
| **DK** | 80.0 | 60.0 | -30(1) |
| **DE** | 83.0 | 65.0 | -1200(2) |
| **EE** | 81.3 | 52.3 | -39 |
| **IE** | 78.2 | 64.2 | -90 |
| **EL** | 71.1 | 40.0 | -860 |
| **ES** | 76.0 | 60.0 | -2815 |
| **FR** | 78.0 | 65.0 | -1100 |
| **HR** | 75.0 | 55.0 | -298 |
| **IT** | 73.0 | 60.0 | -3200 |
| **CY** | 80.0 | 61.0 | -10 |
| **LV** | 80.0 | 60.0 | -95 |
| **LT** | 80.7 | 53.7 | -223 |
| **LU** | 77.6 | 62.5 | -4 |
| **HU** | 85.0 | 60.0 | -292(3) |
| **MT** | 84.6 | 57.6 | (4) |
| **NL** | 82.5 | 62.0 | -163 |
| **AT** | 79.9 | 62.0 | -204 |
| **PL** | 78.3 | 51.7 | -1500 |
| **PT** | 80.0 | 60.0 | -765 |
| **RO** | 74.7 | 17.4 | -2532 |
| **SI** | 79.5 | 60.0 | -9 |
| **SK** | 76.5 | 50.0 | -70 |
| **FI** | 80.0 | 60.0 | -100 |
| **SE** | 82.0 | 60.0 | -15 |

*Nota*: (*) L-aggregat tal-mira għat-tnaqqis tal-faqar għall-Istati Membri kollha huwa ta' mill-inqas 15,6-il miljun, minbarra l-Istati Membri li ma esprimewx il-mira tagħhom f'termini tal-livelli tal-AROPE. (1) Id-Danimarka tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) bi 30 000. (2) Il-Ġermanja tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) b'1,2 miljun, filwaqt li tuża l-2020 bħala x-xenarju ta' referenza minflok l-2019. (3) L-Ungerija tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali tal-familji bit-tfal għal 13 %, u b'hekk tnaqqis fl-għadd ta' persuni AROPE b'292 000. (4) Malta tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis tar-rata tal-AROPE bi 3,1 punti perċentwali.

**Anness 2. Indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali**

1. **L-analiżi fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2023 tiddependi fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali approvati mill-Kunsill[290].** L-indikaturi ewlenin iwieġbu għall-prinċipji tal-parsimonja, tad-disponibbiltà, tal-komparabbiltà u tar-robustezza statistika. L-indikaturi, marbutin ma' kull wieħed mit-tliet kapitoli tal-Pilastru, huma kif ġej:

- *Opportunitajiet indaqs*
  - Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar (25-64 sena)
  - Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena)
  - Is-sehem ta' individwi b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena)
  - Ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-impjieg u mill-edukazzjoni u t-taħriġ (NEET) (% tal-popolazzjoni ta' bejn 15 u 29 sena)
  - Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (pps, popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena)
  - Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20)
- *Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*
  - Ir-rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena)[291]
  - Ir-rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)
  - Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15 u 74 sena)
  - It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita (2008=100)[292]

---

290 L-opinjoni tal-EMCO u tal-KPS li rrapportaw dwar il-ftehim milħuq dwar l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta ġiet approvata mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur fl-14 ta' Ġunju 2021.

291 Mill-2021, f'konformità mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-IESS, il-Eurostat, permezz tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-Istati Membri, jiġbor data għal-LFS tal-UE skont metodoloġija riveduta. Din il-bidla għandha l-għan li ttejjeb id-data dwar is-suq tax-xogħol, iżda trid tiġi osservata meta jiġu interpretati l-bidliet fl-indikaturi qrib iż-żmien tal-bidla, l-1 ta' Jannar 2021. Barra minn hekk, jiġu affettwati l-indikaturi ewlenin tar-Rata ta' żgħażagħ NEET, tar-Rata tal-qgħad, tar-Rata tal-qgħad fit-tul u tad-Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.

292 Il-GDHI jitkejjel f'termini reali. Kif mitlub mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, dan l-indikatur juża l-"introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr l-inklużjoni tat-trasferimenti soċjali in natura) u jneħħi r-referenza għall-użu ta' unitajiet tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS), użati fil-verżjoni oriġinali tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, għall-konsistenza mal-indikaturi bbażati fuq l-UE-SILC.

- *Protezzjoni u inklużjoni soċjali*
    - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) (% tal-popolazzjoni totali)[293]
    - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta' 0-17-il sena)[294]
    - L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)[295]
    - Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (pps, età ta' 20-64 sena)[296]
    - Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)[297]

---

293 Flimkien mat-tliet komponenti tiegħu: ir-riskju tal-faqar, il-popolazzjoni totali (AROP 0+), il-privazzjoni materjali u soċjali estrema, il-popolazzjoni totali (SMSD 0+) u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (familji kważi mingħajr impjieg), 0-64 sena (QJ 0-64). Fl-2021, l-indikatur tal-AROPE ġie mmodifikat fid-dawl tal-mira ewlenija l-ġdida tal-UE sal-2030 dwar it-tnaqqis tan-numru ta' persuni f'riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, ġew riveduti tnejn mill-komponenti tiegħu (il-privazzjoni u l-familji kważi mingħajr impjieg). Il-komponent tal-Privazzjoni materjali u soċjali estrema jissostitwixxi l-komponent tal-Privazzjoni Materjali Estrema. Il-grupp ta' età ta' referenza għall-unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg inbidel minn 0-59 għal 0-64. Għall-indikaturi kollha li jiddependu mill-introjtu fl-UE-SILC, il-perjodu ta' referenza tal-introjtu huwa definit bħala perjodu ta' 12-il xahar. Għalhekk, il-varjabbli tal-introjtu involuti fil-komputazzjoni tal-indikaturi tal-AROP u tal-QJ jirreferu għas-sena kalendarja ta' qabel is-sena tal-istħarriġ ħlief għall-Irlanda (12-il xahar qabel ir-rispons tal-istħarriġ). L-indikatur tal-privazzjoni materjali u soċjali estrema ma għandu l-ebda varjabbli ta' introjtu fil-kalkoli tiegħu; għalhekk, il-varjabbli kollha tal-UE-SILC użati għall-komputazzjoni tiegħu jirreferu għas-sena tal-istħarriġ.

294 Flimkien mat-tliet subindikaturi tiegħu: fir-riskju tal-faqar, tfal (AROP 0-17), il-privazzjoni materjali u soċjali estrema, tfal (SMSD 0-17) u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg), tfal (QJ 0-17). L-SMSD għat-tfal hija verżjoni modifikata tal-SMSD għall-popolazzjoni kollha, li tagħti ponderazzjoni aktar baxxa lil entrati adulti, sabiex jiġi evitat li l-indikatur tat-tfal isir sensittiv wisq għal privazzjonijiet tal-adulti. Is-snin ta' referenza huma identiċi għal dawk tal-indikaturi għall-popolazzjoni sħiħa.

295 Dan jitkejjel bħala t-tnaqqis perċentwali, għall-popolazzjoni totali, tar-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) meta mqabbla ma' dik ta' qabel it-trasferimenti soċjali monetarji (minbarra l-pensjonijiet). Ma jinkludix, pereżempju, it-trasferimenti in natura relatati mal-kura tas-saħħa.

296 L-indikatur tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bħalissa huwa kkalkulat mill-UE-SILC u bbażat fuq l-istatus tad-diżabbiltà kif mogħti mill-Indikatur Globali tal-Limitazzjoni fl-Attività (GALI). Ir-rispondenti tal-istħarriġ wieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin: 1) "Inti limitat(a) minħabba problema tas-saħħa f'attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies? Tista' tgħid li inti … limitat(a) serjament; limitat(a), iżda mhux serjament; jew ma jien limitat(a) xejn?" Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 1) hija "limitat(a) ħafna" jew "limitat(a) iżda mhux serjament", ir-rispondenti jwieġbu l-mistoqsija 2) "Kont limitat(a) għal tal-anqas l-aħħar 6 xhur? Iva jew Le?". Persuna titqies li jkollha diżabbiltà jekk it-tweġiba għat-tieni mistoqsija tkun "Iva". Kif ikkalkolat mill-UE-SILC, tista' tiġi osservata korrelazzjoni bejn il-prevalenza tad-diżabbiltà abbażi tal-kunċett GALI u d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà abbażi tiegħu fis-sena 2022 fl-Istati Membri tal-UE (Koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Pearson = -0.5).

297 L-indikatur ikejjel is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli (it-tnejn "netti" mill-allowances għall-akkomodazzjoni). Il-Methodological Guidelines and Description of EU-SILC variables (verżjoni ta' April 2020) jiddeskrivu l-allowances (inkluż biss dawk soġġetti għal test tal-mezzi) bħala li jinkludu l-benefiċċji tal-kera u l-benefiċċji għas-sidien okkupanti, iżda jeskludu l-benefiċċji tat-taxxa u t-trasferimenti kapitali. Id-dokument jiddefinixxi l-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala ta' kull xahar u dawk fil-fatt imħallsin, marbutin mad-dritt tal-unità domestika li tgħix fl-akkomodazzjoni. Jinkludu assigurazzjoni strutturali (għall-inkwilini: jekk imħallsa), is-servizzi u l-imposti (tneħħija tad-drenaġġ, ġbir tal-iskart, eċċ.; obbligatorji għas-sidien, għall-inkwilini: jekk imħallsa), manutenzjoni u tiswijiet regolari, taxxi (għall-inkwilin: fl-akkomodazzjoni, jekk applikabbli) u l-kost tal-utilitajiet (ilma, elettriku, gass u tisħin). Għas-sidien li jħallsu mutwu ipotekarju, huma inklużi l-pagamenti tal-imgħax relatati (kwalunkwe ħelsien mit-taxxa mnaqqas, iżda l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma jitnaqqsux). Għall-inkwilini bil-prezz tas-suq jew bi prezz imraħħas, huwa inkluż ukoll il-ħlas tal-kiri. Għall-inkwilini mingħajr kera, il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma għandhomx jitnaqqsu mill-kost totali tal-akkomodazzjoni.

- Tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni ta' bejn 0 u 3 snin)
- Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+)[298]

i) **L-opinjoni tal-EMCO-SPC tindika passi ulterjuri għall-implimentazzjoni sħiħa tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta[299].** L-indikatur ewlieni tad-"Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà" juża temporanjament l-UE-SILC bħala s-sors statistiku, iżda ser jaqleb għall-EU-LFS biex ikun aktar preċiż mill-2022, u ser jipprovdi data fl-2023. Is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-Eurostat, ser ikomplu jimmonitorjaw il-kwalità tiegħu u ser jirrieżaminaw l-indikatur ladarba tkun disponibbli d-data bbażata fuq l-LFS, u ser jappoġġaw passi ulterjuri sabiex itejbu l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi u jesploraw l-iżvilupp ta' indikaturi addizzjonali f'dan il-qasam. L-indikatur ewlieni "Parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar" ser juża wkoll l-EU-LFS mill-2022 'il quddiem, wara li kien inġabar biss permezz tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti qabel (bl-aħħar edizzjoni għall-2016). Qed issir analiżi bir-reqqa tad-data miż-żewġ stħarriġiet biex jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tajba tagħhom. Il-pubblikazzjoni tal-ewwel data dwar it-tagħlim għall-adulti mil-LFS (perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar) huwa mistenni fir-rebbiegħa tal-2024. Sabiex jiġi żgurat li l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi 6 u 7 jiġu mmonitorjati, inkluż fir-rigward tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi juża b'mod eċċezzjonali l-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment fl-aħħar 4 ġimgħat (età ta' bejn 25 u 64 sena).

---

298 Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika jikkonċernaw il-valutazzjoni suġġettiva ta' persuna dwar jekk kinitx teħtieġ eżami jew trattament għal tip speċifiku ta' kura tas-saħħa, iżda ma kellhiex jew ma fittxitx dan minħabba t-tliet raġunijiet li ġejjin: "raġunijiet finanzjarji", "lista ta' stennija" u "vjaġġ twil wisq". Kura medika tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa individwali (eżami jew trattament mediku minbarra l-kura tas-snien) mogħtija mit-tobba jew mill-professjonijiet ekwivalenti jew taħt is-superviżjoni diretta tagħhom, skont is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa (definizzjoni tal-Eurostat). Il-problemi li l-persuni jirrapportaw sabiex jiksbu l-kura meta jkunu morda jistgħu jirriflettu ostakli għall-kura.

299 Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta.

# Anness 3. Livelli tal-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| | Opportunitajiet indaqs | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena) | | | Sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena) | | Rata ta' żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' 15-29 sena) | | | Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (pps) | | | Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | | |
| Sena | 2020 | 2021 | 2022 | 2019 | 2021 | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 |
| EU27 | 9.9 | 9,8 b | 9.6 | : | 53.9 | 13.8 | 13,1 b | 11.7 | 11.1 | 10.9 | 10.7 | 4,9 b | 5.0 | 4.7 |
| EA19 | : | : | : | : | | : | : | : | : | : | : | 4,9 b | 5.0 | : |
| EUnw | 8.7 | 8,2 b | 8.1 | : | 56.3 | 12.7 | 12,0 b | 10.9 | 9.7 | 9.6 | 9.1 | 4.7 | 4.8 | 4.7 |
| EAnw | 8.5 | 7,9 b | 7.8 | : | 58.5 | 12.6 | 11,6 b | 10.5 | 9.0 | 8.8 | 8.4 | 4.7 | 4.7 | 4.7 |
| BE | 8.1 | 6,7 b | 6.4 | : | 54.2 | 12.0 | 10,1 b | 9.2 | 8.1 | 7.7 | 7.6 | 3.7 | 3.4 | 3.6 |
| BG | 12.8 | 12,2 b | 10.5 | : | 31.2 | 18.1 | 17,6 b | 15.1 | 8.3 | 8.4 | 7.7 | 8.0 | 7.5 | 7.3 |
| CZ | 7.6 | 6,4 b | 6.2 | : | 59.7 | 11.0 | 10,9 b | 11,4 b | 15.3 | 15.4 | 14.9 | 3.3 | 3.4 | 3.5 |
| DK | 9.3 | 9,8 b | 10.0 | : | 68.7 | 10.2 | 8,3 b | 7.9 | 7.0 | 6.9 | 5.4 | 4,0 b | 3.9 | 4.0 |
| DE | 10,1 b | 12,5 b | 12.2 | : | 48.9 | 9,1 b | 9,5 b | 8.6 | 7,5 b | 7.4 | 7.8 | 4,9 b | 5.0 | 4.4 |
| EE | 8.5 | 9,8 b | 10.8 | : | 56.4 | 11.9 | 11,2 b | 10.6 | 4.4 | 3.7 | 2.9 | 5.0 | 5.0 | 5.4 |
| IE | 5.0 | 3,3 b | 3.7 | : | 70.5 | 14.2 | 9,8 b | 8.7 | 12.7 | 10.0 | 11.3 | 4,1 b | 3.8 | 4.1 |
| EL | 3.8 | 3,2 b | 4.1 | : | 52.5 | 18.7 | 17,3 b | 15.4 | 19.4 | 19.8 | 21.0 | 5.2 | 5.8 | 5.3 |
| ES | 16.0 | 13,3 b | 13.9 | : | 64.2 | 17.3 | 14,1 bd | 12.7 | 11.4 | 10,6 d | 10,9 d | 5.8 | 6.2 | 5.6 |
| FR | 8.0 | 7,8 b | 7.6 | : | 62.0 | 14.0 | 12,8 bd | 12.0 | 5.7 | 6,2 d | 5,8 d | 4,4 b | 4.4 | 4,6 p |
| HR | 2,2 u | 2,4 bu | 2,3 u | : | 63.4 | 14.6 | 14,9 b | 13.3 | 11.2 | 10.5 | 9.5 | 4.6 | 4.8 | 4.6 |
| IT | 13.1 | 12,7 b | 11.5 | : | 45.6 | 23.3 | 23,1 b | 19.0 | 19.7 | 19.2 | 19.7 | 5.8 | 5.9 | 5.6 |
| CY | 11.5 | 10,2 b | 8.1 | : | 50.2 | 15.3 | 15,4 b | 14.7 | 12.0 | 12.2 | 12.1 | 4.3 | 4.2 | 4,3 p |
| LV | 7.2 | 7,3 b | 6.7 | : | 50.8 | 11.9 | 12,1 b | 11.3 | 3.7 | 4.8 | 3.1 | 6.3 | 6.6 | 6.3 |
| LT | 5.6 | 5,3 b | 4.8 | : | 48.8 | 13.0 | 12,7 b | 10.7 | 1.7 | 1.4 | 0.8 | 6.1 | 6.1 | 6.4 |
| LU | 8.2 | 9,3 b | 8.2 | : | 63.8 | 7.7 | 8,8 b | 7.4 | 7.1 | 7.4 | 6.5 | 5,0 b | 4,6 b | 4,7 b |
| HU | 12.1 | 12,0 b | 12.4 | : | 49.1 | 14.7 | 11,7 b | 10.8 | 11.2 | 10.6 | 9.8 | 4.2 | 4.2 | 4.0 |
| MT | 12.6 | 10,7 b | 10.1 | : | 61.2 | 9.5 | 9,5 b | 7.2 | 17.8 | 16.4 | 13.1 | 4.7 | 5.0 | 4.8 |
| NL | 7.0 | 5,1 b | 5.6 | : | 78.9 | 5.7 | 3,9 b | 4.2 | 8.4 | 8.2 | 7.9 | 4.2 | 3.9 | 3.9 |
| AT | 8.1 | 8,0 b | 8.4 | : | 63.3 | 9.5 | 9,4 b | 9.1 | 8.4 | 8.6 | 7.8 | 4.1 | 4.1 | 4.3 |
| PL | 5.4 | 5,9 b | 4.8 | : | 42.9 | 12.9 | 13,4 b | 10.9 | 15.0 | 14.0 | 12.9 | 4.1 | 4.0 | 3.9 |
| PT | 8.9 | 5,9 b | 6.0 | : | 55.3 | 11.0 | 9,5 b | 8.4 | 5.7 | 5.9 | 5.6 | 5.0 | 5.7 | 5.1 |
| RO | 15.6 | 15,3 b | 15.6 | : | 27.8 | 16.6 | 20,3 b | 19.8 | 19.3 | 20.1 | 18.6 | 6.6 | 7.1 | 6.0 |
| SI | 4.1 | 3,1 bu | 4.0 | : | 49.7 | 9.2 | 7,3 b | 8.4 | 5.9 | 6.7 | 6.9 | 3.3 | 3.2 | 3.3 |
| SK | 7.6 | 7,8 b | 7.4 | : | 55.2 | 15.2 | 14,2 b | 12.3 | 7.3 | 8.5 | 8.1 | 3.0 | 3.2 | 3.1 |
| FI | 8.2 | 8,2 b | 8.4 | : | 79.2 | 10.3 | 9,3 b | 9.5 | 3.3 | 2.0 | 1.2 | 3.7 | 3.6 | 3.8 |
| SE | 7.7 | 8,4 b | 8.8 | : | 66.5 | 7.2 | 6,0 b | 5.7 | 5.4 | 5.3 | 5.8 | 4.1 | 4.0 | 4.4 |

*Nota:* L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tas-sehem ta' individwi li għandhom indikatur tal-ħiliet diġitali ġenerali bażiku jew aktar minn bażiku fl-2021, valur komparabbli għall-2019 ma huwiex disponibbli, u l-analiżi ta' dan l-indikatur fir-rapport tibbaża, b'mod eċċezzjonali, biss fuq il-livelli tal-2021 (jekk tiġi preżunta "l-ebda bidla" għall-Istati Membri kollha, kif ukoll il-medja tal-UE).

*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).

*Sors:* l-Eurostat.

## Anness 3 (ikompli). Livelli tal-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| | Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena) | | | Rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena) | | | Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena) | | | GDHI reali per capita (2008=100) | | |
| Sena | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 |
| EU27 | 71.7 | 73.1 | 74.6 | 7.2 | 7.1 | 6.2 | 2.5 | 2.8 | 2.4 | 107.9 | 109.9 | 109.6 |
| EA19 | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| EUnw | 73.4 | 74.6 | 76.4 | 7.0 | 6.6 | 5.8 | 2.3 | 2.5 | 2.1 | 114.6 | 116.8 | 116.3 |
| EAnw | 73.1 | 74.4 | 76.2 | 7.7 | 7.2 | 6.2 | 2.6 | 2.8 | 2.4 | 109.8 | 112.8 | 111.5 |
| BE | 69.7 | 70.6 | 71.9 | 5.8 | 6.3 | 5.6 | 2.1 | 2.6 | 2.3 | 103.7 | 105.6 | 102.9 |
| BG | 72.7 | 73.2 | 75.7 | 6.1 | 5.3 | 4.3 | 2.7 | 2.6 | 2.3 | | | |
| CZ | 79.7 | 80.0 | 81.3 | 2.6 | 2.8 | 2.2 | 0.6 | 0.8 | 0.6 | 120.6 | 125.8 | 121.2 |
| DK | 77.8 | 79.1 | 80.1 | 5.6 | 5.1 | 4.5 | 0.9 | 1.0 | 0.5 | 117.1 | 116.9 | 118.8 |
| DE | 78,2 b | 79.4 | 80.7 | 3,7 b | 3.7 | 3.1 | 1,1 b | 1.2 | 1.0 | 113.8 | 113.9 | 113.6 |
| EE | 79.1 | 79.3 | 81.9 | 6.9 | 6.2 | 5.6 | 1.2 | 1.6 | 1.3 | 128.1 | 133.6 | 125.6 |
| IE | 72.1 | 74.9 | 78.2 | 5.9 | 6.2 | 4.5 | 1.4 | 1.8 | 1.3 | 108.5 | 110.8 | |
| EL | 58.3 | 62.6 | 66.3 | 17.6 | 14.7 | 12.5 | 10.5 | 9.2 | 7.7 | 73.3 | 78.5 | 79.9 |
| ES | 65.7 | 67,7 d | 69,5 d | 15.5 | 14,8 d | 12,9 d | 5.0 | 6,2 d | 5,0 d | 96.5 | 98.7 | 95.9 |
| FR | 72.1 | 73,2 d | 74,0 d | 8.0 | 7,9 d | 7,3 d | 1.9 | 2,3 d | 2,0 d | 106.1 | 108.6 | 108.8 |
| HR | 66.9 | 68.2 | 69.7 | 7.5 | 7.6 | 7.0 | 2.1 | 2.8 | 2.4 | 111.9 | 120.4 | 126.9 |
| IT | 61.9 | 62.7 | 64.8 | 9.3 | 9.5 | 8.1 | 5.1 | 5.4 | 4.6 | 92.4 | 95.7 | 94.4 |
| CY | 74.9 | 75.9 | 77.9 | 7.6 | 7.5 | 6.8 | 2.1 | 2.6 | 2.3 | 98.3 | 104.9 | 104.1 |
| LV | 76.9 | 75.3 | 77.0 | 8.1 | 7.6 | 6.9 | 2.4 | 2.3 | 2.0 | 120.9 | 126.4 | 123.6 |
| LT | 76.7 | 77.4 | 79.0 | 8.5 | 7.1 | 6.0 | 2.5 | 2.6 | 2.3 | 145.0 | 149.4 | 141.4 |
| LU | 72.1 | 74.1 | 74.8 | 6.8 | 5.3 | 4.6 | 1.7 | 1.8 | 1.3 | 111.9 | 111.2 | 111.2 |
| HU | 77.5 | 78.8 | 80.2 | 4.1 | 4.1 | 3.6 | 1.1 | 1.3 | 1.2 | 132.8 | 142.9 | 145.5 |
| MT | 77.3 | 79.1 | 81.1 | 4.4 | 3.4 | 2.9 | 1.1 | 0.9 | 1.0 | 130.1 | 133.1 | 133.4 |
| NL | 80.8 | 81.7 | 82.9 | 4.9 | 4.2 | 3.5 | 0.7 | 0.8 | 0.7 | 108.6 | 110.7 | 111.9 |
| AT | 74.8 | 75.6 | 77.3 | 6.0 | 6.2 | 4.8 | 1.7 | 2.0 | 1.2 | 95.7 | 97.2 | 99.4 |
| PL | 72.7 | 75.4 | 76.7 | 3.2 | 3.4 | 2.9 | 0.6 | 0.9 | 0.9 | 150.8 | 148.1 | 149.9 |
| PT | 74.2 | 75.9 | 77.5 | 7.0 | 6.6 | 6.0 | 2.3 | 2.9 | 2.7 | 105.9 | 109.2 | 109.9 |
| RO | 65.2 | 67.1 | 68.5 | 6.1 | 5.6 | 5.6 | 1.8 | 2.0 | 2.2 | 142.8 | | |
| SI | 74.8 | 76.1 | 77.9 | 5.0 | 4.8 | 4.0 | 1.9 | 1.9 | 1.6 | 114.3 | 118.7 | 118.4 |
| SK | 74.6 | 74.6 | 76.7 | 6.7 | 6.8 | 6.1 | 3.7 | 3.9 | 4.1 | 124.1 | 126.9 | 124.4 |
| FI | 75.5 | 76.8 | 78.4 | 7.7 | 7.7 | 6.8 | 1.5 | 1.8 | 1.5 | 109.5 | 111.0 | 108.9 |
| SE | 80.1 | 80.7 | 82.2 | 8.5 | 8.8 | 7.5 | 1.8 | 2.0 | 1.9 | 118.4 | 122.4 | 121.5 |

*Nota:* L-Eunw u l-Eanw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Il-GDHI reali per capita jitkejjel bl-użu ta' "introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi t-trasferimenti soċjali in natura) u mingħajr korrezzjoni għall-istandards tal-kapaċità tal-akkwist.
*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).
*Sors:* l-Eurostat.

## Anness 3 (ikompli). Livelli tal-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| | Protezzjoni u inklużjoni soċjali | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali) | | | Ir-rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 0-17-il sena) | | | L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP) | | | Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali) | | |
| **Sena** | **2020** | **2021** | **2022** | **2020** | **2021** | **2022** | **2020** | **2021** | **2022** | **2020** | **2021** | **2022** |
| **EU27** | 21,6 b | 21.7 | 21.6 | 24,0 b | 24.4 | 24.7 | 33,2 b | 37.1 | 35.3 | 24.4 | 23.1 | 21.4 |
| **EA19** | : | : | : | : | : | : | 33,6 b | 37.7 | : | 23.2 | 22.1 | : |
| **EUnw** | 20.6 | 20.7 | 20.7 | 22.0 | 22.2 | 21.8 | 35.0 | 37.6 | 34,0 b | 25.6 | 24.2 | 24.4 |
| **EAnw** | 20.3 | 20.5 | 20.5 | 21.8 | 22.1 | 21.7 | 35.2 | 37.6 | 34,2 b | 24.2 | 23.9 | 23.1 |
| **BE** | 20.3 | 18.8 | 18.7 | 22.0 | 20.5 | 19.6 | 44.9 | 53.3 | 48,8 b | 36.3 | 38.0 | 35.3 |
| **BG** | 33.5 | 31.7 | 32.2 | 35.5 | 33.0 | 33.9 | 20.4 | 29.8 | 24,4 b | 33.0 | 22.1 | 29.5 |
| **CZ** | 11.5 | 10.8 | 11.8 | 12.9 | 13.7 | 13.4 | 40.6 | 46.6 | 40,0 b | 25.6 | 25.9 | 22.7 |
| **DK** | 16,8 b | 17.3 | 17.1 | 13,4 b | 14.0 | 13.8 | 52,4 b | 53.9 | 50,4 b | 18.1 | 7.9 | 9.9 |
| **DE** | 20,4 b | 21.0 | 20.9 | 22,3 b | 23.7 | 24.0 | 34,6 b | 40.3 | 42,1 b | 32,4 b | 30.5 | 24.0 |
| **EE** | 22.8 | 22.2 | 25.2 | 17.4 | 17.4 | 16.6 | 31.7 | 30.6 | 28.1 | 20.6 | 18.7 | 26.2 |
| **IE** | 20,1 b | 20.0 | 20.7 | 23,5 b | 22.8 | 22.7 | 54,0 b | 60.7 | 56,4 b | 38.8 | 41.3 | 37.0 |
| **EL** | 27.4 | 28.3 | 26.3 | 30.8 | 32.0 | 28.1 | 24.7 | 20.7 | 20,3 b | 27.7 | 23.8 | 25.9 |
| **ES** | 27.0 | 27.8 | 26.0 | 31.6 | 33.4 | 32.2 | 23.4 | 30.5 | 27,4 b | 21.6 | 15.9 | 14.6 |
| **FR** | 19,3 b | 19.2 | 21,0 p | 23,9 b | 22.8 | 27,5 p | 46,2 b | 46.4 | 42,01 p | 23,7 b | 24.1 | 20,8 p |
| **HR** | 20.5 | 20.9 | 19.9 | 18.4 | 18.6 | 18.1 | 23.1 | 20.7 | 20,4 b | 32.9 | 28.7 | 36.0 |
| **IT** | 24.9 | 25.2 | 24.4 | 28.9 | 29.7 | 28.5 | 21.0 | 29.5 | 25,8 b | 14.9 | 14.9 | 14.0 |
| **CY** | 17.6 | 17.3 | 16,7 p | 19.0 | 19.2 | 18,1 p | 34.7 | 37.6 | 30,9 p | 23.5 | 27.0 | 25,7 p |
| **LV** | 25.1 | 26.1 | 26.0 | 19.7 | 20.1 | 19.8 | 23.4 | 23.5 | 25,0 b | 16.7 | 16.6 | 20.8 |
| **LT** | 24.5 | 23.5 | 24.6 | 23.1 | 21.6 | 22.4 | 29.4 | 35.3 | 30,3 b | 22.7 | 23.9 | 35.0 |
| **LU** | 19,9 b | 21,1 b | 19,4 b | 24,2 b | 29,4 b | 24,0 b | 39,4 b | 34,2 b | 33,6 b | 22,1 b | 15,4 b | 8,5 b |
| **HU** | 19.4 | 19.4 | 18.4 | 21.7 | 23.3 | 18.1 | 44.1 | 50.6 | 36,7 b | 31.2 | 28.8 | 32.4 |
| **MT** | 19.9 | 20.3 | 20.1 | 22.3 | 23.2 | 23.1 | 21.0 | 26.2 | 26,4 b | 29.4 | 27.0 | 30.1 |
| **NL** | 16.0 | 16.6 | 16.5 | 15.8 | 14.9 | 13.9 | 36.8 | 36.6 | 33,8 b | 25.4 | 25.8 | 25.2 |
| **AT** | 16.7 | 17.3 | 17.5 | 21.9 | 22.8 | 21.6 | 41.1 | 44.1 | 42,0 b | 20.5 | 26.3 | 23.8 |
| **PL** | 17.0 | 16.8 | 15.9 | 16.1 | 16.5 | 16.7 | 36.8 | 35.7 | 38,6 b | 31.3 | 34.2 | 31.3 |
| **PT** | 20.0 | 22.4 | 20.1 | 21.9 | 22.9 | 20.7 | 26.0 | 20.0 | 23,7 b | 18.2 | 16.2 | 13.1 |
| **RO** | 35.6 | 34.5 | 34.4 | 40.7 | 41.7 | 41.5 | 15.8 | 17.9 | 16,5 b | 30.4 | 32.6 | 32.0 |
| **SI** | 14.3 | 13.2 | 13.3 | 12.1 | 11.0 | 10.3 | 44.6 | 44.8 | 37,3 b | 21.7 | 21.1 | 18.8 |
| **SK** | 13.8 | 15.6 | 16.5 | 18.4 | 19.7 | 24.7 | 40.0 | 43.1 | 33,8 b | 23.6 | 25.3 | 21.0 |
| **FI** | 14.9 | 14.2 | 16,3 b | 14.5 | 13.2 | 14,9 b | 51.4 | 57.7 | 49.8 | 19.8 | 22.2 | 19.0 |
| **SE** | 17.7 | 17.2 | 18.6 | 20.2 | 19.7 | 19.9 | 42.7 | 44.5 | 39.9 | 28.9 | 19.9 | 25.7 |

*Nota:* L-Eunw u l-Eanw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro.
*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).
*Sors:* l-Eurostat.

**Anness 3 (ikompli). Livelli tal-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali**

| | Protezzjoni u inklużjoni soċjali (tkompli) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali) | | | Tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-3 snin) | | | Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+) | | |
| Sena | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 | 2020 | 2021 | 2022 |
| EU27 | 7.8 | 8.9 | 9.1 | 30.2e | 37.9 | 35.7 | 1.9 e | 2.0 | 2.2 |
| EA19 | 8.0 | 8.7 e | : | : | : | : | 1.8 e | 1.9 | : |
| EUnw | 7.2 | 7.2 | 7.9 | 29.7 | 34.2 | 34.5 | 2.3 | 2.2 | 2.6 |
| EAnw | 6.9 | 6.9 | 7.4 | 32.5 | 36.9 | 37.3 | 2.6 | 2.4 | 2.8 |
| BE | 7.8 | 7.5 | 7.7 | 54.6 | 51.7 | 52.7 | 1.5 | 1.7 | 1.0 |
| BG | 14.4 | 11.6 | 15.1 | 15.0 | 18.7 | 17.4 | 1.4 | 1.0 | 1.0 |
| CZ | 6.5 | 6.2 | 6.9 | 4.8 | 4.9 | 6.8 | 0.4 | 0.3 | 0.2 |
| DK | 14,1 b | 15.5 | 14.7 | 67.7 | 69.1 | 74.7 | 1.7 | 1.3 | 2.1 |
| DE | 9,0 b | 11.0 | 11.8 | 16,4 b | 31.4 | 23.9 | 0,1 b | 0.1 | 0.3 |
| EE | 4.4 | 4.4 | 4.9 | 26.7 | 25.7 | 33.7 | 13.0 | 8.1 | 9.1 |
| IE | 4,5 b | 2.5 | 3.9 | 19,4 b | 15.1 | 19.1 | 2,0 b | 2.0 | 2.6 |
| EL | 33.3 | 28.8 | 26.7 | 21.5 | 32.3 | 29.1 | 6.5 | 6.4 | 9.0 |
| ES | 8.2 | 9.9 | 9.2 | 45.5 | 55.3 | 48.6 | 0.4 | 1.1 | 1.2 |
| FR | 5,6 b | : | 6,5 p | : | 57.1 | 56,2 p | 2,7 b | 2.8 | 3,2 p |
| HR | 4.2 | 4.5 | 3.8 | 20.4 | 33.3 | 27.5 | 1.5 | 1.7 | 1.3 |
| IT | 7.2 | 7.2 | 6.6 | : | 33.4 | 30.9 | : | 1.8 | 1.8 |
| CY | 1.9 | 2.5 | 2,5 p | 18.5 | 27.4 | 24.4 | 0.4 | 0.1 | 0,1 p |
| LV | 4.8 | 4.9 | 5.4 | 24.2 | 29.2 | 32.7 | 5.3 | 4.0 | 5.4 |
| LT | 2.7 | 2.7 | 3.5 | 16.2 | 21.4 | 22.8 | 1.7 | 2.4 | 2.9 |
| LU | 8,5 b | 5,1 b | 15,3 b | 63,2 b | 62.0 | 54,7 b | 0,1 b | 1,0 b | 0,5 b |
| HU | 4.9 | 2.4 | 8.1 | 10.5 | 13.8 | 12.9 | 0.7 | 1.1 | 1.4 |
| MT | 2.8 | 2.7 | 2.9 | 29.7 | 24.0 | 43.1 | 0.0 n | 0.1 | 0.3 |
| NL | 8.3 | 8.3 | 10.0 | 67.6 | 74.2 | 72.3 | 0.2 | 0.2 | 0.2 |
| AT | 6.3 | 6.1 | 7.4 | 21.1 | 28.5 | 23.0 | 0.1 | 0.3 | 0.5 |
| PL | 4,9 b | 5.7 | 5.6 | 11.2 | 17.2 | 15.9 | 1.9 | 2.7 | 2.3 |
| PT | 4.1 | 5.9 | 5.0 | 43.5 | 43.3 | 47.6 | 1.6 | 2.3 | 2.9 |
| RO | 7.1 | 7.6 | 8.5 | 6.8 | 9.5 | 12.3 | 4.7 | 4.4 | 4.9 |
| SI | 4.4 | 4.1 | 4.1 | 44.3 | 47.5 | 52.3 | 2.7 | 4.8 | 3.7 |
| SK | 3.2 | 7.1 | 2.5 | 4.4 | 2.3 | 2.3 | 3.2 | 2.9 | 2.8 |
| FI | 4.1 | 4.3 | 5.4 | 35.8 | 39.1 | 40.0 | 5.4 | 4.4 | 6.5 |
| SE | 8.3 | 8.5 | 9.1 | 54.1 | 55.8 | 54.4 | 1.5 | 1.3 | 1.8 |

*Nota:* L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro.
*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).
*Sors:* l-Eurostat.

# Anness 4. Bidliet u distanza mill-UE fl-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| Sena | Opportunitajiet indaqs | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena) | | | Sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena) | | | Rata ta' żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' 15-29 sena) | | | Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali) | | | Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | | |
| | 2022 | | | 2021 | | | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | |
| | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE |
| EU27 | -0,2 b | 1.5 | -0.1 | : | -2.4 | : | -1,4b | 0.8 | -0.3 | -0.2 | 1.6 | 0.3 | -0.3 | 0.1 | -0.2 |
| EA19 | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| EUnw | -0,1 b | 0.0 | 0.0 | : | 0.0 | : | -1,1b | 0.0 | 0.0 | -0.5 | 0.0 | 0.0 | -0.1 | 0.0 | 0.0 |
| EAnw | -0,1 b | -0.3 | 0.0 | : | 2.2 | : | -1,1b | -0.4 | 0.0 | -0.3 | -0.6 | 0.1 | -0.1 | 0.0 | 0.0 |
| BE | -0,3 b | -1.7 | -0.2 | : | -2.1 | : | -0,9 b | -1.7 | 0.2 | -0.1 | -1.5 | 0.4 | 0.2 | -1.1 | 0.2 |
| BG | -1,7 b | 2.4 | -1.6 | : | -25.1 | : | -2,5 b | 4.2 | -1.4 | -0.7 | -1.4 | -0.2 | -0.2 | 2.6 | -0.1 |
| CZ | -0,2 b | -1.9 | -0.1 | : | 3.4 | : | 0,5 b | 0.5 | 1.6 | -0.5 | 5.8 | 0.0 | 0.0 | -1.2 | 0.1 |
| DK | 0,2 b | 1.9 | 0.3 | : | 12.4 | : | -0,4 b | -3.0 | 0.7 | -1.5 | -3.7 | -1.0 | 0.1 | -0.6 | 0.2 |
| DE | -0,3 b | 4.1 | -0.2 | : | -7.4 | : | -0,9 b | -2.3 | 0.2 | 0.4 | -1.3 | 0.9 | -0.6 | -0.3 | -0.5 |
| EE | 1,0 b | 2.7 | 1.1 | : | 0.1 | : | -0,6 b | -0.3 | 0.5 | -0.8 | -6.2 | -0.3 | 0.4 | 0.7 | 0.5 |
| IE | 0,4 b | -4.4 | 0.5 | : | 14.2 | : | -1,1 b | -2.2 | 0.0 | 1.3 | 2.2 | 1.8 | 0.2 | -0.6 | 0.3 |
| EL | 0,9 b | -4.0 | 1.0 | : | -3.8 | : | -1,9 b | 4.5 | -0.8 | 1.2 | 11.9 | 1.7 | -0.5 | 0.6 | -0.4 |
| ES | 0,6 b | 5.8 | 0.7 | : | 7.9 | : | -1,4 bd | 1.8 | -0.3 | 0,3 d | 1.8 | 0.8 | -0.6 | 1.0 | -0.5 |
| FR | -0,2 b | -0.5 | -0.1 | : | 5.7 | : | -0,8 bd | 1.1 | 0.3 | -0,4 d | -3.3 | 0.1 | 0,2 p | -0.1 | 0.3 |
| HR | -0,1 bu | -5.8 | 0.0 | : | 7.1 | : | -1,6 b | 2.4 | -0.5 | -1.0 | 0.4 | -0.5 | -0.2 | -0.1 | -0.1 |
| IT | -1,2 b | 3.4 | -1.1 | : | -10.7 | : | -4,1 b | 8.1 | -3.0 | 0.5 | 10.6 | 1.0 | -0.2 | 0.9 | -0.1 |
| CY | -2,1 b | 0.0 | -2.0 | : | -6.1 | : | -0,7 b | 3.8 | 0.4 | -0.1 | 3.0 | 0.4 | 0,1 p | -0.4 | 0.2 |
| LV | -0,6 b | -1.4 | -0.5 | : | -5.5 | : | -0,8 b | 0.4 | 0.3 | -1.7 | -6.0 | -1.2 | -0.3 | 1.7 | -0.2 |
| LT | -0,5 b | -3.3 | -0.4 | : | -7.5 | : | -2,0 b | -0.2 | -0.9 | -0.6 | -8.3 | -0.1 | 0.3 | 1.7 | 0.3 |
| LU | -1,1 b | 0.1 | -1.0 | : | 7.5 | : | -1,4 b | -3.5 | -0.3 | -0.9 | -2.6 | -0.4 | 0,1 b | 0.1 | 0.2 |
| HU | 0,4 b | 4.3 | 0.5 | : | -7.2 | : | -0,9 b | -0.1 | 0.2 | -0.8 | 0.7 | -0.3 | -0.2 | -0.7 | -0.1 |
| MT | -0,6 b | 2.0 | -0.5 | : | 4.9 | : | -2,3 b | -3.7 | -1.2 | -3.3 | 4.0 | -2.8 | -0.3 | 0.1 | -0.2 |
| NL | 0,5 b | -2.5 | 0.6 | : | 22.6 | : | 0,3 b | -6.7 | 1.4 | -0.3 | -1.2 | 0.2 | 0.1 | -0.7 | 0.2 |
| AT | 0,4 b | 0.3 | 0.5 | : | 7.0 | : | -0,3 b | -1.8 | 0.8 | -0.8 | -1.3 | -0.3 | 0.2 | -0.4 | 0.3 |
| PL | -1,1 b | -3.3 | -1.0 | : | -13.4 | : | -2,5 b | 0.0 | -1.4 | -1.1 | 3.8 | -0.6 | -0.1 | -0.8 | 0.0 |
| PT | 0,1 b | -2.1 | 0.2 | : | -1.0 | : | -1,1 b | -2.5 | 0.0 | -0.3 | -3.5 | 0.2 | -0.5 | 0.5 | -0.4 |
| RO | 0,3 b | 7.5 | 0.4 | : | -28.5 | : | -0,5 b | 8.9 | 0.6 | -1.5 | 9.5 | -1.0 | -1.1 | 1.3 | -1.0 |
| SI | 1,0 bu | -4.0 | 1.1 | : | -6.6 | : | 1,2 b | -2.4 | 2.2 | 0.2 | -2.2 | 0.7 | 0.0 | -1.4 | 0.1 |
| SK | -0,4 b | -0.7 | -0.3 | : | -1.1 | : | -1,9 b | 1.4 | -0.8 | -0.4 | -1.0 | 0.1 | -0.1 | -1.6 | 0.0 |
| FI | 0,2 b | 0.3 | 0.3 | : | 22.9 | : | 0,2 b | -1.4 | 1.3 | -0.8 | -7.9 | -0.3 | 0.2 | -0.9 | 0.3 |
| SE | 0,4 b | 0.7 | 0.5 | : | 10.2 | : | -0,3 b | -5.2 | 0.8 | 0.5 | -3.3 | 1.0 | 0.3 | -0.3 | 0.4 |

*Nota:* L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Id-distanza mill-medja tal-UE tiġi kkalkulata fuq il-medja mhux ponderata. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tas-sehem ta' individwi li għandhom indikatur tal-ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi fl-2021, valur komparabbli għall-2019 ma huwiex disponibbli. Għalhekk, il-bidliet ma humiex ikkalkolati u l-analiżi ta' dan l-indikatur fir-rapport tibbaża, b'mod eċċezzjonali, fuq il-livelli tal-2021 biss (jekk tiġi preżunta "l-ebda bidla" għall-Istati Membri kollha, anke l-medja tal-UE).

Indikaturi – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).

*Sors:* l-Eurostat.

**Anness 4 (ikompli). Bidliet u distanza mill-UE fl-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali**

| Sena | Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena) | | | Rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena) | | | Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena) | | | GDHI reali per capita (2008=100) | | |
| | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | |
| | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri mqabbla mal-Y-Y għall-UE |
| EU27 | 1.5 | -1.8 | -0.2 | -0.9 | 0.4 | 0.0 | -0.4 | 0.3 | -0.1 | -0.3 | -6.8 | 0.3 |
| EA19 | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| EUnw | 1.7 | 0.0 | 0.0 | -0.9 | 0.0 | 0.0 | -0.3 | 0.0 | 0.0 | -0.6 | 0.0 | 0.0 |
| EAnw | 1.8 | -0.2 | 0.1 | -1.0 | 0.4 | -0.1 | -0.4 | 0.3 | -0.1 | -1.1 | -4.8 | -0.5 |
| BE | 1.3 | -4.5 | -0.4 | -0.7 | -0.2 | 0.2 | -0.3 | 0.2 | 0.0 | -2.6 | -13.4 | -2.0 |
| BG | 2.5 | -0.7 | 0.8 | -1.0 | -1.5 | -0.1 | -0.3 | 0.2 | 0.0 | : | : | : |
| CZ | 1.3 | 4.9 | -0.4 | -0.6 | -3.6 | 0.3 | -0.2 | -1.5 | 0.1 | -3.6 | 4.9 | -3.1 |
| DK | 1.0 | 3.7 | -0.7 | -0.6 | -1.3 | 0.3 | -0.5 | -1.6 | -0.2 | 1.6 | 2.5 | 2.2 |
| DE | 1.3 | 4.3 | -0.4 | -0.6 | -2.7 | 0.3 | -0.2 | -1.1 | 0.1 | -0.2 | -2.7 | 0.4 |
| EE | 2.6 | 5.5 | 0.9 | -0.6 | -0.2 | 0.3 | -0.3 | -0.8 | 0.0 | -6.0 | 9.3 | -5.4 |
| IE | 3.3 | 1.8 | 1.6 | -1.7 | -1.3 | -0.8 | -0.5 | -0.8 | -0.2 | : | : | : |
| EL | 3.7 | -10.1 | 2.0 | -2.2 | 6.7 | -1.3 | -1.5 | 5.6 | -1.2 | 1.8 | -36.4 | 2.4 |
| ES | 1,8 d | -6.9 | 0.1 | -1,9 d | 7.1 | -1.0 | -1,2 d | 2.9 | -0.9 | -2.9 | -20.5 | -2.3 |
| FR | 0,8 d | -2.4 | -0.9 | -0,6 d | 1.5 | 0.3 | -0,3 d | -0.1 | 0.0 | 0.1 | -7.6 | 0.7 |
| HR | 1.5 | -6.7 | -0.2 | -0.6 | 1.2 | 0.3 | -0.4 | 0.3 | -0.1 | 5.3 | 10.6 | 5.9 |
| IT | 2.1 | -11.6 | 0.4 | -1.4 | 2.3 | -0.5 | -0.8 | 2.5 | -0.5 | -1.3 | -21.9 | -0.7 |
| CY | 2.0 | 1.5 | 0.3 | -0.7 | 1.0 | 0.2 | -0.3 | 0.2 | 0.0 | -0.8 | -12.2 | -0.2 |
| LV | 1.7 | 0.6 | 0.0 | -0.7 | 1.1 | 0.2 | -0.3 | -0.1 | 0.0 | -2.2 | 7.3 | -1.6 |
| LT | 1.6 | 2.6 | -0.1 | -1.1 | 0.2 | -0.2 | -0.3 | 0.2 | 0.0 | -5.3 | 25.1 | -4.8 |
| LU | 0.7 | -1.6 | -1.0 | -0.7 | -1.2 | 0.2 | -0.5 | -0.8 | -0.2 | 0.0 | -5.1 | 0.5 |
| HU | 1.4 | 3.8 | -0.3 | -0.5 | -2.2 | 0.4 | -0.1 | -0.9 | 0.2 | 1.9 | 29.2 | 2.4 |
| MT | 2.0 | 4.7 | 0.3 | -0.5 | -2.9 | 0.4 | 0.1 | -1.1 | 0.4 | 0.3 | 17.1 | 0.8 |
| NL | 1.2 | 6.5 | -0.5 | -0.7 | -2.3 | 0.2 | -0.1 | -1.4 | 0.2 | 1.1 | -4.4 | 1.7 |
| AT | 1.7 | 0.9 | 0.0 | -1.4 | -1.0 | -0.5 | -0.8 | -0.9 | -0.5 | 2.2 | -16.9 | 2.8 |
| PL | 1.3 | 0.3 | -0.4 | -0.5 | -2.9 | 0.4 | 0.0 | -1.2 | 0.3 | 1.2 | 33.6 | 1.8 |
| PT | 1.6 | 1.1 | -0.1 | -0.6 | 0.2 | 0.3 | -0.2 | 0.6 | 0.1 | 0.6 | -6.4 | 1.2 |
| RO | 1.4 | -7.9 | -0.3 | 0.0 | -0.2 | 0.9 | 0.2 | 0.1 | 0.5 | : | : | : |
| SI | 1.8 | 1.5 | 0.1 | -0.8 | -1.8 | 0.1 | -0.2 | -0.4 | 0.0 | -0.2 | 2.1 | 0.3 |
| SK | 2.1 | 0.3 | 0.4 | -0.7 | 0.3 | 0.2 | 0.2 | 2.0 | 0.5 | -1.9 | 8.1 | -1.4 |
| FI | 1.6 | 2.0 | -0.1 | -0.9 | 1.0 | 0.0 | -0.3 | -0.6 | 0.0 | -1.9 | -7.4 | -1.3 |
| SE | 1.5 | 5.8 | -0.2 | -1.3 | 1.7 | -0.4 | -0.1 | -0.2 | 0.2 | -0.7 | 5.1 | -0.2 |

*Nota:* L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Id-distanza mill-medja tal-UE tiġi kkalkulata fuq il-medja mhux ponderata. Il-GDHI reali per capita jitkejjel bl-użu ta' "introjtu mhux aġġustat" (jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi t-trasferimenti soċjali in natura) u mingħajr korrezzjoni għall-istandards tal-kapaċità tal-akkwist.
Indikaturi – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).
*Sors:* l-Eurostat, l-OECD.

## Anness 4 (ikompli). Bidliet u distanza mill-UE fl-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali

| Sena | Protezzjoni u inklużjoni soċjali | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali) | | | Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni fl-età ta' 0-17-il sena) | | | L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP) | | | Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali) | | |
| | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | |
| | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE |
| EU27 | -0.1 | 0.9 | -0.1 | 0.3 | 2.9 | 0.8 | -1.8 | 1.1 | 1.5 | -1.7 | -3.0 | -1.9 |
| EA19 | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| EUnw | 0.0 | 0.0 | 0.0 | -0.5 | 0.0 | 0.0 | -3.3 | 0.0 | 0.0 | 0.2 | 0.0 | 0.0 |
| EAnw | 0.0 | -0.1 | 0.0 | -0.4 | -0.1 | 0.1 | -3.0 | 0.4 | 0.3 | -0.8 | -1.3 | -1.0 |
| BE | -0.1 | -2.0 | -0.1 | -0.9 | -2.2 | -0.4 | -4,5 b | 14.8 | -1.1 | -2.7 | 10.9 | -2.9 |
| BG | 0.5 | 11.5 | 0.5 | 0.9 | 12.1 | 1.4 | -5,4 b | -9.6 | -2.1 | 7.4 | 5.1 | 7.2 |
| CZ | 1.0 | -8.9 | 1.0 | -0.3 | -8.4 | 0.2 | -6,6 b | 5.8 | -3.2 | -3.2 | -1.7 | -3.4 |
| DK | -0.2 | -3.6 | -0.2 | -0.2 | -8.0 | 0.3 | -3,5 b | 16.4 | -0.2 | 2.0 | -14.5 | 1.8 |
| DE | -0.1 | 0.2 | -0.1 | 0.3 | 2.2 | 0.8 | 1,8 b | 8.1 | 5.2 | -6.5 | -0.4 | -6.7 |
| EE | 3.0 | 4.5 | 3.0 | -0.8 | -5.2 | -0.3 | -2.6 | -6.0 | 0.8 | 7.5 | 1.8 | 7.3 |
| IE | 0.7 | 0.0 | 0.7 | -0.1 | 0.9 | 0.4 | -4,3 b | 22.4 | -1.0 | -4.3 | 12.6 | -4.5 |
| EL | -2.0 | 5.6 | -2.0 | -3.9 | 6.3 | -3.4 | -0,3 b | -13.7 | 3.0 | 2.1 | 1.5 | 1.9 |
| ES | -1.8 | 5.3 | -1.8 | -1.2 | 10.4 | -0.7 | -3,1 b | -6.6 | 0.3 | -1.3 | -9.8 | -1.5 |
| FR | 1,8 p | 0.3 | 1.8 | 4,7 p | 5.6 | 5.2 | -4,4 p | 8.0 | -1.1 | -3,3 p | -3.6 | -3.5 |
| HR | -1.0 | -0.8 | -1.0 | -0.5 | -3.7 | 0.0 | -0,3 b | -13.7 | 3.0 | 7.3 | 11.6 | 7.1 |
| IT | -0.8 | 3.7 | -0.8 | -1.2 | 6.7 | -0.7 | -3,6 b | -8.2 | -0.3 | -0.9 | -10.4 | -1.1 |
| CY | -0,6 p | -4.0 | -0.6 | -1,1 p | -3.7 | -0.6 | -6,4 p | -2.8 | -3.0 | -1,3 p | 1.3 | -1.5 |
| LV | -0.1 | 5.3 | -0.1 | -0.3 | -2.0 | 0.2 | 1,5 b | -9.0 | 4.8 | 4.2 | -3.6 | 4.0 |
| LT | 1.1 | 3.9 | 1.1 | 0.8 | 0.6 | 1.3 | -5,0 b | -3.7 | -1.6 | 11.1 | 10.6 | 10.9 |
| LU | -1,7 b | -1.3 | -1.7 | -5,4 b | 2.2 | -4.9 | -0,6 b | -0.4 | 2.7 | -6,9 b | -15.9 | -7.1 |
| HU | -1.0 | -2.3 | -1.0 | -5.2 | -3.7 | -4.7 | -13,9 b | 2.6 | -10.6 | 3.6 | 8.0 | 3.4 |
| MT | -0.2 | -0.6 | -0.2 | -0.1 | 1.3 | 0.4 | 0,2 b | -7.6 | 3.6 | 3.1 | 5.7 | 2.9 |
| NL | -0.1 | -4.2 | -0.1 | -1.0 | -7.9 | -0.5 | -2,8 b | -0.2 | 0.6 | -0.6 | 0.8 | -0.8 |
| AT | 0.2 | -3.2 | 0.2 | -1.2 | -0.2 | -0.7 | -2,2 b | 7.9 | 1.2 | -2.5 | -0.6 | -2.7 |
| PL | -0.9 | -4.8 | -0.9 | 0.2 | -5.1 | 0.7 | 2,9 b | 4.5 | 6.2 | -2.9 | 6.9 | -3.1 |
| PT | -2.3 | -0.6 | -2.3 | -2.2 | -1.1 | -1.7 | 3,7 b | -10.3 | 7.0 | -3.1 | -11.3 | -3.3 |
| RO | -0.1 | 13.7 | -0.1 | -0.2 | 19.7 | 0.3 | -1,3 b | -17.5 | 2.0 | -0.6 | 7.6 | -0.8 |
| SI | 0.1 | -7.4 | 0.1 | -0.7 | -11.5 | -0.2 | -7,5 b | 3.3 | -4.2 | -2.3 | -5.6 | -2.5 |
| SK | 0.9 | -4.2 | 0.9 | 5.0 | 2.9 | 5.5 | -9,2 b | -0.2 | -5.9 | -4.3 | -3.4 | -4.5 |
| FI | 2,1 b | -4.4 | 2.1 | 1,7 b | -6.9 | 2.2 | -7.9 | 15.8 | -4.5 | -3.2 | -5.4 | -3.4 |
| SE | 1.4 | -2.1 | 1.4 | 0.2 | -1.9 | 0.7 | -4.7 | 5.6 | -1.3 | 5.8 | 1.3 | 5.6 |

*Nota:* L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Id-distanza mill-medja tal-UE tiġi kkalkulata fuq il-medja mhux ponderata.
*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet).
*Sors:* l-Eurostat.

**Anness 4 (ikompli). Bidliet u distanza mill-UE fl-indikaturi ewlenin tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali**

| Sena | Protezzjoni u inklużjoni soċjali (tkompli) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali) | | | Tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-3 snin) | | | Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+) | | |
| | 2022 | | | 2022 | | | 2022 | | |
| | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE | Bidla Y-Y | Distanza mill-medja tal-UE | Y-Y għall-Istati Membri Y-Y għall-UE |
| EU27 | 0.2 | 1.2 | -0.6 | -2.2 | 1.2 | -2.5 | 0.2 | -0.4 | -0.1 |
| EA19 | : | : | : | : | : | : | : | : | : |
| EUnw | 0.8 | 0.0 | 0.0 | 0.3 | 0.0 | 0.0 | 0.3 | 0.0 | 0.0 |
| EAnw | 0.5 | -0.5 | -0.2 | 0.4 | 2.8 | 0.1 | 0.4 | 0.3 | 0.1 |
| BE | 0.2 | -0.6 | -0.8 | 1.0 | 18.2 | 0.7 | -0.7 | -1.6 | -1.0 |
| BG | 3.5 | 6.8 | 2.5 | -1.3 | -17.1 | -1.6 | 0.0 | -1.6 | -0.3 |
| CZ | 0.6 | -1.4 | -0.4 | 1.9 | -27.7 | 1.6 | -0.1 | -2.4 | -0.4 |
| DK | -0.8 | 6.4 | -1.8 | 5.6 | 40.2 | 5.3 | 0.8 | -0.5 | 0.5 |
| DE | 0.8 | 3.5 | -0.2 | -7.5 | -10.6 | -7.8 | 0.2 | -2.3 | -0.1 |
| EE | 0.5 | -3.4 | -0.5 | 8.0 | -0.8 | 7.7 | 1.0 | 6.5 | 0.7 |
| IE | 1.4 | -4.4 | 0.4 | 4.0 | -15.4 | 3.7 | 0.6 | 0.0 | 0.3 |
| EL | -2.1 | 18.4 | -3.1 | -3.2 | -5.4 | -3.5 | 2.6 | 6.4 | 2.3 |
| ES | -0.7 | 0.9 | -1.7 | -6.7 | 14.1 | -7.0 | 0.1 | -1.4 | -0.2 |
| FR | : | -1.8 | : | -0,9 b | 21.7 | -1.2 | 0,4 p | 0.6 | 0.1 |
| HR | -0.7 | -4.5 | -1.7 | -5.8 | -7.0 | -6.1 | -0.4 | -1.3 | -0.7 |
| IT | -0.6 | -1.7 | -1.6 | -2.5 | -3.6 | -2.8 | 0.0 | -0.8 | -0.3 |
| CY | 0,0 p | -5.8 | -1.0 | -3.0 | -10.1 | -3.3 | 0,0 p | -2.5 | -0.3 |
| LV | 0.5 | -2.9 | -0.5 | 3.5 | -1.8 | 3.2 | 1.4 | 2.8 | 1.1 |
| LT | 0.8 | -4.8 | -0.2 | 1.4 | -11.7 | 1.1 | 0.5 | 0.3 | 0.2 |
| LU | 10,2 b | 7.0 | 9.2 | -7,3 b | 20.2 | -7.6 | -0,5 b | -2.1 | -0.8 |
| HU | 5.7 | 0.2 | 4.9 | -0.9 | -21.6 | -1.2 | 0.3 | -1.2 | 0.0 |
| MT | 0.2 | -5.4 | -0.8 | 19.1 | 8.6 | 18.8 | 0.2 | -2.3 | -0.1 |
| NL | 1.7 | 2.1 | 0.9 | -1.9 | 37.8 | -2.2 | 0.0 | -2.4 | -0.3 |
| AT | 1.3 | -0.9 | 0.3 | -5.5 | -11.5 | -5.8 | 0.2 | -2.1 | -0.1 |
| PL | -0.1 | -2.7 | -1.1 | -1.3 | -18.6 | -1.6 | -0.4 | -0.3 | -0.7 |
| PT | -0.9 | -3.3 | -1.9 | 4.3 | 13.1 | 4.0 | 0.6 | 0.3 | 0.3 |
| RO | 0.9 | 0.2 | -0.1 | 2.8 | -22.2 | 2.5 | 0.5 | 2.3 | 0.2 |
| SI | 0.0 | -4.2 | -1.0 | 4.8 | 17.8 | 4.5 | -1.1 | 1.1 | -1.4 |
| SK | -4.6 | -5.4 | -5.4 | 0.0 | -32.2 | -0.3 | -0.1 | 0.2 | -0.4 |
| FI | 1.1 | -2.9 | 0.1 | 0.9 | 5.5 | 0.6 | 2.1 | 3.9 | 1.8 |
| SE | 0.6 | 0.8 | -0.4 | -1.4 | 19.9 | -1.7 | 0.5 | -0.8 | 0.2 |

*Nota*: L-EUnw u l-EAnw jirreferu għall-medji mhux ponderati għall-UE u għaż-żona tal-euro. Id-distanza mill-medja tal-UE tiġi kkalkulata fuq il-medja mhux ponderata.
*Indikaturi* – b: interruzzjoni fis-serje kronoloġika; d: id-definizzjoni tvarja; e: stima; p: proviżorju; u: affidabbiltà baxxa (għadd żgħir ta' osservazzjonijiet); m: mhux statistikament differenti b'mod sinifikanti minn żero.
*Sors*: l-Eurostat.

**Anness 5. Analiżi reġjonali ta' għadd ta' indikaturi ewlenin magħżula tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali[300]**

**Illustrazzjoni 1: Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, 2022**
(%, is-sehem ta' persuni ta' 18-24 sena, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 9.6 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Finlandja, għal Franza, għall-Ġermanja u għall-Portugall. Data fil-livell tan-NUTS 1 għall-Awstrija, għall-Belġju, għall-Kroazja, għall-Greċja, għall-Irlanda, għall-Italja, għal-Litwanja, għall-Polonja, għar-Rumanija, għas-Slovakkja u għall-Iżvezja. Data ta' affidabbiltà baxxa fil-Bulgarija (Severen tsentralen u Severozapaden); Il-Kroazja (Hrvatska); Iċ-Ċekja (Praha); Il-Greċja (Nisia Aigaiou, Kriti); L-Ungerija (Nyugat-Dunántúl); In-Netherlands (Drenthe u Zeeland); Il-Polonja (Makroregion centralny, Makroregion południowo-zachodni, Makroregion południowy, Makroregion województwo mazowieckie u Makroregion wschodni); is-Slovenja (Vzhodna Slovenija u Zahodna Slovenija) u Spanja (Cantabria, Ciudad de Ceuta, Ciudad de Melilla, Comunidad Foral de Navarra u La Rioja). Pawża fis-serje kronoloġika għas-Slovakkja.

*Sors*: l-Eurostat [edat_lfse_16], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

---

300 Nota: Analiżi dettaljata fil-livell reġjonali (NUTS 2). Jekk l-analiżi reġjonali (NUTS 2) ma tkunx disponibbli, fil-mapep jiġi ppreżentat NUTS 1 jew il-livell nazzjonali.

**Illustrazzjoni 2: Iż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET), 2022**

(%, is-sehem ta' persuni ta' 15-29 sena, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 11.7 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Finlandja u Franza. Data fil-livell tan-NUTS1 għall-Ġermanja. Data ta' affidabbiltà baxxa fl-Awstrija (Burgenland u Vorarlberg); Il-Belġju (il-Provinċja ta' Brabant ta' Wallonia u l-Provinċja tal-Lussemburgu (BE)); Il-Ġermanja (Brandenburg, Bremen, Mecklenburg-Vorpommern, Saarland u Thüringen); L-Italja (Valle d'Aosta/Vallée d'Aoste); Il-Polonja (Lubuskie, Opolskie u Podlaskie); Il-Portugall (Algarve, Região Autónoma da Madeira u Região Autónoma dos Açores); Is-Slovakkja (Bratislavský kraj); Spanja (Ciudad de Ceuta u Ciudad de Melilla) u l-Iżvezja (Mellersta Norrland, Småland med öarna u Övre Norrland). Pawża fis-serje kronoloġika għaċ-Ċekja u s-Slovakkja.

*Sors*: l-Eurostat [edat_lfse_22], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 3: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, 2022**

(id-differenza f'punti perċentwali, ir-rata ta' impjieg tal-irġiel nieqes ir-rata ta' impjieg tan-nisa, abbażi tal-persuni ta' 20-64 sena, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 10,7 pps)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Id-data ma hijiex disponibbli għal Franza.

*Sors*: l-Eurostat [tepsr_lm220], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 4: L-inugwaljanza fl-introjtu mkejla bħala proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili - S80/S20, 2022**

(indiċi, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 4.7)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Awstrija, għal Ċipru, għaċ-Ċekja, għall-Estonja, għall-Finlandja, għal Franza, għall-Ġermanja, għal-Latvja, għal-Lussemburgu, għal Malta, għall-Portugall u għal Spanja. Data fil-livell ta' NUTS1 għall-Belġju u għan-Netherlands. Pawża fis-serje kronoloġika għal Franza u għal-Lussemburgu.

*Sors*: l-Eurostat [ilc_di11_r], l-UE-SILC. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 5: Ir-rata tal-impjieg, 2022**

(%, is-sehem ta' persuni ta' 20-64 sena, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 74.6 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data fil-livell tan-NUTS1 għal Franza. Data ta' affidabbiltà baxxa fi Franza (Korsika).

*Sors*: l-Eurostat [lfst_r_lfe2emprt], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 6: Ir-rata tal-qgħad, 2022**

(%, is-sehem tal-forza tax-xogħol tal-età ta' bejn il-15 u l-74 sena, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 6.2 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Finlandja. Data fil-livell tan-NUTS 1 għal Franza, il-Ġermanja u l-Polonja. Data ta' affidabbiltà baxxa fi Franza (Korsika); Il-Ġermanja (Bremen u Saarland); L-Italja (Valle d'Aosta/Vallée d'Aoste); Il-Portugall (Região Autónoma dos Açores) u s-Slovakkja (Bratislavský kraj).

*Sors*: l-Eurostat [lfst_r_lfu3rt], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 7: Ir-rata tal-qgħad fit-tul (12-il xahar jew aktar), 2022**

(%, is-sehem tal-popolazzjoni attiva, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 2.4 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Finlandja, Franza u l-Ġermanja. Data fil-livell ta' NUTS 1 għall-Awstrija, għad-Danimarka, għall-Ungerija, għall-Italja, għan-Netherlands, għall-Polonja, għas-Slovakkja u għall-Iżvezja. Data ta' affidabbiltà baxxa fl-Awstrija (Südösterreich); Il-Belġju (Prov. Brabant Wallon, Prov. Limburg (BE), Prov. il-Lussemburgu (BE), Prov. Oost-Vlaanderen u Prov. West-Vlaanderen); il-Kroazja (Grad Zagreb u Sjeverna Hrvatska); iċ-Ċekja (Jihozápad, Praha u Střední Čechy); l-Irlanda (it-Tramuntana u l-Punent); Il-Polonja (Makriegrion centralny, Makriorion południowo-zachodni u Makriegrion północno-zachodni); il-Portugall (Alentejo, Algarve, Região Autónoma da Madeira u Região Autónoma dos Açores); ir-Rumanija (Nord-Vest u Vest) u Spanja (Ciudad de Melilla).

*Sors*: l-Eurostat [lfst_r_lfu2ltu], l-LFS tal-UE. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 8: Il-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, 2022**

(%, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 21.6 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għal Ċipru, għall-Estonja, għall-Finlandja, għal-Latvja, għal-Lussemburgu u għal Malta. Data fil-livell tan-NUTS1 għal Franza. Pawża fis-serje kronoloġika għall-Finlandja u għal-Lussemburgu.

*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps11n], l-UE-SILC. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 9: L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, 2022**

(%, skont ir-reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 35.3 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Awstrija, għal Ċipru, għaċ-Ċekja, għall-Estonja, għall-Finlandja, għal Franza, għall-Ġermanja, għal-Latvja, għal-Lussemburgu, għal Malta, għall-Portugall u għal Spanja. Data fil-livell ta' NUTS1 għall-Belġju u għan-Netherlands. Pawża fis-serje kronoloġika għall-Awstrija, għall-Belġju, għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal Ċipru, għaċ-Ċekja, għad-Danimarka, għal Franza, għall-Ġermanja, għall-Greċja, għall-Ungerija, għall-Irlanda, għall-Italja, għal-Latvja, għal-Litwanja, għal-Lussemburgu, għal Malta, għan-Netherlands, għall-Polonja, għall-Portugall, għar-Rumanija, għas-Slovakkja, għas-Slovenja u għal Spanja.

*Sors*: l-Eurostat [tespm050_r], l-UE-SILC. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

**Illustrazzjoni 10: Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-eżami mediku, 2022**

(%, ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati minħabba "Raġunijiet finanzjarji", "Lista ta' stennija" jew "Vjaġġ twil wisq", reġjuni NUTS 2; medja tal-UE: 2.2 %)




*Nota*: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi ma humiex irrappreżentati. Data nazzjonali għall-Awstrija, għal Ċipru, għaċ-Ċekja, għall-Estonja, għall-Finlandja, għal Franza, għall-Ġermanja, għal-Latvja, għal-Lussemburgu, għal Malta, għan-Netherlands, il-Portugall u Spanja. Data fil-livell ta' NUTS 1 għall-Belġju u għall-Italja.

*Sors*: l-Eurostat [hlth_silc_08_r], l-UE-SILC. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

## Anness 6. Nota metodoloġika dwar il-klassifikazzjoni tal-Istati Membri bbażata fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

F'nofs l-2015, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ftiehmu fuq metodoloġija għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fit-tabella ta' valutazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali. Bħala parti mill-ftehim, il-metodoloġija kellha l-għan li tipprovdi, għal kull indikatur, klassifikazzjoni flimkien ma' kodiċi tal-kulur permezz ta' kejl tal-pożizzjoni relattiva ta' kull Stat Membru. Il-metodoloġija relatata tiġi applikata kemm għal-livelli fis-snin (livelli) kif ukoll għall-bidliet f'kull sena (bidliet), u b'hekk tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva tal-prestazzjoni tal-Istati Membri.

Fl-2017, il-Kummissjoni, bi ftehim mal-Kumitat tal-Impjiegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, iddeċidiet li tapplika l-metodoloġija għall-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Biex tinqabad il-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri, għal kull indikatur, il-livelli (*I*) u l-bidliet ta' dawn minn sena għall-oħra (*D*) jiġu kkonvertiti f'punteġġi standard (magħrufa wkoll bħala punteġġi z), biex tiġi applikata l-istess metrika għall-indikaturi kollha. Dan jinkiseb bl-istandardizzazzjoni tal-valuri tal-indikatur kemm tal-livelli kif ukoll tal-bidliet (*I* u *D*, rispettivament) skont il-formuli:

$$IS_{MS} = \frac{[I_{MS} - media\ (I_{MS})]}{\text{devjazzjoni mill-istandard } (I_{MS})} \text{ u } DS_{MS} = \frac{[D_{MS} - \text{medja } (D_{MS})]}{\text{devjazzjoni mill-istandard } (D_{MS})}$$

fejn$I_{MS}$ huwa l-valur tal-indikatur f'sena partikolari u$D_{MS}$ huwa l-bidla tiegħu mis-sena preċedenti għall-Istati Membri MS, filwaqt li$IS_{MS}$ u$IS_{MS}$ huma l-punteġġi z rispettivi[301]. Dan l-approċċ jippermetti li jiġi espress valur indikatur għal kull Stat Membru fir-rigward tal-għadd ta' devjazzjonijiet standard li jiddevjaw mill-medja (mhux ponderata).

Il-prestazzjoni ta' kull Stat Membru tiġi vvalutata u kklassifikata abbażi tal-punteġġi z li jirriżultaw imqabbla ma' sett ta' livelli limitu predefiniti. Wara l-analiżi tal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni, ġie miftiehem li jiġu ddefiniti ħames intervalli tal-punteġġi z billi jiġu stabbiliti erba' livelli limitu simetriċi f' -1, -0,5, 0,5 u 1, kemm għal-livelli kif ukoll għall-bidliet[302]. Il-valutazzjonijiet tal-prestazzjoni meta mqabbla mal-medja tal-UE ġew assenjati lil dawn kif ġej:

| **Il-valur tal-punteġġ-z** | **Prestazzjoni relattiva** | |
|---|---|---|
| | **Jekk il-valur huwa *għoli* = tajjeb** | **Jekk il-valuri huma *baxxi* = tajjeb** |
| punteġġ-z < -1 | Baxxi ħafna | Għolja ħafna |
| -1 ≤ punteġġ-z < -0,5 | Baxxi | Għolja |
| -0,5 ≤ punteġġ-z ≤ 0,5 | Newtrali | Newtrali |
| 0,5 < punteġġ-z ≤ 1 | Għolja | Baxxi |
| 1 < punteġġ-z | Għolja ħafna | Baxxi ħafna |

301 Il-kalkolu tad-devjazzjoni standard ma jużax korrezzjoni ta' kampjun żgħir.

302 Twettqu kemm it-testijiet ta' normalità kif ukoll dawk ta' distribuzzjoni f'forma t, li rriżultaw fiċ-ċaħda tal-ipoteżi ta' similarità għal dawn id-distribuzzjonijiet, u għalhekk ma setgħet issir l-ebda suppożizzjoni parametrika dwar id-distribuzzjoni tal-valuri tal-indikaturi osservati. Għalhekk, l-approċċ meħud biex jiġu stabbiliti dawn il-livelli limitu huwa wieħed komuni bl-użu ta' regola ġenerali. F'każ ta' distribuzzjoni normali standard, il-punti ta' limitu magħżula jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għall-valuri tal-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva bi 15 %, 30 %, 50 %, 70 % u 85 %.

Bil-kombinament tal-prestazzjoni relattiva f'termini ta' livelli u bidliet huwa possibbli li tiġi kklassifikata l-prestazzjoni relattiva ġenerali ta' pajjiż, kif deskritt fil-paġni li ġejjin. Id-definizzjoni ta' dawn is-seba' kategoriji hija bbażata fuq il-punteġġi-z, filwaqt li maż-żmien, żdiedu kundizzjonijiet oħra f'termini ta' valuri tal-indikaturi, bl-għan li jiġu kklassifikati aħjar il-każijiet bi prestazzjoni relattiva (punteġġ-z) batuta iżda prestazzjoni assoluta tajba (valur tal-indikatur imtejjeb jew mhux mibdul) f'termini ta' bidliet. Il-kodifikazzjoni tal-kulur korrispondenti hija riflessa fil-ħarsa ġenerali fil-Kapitolu 1 u fit-tabelli ewlenin fil-Kapitolu 2 tar-rapport. Il-klassifikazzjoni tappoġġa wkoll l-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż fil-Kapitolu 3 abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC sottostanti.

It-tabelli ta' hawn taħt jipprovdu l-klassifikazzjoni ġenerali bbażata fuq il-prestazzjoni relattiva f'livelli u

| Baxxi ħafna | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|

bidliet tat-termini

*Nota*: iż-żoni maqsuma f'żewġ kuluri (aħdar skur - blu, aħdar ċar - blu u abjad - oranġjo) fl-aħħar kolonna ("Baxx ħafna") jindikaw l-effett tal-kundizzjonijiet fuq il-bidliet fil-valuri tal-indikatur (D) (assoluti), kif spjegat hawn taħt.

| | | |
|---|---|---|
| **Bl-aħjar prestazzjoni** | *Livell*: prestazzjoni għolja ħafna; *Bidla*: prestazzjoni għolja ħafna għal baxxa. JEW<br>*Livell*: prestazzjoni għolja ħafna; *Bidla*: prestazzjoni baxxa ħafna bil-valur tal-indikatur tat-titjib (↑) | L-Istati Membri b'livelli tal-indikaturi ħafna aħjar mill-medja tal-UE u bis-sitwazzjoni li qiegħda titjieb jew li mhux qiegħda tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE, filwaqt li l-valur tal-indikatur mhux qed jiddeterjora |
| **Aħjar mill-medja** | *Livell*: prestazzjoni għolja ħafna; *Bidla*: prestazzjoni għolja ħafna għal baxxa JEW<br>*Livell*: prestazzjoni għolja; *Bidla*: prestazzjoni baxxa ħafna bil-valur tal-indikatur tat-titjib (↑). JEW<br>*Livell*: prestazzjoni medja; *Bidla*: prestazzjoni għolja ħafna | L-Istati Membri b'livelli aħjar mill-medja tal-UE u bis-sitwazzjoni li qed titjieb jew li mhux qiegħda tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE, jew li qed tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE filwaqt li l-valur tal-indikatur mhux qed jiddeterjora |
| **Tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati** | *Livell*: prestazzjoni għolja jew għolja ħafna; *Bidla*: prestazzjoni baxxa ħafna b'valur tal-indikatur li qed jiddeterjora jew mhux mibdul (↓) | L-Istati Membri b'livelli aħjar jew ħafna aħjar mill-medja tal-UE iżda bis-sitwazzjoni li qed tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE, il-valur tal-indikatur jiddeterjora wkoll |
| **Mal-medja / newtrali** | *Livell*: prestazzjoni medja; *Bidla*: prestazzjoni għolja għal baxxa JEW<br>*Livell*: prestazzjoni medja; *Bidla*: prestazzjoni baxxa ħafna bil-valur tal-indikatur tat-titjib (↑) | L-Istati Membri b'livelli skont il-medja u b'sitwazzjoni li la qed titjieb u lanqas ma qed tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE |
| **Dgħajfin iżda qed jitjiebu** | *Livell*: prestazzjoni baxxa; *Bidla*: prestazzjoni għolja ħafna JEW<br>*Livell*: prestazzjoni baxxa ħafna; *Bidla*: prestazzjoni għolja ħafna. | Stati Membri b'livelli agħar jew ħafna agħar mill-medja tal-UE iżda bis-sitwazzjoni li qed titjieb ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE |
| **Għandhom jiġu osservati** | *Livell*: prestazzjoni medja; *Bidla*: prestazzjoni baxxa ħafna b'valur tal-indikatur li qed jiddeterjora jew mhux mibdul (↓) JEW<br>*Livell*: prestazzjoni baxxa; *Bidla*: prestazzjoni għolja sa baxxa ħafna | Din il-kategorija tiġbor żewġ każijiet differenti meta l-valur tal-indikatur jiddeterjora: i) Stati Membri b'livelli daqs il-medja tal-UE iżda bis-sitwazzjoni li qed tiddeterjora b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE; ii) Stati Membri b'livelli agħar mill-medja tal-UE u bis-sitwazzjoni li qed tiddeterjora jew li mhux qed titjieb malajr biżżejjed |
| **Sitwazzjonijiet kritiċi** | *Livell*: prestazzjoni baxxa ħafna<br>*Bidla*: prestazzjoni għolja sa baxxa ħafna | L-Istati Membri b'livelli ħafna agħar mill-medja tal-UE u bis-sitwazzjoni li qed tiddeterjora jew li mhux qed titjieb malajr biżżejjed |

*Nota*: id-deterjorament jimplika tnaqqis fil-valuri għal indikaturi li għalihom valur għoli jindika valuri għoljin (eż. rata ta' impjieg) u żieda fil-valuri għal dawk li għalihom jindika prestazzjoni baxxa (eż. AROPE).

***Il-punti ta' limit u msarrfa f'valuri tal-indikaturi***

| | | Baxxi ħafna | Baxxi | Mal-medja | Għolja | Għolja ħafna |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' bejn 18 u 24 sena)** | Livelli | anqas minn 4,8 % | bejn 4,8 % u 6,5 % | bejn 6,5 % u 9,7 % | bejn 9,7 % u 11,3 % | aktar minn 11,3 % |
| | Bidliet | anqas minn -0,9 pps | bejn -0,9 pps u -0,5 pps | bejn -0,5 pps u 0,2 pps | bejn 0,2 pps u 0,6 pps | aktar minn 0,6 pps |
| **Individwi b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' bejn 16 u 74 sena)** | Livelli | anqas minn 44,4 % | bejn 44,4 % u 50,4 % | bejn 50,4 % u 62,2 % | bejn 62,2 % u 68,2 % | aktar minn 68,2 % |
| | Bidliet | anqas minn 0 pps | bejn 0 pps u 0 pps | bejn 0 pps u 0 pps | bejn 0 pps u 0 pps | aktar minn 0 pps |
| **Żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15 u 29 sena)** | Livelli | anqas minn 7,3 % | bejn 7,3 % u 9,1 % | bejn 9,1 % u 12,7 % | bejn 12,7 % u 14,5 % | aktar minn 14,5 % |
| | Bidliet | anqas minn -2,1 pps | bejn -2,1 pps u -1,6 pps | bejn -1,6 pps u -0,5 pps | bejn -0,5 pps u 0 pps | aktar minn 0 pps |
| **Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali)** | Livelli | anqas minn 4 pps | bejn 4 pps u 6,5 pps | bejn 6,5 pps u 11,6 pps | bejn 11,6 pps u 14,2 pps | aktar minn 14,2 pps |
| | Bidliet | anqas minn -1,4 pps | bejn -1,4 pps u -0,9 pps | bejn -0,9 pps u 0 pps | bejn 0 pps u 0,4 pps | aktar minn 0,4 pps |
| **Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20)** | Livelli | anqas minn 3,7 | bejn 3,7 u 4,2 | bejn 4,2 u 5,2 | bejn 5,2 u 5,7 | aktar minn 5,7 |
| | Bidliet | anqas minn -0,4 | bejn -0,4 u -0,2 | bejn -0,2 u 0,1 | bejn 0,1 u 0,2 | aktar minn 0,2 |
| **Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena)** | Livelli | anqas minn 71,5 % | bejn 71,5 % u 73,9 % | bejn 73,9 % u 78,8 % | bejn 78,8 % u 81,2 % | aktar minn 81,2 % |
| | Bidliet | anqas minn 1,1 pps | bejn 1,1 pps u 1,4 pps | bejn 1,4 pps u 2,1 pps | bejn 2,1 pps u 2,4 pps | aktar minn 2,4 pps |
| **Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15 u 74 sena)** | Livelli | anqas minn 3,3 % | bejn 3,3 % u 4,5 % | bejn 4,5 % u 7 % | bejn 7 % u 8,3 % | aktar minn 8,3 % |
| | Bidliet | anqas minn -1,4 pps | bejn -1,4 pps u -1,1 pps | bejn -1,1 pps u -0,6 pps | bejn -0,6 pps u -0,4 pps | aktar minn -0,4 pps |
| **Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 15 u 74 sena)** | Livelli | anqas minn 0,6 % | bejn 0,6 % u 1,4 % | bejn 1,4 % u 2,9 % | bejn 2,9 % u 3,7 % | aktar minn 3,7 % |
| | Bidliet | anqas minn -0,7 pps | bejn -0,7 pps u -0,5 pps | bejn -0,5 pps u -0,2 pps | bejn -0,2 pps u 0 pps | aktar minn 0 pps |
| **GDHI reali per capita (2008 = 100)** | Livelli | anqas minn 100,1 | bejn 100,1 u 108,2 | bejn 108,2 u 124,4 | bejn 124,4 u 132,6 | aktar minn 132,6 |
| | Bidliet | anqas minn -3 pps | bejn -3 pps u -1,8 pps | bejn -1,8 pps u 0,7 pps | bejn 0,7 pps u 1,9 pps | aktar minn 1,9 pps |
| **Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali)** | Livelli | anqas minn 15,5 % | bejn 15,5 % u 18,1 % | bejn 18,1 % u 23,3 % | bejn 23,3 % u 25,9 % | aktar minn 25,9 % |
| | Bidliet | anqas minn -1,3 pps | bejn -1,3 pps u -0,6 pps | bejn -0,6 pps u 0,6 pps | bejn 0,6 pps u 1,2 pps | aktar minn 1,2 pps |
| **Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni** | Livelli | anqas minn 14,9 % | bejn 14,9 % u 18,4 % | bejn 18,4 % u 25,2 % | bejn 25,2 % u 28,6 % | aktar minn 28,6 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta'** | Bidliet | anqas minn -2,7 pps | bejn -2,7 pps u -1,6 pps | bejn -1,6 pps u 0,6 pps | bejn 0,6 pps u 1,7 pps | aktar minn 1,7 pps |
| **Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)** | Livelli | anqas minn 24,2 % | bejn 24,2 % u 29,2 % | bejn 29,2 % u 39,3 % | bejn 39,3 % u 44,3 % | aktar minn 44,3 % |
| | Bidliet | anqas minn -7,2 pps | bejn -7,2 pps u -5,3 pps | bejn -5,3 pps u -1,4 pps | bejn -1,4 pps u 0,5 pps | aktar minn 0,5 pps |
| **Differenza fir-rata tal-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali)** | Livelli | anqas minn 16,5 | bejn 16,5 pps u 20,5 pps | bejn 20,5 pps u 28,3 pps | bejn 28,3 pps u 32,2 pps | anqas minn 16,5 pps |
| | Bidliet | anqas minn -4,4 pps | bejn -4,4 pps u -2,1 pps | bejn -2,1 pps u 2,5 pps | bejn 2,5 pps u 4,7 pps | aktar minn 4,7 pps |
| **Rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)** | Livelli | anqas minn 2,7 % | bejn 2,7 % u 5,3 % | bejn 5,3 % u 10,5 % | bejn 10,5 % u 13,1 % | aktar minn 13,1 % |
| | Bidliet | anqas minn -1,8 pps | bejn -1,8 pps u -0,5 pps | bejn -0,5 pps u 2 pps | bejn 2 pps u 3,3 pps | aktar minn 3,3 pps |
| **Tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-3 snin)** | Livelli | anqas minn 15,6 % | bejn 15,6 % u 25 % | bejn 25 % u 44 % | bejn 44 % u 53,4 % | aktar minn 53,4 % |
| | Bidliet | anqas minn -5,1 pps | bejn -5,1 pps u -2,4 pps | bejn -2,4 pps u 3 pps | bejn 3 pps u 5,7 pps | aktar minn 5,7 pps |
| **Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+)** | Livelli | anqas minn 0,1 % | bejn 0,1 % u 1,3 % | bejn 1,3 % u 3,8 % | bejn 3,8 % u 5 % | aktar minn 5 % |
| | Bidliet | anqas minn -0,5 pps | bejn -0,5 pps u -0,1 pps | bejn -0,1 pps u 0,7 pps | bejn 0,7 pps u 1,1 pps | aktar minn 1,1 pps |

**Anness 7: Ħarsa ġenerali fil-qosor lejn ix-"xejriet tal-impjieg li jridu jiġu osservati" u l-għadd ta' Stati Membri li ddeterjoraw jew li kellhom titjib kif identifikat mill-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) tal-2023**




*Nota:* bidliet 2021-2022, għajr l-2020-2021 għar-rata ta' riskju ta' faqar tal-persuni qiegħda, għar-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti (medju fuq 3 snin) u għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri

*Sors:* Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023.

**Anness 8: Ħarsa ġenerali fil-qosor lejn l-għadd ta' Stati Membri b'deterjorament ("xejriet soċjali li għandhom jiġu osservati") jew titjib matul l-2021-2022 (jew l-aktar sena reċenti disponibbli) kif identifikat mill-aġġornament ta' Lulju 2023 tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali**




*Nota:* Il-bidliet ġeneralment jirreferu għall-bidliet tal-indikatur tal-2021-2022 (għalkemm għall-indikaturi tal-introjtu u tal-intensità tax-xogħol tal-unitajiet domestiċi, il-bidliet jirreferu għall-bidla tal-2020-2021). Ir-rata tar-riskju ta' faqar (AROP), ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema (SMSD) u s-sehem tal-popolazzjoni f'indikaturi tal-unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg huma komponenti tal-indikatur AROPE. Iċ-ċifri għas-snin ta' ħajja b'saħħitha fl-età ta' 65 sena u l-bidla reali fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi jirreferu għall-2021 u l-bidla għall-2020-2021, billi ma hemm l-ebda ċifra disponibbli għall-2022.
*Sors:* Social Protection Performance Monitor 2023.

**Anness 9: Ir-riskji potenzjali identifikati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali f'diversi edizzjonijiet tal-JER u l-għadd ta' sitwazzjonijiet "kritiċi"/"għandhom jiġu osservati" għall-Istati Membri fl-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC sottostanti**

| Social Scoreboard Headline Indicators | BE | | | | BG | | | | CZ | | | | DK | | | | DE | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-impjieg | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| GDHI *per capita* | | | | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 3 | | | | 8 | | | | 4 | | | | 2 | | | | 4 |

| Social Scoreboard Headline Indicators | EE | | | | IE | | | | EL | | | | ES | | | | FR | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-impjieg | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 2 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| GDHI *per capita* | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | 0 | 0 | | 0 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 6 | | | | 3 | | | | 5 | | | | 6 | | | | 4 |

*Nota*: Wara ftehim fil-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER jiġu kkalkolati bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kif jidher fl-edizzjonijiet rispettivi tal-JER bid-data disponibbli fid-data tal-għeluq tad-data għall-edizzjoni kurrenti tal-JER. Jekk dan ma kienx possibbli minħabba l-kategorizzazzjonijiet nieqsa iżda kien hemm kategorizzazzjoni preċedenti disponibbli fl-edizzjonijiet tal-JER ikkunsidrati, din tintuża biex timtela l-kategorizzazzjoni nieqsa (immarkata bl-aħmar fin-naħa ta' fuq tal-lemin taċ-ċellola). Iċ-ċelloli skuri jindikaw kategorizzazzjonijiet tal-JER li la setgħu jiġu kkalkolati u lanqas mimlija kif indikat.

## Anness 9 (ikompli): Ir-riskji potenzjali identifikati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali f'diversi edizzjonijiet tal-JER u l-għadd ta' sitwazzjonijiet "kritiċi"/"għandhom jiġu osservati" għall-Istati Membri fl-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC sottostanti

| Social Scoreboard Headline Indicators | HR | | | | IT | | | | CY | | | | LV | | | | LT | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 0 | 0 | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 |
| Rata tal-impjieg | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| GDHI *per capita* | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 2 | | | | 1 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 2 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 1 | 0 | 0 | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 0 | 0 | 0 | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 5 | | | | 8 | | | | 5 | | | | 4 | | | | 6 |

| Social Scoreboard Headline Indicators | LU | | | | HU | | | | MT | | | | NL | | | | AT | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-impjieg | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| GDHI *per capita* | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 1 | | | | 6 | | | | 3 | | | | 0 | | | | 1 |

*Nota*: Wara ftehim fil-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER jiġu kkalkolati bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kif jidher fl-edizzjonijiet rispettivi tal-JER bid-data disponibbli fid-data tal-għeluq tad-data għall-edizzjoni kurrenti tal-JER. Jekk dan ma kienx possibbli minħabba l-kategorizzazzjonijiet nieqsa iżda kien hemm kategorizzazzjoni preċedenti disponibbli fl-edizzjonijiet tal-JER ikkunsidrati, din tintuża biex timtela l-kategorizzazzjoni nieqsa (immarkata bl-aħmar fin-naħa ta' fuq tal-lemin taċ-ċellola). Iċ-ċelloli skuri jindikaw kategorizzazzjonijiet tal-JER li la setgħu jiġu kkalkolati u lanqas mimlija kif indikat.

**Anness 9 (ikompli): Ir-riskji potenzjali identifikati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali f'diversi edizzjonijiet tal-JER u l-għadd ta' sitwazzjonijiet "kritiċi"/"għandhom jiġu osservati" għall-Istati Membri fl-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż abbażi tal-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC sottostanti**

| Social Scoreboard Headline Indicators | PL | | | | PT | | | | RO | | | | SI | | | | SK | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 0 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-impjieg | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 |
| GDHI *per capita* | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 2 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 1 | | | | 1 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 | | | | 0 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 1 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 0 | | | | 0 | | | | 1 | | | | 0 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 4 | | | | 0 | | | | 11 | | | | 2 | | | | 5 |

| Social Scoreboard Headline Indicators | FI | | | | SE | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd | 2022 | 2023 | 2024 | Għadd |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ | | | | 0 | | | | 0 |
| Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata ta' żgħażagħ NEET | | | | 1 | | | | 0 |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | | | | 0 | | | | 0 |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata tal-impjieg | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tal-qgħad | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata tal-qgħad fit-tul | | | | 0 | | | | 0 |
| GDHI *per capita* | | | | 0 | | | | 0 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali | | | | 0 | | | | 1 |
| Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfa | | | | 0 | | | | 0 |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar | | | | 0 | | | | 0 |
| Diskrepanza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà | | | | 0 | | | | 1 |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni | | | | 0 | | | | 0 |
| Tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | | | | 0 | | | | 0 |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medik | | | | 1 | | | | 0 |
| **Għadd totali** | | | | 2 | | | | 4 |

*Nota*: Wara ftehim fil-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-SPC, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER jiġu kkalkolati bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kif jidher fl-edizzjonijiet rispettivi tal-JER bid-data disponibbli fid-data tal-għeluq tad-data għall-edizzjoni kurrenti tal-JER. Jekk dan ma kienx possibbli minħabba l-kategorizzazzjonijiet nieqsa iżda kien hemm kategorizzazzjoni preċedenti disponibbli fl-edizzjonijiet tal-JER ikkunsidrati, din tintuża biex timtela l-kategorizzazzjoni nieqsa (immarkata bl-aħmar fin-naħa ta' fuq tal-lemin taċ-ċellola). Iċ-ċelloli skuri jindikaw kategorizzazzjonijiet tal-JER li la setgħu jiġu kkalkolati u lanqas mimlija kif indikat.